ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 180

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

29 ta' Ġunju 2013

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja** ..... 1

★ **Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida** ..... 31

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali** ..... 60

★ **Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali** ..... 96

**Prezz: EUR 7**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 603/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-26 ta' Ġunju 2013**

**dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e), l-Artikolu 87(2)(a) u l-Artikolu 88(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data [1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Għandu jsir ammont ta' tibdil sostanzjali lir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin [3] u lir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.407/2002 tat-28 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli biex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin [4]. Fl-interess taċ-ċarezza, dawn ir-Regolamenti għandhom jiġu mfassla mill-ġdid.

(2) Politika komuni dwar l-asil, inkluża Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, hija parti kostitwenti tal-għan tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi b'mod progressiv spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħ għal dawk li, sforz iċ-ċirkustanzi, ifittxu protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni.

(3) Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Novembru 2004 adotta l-Programm tal-Aja li stabbilixxa l-għanijiet li għandhom jiġu implimentati fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-perjodu 2005-2010. Il-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil approvat mill-Kunsill Ewropew tal-15-16 ta' Ottubru 2008 sejjaħ għat-tlestija tal-istabbiliment ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil billi tinħoloq proċedura waħda li tinkludi garanziji komuni u status uniformi għar-rifuġjati u persuni eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja.

(4) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida [5] huwa neċessarju li tkun stabbilita l-identità tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ta' persuni maqbuda

[1] ĠU C 92, 10.4.2010, p. 1.
[2] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2013 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2013.
[3] ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1.
[4] ĠU L 62, 5.3.2002, p. 1.
[5] Ara paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

b'konnessjoni mal-qsim kontra l-liġi tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Hija wkoll ix-xewqa, sabiex ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ikun applikat b'mod effettiv, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1)(b) u (d) tiegħu, li kull Stat Membru jithalla jiċċekkja jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jinstabu joqogħdu b'mod illegali fit-territorju tiegħu jkunux applikaw għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor.

(5) Il-marki tas-swaba' jikkostitwixxu element importanti biex tkun stabbilita l-identità eżatta ta' dawn il-persuni. Huwa neċessarju li tkun stabbilita sistema għat-tqabbil ta' data tal-marki tas-swaba' tagħhom.

(6) Għal dak il-għan, hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema magħrufa bħala "Eurodac", li tikkonsisti minn Sistema Ċentrali, li għandha tħaddem bażi tad-data ċentrali kompjuterizzata ta' data fuq marki tas-swaba', kif ukoll tal-mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni bejn l-Istati Membri u s-Sistema Ċentrali, minn hawn 'il quddiem "l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni".

(7) Il-Programm tal-Aja talab għat-titjib tal-aċċess għal sistemi ta' ffajljar tad-data fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-Programm ta' Stokkolma talab għal ġbir tad-data mmirat sew u żvilupp ta' skambju tal-informazzjoni u l-għodod tiegħu li huma mmexxija mill-bżonnijiet tal-infurzar tal-liġi.

(8) Huwa essenzjali li, fil-ġlieda kontra r-reati terroristiċi u reati serji oħra, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom l-informazzjoni l-aktar sħiħa u aġġornata jekk iridu jwettqu l-kompiti tagħhom. L-informazzjoni miżmuma fil-Eurodac hija meħtieġa għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi kif imsemmi fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu [1] jew ta' reati serji oħra kif imsemmi fid-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI tat-13 Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri [2]. Għaldaqstant, id-data fil-Eurodac għandha tkun disponibbli, suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex tiġi mqabbla mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol).

(9) Is-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex ikollhom aċċess għall-Eurodac għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' applikant li jkun applika għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu l-applikazzjoni tiegħu pproċessata f'waqtha taħt il-liġi rilevanti. Barra minn hekk, kull segwitu sussegwenti wara l-kisba ta' "hit" mill-Eurodac għandu wkoll ikun mingħajr preġudizzju għal dak id-dritt.

(10) Il-Kummissjoni spjegat fil-Kommunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2005 dwar effettività aħjar, interoperabbiltà u sinerġiji mtejba fost il-bażijiet tad-data Ewropej fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern, li l-awtoritajiet responsabbli għas-sigurtà interna jista' jkollhom aċċess għall-Eurodac f'każijiet definiti sew, meta jkun hemm suspett sustanzjat li l-awtur ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor ikun applika biex jingħata protezzjoni internazzjonali. F'dik il-Komunikazzjoni l-Kummissjoni sostniet ukoll li l-prinċipju tal-proporzjonalità jitlob li l-Eurodac jiġi kkonsultat għal tali finijiet biss jekk ikun hemm tħassib għas-sigurtà pubblika li jkun ta' importanza suprema, jiġifieri, jekk l-att imwettaq mill-kriminal jew mit-terrorist li għandu jiġi identifikat huwa daqstant gravi li jiġġustifika li jkun hemm tiftix fil-bażi tad-data li tirreġistra persuni li għandhom kondotta kriminali nadifa u kkonkludiet li l-limitu għall-awtoritajiet responsabbli għas-sigurtà interna li jikkonsultaw lill-Eurodac għandu għalhekk ikun dejjem ogħla b'mod sinifikanti mil-limitu sabiex jiġu kkonsultati l-bażijiet tad-data kriminali.

(11) Barra minn hekk, l-Europol għandu rwol kruċjali fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-investigazzjoni ta' reati transkonfinali fis-sostenn tal-prevenzjoni tal-kriminalità, analiżi u investigazzjoni fl-Unjoni. Konsegwentement, il-Europol għandu jkollu aċċess ukoll għall-Eurodac fil-qafas tal-kompiti tiegħu u f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/GAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) [3].

(12) It-talbiet għal tqabbil ta' data tal-Eurodac min-naħa tal-Europol għandhom ikunu aċċettati permessi biss f'każijiet speċifiċi, f'ċirkustanzi speċifiċi u b'kondizzjonijiet stretti.

(13) Ladarba l-Eurodac kien oriġinalment stabbilit sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Dublin, l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra tikkostitwixxi bidla fl-iskop oriġinali tal-Eurodac, li tinterferixxi fid-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata tal-individwi li d-data personali tagħhom tkun ipproċessata fil-Eurodac. Kull interferenza bħal din għandha tkun konformi mal-liġi, li għandha tkun ifformulata bi preċiżjoni suffiċjenti sabiex tippermetti lill-individwi li jaġġustaw il-kondotta tagħhom u li għandha tipproteġi lill-individwi kontra l-arbitrarjetà u tindika b'ċarezza suffiċjenti l-marġini ta' diskrezzjoni mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti u l-mod tal-eżerċizzju tagħha. Kull interferenza għandha tkun meħtieġa f'soċjetà demokratika sabiex tipproteġi interess leġittimu u proporzjonat u proporzjonali għall-għan leġittimu li hija timmira li tikseb.

(14) Minkejja li l-iskop oriġinali tal-istabbiliment tal-Eurodac ma kienx jirrikjedi l-faċilità li jintalab tqabbil tad-data mal-bażi tad-data fuq il-bażi ta' marka tas-swaba' latenti,

[1] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3.
[2] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.
[3] ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

li hija t-traċċa dattiloskopika li tista' tinstab fuq post tad-delitt, tali faċilità hija fundamentali fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija. Il-possibbiltà li titqabbel marka tas-swaba latenti mad-data tal-marka tas-swaba' li tkun arkivjata fil-Eurodac f'każijiet fejn hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jemmen li l-awtur jew il-vittma jistgħu jidħlu f'waħda mill-kategoriji koperti minn dan ir-Regolament se tipprovdi lill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri b'għodda utli ħafna għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra, pereżempju meta l-unika prova disponibbli fuq il-post tad-delitt ikunu marki latenti ta' swaba'.

(15) Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll il-kondizzjonijiet li taħthom għandhom jiġu permessi talbiet għat-tqabbil ta' data ta' marki tas-swaba' mad-data tal-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra u s-salvagwardji meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dritt fundamentali tar-rispett għall-ħajja privata tal-individwi li tiġi pproċessata d-data personali tagħhom fil-Eurodac. Ir-rigorożità ta' dawk il-kondizzjonijiet tirrifletti l-fatt li l-bażi tad-data tal-Eurodac tirreġistra data ta' marki tas-swaba' ta' persuni li ma jkunux preżunti li kkommettew reat serju jew reat marbut mat-terroriżmu.

(16) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-applikanti kollha u għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-acquis attwali tal-UE dwar l-asil, b'mod partikolari mad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja [1], u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u r-Regolament (UE) Nru 604/2013, huwa xieraq li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex jinkludi applikanti għal protezzjoni sussidjarja u persuni li huma eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja.

(17) Hemm bżonn ukoll li l-Istati Membri jkunu mitluba li jieħdu u jittrażmettu fil-pront id-data dwar il-marki tas-swaba' ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali u ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim irregolari ta' fruntieri esterni ta' Stat Membru, jekk ikunu minn 14-il sena 'l fuq.

(18) Hemm bżonn li jkunu preskritti regoli preċiżi għat-trażmissjoni ta' dik id-data dwar marki tas-swaba' lis-Sistema Ċentrali, ir-reġistrar ta' dik id-data dwar marki tas-swaba' u ta' informazzjoni rilevanti oħra fis-Sistema Ċentrali, il-ħażna tagħhom, it-tqabbil ma' data dwar marki tas-swaba' oħra, it-trażmissjoni tar-riżultati ta' dak it-tqabbil u l-immarkar u t-tħassir tad-data rreġistrata. Dawn ir-regoli jistgħu jvarjaw skont is-sitwazzjoni ta' kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi, u għandhom ikunu adattati speċifikament għaliha.

(19) L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-trażmissjoni tad-data tal-marki tas-swaba' fi kwalità xierqa għall-iskop ta' tqabbil permezz tas-sistema kompjuterizzata ta' rikonoxximent tal-marki tas-swaba'. L-awtoritajiet kollha bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinvestu f'taħriġ adegwat u fit-tagħmir teknoloġiku meħtieġ. L-awtoritajiet bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà sigurtà u ġustizzja stabbilita bir- Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] (l-"Aġenzija") dwar diffikultajiet speċifiċi fir-rigward tal-kwalità tad-data, sabiex tinstab soluzzjoni għalihom.

(20) Il-fatt li jkun temporanjament jew permanentement impossibbli li tittieħed u/jew tiġi trażmessa data tal-marki tas-swaba' minħabba raġunijiet bħall-kwalità insuffiċjenti tad-data għal tqabbil xieraq, problemi tekniċi, raġunijiet marbuta mal-ħarsien tas-saħħa jew minħabba li s-suġġett tad-data ma jkunx f'qagħda jew ma jkollux il-ħila li jitteħdulu l-marki tas-swaba' minħabba ċirkostanzi barra mill-kontroll tiegħu, ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv l-eżami ta', jew id-deċiżjoni dwar, l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn dik il-persuna.

(21) In-numru ta' hits li nkisbu mill-Eurodac għandhom jiġu vverifikati minn espert imħarreġ fil-marki tas-swaba' sabiex tiġi żgurata d-determinazzjoni preċiża tar- responsabbiltà taħt ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 u l-identifikazzjoni eżatta tal-persuna kriminali suspettata jew il-vittma tar-reat li d-data tagħha tista' tiġi maħżuna fil-Eurodac.

(22) Ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali f'wieħed mill-Istati Membri jista' jkollhom l-għażla li jitolbu protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor għal ħafna snin oħra. Għalhekk, il-perjodu massimu li matulu d-data dwar marki tas-swaba' għandha tinżamm mis-Sistema Ċentrali għandu jkun ta' tul kunsiderevoli. Billi ħafna ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li għexu fl-Unjoni għal bosta snin ikunu kisbu status definit jew anki kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wara dak il-perjodu, perjodu ta' għaxar snin għandu jkun ikkunsidrat bħala perjodu raġonevoli għall-ħżin ta' data dwar marki tas-swaba'.

(23) Il-perjodu taż-żamma għandu jkun iqsar f'ċerti sitwazzjonijiet speċjali fejn ma jkunx hemm bżonn li tinżamm data dwar marki tas-swaba' għal dak it-tul ta' żmien. Id-data dwar marki tas-swaba' għandha titħassar immedjatament ladarba ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi jieħdu ċittadinanza ta' Stat Membru.

[1] ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9.

[2] ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1.

(24) Huwa xieraq li tinħażen data relatata ma' dawk is-suġġetti tad-data li l-marki tas-swaba' tagħhom ikunu ġew irreġistrati inizjalment fil-Eurodac hekk kif ġew iddepożitati l-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali u li ngħataw protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru sabiex jippermettu li data rreġistrata hekk kif ġiet iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiġi mqabbla magħhom.

(25) L-Aġenzija ġiet fdata bil-kompiti tal-Kummissjoni li jikkonċernaw it-tmexxija operattiva tal-Eurodac taħt dan ir-Regolament u b'ċerti kompiti li jikkonċernaw l-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni mid-data li fiha l-Aġenzija assumiet ir-responsabbiltajiet tagħha fl-1 ta' Diċembru 2012. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti fdati lilha taħt dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 għandhom jiġu emendati skont dan. Barra minn hekk, il-Europol għandu jkollu l-istatus ta' osservatur fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li jikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tal-Eurodac minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra. Il-Europol għandu jkun jista' jaħtar rappreżentant fil-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac tal-Aġenzija.

(26) Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali) u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea ('Kondizzjonijiet tal-Impjieg'), stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tal-Kunsill ([1]) (flimkien imsejħa r-'Regolamenti tal-Persunal') għandhom japplikaw għall-persunal kollu li jaħdem fl-Aġenzija dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament.

(27) Hemm bżonn li jkunu preskritti b'mod ċar ir-responsabilitajiet rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija f'dak li għandu x'jaqsam mas-Sistema Ċentrali u l-Infrastruttura ta' Komuikazzjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar tad-data, is-sigurtà tad-data, l-aċċess għaliha u l-korrezzjoni tad-data reġistrata.

(28) Huwa neċessarju li jinħatru awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif ukoll il-Punt ta' Aċċess Ċentrali Nazzjonali li permezz tiegħu jsiru t-talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac u biex tinżamm lista ta' unitajiet operattivi fl-awtoritajiet maħtura li huma awtorizzati li jitolbu tqabbil bħal dan għall-finijiet speċifiċi tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra.

(29) It-talbiet għat-tqabbil mad-data maħżuna fis-Sistema Ċentrali għandha ssir mill-unitajiet operattivi fl-awtoritajiet maħtura lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali, permezz tal-awtorità tal-verifika u għandhom ikunu mmotivati. L-unitajiet operattivi fl-awtoritajiet maħtura li huma awtorizzati jitolbu tqabbil mad-data tal-Eurodac ma għandhomx jaġixxu bħala awtorità tal-verifika. L-awtoritajiet tal-verifika għandhom ikunu indipendenti mill-awtoritajiet maħtura u responsabbli biex jiżguraw, b'manjiera indipendenti, il-konformità stretta mal-kondizzjonijiet għal aċċess kif stabbilit f'dan ir-Regolament. L-awtoritajiet tal-verifika għandhom imbagħad jippreżentaw it-talba, mingħajr ma jgħaddu l-motivazzjonijiet għaliha, għal tqabbil permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali lis-Sistema Ċentrali wara verifika li l-kondizzjonijiet kollha għal aċċess ġew sodisfatti. F'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza fejn ikun meħtieġ aċċess bikri bi tweġiba għal theddida speċifika u attwali li tikkonċerna reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħrajn, l-awtorità ta' verifika għandha tipproċessa t-talba immedjatament u tagħmel il-verifika biss wara.

(30) L-awtorità maħtura u l-awtorità ta' verifika jistgħu jkunu parti mill-istess organizzazzjoni jekk dan ikun permess taħt il-liġi nazzjonali, iżda l-awtorità ta' verifika għandha taġixxi b'mod indipendenti meta taqdi l-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament.

(31) Għall-finijiet ta' protezzjoni ta' data personali, u biex jiġi eskluż tqabbil sistematiku li għandu jiġi pprojbit, l-ipproċessar ta' data tal-Eurodac għandu jsir biss f'każijiet speċifiċi u meta jkun meħtieġ għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra. Każ speċifiku jeżisti b'mod partikolari meta t-talba għat-tqabbil tkun relatata ma' sitwazzjoni speċifika u konkreta jew ma' periklu speċifiku u konkret assoċjat ma' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor, jew ma' persuni speċifiċi li fil-konfront tagħhom ikun hemm raġunijiet serji għaliex wieħed jemmen li dawn ikunu se jwettqu jew wettqu reati terroristiċi jew reati serji oħra. Każ speċifiku jeżisti wkoll meta t-talba għal tqabbil tkun relatata ma' persuna li tkun il-vittma ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor. Għaldaqstant, l-awtoritajiet maħtura u l-Europol għandhom jitolbu għal tqabbil mal-Eurodac meta jkollhom raġunijiet motivati biex jemmnu li tqabbil bħal dan ikun se jipprovdi informazzjoni li tgħinhom sostanzjalment fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor.

(32) Barra minn hekk, l-aċċess għandu jkun permess biss bil-kondizzjoni li t-tqabbil mal-bażijiet tad-data nazzjonali tal-marki tas-swaba tal-Istat Membru u mas-sistemi awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati Membri kollha oħra taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ([2]) ma jwassalx sabiex tiġi stabbilita l-identità tas-suġġett tad-data. Dik il-kondizzjoni titlob li l-Istat Membru li jagħmel it-talba jagħmel tqabbil mas-sistemi awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati Membri l-oħra kollha taħt id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI li huma teknikament disponibbli, sakemm dak l-Istat Membru ma jkunx jista' jiġġustifika li jeżistu raġunijiet suffiċjenti li

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

([2]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.

wieħed jemmen li dan ma jwassalx sabiex tiġi stabbiltà l-identità tas-suġġett tad-data. Tali raġunijiet raġonevoli jeżistu b'mod partikolari fejn il-każ speċifiku ma jippreżenta l-ebda rabta operattiva jew investigattiva ma' Stat Membru. Dik il-kondizzjoni titlob l-implimentazzjoni legali u teknika minn qabel tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI mill-Istat Membru rikjedenti fil-qasam tad-data dwar il-marki tas-swaba', billi ma għandux ikun permess li titmexxa verifika tal-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi fejn dawn il-passi ta' hawn fuq ma jkunux ittieħdu l-ewwel.

(33) Qabel ma jfittxu fil-Eurodac, l-awtoritajiet maħtura għandhom ukoll, sakemm il-kondizzjonijiet għal tali tqabbil ikunu ġew soddisfatti, jikkonsultaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati serji oħra [1].

(34) Għall-fini ta' tqabbil u skambju effiċjenti ta' data personali, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw u jużaw bis-sħiħ il-ftehimiet internazzjonali eżistenti kif ukoll il-liġi tal-Unjoni rigward l-iskambju ta' data personali li diġà qiegħda fis-seħħ, b'mod partikolari d-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.

(35) L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu konsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri meta japplikaw dan ir-Regolament. Fejn l-Istat Membru jistabbilixxi li d-data tal-Eurodac tkun relatata ma' minorenni, din id-data tista' tintuża biss għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi mill-Istat Membru rikjedenti taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat applikabbli għal minorenni u skont l-obbligu li tingħata konsiderazzjoni primarja fl-aħjar interessi tat-tfal.

(36) Filwaqt li r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni b'konnessjoni mat-tħaddim tas-sistema tal-Eurodac għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huwa neċessarju li jkunu preskritti regoli speċifiċi għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Istati Membri b'konnessjoni mat-tħaddim tas-sistema.

(37) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' sistema għat-tqabbil ta' data dwar marki tas-swaba' sabiex tgħin l-implimentazzjoni tal-politika ta' asil tal-Unjoni, ma jistax, min-natura tiegħu stess, jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(38) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [2] tapplika għall-ipproċessar ta' data personali mill-Istati Membri mwettaq fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sakemm tali pproċessar ma jsirx mill-awtoritajiet maħtura jew ta' verifika tal-Istati Membri għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra.

(39) L-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu suġġetti għal standard ta' protezzjoni ta' data personali taħt il-liġi nazzjonali li tkun f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali [3].

(40) Il-prinċipji preskritti fid-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' individwi, partikolarment id-dritt tagħhom għal privatezza, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali għandha tkun miżjuda jew iċċarata, b'mod partikolari sa fejn ikunu konċernati ċerti setturi.

(41) It-trasferimenti ta' data personali miksuba minn Stat Membru taħt dan ir-Regolament mis-Sistema Ċentrali lejn kwalunkwe pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali jew entità privata stabbilita fl-Unjoni jew barra minnha għandha tkun ipprojbita, sabiex jiġi żgurat id-dritt għal asil u sabiex jiġu salvagwardjati l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali milli jkollhom id-data tagħhom żvelata lil xi pajjiż terz. Dan ifisser li l-Istati Membri ma għandhomx jittrasferixxu informazzjoni miksuba mis-Sistema Ċentrali fir-rigward ta': l-Istat Membru jew l-Istati Membri ta' oriġini; il-post u d-data ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali; in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini; id-data ta' meta ttieħdu l-marki tas-swaba' kif ukoll id-data ta' meta l-Istat Membru ttrażmetta jew l-Istati Membri ttrażmettew id-data lill-Eurodac; il-user ID tal-operatur; u kwalunkwe informazzjoni marbuta ma' kwalunkwe trasferiment tas-suġġett tad-data taħt ir-Regolament(UE) Nru 604/2013. Dik il-projbizzjoni għandha tkun bla ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jittrasferixxu data bħal din lil pajjiżi terzi li japplika għalihom ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi bħal dawn għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129.

[2] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

[3] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

(42) L-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali għandhom jikkontrollaw il-legalità tal-ipproċessar tad-data personali mill-Istati Membri, u l-Awtorità ta' Sorveljanza stabbilita mid-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI għandha tissorvelja l-legalità tal-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data mwettqa mill-Europol.

(43) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 21 u 22 tiegħu li jirrigwardaw il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-ipproċessar, japplika għall-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni mwettaq b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madanakollu, ċerti punti għandhom jiġu kjarifikati fir-rigward tar-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data u tas-superviżjoni ta' protezzjoni tad-data, billi wieħed iżomm f'moħħu li l-protezzjoni tad-data hija fattur ewlieni għas-suċċess fl-operat tal-Eurodac u li s-sigurtà tad-data, il-kwalità teknika għolja u l-legalità tal-konsultazzjonijiet huma essenzjali biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel u korrett tal-Eurodac kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

(44) Is-suġġett tad-data għandu jiġi infurmat dwar l-iskop li għalih id-data tiegħu tkun se tiġi pproċessata fil-Eurodac, inkluża deskrizzjoni tal-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 u tal-użu li għalih l-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi jistgħu jiddedikaw id-data tiegħu.

(45) Huwa xieraq li l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jikkontrollaw il-legalità tal-ipproċessar tad-data personali mill-Istati Membri, filwaqt li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 45/2001, għandu jikkontrolla l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali li jsir b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(46) L-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u Ewropej ikunu kapaċi jissorveljaw l-użu u l-aċċess għad-data tal-Eurodac b'mod adegwat.

(47) Huwa xieraq li r-rendiment tal-Eurodac jiġi kkontrollat u evalwat f'intervalli regolari, anke f'termini ta' jekk l-aċċess tal-infurzar tal-liġi wassalx għal diskriminazzjoni indiretta kontra applikanti għall-protezzjoni internazzjonali kif ġie senjalat fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-konformità ta' dan ir-Regolament mal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ('il-Karta'). L-Aġenzija għandha tissottometti rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(48) L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal sistema ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi sabiex ikun sanzjonat l-ipproċessar ta' data rreġistrata fis-Sistema Ċentrali kontra l-għan tal-Eurodac.

(49) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jiġu infurmati dwar l-istatus ta' proċeduri partikolari tal-asil, bil-għan li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni adegwata tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

(50) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta. B'mod partikolari, dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura rispett sħiħ għall-protezzjoni tad-data personali u għad-dritt ta' rikors għall-protezzjoni internazzjonali, u li jippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 8 u 18 tal-Karta. Dan ir-Regolament għandu għaldaqstant ikun applikat b'dan il-għan.

(51) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(52) Taħt l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja anness mat-TUE u mat-TFUE, ir-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(53) Taħt l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja anness mat-TUE u mat-TFUE, u bla ħsara għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(54) Huwa xieraq li l-iskop territorjali ta' dan ir-Regolament ikun ristrett sabiex ikun allinjat mal-iskop territorjali tar-Regolament (KE) Nru 604/2013,

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**L-għan tal-"Eurodac"**

1. B'dan hija stabbilita sistema magħrufa bħala "Eurodac", li l-għan tagħha għandu jkun li tgħin biex ikun determinat liema Stat Membru għandu jkun responsabbli konformement mar-Regolament (EU) Nru 604/2013 għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali depożitata fi Stat Membru minn ċittadini ta' pajjiż terz jew persuna apolida, u inkella sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) jistgħu jitolbu t-tqabbil tad-data dwar il-marki tas-swaba' ma' dawk maħżuna fis-Sistema Ċentrali għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi.

3. Mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar tad-data maħsuba għall-Eurodac mill-Istat Membru ta' oriġini f'bażijiet tad-data stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru, id-data dwar marki tas-swaba' u data personali oħra jistgħu jkunu pproċessati fil-Eurodac għal skopijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) 'applikant għall-protezzjoni internazzjonali' tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kif definita fl-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 2011/95/UE li fir-rigward tagħha deċiżjoni finali għada ma ttieħditx;

(b) 'Stat Membru ta' oriġini' tfisser:

(i) f'dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu 9(1), l-Istat Membru li jittrażmetti d-data personali lis-Sistema Ċentrali u li jirċievi r-riżultati tat-tqabbil;

(ii) f'dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu 14(1), l-Istat Membru li jittrażmetti d-data personali lis-Sistema Ċentrali;

(iii) f'dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu 17(1), l-Istat Membru li jittrażmetti data personali lis-Sistema Ċentrali u li jirċievi r-riżultati tat-tqabbil;

(c) 'benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali' tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li ngħatat protezzjoni internazzjonali kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/95/UE;

(d) 'hit' tfisser l-eżistenza ta' tqabbila jew tqabbil stabbilit mis-Sistema Ċentrali permezz ta' tqabbil bejn informazzjoni dwar marki tas-swaba' rreġistrata fil-bażi tad-data ċentrali kompjuterizzata u dawk trażmessi minn Stat Membru fir-rigward ta' persuna, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li Stati Membri jiċċekkjaw immedjatament ir-riżultati tat-tqabbil skont l-Artikolu 25(4);

(e) 'Punt ta' Aċċess Nazzjonali' tfisser is-sistema nazzjonali stabbilita li tikkomunika mas-Sistema Ċentrali;

(f) 'Aġenzija' tfisser l-Aġenzija stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011;

(g) 'Europol' tfisser l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija kif stabbilit bid-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI;

(h) 'data tal-Eurodac' tfisser id-data kollha maħżuna fis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu 11 u l-Artikolu 14(2);

(i) 'infurzar tal-liġi' tfisser il-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra;

(j) "reati terroristiċi" tfisser ir-reati taħt il-liġi nazzjonali li jikkorrispondu jew huma ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikoli minn 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI;

(k) "reati kriminali serji" tfisser it-tipi ta' reati li jikkorrispondu jew huma ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI jekk huma punibbli taħt il-liġi nazzjonali b'sentenza ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin;

(l) "data tal-marki tas-swaba'" tfisser id-data li tirrigwarda l-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha jew għall-inqas tas-swaba' werrejja, u jekk dawn huma neqsin, il-marki tas-swaba' tas-swaba l-oħra kollha ta' persuna, jew ta' marka latenti tas-swaba';

2. It-termini definiti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE għandu jkollhom l-istess tifsira f'dan ir-Regolament sa fejn id-data personali tkun ipproċessata mill-awtoritajiet tal-Istati Membi għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament.

3. Sakemm ma jkunx iddikjarat b'mod ieħor, it-termini definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 għandu jkollhom l-istess tifsira f'dan ir-Regolament.

4. It-termini definiti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandu jkollhom l-istess tifsira f'dan ir-Regolament sa fejn id-data personali tkun ipproċessata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**L-arkitettura u l-prinċipji bażiċi tas-Sistema**

1. Il-Eurodac għandha tikkonsisti fi:

(a) bażi tad-data kompjuterizzata ċentrali tal-marki tas-swaba' ("Sistema Ċentrali") magħmula minn

(i) Unità Ċentrali,

(ii) Sistema u Pjan ta' Kontinwità tal-Attività;

(b) infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn is-Sistema Ċentrali u l-Istati Membri li tipprovdi netwerk virtwali f'kodiċi ddedikat għad-data tal-Eurodac ("Infrastruttura ta' Komunikazzjoni").

2. Kull Stat Membru għandu jkollu Punt ta' Aċċess Nazzjonali wieħed.

3. Data dwar persuni koperti bl-Artikoli 9(1), 14(1) u 17(1) li tiġi pproċessata fis-Sistema Ċentrali għandha tiġi pproċessata f'isem l-Istat Membru ta' oriġini taħt il-kondizzjonijiet preskritti f'dan ir-Regolament u separata b'mezzi tekniċi xierqa.

4. Ir-regoli li jirregolaw il-Eurodac għandhom japplikaw ukoll għal operazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri mit-trażmissjoni ta' data għas-Sistema Ċentrali sakemm isir użu mir-riżultati tat-tqabbil.

5. Il-proċedura sabiex jittieħdu l-marki tas-swaba' għandha tkun stabbilita u applikata f'konformità mal-prattika nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat u f'konformità mal-salvagwardji preskritti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

*Artikolu 4*

**Tmexxija operattiva**

1. L-Aġenzija għandha tkun responsabbli għat-tmexxija operattiva tal-Eurodac.

It-tmexxija operattiva tal-Eurodac għandha tikkonsisti fil-kompiti kollha meħtieġa biex il-Eurodac tinżamm tiffunzjona 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa konformement ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-ħidma ta' manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa biex jiġi żgurat li s-sistema tiffunzjona f'livell sodisfaċenti ta' kwalità operattiva, b'mod partikolari fir-rigward taż-żmien meħtieġ għal interrogazzjoni tas-Sistema Ċentrali. Għandu jiġi żviluppat Pjan u Sistema ta' Kontinwità tal-Attività b'kont meħud tal-bżonnijiet ta' manutenzjoni u l-perjodi ta' inattività mhux mistennija fis-sistema, inkluż l-impatt tal-miżuri ta' kontinwità tal-attività fuq il-protezzjoni u s-sigurtà tad-data.

L-Aġenzija għandha tiżgura, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, li fil-mumenti kollha jintużaw l-aħjar teknoloġija u tekniki disponibbli u dawk l-aktar sikuri għas-Sistema Ċentrali, suġġett għal analiżi tal-ispiża vis-à-vis l-benefiċċju miksub.

2. L-Aġenzija għandha tkun responsabbli għall-kompiti li ġejjin marbutin mal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni:

(a) is-superviżjoni;

(b) is-sigurtà;

(c) il-koordinazzjoni ta' relazzjonijiet bejn l-Istati Membru u l-fornitur.

3. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għal kompiti kollha marbutin mal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2, b'mod partikolari:

(a) l-implimentazzjoni tal-baġit;

(b) akwiżizzjoni u tiġdid;

(c) materji kuntrattwali.

4. Bla ħsara għall-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Aġenzija għandha tapplika regoli xierqa ta' segretezza professjonali jew dmirijiet ekwivalenti oħra ta' kunfidenzjalità lill-persunal tagħha kollu li hu meħtieġ li jaħdem b'data tal-Eurodac. Dan l-obbligu għandu japplika wkoll wara li dan il-persunal ikun ħalla l-uffiċċju jew l-impjieg jew wara t-tmiem tad-dmirijiet tagħhom.

*Artikolu 5*

**L-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi**

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2), l-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet li jkunu awtorizzati li jitolbu tqabbil mad-data tal-Eurodac konformement ma' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet maħtura għandhom ikunu awtoritajiet tal-Istati Membri li huma responsabbli għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra. L-awtoritajiet maħtura m'għandhomx jinkludu aġenziji jew unitajiet esklużivament responsabbli għall-intelligenza b'rabta mas-sigurtà nazzjonali.

2. Kull Stat Membru għandu jżomm elenku tal-awtoritajiet maħtura.

3. Kull Stat Membru għandu jżomm elenku tal-unitajiet operattivi fl-awtoritajiet maħtura li huma awtorizzati jitolbu tqabbil mad-data tal-Eurodac permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali.

*Artikolu 6*

**L-awtoritajiet ta' verifika tal-Istati Membri għall-finijiet tal-infiurzar tal-liġi**

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2), kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda nazzjonali jew unità ta' tali awtorità biex taġixxi bħala l-awtorità ta' verifika tagħha. L-awtorità ta' verifika għandha tkun awtorità tal-Istat Membru responsabbli għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra.

L-awtorità maħtura u l-awtorità ta' verifika jistgħu jkunu parti mill-istess organizzazzjoni jekk dan ikun permess taħt il-liġi nazzjonali, iżda l-awtorità ta' verifika għandha taġixxi b'mod indipendenti meta taqdi l-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament. L-awtorità ta' verifika għandha tkun separata mill-unitajiet operattivi msemmija fl-Artikolu 5(3) u ma għandhiex tirċievi istruzzjonijiet minn għandhom fir-rigward tal-eżitu tal-verifika.

L-Istati Membri jistgħu jaħtru aktar minn awtorità ta' verifika waħda biex jirriflettu l-istruttura organizzattiva u amministrattiva taghhom, skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali jew legali tagħhom.

2. L-awtorità ta' verifika għandha tiżgura li l-kondizzjonijiet għat-talba għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' mad-data tal-Eurodac jiġu sodisfatti.

Huwa biss persunal tal-awtorità ta' verifika li jingħata s-setgħat meħtieġa li għandu jkun awtorizzat li jirċievi u jittrażmetti talba għal aċċess għall-Eurodac skont it-termini tal-Artikolu 19.

Hija biss l-awtorità ta' verifika li għandha tkun awtorizzata li tressaq talbiet għal tqabbil tal-marki tas-swaba' lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali.

*Artikolu 7*

**Europol**

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2), il-Europol għandu jaħtar unità speċjalizzata b'uffiċjali tal-Europol li huma debitament awtorizzati li jaġixxu bħala l-awtorità ta' verifika tiegħu, li għandha taġixxi b'mod indipendenti mill-awtorità maħtura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu meta twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament, u ma għandhiex tirċievi istruzzjonijiet mill-awtorità maħtura fir-rigward tal-eżitu tal-verifika. L-unità għandha tiżgura li l-kondizzjonijiet għat-talba għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' mad-data tal-Eurodac ikunu sodisfatti. Il-Europol għandu jistabbilixxi, bi ftehim ma' kwalunkwe Stat Membru, il-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' dak l-Istat Membru li jikkomunika t-talbiet tagħha għal tqabbil tal-marki tas-swaba' mas-Sistema Ċentrali.

2. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2), il-Europol għandu jistabbilixxi unità operattiva li tkun awtorizzata titlob tqabbil mad-data tal-Eurodac permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali stabbilit tagħha. L-awtorità maħtura għandha tkun unità operattiva tal-Europol li jkollha kompetenza tiġbor, taħżen, tipproċessa, tanalizza u tikkondividi informazzjoni biex tappoġġja u ssaħħaħ azzjoni mill-Istati Membri fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra li jaqgħu fl-ambitu tal-mandat tal-Europol.

*Artikolu 8*

**Statistika**

1. Kull trimestru, l-Aġenzija għandha tħejji statistiċi dwar ix-xogħol tas-Sistema Ċentrali, li jindikaw b'mod partikolari:

(a) in-numru ta' settijiet ta' data trażmessi dwar persuni msemmija fl-Artikoli 9(1), 14(1) u 17(1);

(b) in-numru ta' hits dwar applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li kienu ssottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor;

(c) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 14(1) li sussegwentement kienu ssottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

(d) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 17(1) li preċedentement kienu ssottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor;

(e) l-ammont ta' data dwar marki tas-swaba' li s-Sistema Ċentrali kellha titlob iktar minn darba mill-Istati Membri ta' oriġini minħabba li d-data dwar marki tas-swaba' trażmessa oriġinarjament ma setgħetx twassal għal tqabbil bl-użu tas-sistema kompjuterizzata ta' għarfien ta' marki tas-swaba';

(f) in-numru ta' settijiet ta' data immarkati, mhux immarkati, imblukkati u mhux imblukkati skont l-Artikolu 18(1) u (3).

(g) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 18(1) li għalihom ġew irreġistrati hits taħt il-punti (b) u (d) ta' dan l-Artikolu;

(h) in-numru ta' talbiet u hits imsemmija fl-Artikolu 20(1);

(i) in-numru ta' talbiet u hits imsemmija fl-Artikolu 21(1)

2. Fl-aħħar ta' kull sena, id-data statistika għandha tiġi stabbilita fil-forma ta' kompilazzjoni tal-istatistiċi ta' kull trimestru għal dik is-sena, inkluża indikazzjoni tan-numru ta' persuni li dwarhom ikunu ġew reġistrati hits taħt il-paragrafu (1)(b), (c) u (d). L-istatistiċi għandu jkollhom analiżi dettaljata tad-data għal kull Stat Membru. Ir-riżultati għandhom isiru pubbliċi.

KAPITOLU II

**APPLIKANTI GĦALL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI**

*Artikolu 9*

**Ġbir, trażmissjoni u tqabbil ta' marki tas-swaba'**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas 14-il sena u għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li tiġi ddepożitata l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali, kif iddefinit mill-Artikolu 20(2) tar-Regolament 604/2013, jittrażmettihom flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 11(b) sa (g) ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali.

In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa ma għandux jeżonera lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jitrażmettu l-marki tas-swaba' lis-Sistema Ċentrali. Fejn il-kondizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' fi kwalità li tiżgura tqabbil xieraq taħt l-Artikolu 25, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-applikant u jibgħathom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu reġgħu ttieħdu b'suċċess.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn mhux possibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tal-applikant jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri għandhom jieħdu u jibagħtu dawn il-marki mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawn ir-raġunijiet ta' saħħa ma jibqgħux validi.

Fil-każ ta' problemi tekniċi serji, l-Istati Membri jistgħu jestendu ż-żmien ta' skadenza ta' 72-siegħa fil-paragrafu 1 b'massimu ta' 48 siegħa oħra sabiex iwettqu l-pjanijiet ta' kontinwità nazzjonali tagħhom.

3. Id-data dwar il-marki tas-swaba' fis-sens tal-Artikolu 11(a) trażmessa minn kwalunkwe Stat Membru, bl-eċċezzjoni ta' dik trażmessa skont l-Artikolu 10(b), għandha tkun imqabbla awtomatikament mad-data dwar marki tas-swaba' trażmessa minn Stati Membri oħra u diġà maħżuna fis-Sistema Ċentrali.

4. Is-Sistema Ċentrali għandha tiżgura, fuq it-talba ta' Stat Membru, li t-tqabbil imsemmi fil-paragrafu 3 jkopri l-informazzjoni dwar marki tas-swaba' trażmessa qabel minn dak l-Istat Membru, b'żieda għad-data minn Stati Membri oħra.

5. Is-Sistema Ċentrali għandha tittrażmetti awtomatikament il-hit jew ir-riżultat negattiv tat-tqabbil lill-Istat Membru ta' oriġini. Fejn ikun hemm hit, għandha tittrażmetti għal kull sett ta' data li jikkorrispondi għall-hit, id-data msemmija fl-Artikolu 11(a) sa (k) flimkien ma', fejn ikun xieraq, il-marka msemmija fl-Artikolu 18(1).

*Artikolu 10*

**Informazzjoni dwar l-istatus tas-suġġett tad-data**

L-informazzjoni li ġejja għandha tintbagħat lis-Sistema Ċentrali sabiex tiġi maħżuna f'konformità mal-Artikolu 12 għal finijiet ta' trażmissjoni taħt l-Artikolu 9(5):

(a) meta applikant għall-protezzjoni internazzjonali jew persuna oħra kif imsemmija fl-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont deċiżjoni li tilqa' talba biex jittieħed lura kif imsemmi fl-Artikolu 25 tiegħu, l-Istat Membru responsabbli għandu jaġġorna s-sett tad-data tiegħu rreġistrat f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuni kkonċernati billi jżid id-data tal-wasla tiegħu;

(b) meta applikant għall-protezzjoni internazzjonali jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont deċiżjoni li tilqa' talba biex jittieħed ħsieb tiegħu taħt l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, l-Istat Membru responsabbli għandu jibgħat sett tad-data f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuna kkonċernata u għandu jinkludi d-data tal-wasla tagħha;

(c) hekk kif l-Istat Membru ta' oriġini jistabbilixxi li l-persuna kkonċernata li d-data tagħha ġiet irreġistrata fil-Eurodac taħt l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament ħalliet it-territorju tal-Istati Membri, dan għandu jaġġorna s-sett tad-data tiegħu rreġistrat f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuna kkonċernata billi jżid id-data meta dik il-persuna ħalliet it-territorju, sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Artikoli 19(2) u 20(5) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013;

(d) hekk kif l-Istat Membru ta' oriġini jiżgura li l-persuna kkonċernata li d-data tagħha ġiet irreġistrata fil-Eurodac taħt l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament ħalliet it-territorju tal-Istati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tkeċċija li kien ħareġ wara l-irtirar jew ir-rifjut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kif provdut fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, dan għandu jaġġorna s-sett tad-data tiegħu rreġistrat f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuna kkonċernata billi jżid id-data tat-tkeċċija tagħha jew meta hija ħalliet it-territorju;

(e) l-Istat Membru li jsir responsabbli taħt l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 għandu jaġġorna s-sett tad-data rreġistrat f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament relatat mal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali billi jżid id-data meta ttieħdet id-deċiżjoni li jeżamina l-applikazzjoni.

*Artikolu 11*

**Reġistrazzjoni ta' data**

L-informazzjoni li ġejja biss għandha tiġi reġistrata fis-Sistema Ċentrali:

(a) id-data dwar il-marki tas-swaba';

(b) l-Istat Membru ta' oriġini, post u data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali; fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(b), id-data tal-applikazzjoni għandha tkun dik li tiddaħħal mill-Istat Membru li jkun ittrasferixxa lill-applikant;

(c) is-sess;

(d) in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini;

(e) id-data li fiha ttieħdu l-marki tas-swaba';

(f) id-data li fiha l-informazzjoni ġiet trażmessa lis-Sistema Ċentrali;

(g) il-*user ID* tal-operatur;

(h) fejn applikabbli skont l-Artikolu 10(a) jew (b), id-data tal-wasla tal-persuna kkonċernata wara trasferiment b'suċċess;

(i) fejn applikabbli skont l-Artikolu 10(c), id-data li fiha l-persuna kkonċernata ħalliet it-territorju tal-Istati Membri;

(j) fejn applikabbli skont l-Artikolu 10(d), id-data li fiha l-persuna kkonċernata ħalliet jew tkeċċiet mit-territorju tal-Istati Membri;

(k) fejn applikabbli skont l-Artikolu 10(e), id-data li fiha tittieħdet id-deċiżjoni li tiġi eżaminata l-applikazzjoni.

*Artikolu 12*

**Ħżin ta' data**

1. Kull sett ta' data, kif imsemmi fl-Artikolu 11, għandu jinżamm fis-Sistema Ċentrali għal għaxar snin mid-data li fiha jkunu ttieħdu l-marki tas-swaba'.

2. Malli jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, is-Sistema Ċentrali għandha awtomatikament tħassar id-data mis-Sistema Ċentrali.

*Artikolu 13*

**Tħassir ta' data antiċipata**

1. Data li għandha x'taqsam ma' persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 12(1) għandha tiġi mħassra mis-Sistema Ċentrali, taħt l-Artikolu 27(4), malli l-Istat Membru ta' oriġini jinduna li dik il-persuna konċernata tkun kisbet tali ċittadinanza.

2. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar it-tħassir tad-data taħt il-paragrafu 1 minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 9(1) jew l-Artikolu 14(1).

KAPITOLU III

**ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI JEW PERSUNI APOLIDI LI JINQABDU B'KONNESSJONI MAL-QSIM IRREGOLARI TA' FRUNTIERA ESTERNA**

*Artikolu 14*

**Ġbir u trażmissjoni ta' data dwar marki tas-swaba'**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkollhom tal-inqas 14-il sena, li jinqabdu mill-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera ta' dak l-Istat Membru wara li jkunu ġew minn pajjiż terz u li ma jintbagħtux lura fih jew li baqgħu fiżikament fit-territorju tal-Istati Membri u li ma nżammewx f'kustodja, reklużjoni jew detenzjoni waqt il-perjodu sħiħ bejn il-qbid u t-tneħħija fuq il-bażi tad-deċiżjoni li jintbagħtu lura.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara d-data tal-qbid, jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali d-data li ġejja f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, kif imsemmi fil-paragrafu 1, li ma jkunux mibgħuta lura:

(a) id-data dwar il-marki tas-swaba';

(b) l-Istat Membru ta' oriġini, post u data tal-qbid;

(c) is-sess;

(d) in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini;

(e) id-data li fiha ttieħdu l-marki tas-swaba';

(f) id-data li fiha l-informazzjoni ġiet trażmessa lis-Sistema Ċentrali;

(g) il-user ID tal-operatur.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, id-data speċifikata fil-paragrafu 2 dwar persuni maqbuda kif deskritt fil-paragrafu 1 li jibqgħu fiżikament fit-territorju tal-Istati Membri iżda li jibqgħu f'kustodja, reklużjoni jew detenzjoni hekk kif jinqabdu għal perjodu li jeċċedi it-72 siegħa għandha tkun trażmessa qabel ma jinħelsu mill-kustodja, mir-reklużjoni jew mid-detenzjoni.

4. In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għandux jeħles lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jitrażmettu l-marki tas-swaba' lis-Sistema Ċentrali. Fejn il-kondizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' ta' kwalità li tassigura tqabbil xieraq taħt l-Artikolu 25, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-persuni maqbudin kif deskritt fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jibgħathom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu ttieħdu b'suċċess.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn mhux possibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' tal-persuna maqbuda minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tagħha jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu u jibgħat dawn il-marki tas-swaba' mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawk ir-raġunijiet ma jibqgħux iktar prevalenti.

Fil-każ ta' problemi tekniċi serji, l-Istati Membri jistgħu jestendu ż-żmien ta' skadenza ta' 72 siegħa fil-paragrafu 2 b'massimu ta' 48 siegħa oħra sabiex iwettqu l-pjanijiet ta' kontinwità nazzjonali tagħhom.

*Artikolu 15*

**Reġistrazzjoni ta' data**

1. Id-data msemmija fl-Artikolu 14(2) għandha tiġi rreġistrata fis-Sistema Ċentrali.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, id-data trażmessa lis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu 14(2) għandha tiġi reġistrata biss għall-finijiet ta' tqabbil ma' data dwar applikanti għall-protezzjoni internzzjonali trażmessa sussegwentement lis-Sistema Ċentrali u għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2).

Is-Sistema Ċentrali ma għandhiex tqabbel id-data trażmessa lilha taħt l-Artikolu 14(2) ma' kwalunkwe data rreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali, u lanqas ma' data trażmessa sussegwentement lis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu 14(2).

2. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tqabbil ta' data dwar applikanti għall-protezzjoni internazzjonali trażmessa sussegwentement lis-Sistema Ċentrali mad-data msemmija fil-paragrafu 1, għandhom japplikaw il-proċeduri preskritti fl-Artikolu 9(3) u (5) u fl-Artikolu 25(4).

*Artikolu 16*

**Ħżin ta' data**

1. Kull sett ta' data li jkollu x'jaqsam ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida kif imsemmi fl-Artikolu 14(1), għandu jinħażen fis-Sistema Ċentrali għal 18-il xahar mid-data li fiha jkunu ttieħdu l-marki ta' swaba' tagħhom. Malli jiskadi dak il-perjodu, is-Sistema Ċentrali għandha awtomatikament tħassar tali data.

2. Id-data li jkollha x'taqsam ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) għandha titħassar mis-Sistema Ċentrali f'konformità mal-Artikolu 28(3) malli l-Istat Membru ta' oriġini jsir jaf b'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 18-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:

(a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna apolida jkun ingħatalhom dokument ta' residenza;

(b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jkunu telqu mit-territorju tal-Istati Membri;

(c) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jkunu akkwistaw iċ-ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru.

3. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-iktar fis u sa mhux iktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar it-tħassir tad-data għar-raġuni speċifikata fil-paragrafu 2(a) jew (b) ta' dan l-Artikolu jew minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu trażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 14(1).

4. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-iktar fis u sa mhux iktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar it-tħassir tad-data għar-raġuni speċifikata fil-paragrafu 2(c) ta' dan l-Artikolu minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu trażmettew relatata ma' persuni msemmija fl-Artikolu 9(1) jew l-Artikolu 14(1).

KAPITOLU IV

## ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI JEW PERSUNI APOLIDI LI JINSTABU JOQOGĦDU B'MOD ILLEGALI FI STAT MEMBRU

*Artikolu 17*

### Tqabbil ta' data dwar marki tas-swaba

1. Sabiex jiġi ċċekkjat jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jinstabu joqogħdu b'mod illegali fit-territorju tiegħu jkunux issottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor, Stat Membru jista' jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali kull data dwar marki tas-swaba' li jkollha x'taqsam ma' marki tas-swaba' li l-Istat Membru seta' kien ħa ta' kwalunkwe ċittadin terz jew persuna apolida ta' mill-inqas 14-il sena flimkien man-numru ta' referenza użat minn dak l-Istat Membru.

Bħala regola ġenerali hemm bżonn sabiex isiru kontrolli dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jkunux issottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor fejn:

(a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jiddikjaraw li kienu ssottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iżda mingħajr ma jkunu indikaw l-Istat Membru li fih huma kienu ssottomettew l-applikazzjoni;

(b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ma jitolbux protezzjoni internazzjonali iżda ma jaċċettawx li jintbagħtu lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom billi jgħidu li huma jkunu fil-periklu, jew

(c) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jfittxu b'mod ieħor li ma jħallux li jitneħħew billi jirrifjutaw li jikkooperaw sabiex tiġi determinata l-identità tagħhom, b'mod partikolari billi ma jurux karti tal-identità jew juru karti tal-identità foloz.

2. Fejn Stati Membri jipparteċipaw fil-proċedura msemmija fil-paragrafu 1, għandhom jittrażmettu lis-Sistema Ċentrali d-data dwar marki tas-swaba' li jkollha x'taqsam mas-swaba' kollha jew tal-inqas mas-swaba' werrejja, u, jekk dawk ikunu neqsin, il-marki tas-swaba' l-oħra kollha, ta' ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Id-data dwar il-marki tas-swaba' ta' ċittadin terz jew persuna apolida kif imfisser fil-paragrafu 1 għandha tiġi trażmessa lis-Sistema Ċentrali għall-għan waħdieni ta' tqabbil mad-data dwar marki tas-swaba' ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali trażmessa minn Stati Membri oħra u diġà rreġistrata fis-Sistema Ċentrali.

Id-data dwar il-marki tas-swaba' ta' tali ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ma għandhiex tkun irreġistrata fis-Sistema Ċentrali, u lanqas ma għandha tkun imqabbla ma' data trażmessa lis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu 14(2).

4. Ladarba r-riżultati tat-tqabbil ta' data dwar marki tas-swaba'jkunu ġew trażmessi lill-Istat Membru ta' oriġini, ir-reġistrazzjoni tat-tfittxija għandha tinżamm mis-Sistema Ċentrali għall-finijiet tal-Artikolu 28 biss. Ħlief għal dawk l-iskopijiet, l-Istati Membri u s-Sistema Ċentrali ma jistgħu jaħżnu ebda reġistrazzjoni oħra tat-tfittxija.

5. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tqabbil ta' data dwar marki tas-swaba' trażmessa taħt dan l-Artikolu mad-data dwar marki tas-swaba' ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali trażmessa minn Stati Membri oħra li ġew diġà maħżuna fis-Sistema Ċentrali, għandhom japplikaw il-proċeduri preskritti fl-Artikolu 9(3) u (5) u fl-Artikolu 25(4).

KAPITOLU V

## BENEFIĊJARJI TA' PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI

*Artikolu 18*

### Immarkar ta' data

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1), l-Istat Membru ta' oriġini li jkun ta protezzjoni internazzjonali lil applikant għall-protezzjoni internazzjonali li d-data dwaru kienet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu 11 għandu jimmarka d-data rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-Aġenzija. Dik il-marka għandu jinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 12 għall-finijiet tat-trażmissjoni taħt l-Artikolu 9(5). Is-Sistema Ċentrali għandha tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha bl-immarkar ta' data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit fil-każ ta' data li jkunu trażmettew li tkun marbuta ma' persuni msemmija fl-Artikolu 9(1) jew l-Artikolu 14(1). Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti.

2. Id-data dwar benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali maħżuna fis-Sistema Ċentrali u mmarkata taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssir disponibbli għat-tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) għal perjodu ta' tliet snin wara d-data li fiha s-suġġett tad-data ngħata protezzjoni internazzjonali.

Fejn ikun hemm hit, is-sistema Ċentrali għandha tittrażmetti d-data msemmija fl-Artikolu 11(a) sa (k) għas-settijiet tad-data kollha korrispondenti għall-hit. Is-Sistema Ċentrali ma għandhiex tittrażmetti l-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Malli jiskadi l-perjodu ta' tliet snin, is-Sistema Ċentrali għandha awtomatikament tibblokka tali data milli tiġi trażmessa fil-każ ta' talba għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2), filwaqt li tħalli dik id-data disponibbli għat-tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1) sal-punt ta' tħassir. Data mblukkata ma għandhiex tiġi trażmessa, u s-Sistema Ċentrali għandha tagħti riżultat negattiv lill-Istat Membru rikjedenti fil-każ ta' hit.

3. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jneħħi l-marka fuq data jew jiżblokka data li tikkonċerna ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li d-data tagħhom kienet ġiet preċedentement immarkata jew żblukkata taħt il-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jekk l-istatus tagħhom ġie revokat jew intemm jew it-tiġdid tal-istatus tagħhom ġie rifjutat taħt l-Artikolu 14 jew 19 tad-Direttiva 2011/95/KE.

KAPITOLU VI

## PROĊEDURA GĦAT-TQABBIL U T-TRAŻMISSJONI TAD-DATA GĦALL-FINIJIET TAL-INFURZAR TAL-LIĠI

*Artikolu 19*

### Proċedura għat-tqabbil ta' data dwar marki tas-swaba' ma' data tal-Eurodac

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) l-awtoritajiet maħtura msemmija fl-Artikoli 5(1) u 7(2) jistgħu jippreżentaw talba elettronika motivata kif huwa previst fl-Artikolu 20(1) flimkien man-numru ta' referenza użat minnhom, lill-awtorità ta' verifika għat-trażmissjoni għat-tqabbil tad-data dwar marki tas-swaba' lis-Sistema Ċentrali permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali. Wara li tirċievi talba bħal din, l-awtorità ta' verifika għandha tivverifika jekk il-kondizzjonijiet għat-talba għal tqabbil imsemmi fl-Artikolu 20 jew fl-Artikolu 21, kif xieraq, ikunux sodisfatti.

2. Fejn il-kondizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikoli 20 jew 21 għat-talba għal tqabbil ikunu sodisfatti, l-awtorità ta' verifika għandha tittrażmetti t-talba għal tqabbil lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali li jipproċessaha għas-Sistema Ċentrali skont l-Artikolu 9(3) u (5) għall-finijiet ta' tqabbil mad-data trażmessa lis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikoli 9(1) u 14(2).

3. F'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza fejn ikun hemm il-ħtieġa li jiġi pprevenut riskju imminenti assoċjat ma' reat terroristiku jew ma' reat serju ieħor, l-awtorità ta' verifika tista' tittrażmetti d-data dwar il-marki tas-swaba' lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali għal tqabbil immedjatament kif tirċievi t-talba mill-awtorità maħtura u tivverifika ex post jekk il-kondizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikoli 20 jew fl-Artikoli 21 ikunux sodisfatti, inkluż jekk każ eċċezzjonali ta' urġenza kienx jeżisti fir-realtà. Il-verifika ex post għandha ssir mingħajr dewmien żejjed wara l-ipproċessar tat-talba.

4. Fejn verifika ex post tiddetermina li l-aċċess għal data tal-Eurodac ma kienx ġustifikat, l-awtoritajiet kollha li jkunu aċċeddew għal tali data għandhom iħassru l-informazzjoni kkomunikata mill-Eurodac u għandhom jinfurmaw lill-awtorità ta' verifika b'tali tħassir.

*Artikolu 20*

### Kondizzjonijiet tal-aċċess għall-Eurodac mill-awtoritajiet maħtura

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2), l-awtoritajiet maħtura jistgħu jissottomettu talba elettronika motivata għat-tqabbil tad-data dwar marki tas-swaba' mad-data maħżuna fis-Sistema Ċentrali fl-ambitu tas-setgħat tagħhom biss jekk it-tqabbil mal-bażijiet tad-data li ġejjin ma jwasslux sabiex tiġi stabbilita l-identità tas-suġġett tad-data:

— tad-data nazzjonali tal-marki tas-swaba';

— is-sistemi awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati Membri l-oħra kollha taħt id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI fejn tqabbil huwa teknikament disponibbli, sakemm ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li t-tqabbil ma' tali sistemi ma jwassalx sabiex tiġi stabbilita l-identità tas-suġġett tad-data. Tali raġunijiet raġonevoli għandhom jiġu inklużi fit-talba elettronika motivata għal tqabbil mad-data tal-Eurodac mibgħuta mill-awtorità maħtura lill-awtorità ta' verifika; u

— is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża sakemm il-kondizzjonijiet għal tali tqabbil stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI ikunu ġew sodisfatti;

u fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) it-tqabbil ikun meħtieġ għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra, li jfisser li jkun jeżisti tħassib prevalenti ta' sigurtà pubblika li jirrendi proporzjonat it-tiftix fil-bażi tad-data;

(b) it-tqabbil ikun meħtieġ f'każ speċifiku (i.e.tqabbil sistematiku ma jitwettaqx); u

(c) ikun hemm motivazzjonijiet raġonevoli biex wieħed jikkunsidra li t-tqabbil jikkontribwixxi sostanzjalment għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali kkonċernati. Tali raġunijiet raġonevoli jeżistu b'mod partikolari fejn ikun hemm suspett sostanzjat li l-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor jaqgħu fil-kategorija koperta b'dan ir-Regolament.

2. It-talbiet għal tqabbil mad-data tal-Eurodac għandhom ikunu limitati għal tiftix bid-data tal-marki tas-swaba'.

*Artikolu 21*

**Kondizzjonijiet għall-aċċess għal data tal-Eurodac mill-Europol**

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2), l-awtorità maħtura tal-Europol tista' tippreżenta talba elettronika motivata għat-tqabbil ta' data dwar marki tas-swaba' mad-data maħżuna fis-Sistema Ċentrali fil-limiti tal-mandat tal-Europol u fejn hu meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tal-Europol biss jekk it-tqabbil ma' data dwar marki tas-swaba' maħżuna fi kwalunkwe sistema ta' pproċessar ta' informazzjoni li tkun teknikament u legalment aċċessibbli mill-Europol ma jkunx wassal sabiex tiġi stabbilita l-identità tas-suġġett tad-data u fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:.

(a) It-tqabbil huwa neċessarju biex tiġi appoġġjata u msaħħa azzjoni mill-Istati Membri fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra li jaqgħu fil-mandat tal-Europol, li jfisser li jkun jeżisti tħassib prevalenti ta' sigurtà pubblika li jirrendi it-tiftix fil-bażi tad-data xi ħaġa proporzjonata;

(b) it-tqabbil ikun meħtieġ f'każ speċifiku (jiġifieri tqabbil sistematiku ma jitwettaqx); kif ukoll

(c) ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jikkunsidra li t-tqabbil jikkontribwixxi sostanzjalment għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' kwalunkwe mir-reati kriminali kkonċernati. Tali motivazzjonijiet raġonevoli jeżistu b'mod partikolari fejn ikun hemm suspett sostanzjat li l-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor jaqgħu fil-kategorija koperta b'dan ir-Regolament.

2. It-talbiet għal tqabbil mad-data tal-Eurodac għandhom ikunu limitati għal tqabbil tad-data dwar marki tas-swaba'.

3. L-ipproċessar tal-informazzjoni miksub mill-Europol mit-tqabbil mad-data tal-Eurodac għandu jkun suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini. Awtorizzazzjoni bħal din għandha tinkiseb permezz tal-unità nazzjonali tal-Europol ta' dak l-Istat Membru.

*Artikolu 22*

**Komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet maħtura, l-awtoritajiet ta' verifika u l-Punti ta' Aċċess Nazzjonali**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26, kull komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet maħtura, l-awtoritajiet ta' verifika u l-Punti ta' Aċċess Nazzjonali għandhom ikunu sikuri u jsiru elettronikament.

2. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2), il-marki tas-swaba' għandhom jiġu pproċessati diġitalment mill-Istati Membri u jiġu trażmessi fil-format ta' data msemmi fl-Anness I, sabiex jiġi żgurat li t-tqabbil ikun jista' jseħħ permezz ta' sistema kompjuterizzata ta' għarfien tal-marki tas-swaba'.

## KAPITOLU VII

## IPPROĊESSAR TA' DATA, PROTEZZJONI TA' DATA U RESPONSABBILTÀ DWAR DATA

*Artikolu 23*

**Responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data**

1. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jkun responsabbli sabiex jiżgura li:

(a) il-marki tas-swaba' jittieħdu b'mod legali;

(b) id-data dwar il-marki tas-swaba' u data oħra msemmija fl-Artikolu 11, l-Artikolu 14(2) u Artikolu 17(2) tkun trażmessa b'mod legali lis-Sistema Ċentrali;

(c) id-data tkun preċiża u aġġornata meta tkun trażmessa lis-Sistema Ċentrali;

(d) mingħajr preġudizzju għar-responsabilitajiet tal-Aġenzija, id-data fis-Sistema Ċentrali tkun irreġistrata, maħżuna, korretta u mħassra b'mod legali;

(e) ir-riżultati ta' tqabbil ta' data dwar marki tas-swaba' trażmessi mis-Sistema Ċentrali jiġu pproċessati b'mod legali.

2. F'konformità mal-Artikolu 34, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jiżgura s-sigurtà tad-data msemmija fil-paragrafu 1 qabel u matul it-trażmissjoni lis-Sistema Ċentrali kif ukoll is-sigurtà tad-data li jirċievi mis-Sistema Ċentrali.

3. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jkun responsabbli għall-identifikazzjoni finali tad-data taħt l-Artikolu 25(4).

4. L-Aġenzija għandha tiżgura li s-Sistema Ċentrali tkun operata skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha:

(a) tadotta miżuri li jiżguraw li persuni li jaħdmu mas-Sistema Ċentrali jipproċessaw id-data rreġistrata hemmhekk biss b'mod konformi mal-għanijiet tal-Eurodac kif stabbiliti fl-Artikolu 1;

(b) tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiżgura s-sigurtà tas-Sistema Ċentrali skont l-Artikolu 34;

(c) tiżgura li persuni awtorizzati li jaħdmu mas-Sistema Ċentrali biss ikollhom aċċess għaliha, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif ukoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data bil-miżuri li tieħu konformement mal-ewwel subparagrafu.

*Artikolu 24*

**Trażmissjoni**

1. Il-marki tas-swaba' għandhom ikunu proċessati diġitalment u trażmessi fil-format tad-data msemmi fl-Anness I. Sa fejn ikun meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-ħtiġiet tekniċi għat-trażmissjoni tal-format tad-data mill-Istati Membri lis-Sistema Ċentrali u viċi versa. L-Aġenzija għandha tiżgura li d-data tal-marki tas-swaba' trażmessa mill-Istati Membri tista' titqabbel mis-sistema kompjuterizzata tal-għarfien tal-marki tas-swaba'.

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu elettronikament id-data msemmija fl-Artikolu 11, l-Artikolu 14(2) u Artikolu 17(2). Id-data msemmija fl-Artikolu 11 u l-Artikolu 14(2) għandha tiġi rreġistrata awtomatikament fis-Sistema Ċentrali. Sa fejn ikun meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-ħtiġijiet tekniċi biex tiżgura li d-data tista' tiġi trażmessa elettronikament mill-Istati Membri lis-Sistema Ċentrali u viċe versa.

3. In-numru ta' referenza msemmi fl-Artikoli 11(d), 14(2)(d), 17(1) u 19(1) għandu jagħmilha possibbli li d-data tkun relatata mingħajr ambigwità ma' persuna waħda partikolari u mal-Istat Membru li qed jittrażmetti d-data. Minbarra dan, għandu jagħmilha possibbli li jkun magħruf jekk din id-data għandhiex x'taqsam ma' persuna msemmija fl-Artikolu 9(1), l-Artikolu 14(1)jew l-Artikolu 17(1).

4. In-numru ta' referenza għandu jibda b'ittra jew ittri ta' identifikazzjoni li bihom, skont in-norma msemmija fl-Anness I, jiġi identifikat l-Istat Membru li jittrażmetti d-data. L-ittra jew ittri ta' identifikazzjoni għandhom ikunu segwiti bl-identifikazzjoni tal-kategorija tal-persuna jew tat-talba. "1" tirriferi għal data rigward persuni msemmija fl-Artikolu 9(1), "2" għall-persuni msemmija fl-Artikolu 14(1) u "3" għall-persuni msemmija fl-Artikolu 17(1), "4" għal talbiet imsemmija fl-Artikolu 20, "5" għal talbiet imsemmija fl-Artikolu "21" u "9" għal talbiet imsemmija fl-Artikolu 29.

5. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-proċeduri tekniċi meħtieġa għall-Istati Membri biex jiġi żgurat li s-Sistema Ċentrali tkun irċeviet data mingħajr ambigwità.

6 Is-Sistema Ċentrali għandha tikkonferma kemm jista' jkun malajr li tkun irċeviet id-data trażmessa. Għal dak l-iskop l-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-ħtiġijiet tekniċi meħtieġa biex tiżgura li l-Istati Membri jirċievu konferma li d-data tkun ġiet irċevuta, jekk mitluba.

*Artikolu 25*

**Tqabbil u trażmissjoni ta' riżultati**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trażmissjoni ta' data tal-marki tas-swaba' tkun ta' kwalità xierqa għall-iskopijiet ta' tqabbil permezz ta' sistema kompjuterizzata ta' għarfien tal-marki tas-swaba'. Sa fejn ikun meħtieġ biex ikun żgurat li r-riżultati tat-tqabbil mis-Sistema Ċentrali jilħqu livell għoli ħafna ta' preċiżjoni, l-Aġenzija għandha tiddefinixxi l-kwalità xierqa ta' data tal-marki tas-swaba' trażmessa. Is-Sistema Ċentrali għandha, kemm jista' jkun malajr, tivverifika l-kwalità tad-data tal-marki tas-swaba' trażmessa. Jekk id-data tal-marki tas-swaba' ma tistax titqabbel bl-użu ta' sistema kompjuterizzata ta' għarfien tal-marki tas-swaba', is-Sistema Ċentrali għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat. Dak l-Istat Membru għandu konsegwentement jittrażmetti d-data tal-marki tas-swaba' ta' kwalità xierqa billi juża l-istess numru ta' referenza tas-sett preċedenti ta' data ta' marki tas-swaba'.

2. Is-Sistema Ċentrali għandha tagħmel it-tqabbil fl-ordni ta' kif jaslu t-talbiet. Kull talba għandha tinhadem f'24 siegħa. Stat Membru jista' għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-liġi nazzjonali jeħtieġ tqabbil partikolarment urġenti biex isir f'siegħa. Meta dawn il-limiti ta' ħin ma jistgħux ikunu rispettati minħabba ċirkostanzi li huma 'il barra mir-responsabbiltà tal-Aġenzija, is-Sistema Ċentrali għandha tipproċessa t-talba bħala kwistjoni ta' prijorità hekk kif dawk iċ-ċirkostanzi ma jibqgħux aktar fis-seħħ. F'dawn il-każijiet, sa fejn ikun meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi kriterji biex ikun żgurat li t-talbiet jiġu trattati skont il-prijorità.

3. Sa fejn ikun meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-proċeduri operattivi għall-ipproċessar tad-data riċevuta u għat-trażmissjoni tar-riżultat tat-tqabbil.

4. Ir-riżultati tat-tqabbil għandhom jiġu minnufih iċċekkjati fl-Istat Membru li jirċevihom minn espert tal-marki tas-swaba' kif definit f'konformità mar-regoli nazzjonali, imħarreġ speċifikament fit-tipi differenti ta' tqabbil ta' marki tas-swaba' stipulati f'dan ir-Regolament. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, għandha ssir identifikazzjoni finali mill-Istat Membru ta' oriġini b'kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn ikkonċernati, taħt l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

Informazzjoni li tiġi rċevuta mis-Sistema Ċentrali li jkollha x'taqsam ma' data oħra li tinstab li ma tkunx affidabbli għandha tiġi mħassra malli tiġi stabbilita l-inaffidabbiltà tad-data.

5. Fejn l-identifikazzjoni finali skont il-paragrafu 4 turi li r-riżultat tat-tqabbil irċevut mis-Sistema Ċentrali ma jikkorrispondix mad-data tal-marki tas-swaba' għat-tqabbil, l-Istati Membri għandhom immedjatament iħassru r-riżultat tat-tqabbil u jikkomunikaw dan il-fatt mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard minn tliet ġranet ta' xogħol lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija.

*Artikolu 26*

**Komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u s-Sistema Ċentrali**

Data trażmessa mill-Istati Membri lis-Sistema Ċentrali u viċe versa għandha tuża l-Infrastruttura ta' KomunikazzjoniEurodac. Sa fejn ikun meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-proċeduri tekniċi meħtieġa għall-użu tal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni.

*Artikolu 27*

**Aċċess għal data rreġistrata fil-Eurodac u l-korrezzjoni u t-tħassir tagħha**

1. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jkollu aċċess għal data li hu jkun ittrażmetta u li tkun irreġistrata fis-Sistema Ċentrali skont dan ir-Regolament.

L-ebda Stat Membru ma jista' jagħmel tfittxija fid-data trażmessa minn Stat Membru ieħor, lanqas ma jista' jirċievi dik id-data apparti minn data li tirriżulta mit-tqabbil imsemmi fl-Artikolu 9(5).

2. L-awtoritajiet tal-Istati Membri li, bis-saħħa tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ikollhom aċċess għal data rreġistrata fis-Sistema Ċentrali għandhom ikunu dawk maħtura minn kull Stat Membru għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1). Din il-ħatra għandha tispeċifika l-unità proprja responsabbli mit-twettiq tal-kompiti relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lista ta' dawk l-unitajiet u kwalunkwe emenda għaliha lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija mingħajr dewmien. L-Aġenzija għandha tippubblika l-lista kkonsolidata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fejn ikun hemm emendi, l-Aġenzija għandha tippubblika online lista kkonsolidata aġġornata darba fis-sena.

3. L-Istat Membru ta' oriġini biss għandu jkollu d-dritt li jemenda d-data li jkun ittrażmetta lis-Sistema Ċentrali billi jikkoreġi jew iżid ma' dik id-data, jew iħassarha kollha, mingħajr preġudizzju għat-tħassir li jsir taħt l-Artikolu 12(2) jew l-Artikolu 16(1).

4. Jekk Stat Membru jew l-Aġenzija jkollhom evidenza li tissuġġerixxi li data rreġistrata fis-Sistema Ċentrali tkun fil-fatt mhux eżatta, għandhom javżaw lill-Istat Membru ta' oriġini kemm jista' jkun malajr.

Jekk Stat Membru jkollu evidenza li tissuġġerixxi li tkun ġiet irreġistrata data fis-Sistema Ċentrali bi ksur ta' dan ir-Regolament, għandu javża lill-Aġenzija, lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru ta' oriġini kemm jista' jkun malajr. L-Istat Membru tal-oriġini għandu jiċċekkja d-data kkonċernata u, jekk ikun hemm bżonn, jemendaha jew iħassarha mingħajr dewmien.

5. L-Aġenzija ma għandhiex tittrasferixxi jew tagħmel disponibbli lill-awtoritajiet ta' ebda pajjiż terz data rreġistrata fis-Sistema Ċentrali. Din il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għal trasferimenti ta' tali data lil pajjiżi terzi li għaliha japplika r-Regolament (UE) Nru 604/2013.

*Artikolu 28*

**Żamma tar-reġistri**

1. L-Aġenzija għandha żżomm reġistrazzjonijiet ta' kull operazzjoni ta' pproċessar ta' data fi ħdan is-Sistema Ċentrali. Dawn ir-reġistrazzjonijiet għandhom juru l-għan, id-data u l-ħin tal-aċċess, id-data trażmessa, id-data użata għal interrogazzjoni u l-isem kemm tal-unità li ddaħħal jew li tikseb id-data u l-persuni responsabbli.

2. Ir-reġistrazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jintużaw biss għall-kontroll dwar il-protezzjoni ta' data dwar l-ammissibbiltà tal-ipproċessar ta' data, kif ukoll sabiex jiżguraw is-sigurtà tad-data taħt l-Artikolu 34. Ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikunu protetti b'miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jiġu mħassra wara perjodu ta' sena wara li l-perjodu tal-ħżin imsemmi fl-Artikolu 12(1) u fl-Artikolu 16(1) ikun skada, jekk ma jkunux meħtieġa għal proċeduri ta' kontroll li jkunu diġà bdew.

3. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1), kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jilħaq l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tas-sistema nazzjonali tiegħu. Minbarra dan, kull Stat Membru għandu jżomm reġistri tal-persunal debitament awtorizzat li jdaħħal u jikseb id-data.

*Artikolu 29*

**Drittijiet tas-suġġett tad-data**

1. Persuna koperta bl-Artikolu 9(1), l-Artikolu 14(1) jew l-Artikolu 17(1) għandha tkun infurmata mill-Istat Membru ta' oriġini bil-miktub, u fejn meħtieġ, oralment, b'lingwa li hija tifhem jew li hija raġonevolment preżunta li tifhem, dwar dan li ġej:

(a) l-identità tal-kontrollur fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 95/46/KE u tar-rappreżentant tiegħu, jekk ikun hemm;

(b) l-għan li għalih id-data tal-persuna se tkun ipproċessata fil-Eurodac, inkluża deskrizzjoni tal-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, taħt l-Artikolu 4 tiegħu, u spjegazzjoni, f'forma komprensibbli, bl-użu ta' lingwa ċara u sempliċi, tal-fatt li l-Eurodac jista' jsir aċċess għalih mill-Istati Membri u mill-Europol għal finijiet ta' infurzar tal-liġi,;

(c) dawk li jirċievu d-data;

(d) għal dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu 9(1) jew bl-Artikolu 14(1), l-obbligu li jittieħdulha l-marki tas-swaba';

(e) id-dritt tal-aċċess għal data relatata magħha u d-dritt li persuna titlob li data mhux eżatta dwarha tiġi korretta jew li data proċessata illegalment dwarha tithassar, kif ukoll id-dritt li tirċievi informazzjoni dwar il-proċeduri għal eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet, inkluż id-dettalji ta' kuntatt tal-kontrollur u tal-awtoritajiet tas-sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 30(1).

2. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu 9(1) jew bl-Artikolu 14(1), l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi pprovduta fil-ħin meta jittieħdu l-marki tas-swaba' tagħha.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu 17(1), l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tingħata mhux aktar tard mill-ħin meta d-data li jkollha x'taqsam ma' dik il-persuna tiġi trażmessa lis-Sistema Ċentrali. Dak l-obbligu m'għandux japplika fejn l-għoti ta' dik l-informazzjoni jirriżulta impossibbli jew ikun jinvolvi sforz sproporzjonat.

Fejn persuna koperta bl-Artikolu 9(1), l-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 17(1) tkun minorenni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni b'mod adattat għall-età

3. Fuljett komuni, li jiġbor fih tal-anqas l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu ta' dan l-Artikolu u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013. għandu jitfassal skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 44(2) ta' dak ir-Regolament.

Il-fuljett għandu jkun ċar u sempliċi, abbozzat f'lingwa li l-persuna kkonċernata tifhem jew li hija raġonevolment preżunta li tifhem.

Il-fuljett għandu jiġi fformulat b'tali mod li jippermetti lill-Istati Membri jimlewh b'informazzjoni addizzjonali speċifika għall-Istat Membru. Din l-informazzjoni speċifika għall-Istat Membru għandha tinkludi għall-inqas id-drittijiet tas-suġġett tad-data, il-possibbiltà ta' assistenza mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali kif ukoll id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċju tal-kontrollur u tal-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali.

4. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, f'kull Stat Membru kwalunkwe suġġett ta' data jista', taħt il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' dak l-Istat, jeżerċita d-drittijiet previsti fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 95/46/KE.

Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jagħti informazzjoni oħra skont l-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 95/46/KE, is-suġġett tad-data għandu jkollu d-dritt li jikseb komunikazzjoni tad-data li jkollha x'taqsam miegħu reġistrata fis-Sistema Ċentrali u tal-Istat Membru li ttrażmettiehom lis-Sistema Ċentrali. Tali aċċess għad-data jista' jingħata biss minn Stat Membru.

5. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1), f'kull Stati Membri, kwalunkwe persuna tista' titlob li data li tkun fattwalment mhux preċiża tiġi kkoreġuta jew li dik id-data li tkun ġiet reġistrata kontra l-liġi tiġi mħassra. Il-korrezzjoni u t-tħassir għandhom jitwettqu mingħajr dewmien eċċessiv mill-Istat Membru li ttrażmetta d-data, taħt il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tiegħu.

6. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1), jekk id-drittijiet ta' korrezzjoni u tħassir jiġu eżerċitati fi Stat Membru li ma jkunx dak li, jew ma jkunux dawk li, ttrażmettew id-data, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom jikkomunikaw mal-awtoritajiet tal-Istat Membru jew Stati Membri li jkunu ttrażmettew id-data sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jiċċekkja l-korrettezza tad-data u l-legalità tat-trażmissjoni u r-reġistrazzjoni tagħha fis-Sistema Ċentrali.

7. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1), jekk jinstab li data rreġistrata fis-Sistema Ċentrali tkun fil-fatt impreċiża jew tkun ġiet irreġistrata kontra l-liġi, l-Istat Membru li ttrażmettieha għandu jikkoreġi jew iħassar id-data taħt l-Artikolu 27(3). Dak l-Istat Membru għandu jikkonferma bil-miktub lis-suġġett tad-data mingħajr dewmien eċċessiv li hu jkun ħa l-passi sabiex jikkoreġi jew iħassar id-data dwaru.

8. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1), jekk l-Istat Membru li ttrażmetta d-data ma jaqbilx li data rreġistrata fis-Sistema Ċentrali hija fattwalment impreċiża jew li ġiet irreġistrata kontra l-liġi, għandu jispjega bil-miktub lis-suġġett tad-data mingħajr dewmien eċċessiv ir-raġuni għaliex mhuwiex lest li jikkoreġi jew iħassar id-data.

Dak l-Istat Membru għandu jipprovdi wkoll lis-suġġett tad-data l-informazzjoni li tispjega liema passi jista' jieħu jekk hu ma jaċċettax l-ispjegazzjoni mogħtija. Din għandha tinkludi informazzjoni dwar kif tiġi istitwita kawża jew, jekk ikun xieraq, kif jitressaq ilment quddiem l-awtoritajiet kompetenti jew il-qrati ta' dak l-Istat Membru u kull għajnuna finanzjarja jew għajnuna oħra li tkun disponibbli taħt il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' dak l-Istat Membru.

9. Kwalunkwe talba skont il-paragrafi 4 u 5 għandu jkun fiha d-dettalji kollha neċessarji sabiex ikun identifikat is-suġġett tad-data, inklużi l-marki tas-swaba'. Tali informazzjoni għandha tintuża esklużivament sabiex tippermetti l-eżerċizzju tad-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 4 u 5 u għandha tiġi mħassra immedjatament wara.

10. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw b'mod attiv sabiex jinfurzaw fil-pront id-drittijiet stabbiliti fil-paragrafi 5, 6 u 7.

11. Kull meta persuna titlob data marbuta magħha skont il-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti għandha żżomm reġistru fil-forma ta' dokument bil-miktub li saret din it-talba u kif din ġiet indirizzata, u għandha tagħmel dak id-dokument disponibbli lill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali mingħajr dewmien.

12. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, f'kull Stat Membru, l-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha, abbażi tat-talba tiegħu jew tagħha, tassisti lis-suġġett tad-data skont l-Artikolu 28(4) tad-Direttiva 95/46/KE fl-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu.

13. Għall-finijiet stabbilti fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità ta' Sorveljanza Nazzjonali tal-Istat Membru li ttrażmetta d-data u l-Awtorità ta' Sorveljanza Nazzjonali tal-Istat Membru li fih is-suġġett is-suġġett tad-data jkun preżenti għandhom jassistu u, fejn mitlub, jagħtuh parir fl-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu sabiex tkun ikkoreġuta jew titħassar id-data. Iż-żewġ awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali għandhom jikkooperaw għal dan il-għan. Talbiet għal tali għajnuna jistgħu jkunu magħmula lill-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali tal-Istat Membru li fih is-suġġett tad-data jkun preżenti, li għandha tittrażmetti t-talbiet lill-awtorità tal-Istat Membru li ttrażmetta d-data.

14. F'kull Stat Membru kwalunkwe persuna tista', taħt il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' dak l-Istat, tieħu azzjoni jew, jekk ikun xieraq, tressaq ilment quddiem l-awtoritajiet kompetenti jew il-qrati ta' dak l-Istat jekk lilha jiġi rrifjutat id-dritt ta' aċċess preskritt fil-paragrafu 4.

15. Kwalunkwe persuna tista', taħt il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Istat Membru li ttrażmetta d-data, tieħu azzjoni jew, jekk ikun xieraq, tressaq ilment quddiem l-awtoritajiet kompetenti jew il-qrati ta' dak l-Istat dwar id-data relatata magħha rreġistrata fis-Sistema Ċentrali, sabiex teżerċita d-drittijiet tagħha skont il-paragrafu 3. L-obbligu tal-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali sabiex jassistu u, fejn mitlub, jagħtu parir lis-suġġett tad-data skont il-paragrafu 13 jibqa' jeżisti matul il-proċedimenti.

*Artikolu 30*

**Sorveljanza mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali**

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità jew awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali maħtura skont l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46/KE jissorveljaw b'mod indipendenti, taħt il-liġi nazzjonali rispettiva tagħha, il-legalità tal-ipproċessar, f'konformità ma' dan ir-Regolament, ta' data personali mill-Istat Membru inkwistjoni, inkluża t-trażmissjoni tagħha lis-Sistema Ċentrali.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-Awtorità ta' Sorveljanza Nazzjonali tiegħu jkollha aċċess għal parir minn persuni b'għarfien suffiċjenti dwar data dwar il-marki tas-swaba'.

*Artikolu 31*

**Sorveljanza mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

1. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jiżgura li l-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data personali li jirrigwardaw lill-Eurodac, partikolarment mill-Aġenzija, jitwettqu skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u ma' dan ir-Regolament.

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jiżgura li ssir verifika tal-attivitajiet ta' pproċessar ta' data personali tal-Aġenzija skont l-istandards internazzjonali ta' verifika mill-inqas kull tliet snin. Għandu jintbagħat rapport ta' tali verifika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija, u lill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali. L-Aġenzija għandha tingħata opportunità li tikkumenta qabel jiġi adottat ir-rapport.

*Artikolu 32*

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

1. L-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom, filwaqt li kull wieħed minnhom jaġixxi fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tiegħu, jikkooperaw attivament fil-qafas tar-responsabbiltajiet tagħhom u għandhom jiżguraw sorveljanza kkoordinata tal-Eurodac.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull sena ssir verifika tal-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) minn entità indipendenti, f'konformità mal-Artikolu 33(2), inkluża analiżi ta' kampjun ta' talbiet elettroniċi motivati.

Il-verifika għandha tiġi mehmuża mar-rapport annwali tal-Istati Membri msemmi fl-Artikolu 40(7).

3. L-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom, filwaqt li jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jagħmlu skambju ta' informazzjoni rilevanti, jassistu lil xulxin fit-twettiq ta' verifiki u ispezzjonijiet, jeżaminaw diffikultajiet ta' interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jistudjaw problemi fl-eżerċizzju ta' sorveljanza indipendenti jew fl-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-data, ifasslu proposti armonizzati għal soluzzjonijiet konġunti għal kull problema u jippromwovu kuxjenza dwar id-drittijiet ta' protezzjoni tad-data, skont il-ħtieġa.

4. Għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 3,l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jiltaqgħu mill-inqas darbtejn fis-sena. L-ispejjeż u s-servizzi ta' appoġġ ta' dawn il-laqgħat għandhom jitħallsu mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Għandhom jiġu adottati r-regoli ta' proċedura fl-ewwel laqgħa. Metodi ta' ħidma ulterjuri għandhom jiġu żviluppati b'mod konġunt skont il-bżonn. Rapport konġunt ta' attivitajiet għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija kull sentejn.

*Artikolu 33*

**Il-protezzjoni ta' data personali għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi**

1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi sabiex id-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali li jimplimentaw id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI jkunu applikabbli wkoll għall-ipproċessar tad-data personali mill-aworitajiet nazzjonali tiegħu għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolamenti.

2. Il-monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar tad-data personali taħt dan ir-Regolament mill-Istati Membri għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolamenti, inkluża t-trażmissjoni tagħhom lil u mill-, għandu jsir mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali maħtura skont id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI.

3. L-ipproċessar tad-data personali mill-Europol taħt dan ir-Regolament għandu jkun f'konformità mad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI u għandu jiġi ssorveljat minn superviżur estern indipendenti tal-protezzjoni tad-data. L-Artikoli 30, 31 u 32 ta' dik id-Deċiżjoni għandhom ikunu applikabbli għall-ipproċessar ta' data personali mill-Europol konformement ma' dan ir-Regolament. Is-superviżur estern indipendenti tal-protezzjoni tad-data għandu jiżgura li d-drittijiet tal-individwu ma jinkisrux.

4. Id-data personali miksuba skont dan ir-Regolament mill-Eurodac għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) għandha tkun ipproċessata biss għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni tal-każ speċifiku li għalih id-data ġiet mitluba minn Stat Membru jew mill-Europol.

5. Is-Sistema Ċentrali, l-awtoritajiet maħtura u ta' verifika u l-Europol għandhom iżommu rekords tat-tiftixiet sabiex l-awtoritajiet nazzjonali ta' protezzjoni tad-data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jkunu jistgħu jimmonitorjaw il-konformità tal-ipproċessar tad-data mar-regoli tal-Unjoni dwar l-ipproċessar tad-data, inkluż għall-fini li jinżammu rekords sabiex jiġu imħejjija r-rapporti annwali msemmija fl-Artikolu 40(7). Ħlief għal dawn il-finijiet, id-data personali, kif ukoll ir-reġistrazzjoni tat-tiftix, għandhom jitħassru mill-fajls kollha nazzjonali u tal-Europol wara perjodu ta' xahar, ħlief jekk id-data tkun meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjoni kriminali speċifika li tkun għaddejja u li għaliha tkun intalbet id-data minn xi Stat Membru jew mill-Europol.

*Artikolu 34*

**Sigurtà tad-data**

1. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jiżgura s-sigurtà tad-data qabel u waqt it-trażmissjoni lis-Sistema Ċentrali.

2. Kull Stat Membru għandu, relattivament għad-data kollha pproċessata mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu taħt dan ir-Regolament, jadotta l-miżuri neċessarji, inkluż pjan ta' sigurtà, sabiex:

(a) jipproteġi b'mod fiżiku d-data, inkluż billi joħloq pjanijiet ta' kontinġenza għall-protezzjoni ta' infrastruttura kritika;

(b) jiċħad l-aċċess għal persuni mhux awtorizzati għal installazzjonijiet nazzjonali li fihom l-Istat Membru jwettaq operazzjonijiet f'konformità mal-finijiet tal-Eurodac (kontrolli mad-dħul fl-installazzjoni);

(c) jipprevjeni l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tneħħija mhux awtorizzati ta' midja tad-data (kontroll tal-midja tad-data);

(d) jipprevjeni l-input mhux awtorizzat ta' data u l-ispezzjoni, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzati ta' data personali maħżuna (kontroll tal-ħażna);

(e) jipprevjeni l-ipproċessar mhux awtorizzat ta' data fil-Eurodac u kwalunkwe modifika jew tħassir mhux awtorizzati ta' data pproċessata fil-Eurodac (kontroll ta' input ta' data);

(f) jiżgura li l-persuni awtorizzati għal aċċess għall-Eurodac ikollhom aċċess biss għad-data koperta mill-awtorizzazzjoni tal-aċċess tagħhom, permezz ta' user IDs individwali u uniċi u modi ta' aċċess kunfidenzjali (kontroll tal-aċċess għad-data);

(g) jiżgura li l-awtoritajiet kollha bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac joħolqu profili li jiddeskrivu l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-persuni li huma awtorizzati għal aċċess, input, aġġornament, tħassir u tiftix ta' data u jagħmlu dawk il-profili u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li dawk l-awtoritajiet jistgħu jirrikjedu għal skopijiet ta' superviżjoni disponibbli għall-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE u fl-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI mingħajr telf ta' żmien b'talba tagħhom (profili tal-persunal);

(h) jiżgura li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit lil liema entitajiet tista' tiġi trażmessa data personali bl-użu ta' tagħmir għall-komunikazzjoni tad-data (kontroll tal-komunikazzjoni);

(i) jiżgura li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit liema data ġiet ipproċessata fil-Eurodac, meta, minn min u għal liema skop (kontroll tar-reġistrazzjoni tad-data);

(j) jipprevjeni l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzat ta' data personali matul it-trażmissjoni ta' data personali lil jew mill-Eurodac jew waqt it-trasport ta' midja tad-data, b'mod partikolari permezz ta' tekniki xierqa ta' kodifikazzjoni (kontroll tat-trasport).

(k) jimmonitorja l-effettività tal-miżuri ta' sigurtà msemmija f'dan il-paragrafu u jieħu l-miżuri organizzattivi meħtieġa relatati mal-monitoraġġ intern sabiex jiżgura konformità ma' dan ir-Regolament (awto-verifika) u biex fi żmien 24 siegħa jidentifika awtomatikament kull każ relevanti fl-applikazzjoni ta' miżuri elenkati fil-punti (b) sa (j) li jistgħu jindikaw is-seħħ ta' inċident ta' sigurtà.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija dwar inċidenti ta' sigurtà identifikati fis-sistemi tagħhom. L-Aġenzija għandha tinforma lill-Istati Membri, lill-Europol u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'każ ta' inċidenti ta' sigurtà. L-Istati Membri kkonċernati, l-Aġenzija u l-Europol għandhom jikkollaboraw waqt inċident ta' sigurtà.

4. L-Aġenzija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tilħaq l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 fir-rigward tal-operazzjoni tal-Eurodac, inkluża l-adozzjoni ta' pjan ta' sigurtà.

*Artikolu 35*

**Projbizzjoni tat-trasferimenti tad-data lil pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali jew entitajiet privati**

1. Id-data personali miksuba minn Stat Membru jew il-Europol taħt dan ir-Regolament mis-Sistema Ċentrali m'għandhiex tiġi trasferita jew titpoġġa għad-dispożizzjoni ta' ebda pajjiż terz, organizzazzjoni internazzjonali jew entità privata stabbilita fl-Unjoni jew barra minnha. Din il-projbizzjoni għandha tapplika wkoll jekk din id-data tiġi pproċessata ulterjorment fil-livell nazzjonali jew bejn Stati Membri fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(b) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI.

2. Data personali li tkun oriġinat fi Stat Membru u skambjata bejn Stati Membri konsegwentement għal hit miksuba għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) ma għandhiex tiġi ttrasferita lil pajjiżi terzi jekk ikun hemm riskju serju li bħala riżultat ta' tali trasferiment is-suġġett tad-data jista' jiġi suġġett għal tortura, trattament jew kastig inuman u degradanti jew kwalunkwe ksur ta' drittijiet fundamentali.

3. Il-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jittrasferixxu tali data lil pajjiżi terzi li japplika għalihom ir-Regolament (UE) Nru 604/2013.

*Artikolu 36*

**Reġistrazzjoni u dokumentazzjoni**

1. Kull Stat Membru u l-Europol għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data kollha li jirriżultaw minn talbiet għal tqabbil mad-data tal-Eurodac għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) jiġu rreġistrati jew dokumentati għall-finijiet tal-verifika tal-ammissibbiltà tat-talba, u l-monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar tad-data u l-integrità u s-sigurtà tad-data u għall-awto-monitoraġġ.

2. Ir-reġistrazzjoni jew id-dokumentazzjoni għandhom juru fil-każi kollha:

(a) l-iskop preċiż tat-talba għat-tqabbil, inkluża l-forma kkonċernata tar-reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor u, għall-Europol, l-iskop preċiż tat-talba għat-tqabbil;

(b) ir-raġunijiet raġonevoli mogħtija biex ma jsirx tqabbil ma' Stati Membri oħra taħt id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, f'konformità mal-Artikolu 20(1) ta' dan ir-Regolament;

(c) ir-referenza tal-fajl nazzjonali;

(d) id-data u l-ħin preċiż tat-talba għat-tqabbil mill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali lis-Sistema Ċentrali;

(e) l-isem tal-awtorità li tkun talbet l-aċċess għat-tqabbil, u l-persuna responsabbli li tkun għamlet it-talba u li pproċessat id-data;

(f) fejn ikun applikabbli l-użu ta' proċedura urġenti msemmija fl-Artikolu 19(3) u d-deċiżjoni meħuda fir-rigward tal-verifika ex post;

(g) id-data użata għat-tqabbil;

(h) f'konformità mar-regoli nazzjonali jew mad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI, il-marka li tidentifika lill-uffiċjal li jkun għamel it-tiftix u l-uffiċjal li jkun ordna t-tiftix jew il-forniment ta' data.

3. Ir-reġistrazzjonijiet u d-dokumentazzjoni għandhom jintużaw biss għall-monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar tad-data u sabiex ikunu żgurati l-integrità u s-sigurtà tad-data. Huma biss reġistrazzjonijiet ta' data mhux personali li jistgħu jintużaw għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 40. L-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali kompetenti responsabbli għall-verifika tal-ammissibbiltà tat-talba u l-monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar tad-data u l-integrità u s-sigurtà tad-data għandu jkollhom aċċess għal dawn ir-reġistrazzjonijiet fuq talba tagħhom bl-iskop li jaqdu dmirijiethom.

*Artikolu 37*

**Responsabbiltà**

1. Kwalunkwe persuna jew Stat Membru li jkunu sofrew ħsara minħabba operazzjoni ta' proċessar illegali jew minħabba kwalunkwe att inkompatibbli ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu intitolati li jirċievu kumpens mill-Istat Membru responsabbli għall-ħsara li jkun sofrew. Dak l-Istat għandu jkun eżentat mir-responsabbiltà tiegħu, interament jew parzjalment, jekk jagħti prova li ma jkunx responsabbli għall-kwistjoni li tkun ikkawżat il-ħsara.

2. Jekk in-nuqqas ta' Stat Membru milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt dan ir-Regolament jikkawża ħsara lis-Sistema Ċentrali, dak l-Istat Membru għandu jinżamm responsabbli għal dik il-ħsara, sakemm u sa fejn l-Aġenzija jew Stat Membru ieħor ma jkunux naqsu milli jieħdu passi raġonevoli sabiex iżommu milli ssir ħsara jew sabiex jimminimizzaw l-impatt.

3. Talbiet għal kumpens kontra Stat Membru għall-ħsara msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu regolati mid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jrid jiddefendi ruħu.

KAPITOLU VIII

**EMENDI GĦAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1077/2011**

*Artikolu 38*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1077/2011**

Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

*Kompiti relatati mal-Eurodac*

Fir-rigward tal-Eurodac, l-Aġenzija għandha twettaq:

(a) il-kompiti konferiti fuqha bir-Regolament (UE) Nru 603/2013. [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru [604/2013] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida] u fuq talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi (*); u

(b) il-kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku tal-Eurodac.

---

(*) ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1.";

(2) L-Artikolu 12(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (u) u (v) jinbidlu b'dan li ġej:

"(u) jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013;

(v) jagħmel kummenti dwar ir-rapporti tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-verifiki skont l-Artikolu 45(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006, l-Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 31(2) tar-Regolament Nru 603/2013 u jiżgura segwitu xieraq ta' dawk il-verifiki;";

(b) il-punt (x) jinbidel b'dan li ġej:

"(x) jiġbor statistiki dwar il-ħidma tas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru. 603/2013;";

(c) il-punt (z) jinbidel b'dan li ġej:

"(z) jiżgura l-pubblikazzjoni annwali tal-lista ta' unitajiet skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013;";

(3) L-Artikolu 15(4) jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-Europol u l-Eurojust jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservaturi meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni li tikkonċerna s-SIS II, fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI. Il-Europol jista' jattendi wkoll il-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservatur meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni li tikkonċerna l-VIS, fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI, jew meta jkun hemm kwistjoni li tikkonċerna lill-Eurodac, relattivament għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, fuq l-aġenda.";

(4) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, il-punt (g) jinbidel b'dan li ġej:

"(g) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali, jistabbilixxi rekwiżiti ta' kunfidenzjalità sabiex ikun konformi mal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006, l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, l-Artikolu 26(9) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013;";

(b) fil-paragrafu 6, il-punt (i) jinbidel b'dan li ġej:

"(i) jirrapporta dwar il-funzjonament tekniku ta' kull sistema tal-IT fuq skala kbira msemmija fl-Artikolu 12(1)(t) u r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac imsemmija fl-Artikolu 12(1)(u), abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.";

(5) L-Artikolu 19(3) jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-Europol u l-Eurojust jistgħu jaħtru rappreżentant kull wieħed għall-Grupp Konsultattiv tas-SIS II. Il-Europol jista' jaħtar ukoll rappreżentant għall-Gruppi Konsultattivi tal-VIS u tal-Eurodac.".

## KAPITOLU IX

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 39*

### Spejjeż

1. L-ispejjeż li jirriżultaw b'konnessjoni mat-twaqqif u t-tħaddim tas-Sistema Ċentrali u l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għandhom jinġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

2. L-ispejjeż li jsiru minn punti ta' aċċess nazzjonali u l-ispejjeż għall-konnessjoni mas-Sistema Ċentrali għandhom jinġarrbu minn kull wieħed mill-Istati Membri.

3. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm bi spejjeż tiegħu l-infrastruttura teknika meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament, u jkun responsabbli għall-ispejjeż li jirriżultaw mit-talbiet għal tqabbil mad-data tal-Eurodac għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 40*

### Rapport annwali: monitoraġġ u valutazzjoni

1. L-Aġenzija għandha tissottometti rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, inkluż dwar il-funzjonament u s-sigurtà tagħha. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-Eurodac skont indikaturi kwantitattivi definiti minn qabel għall-għanijiet imsemmijin fil-paragrafu 2.

2. L-Aġenzija għandha tiżgura li jkunu stabbiliti proċeduri sabiex jimmonitorjaw il-funzjonament tas-Sistema Ċentrali skont l-għanijiet relatati mal-output, l-effettività fil-konfront tal-ispejjeż magħmula u l-kwalità ta' servizz.

3. Għall-finijiet tal-manutenzjoni teknika, ir-rappurtar u l-istatistika, l-Aġenzija għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni meħtieġa relatata mal-operazzjonijiet tal-ipproċessar magħmula fis-Sistema Ċentrali.

4. Sa 20 ta' Lulju 2018 u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni ġenerali tal-Eurodac, billi teżamina r-riżultati miksuba meta mqabbla mal-għanijiet, u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, inkluż jekk l-aċċess għall-infurzar tal-liġi wassalx għal diskriminazzjoni indiretta kontra persuni koperti b'dan ir-Regolament, u tagħmel stima dwar il-validità kontinwata tar-raġunijiet bażiċi li għalihom ġie mwaqqaf, u kull implikazzjoni għal ħidmiet fil-futur, u għandha tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex ifasslu r-rapport annwali msemmi fil-paragrafi 1.

6. L-Aġenzija, l-Istati Membri u l-Europol għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex jitfasslu r-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 5. Din l-informazzjoni ma għandhiex tippreġudika l-metodi ta' ħidma u lanqas tinkludi informazzjoni li tiżvela s-sorsi, il-membri tal-persunal jew investigazzjonijiet tal-awtoritajiet maħtura.

7. Filwaqt li jirrispetta d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni sensittiva, kull Stat Membru u l-Europol għandhom jippreparaw rapporti annwali dwar l-effettività tat-tqabbil tad-data tal-marki tas-swaba' mad-data tal-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, li jkun fihom informazzjoni u statistika dwar:

— l-iskop preċiż tat-tqabbil, inkluż it-tip ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju,

— ir-raġunijiet raġjonevoli mogħtija biex ma jsirx tqabbil ma' Stati Membri oħra taħt id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, f'konformità mal-Artikolu 20(1) ta' dan ir-Regolament,

— in-numru ta' talbiet għal tqabbil,

— in-numru u t-tip ta' każijiet li rriżultaw f'identifikazzjonijiet pożittivi, u

— il-ħtieġa u l-użu tal-każ eċċezzjonali ta' urġenza, inklużi dawk il-każijiet fejn l-urġenza ma ġietx aċċettata mill-verifika ex post magħmula mill-awtorità ta' verifika.

— Ir-rapporti annwali tal-Istati Membri u tal-Europol għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

8. Abbażi tar-rapporti annwali tal-Istati Membri u tal-Europol previsti fil-paragrafu 8 u b'żieda mal-valutazzjoni ġenerali prevista fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport annwali dwar l-aċċess tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac u għandha tittrażmettiha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

*Artikolu 41*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li kwalunkwe pproċessar ta' data mdaħħla fis-Sistema Ċentrali li ma jaqbilx mal-għanijiet tal-Eurodac kif stabbilit fl-Artikolu 1 ikun punibbli b'penali, inkluż penali amministrattivi u/jew kriminali taħt il-liġi nazzjonali, li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 42*

**Ambitu territorjali**

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhom japplikaw għal ebda territorju li r-Regolament (UE) Nru 604/2013 ma' japplikax għalih.

*Artikolu 43*

**Notifika tal-awtoritajiet maħturin u tal-awtoritajiet ta' verifika**

1. Sal-20 ta' Ottubru 2013 kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet maħtura tiegħu, bl-unitajiet operattivi msemmija fl-Artikolu 5(3) u bl-awtorità ta' verifika tiegħu, u għandu jinnotifika mingħajr dewmien kwalunkwe emenda li ssirilhom.

2. Sal-20 ta' Ottubru 2013 il-Europol għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-awtorità maħtura tiegħu, bl-awtorità ta' verifika tiegħu u bil-Punt ta' Aċċess Nazzjonali li jkun stabbilixxa, u għandu jinnotifika mingħajr dewmien kwalunkwe emenda li ssirilhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fuq bażi annwali u permezz ta' pubblikazzjoni elettronika li tkun disponibbli online u aġġornata mingħajr dewmien.

*Artikolu 44*

**Dispożizzjoni tranżizzjonali**

Data mblukkata fis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 2725/2000 għandha tiġi żblukkata u mmarkata skont l-Artikolu 18(1) ta' dan ir-Regolament fl-20 ta' Lulju 2015.

*Artikolu 45*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 2725/2000 u r-Regolament -(KE) Nru 407/2002 b'dan jitħassru b'effett mill-20 ta' Lulju 2015.

Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 46*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-20 ta' Lulju 2015.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-Kummissjoni u l-Aġenzija malli jkunu għamlu l-arranġamenti teknići biex tiġi trażmessa d-data lis-Sistema Ċentrali, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-20 ta' Lulju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A. SHATTER |

*ANNESS I*

**Formola għal format tad-data u marki tas-swaba'**

Format tad-data għall-iskambju tad-data tal-marki tas-swaba'

Il-format li ġej huwa preskritt għall-iskambju tad-data dwar marki tas-swaba':

ANSI/NIST-ITL 1a-1997, Ver.3, Ġunju 2001 (INT-1) u kull żvilupp futur ta' dan l-istandard.

In-norma tal-ittri ta' identifikazzjoni tal-Istati Membri

Għandha tapplika n-norma ISO li ġejja: ISO 3166 – kodiċi b'2 ittri.

# Formola tal-marki tas-swaba Eurodac'

65 mm minn fuq tal-formula

155 mm minn fuq tal-formula

205 mm minn fuq tal-formula

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Numru ta' referenza | |
| 2. | Post tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew post fejn ic-cittadin ta' pajjiz terz jew persuna minghajr Stat gew arrestati | |
| 3. | Post tal-applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali jew data meta c-cittadin ta' pajjiz terz jew persuna minghajr Stat gew arrestati | |
| 4. | Sess | |
| 5. | Data meta ttiehdu l-marki tas-swaba' | |
| 6. | Data meta d-dejta giet trasmessa lis-Sistema Centrali | |

## IMPRESSJONIJIET IMDAWRIN

| 1. Behem tal-lemin | 2. Is-saba' l-werrej tal-lemin | 3. Is-saba' tan-nofs tal-lemin | 4. Is-saba' tac-curkett tal-lemin | 5. Is-saba' z-zghir tal-lemin |
|---|---|---|---|---|
| 50 mm / 40 mm | 40 mm | 40 mm | 40 mm | 40 mm |
| **6. Behem tax-xellug** | **7. Is-saba' l-werrej tax-xellug** | **8. Is-saba' tan-nofs tax-xellug** | **9. Is-saba' tac-curkett tax-xellug** | **10. Is-saba' z-zghir tax-xellug** |
| 40 mm | | | | |

## IMPRESSJONIJIET SEMPLICI

| ID IX-XELLUGIJA Erba' swaba' mehuda flimkien | IMPRESSJONIJIET Ghaz-zewg ibhma mehuda flimkien | | ID IL-LEMINIJA Erba' swaba' mehuda flimkien |
|---|---|---|---|
| | XELLUG | LEMIN | |
| 75 mm / 65 mm | 30 mm / 65 mm | 30 mm | 75 mm |

*ANNESS II*

**Regolamenti mħassra (imsemmija fl-artikolu 45)**

| | |
|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 | (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1) |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2002 | (ĠU L 62, 5.3.2002, p. 1.) |

*ANNESS III*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Ir-Regolament (KE) Nru 2725/2000 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1(1) | Artikolu 1(1) |
| Artikolu 1(2), l-ewwel subparagrafu, punti (a) u (b) | Artikolu 3(1)(a) |
| Artikolu 1(2), l-ewwel subparagrafu, punt (c) | — |
| Artikolu 1(2), it-tieni subparagrafu | Artikolu 3(4) |
| Artikolu 1(3) | Artikolu 1(3) |
| Artikolu 2(1)(a) | — |
| Artikolu 2(1)(b) sa (e) | Artikolu 2(1)(a) sa (d) |
| — | Artikolu 2(1)(e) sa (j) |
| Artikolu 3(1) | — |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 3(3) |
| Artikolu 3(3)(a) sa (e) | Artikolu 8(1)(a) sa (e) |
| — | Artikolu 8(1)(f) sa (i) |
| Artikolu 3(4) | — |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 9(1) u l-Artikolu 3(5) |
| Artikolu 4(2) | — |
| Artikolu 4(3) | Artikolu 9(3) |
| Artikolu 4(4) | Artikolu 9(4) |
| Artikolu 4(5) | Artikolu 9(5) |
| Artikolu 4(6) | Artikolu 25(4) |
| Artikolu 5(1), punti (a) sa (f) | Artikolu 11, punti (a) sa (f) |
| — | Artikolu 11, punti (g) sa (k) |
| Artikolu 5(1), punti (g) u (h) | — |
| Artikolu 6 | Artikolu 12 |
| Artikolu 7 | Artikolu 13 |
| Artikolu 8 | Artikolu 14 |
| Artikolu 9 | Artikolu 15 |
| Artikolu 10 | Artikolu 16 |
| Artikolu 11(1) sa (3) | Artikolu 17(1) sa (3) |
| Artikolu 11(4) | Artikolu 17(5) |
| Artikolu 11(5) | Artikolu 17(4) |
| Artikolu 12 | Artikolu 18 |
| Artikolu 13 | Artikolu 23 |
| Artikolu 14 | — |

| Ir-Regolament (KE) Nru 2725/2000 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 15 | Artikolu 27 |
| Artikolu 16 | Artikolu 28(1) u (2) |
| — | Artikolu 28(3) |
| Artikolu 17 | Artikolu 37 |
| Artikolu 18 | Artikolu 29(1), (2), (4) sa (10) u (12) sa (15) |
| — | Artikolu 29(3) u (11) |
| Artikolu 19 | Artikolu 30 |
| — | Artikoli 31 sa 36 |
| Artikolu 20 | — |
| Artikolu 21 | Artikolu 39(1) u (2) |
| Artikolu 22 | — |
| Artikolu 23 | — |
| Artikolu 24(1) u (2) | Artikolu 40(1) u (2) |
| — | Artikolu 40(3) sa (8) |
| Artikolu 25 | Artikolu 41 |
| Artikolu 26 | Artikolu 42 |
| — | Artikoli 43 sa 45 |
| Artikolu 27 | Artikolu 46 |

| Ir-Regolament 407/2002/KE | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 2 | Artikolu 24 |
| Artikolu 3 | Artikolu 25(1) sa (3) |
| — | Artikolu 25(4) u (5) |
| Artikolu 4 | Artikolu 26 |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 3(3) |
| Anness I | Anness I |
| Anness II | |

# REGOLAMENT (UE) Nru 604/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-26 ta' Ġunju 2013

## li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Numru ta' bidliet sostanzjali se jsiru lir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz ([4]). Fl-interess taċ-ċarezza, dak ir-Regolament għandu jiġi riformulat.

(2) Politika komuni dwar l-asil, inkluża Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) hija parti kostitwenti tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi progressivament żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħa għal dawk li, imġiegħla minn ċirkostanzi, ifittxu b'mod leġittimu protezzjoni fl-Unjoni.

(3) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, qabel li jaħdem biex jistabbilixxi s-SEKA, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus ta' Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 ("il-Konvenzjoni ta' Ġinevra"), biex hekk ikun żgurat li ħadd ma jintbagħat lura għal persekuzzjoni, jiġifieri, li jinżamm il-prinċipju ta' non-refoulement. F'dan ir-rigward, u mingħajr ma jintlaqtu l-kriterji ta' responsabbiltà preskritti f'dan ir-Regolament, Stati Membri, li kollha jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement, jitqiesu bħala pajjiżi siguri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(4) Il-konklużjonijiet ta' Tampere ddikjaraw ukoll li s-SEKA għandha tinkludi, fit-terminu qasir, metodu ċar u li jiffunzjona biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil.

(5) Metodu tali għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u ġusti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni kkonċernati. B'mod partikolari, dan il-metodu għandu jiddetermina minnufih l-Istat Membru responsabbli, biex ikun iggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u ma jkunx kompromess l-għan tal-ipproċessar bil-ħeffa ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

(6) L-ewwel fażi tal-ħolqien tas-SEKA li, fit-tul ta' żmien, għandha twassal għal proċedura komuni u status uniformi, validu madwar l-Unjoni, għal dawk li jingħataw il-protezzjoni internazzjonali, issa tlestiet. Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Novembru 2004 adotta l-Programm tal-Aja li jistabbilixxi l-għanijiet li għandhom ikunu implimentati fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-perijodu 2005-2010. F'dan ir-rigward, il-Programm tal-Aja stieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkonkludi l-evalwazzjoni tal-ewwel fażi ta' strumenti legali u biex tressaq l-istrumenti u l-miżuri tat-tieni fażi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-ħsieb li jkunu adottati qabel l-aħħar tal-2010.

(7) Fil-Programm ta' Stokkolma, il-Kunsill Ewropew tenna l-impenn tiegħu għall-objettiv tal-ħolqien ta' żona komuni ta' protezzjoni u solidarjetà f'konformità mal-Artikolu 78 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

([1]) ĠU C 317, 23.12.2009, p. 115.
([2]) ĠU C 79, 27.3.2010, p. 58.
([3]) ĠU Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2009 (ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 370) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-6 ta' Ġunju 2013 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2013 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1.

(TFUE), għal dawk mogħtija protezzjoni internazzjonali, mhux aktar tard mill-2012. Barra minn hekk huwa saħaq li s-sistema ta' Dublin għadha fundamentali fil-bini tas-SEKA, peress li talloka b'mod ċar ir-responsabbiltà bejn l-Istati Membrigħall-analiżi ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

(8) Ir-riżorsi tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandhom ikunu disponibbli biex jipprovdu appoġġ xieraq għas-servizzi rilevanti tal-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-EASO għandu jipprovdi miżuri ta' solidarjetà, bħar-Riżerva ta' Intervent għall-Asil bi gruppi ta' appoġġ għall-asil biex jgħinu lil dawk l-Istati Membri li jħabbtu wiċċhom ma' pressjoni partikolari u fejn l-applikanti għal protezzjoni internazzjoniali ("l-applikanti") ma jistgħux jibbenefikaw minn standards xierqa, b'mod partikolari f'dik li hija akkoljenza u protezzjoni.

(9) Fid-dawl tar-riżultati tal-valutazzjonijiet magħmula tal-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-ewwel fażi, huwa xieraq, f'dan l-istadju, li jkunu kkonfermati l-prinċipji sottostanti għar-Regolament (KE) Nru 343/2003, waqt li jsir it-titjib neċessarju, fid-dawl tal-esperjenza, għall-effettività tas-sistema ta' Dublin u l-protezzjoni mogħtija lill-applikanti skont dik is-sistema. Meta wieħed iqis li sistema ta' Dublin li taħdem tajjeb hija essenzjali għas-SEKA, il-prinċipji u t-tħaddim tagħha għandhom jiġu eżaminati hekk kif komponenti oħra tas-SEKA u għodod ta' solidarjetà tal-Unjoni jkunu qed jinbnew. Għandha tiġi prevista 'verifika tal-adegwatezza' permezz tat-twettiq ta' reviżjoni komprensiva, ibbażata fuq l-evidenza, li tkopri l-effetti legali, ekonomiċi u soċjali tas-sistema ta' Dublin, inkluż l-effetti tagħha fuq id-drittijiet tal-bniedem.

(10) Sabiex ikun żgurat trattament ekwu lill-applikanti u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali kollha, u l-konsistenza mal-acquis attwali tal-Unjoni dwar l-asil, b'mod partikolari mad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar l-istandards għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għal rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija ([2]), l-ambitu ta' dan ir-Regolament jinkludi applikanti għal protezzjoni sussidjarja u persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja.

(11) Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards għall-akkoljenza ta' applikanti tal-protezzjoni internazzjonali ([3]) għandha tapplika għall-proċedura li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli kif regolat min dan ir-Regolament, soġġett għal-limitazzjonijiet fl-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

(12) Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' protezzjoni internazzjonali ([4]) għandha tapplika flimkien u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-salvagwardji proċedurali regolati minn dan ir-Regolament, soġġett għal-limitazzjonijiet fl-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

(13) F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-aħjar interess tat-tifel/tifla għandha tkun konsiderazzjoni prinċipali tal-Istati Membru meta japplikaw dan ir-Regolament. Meta jivvalutaw l-aħjar interessi tat-tfal, l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jieħdu kont tal-ġid u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza u l-fehmiet tal-minorenni skont il-livell ta' maturita' tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tiegħu jew tagħha. Barra minn dan, garanziji proċedurali speċifiċi għal minorenni mhux akkunpanjati għandhom ikunu stabbiliti minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom.

(14) F'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ir-rispett lejn il-ħajja tal-familja għandha tkun konsiderazzjoni prinċipali tal-Istati Membru fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(15) L-ipproċessar flimkien tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali tal-membri ta' familja waħda minn Stat Membru wieħed jagħmel possibbli li jkun żgurat li l-applikazzjonijiet ikunu eżaminati b'mod komplet, li d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tagħhom ikunu konsistenti u li l-membri tal-istess familja ma jkunux separati.

(16) Sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tal-prinċipju tal-unità tal-familja u għall-aħjar interess tat-tifel/tifla, l-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejn applikant u t-tifel/tifla, aħwa jew ġenitur tiegħu/tagħha minħabba tqala jew maternità, l-istat tas-saħħa jew ix-xjuħija tal-applikant, għandha ssir kriterju ta' responsabbiltà li jorbot. Meta l-applikant huwa minorenni mhux akkompanjat, il-preżenza ta' membru tal-familja jew qarib f'territorju ta' Stat Membru ieħor li jista' jieħu ħsiebu jew ħsiebha għandha wkoll issir kriterju ta' responsabbiltà li jorbot.

([1]) ĠU L 132, 29.5.2012, p. 11.
([2]) ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9.
([3]) Ara paġna 96 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([4]) Ara paġna 60 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(17) Kull Stat Membru għandu jkun jista' jidderoga mill-kriterji ta' responsabbiltà, b'mod partikolari fuq bażijiet umanitarji u ta' kompassjoni sabiex jingħaqdu flimkien membri ta' familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra u jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu jew fi Stat Membru ieħor, ukoll jekk dan l-eżami mhux ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji li jorbtu stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(18) Għandha tkun organizzata intervista personali mal-applikant sabiex tkun iffaċilitata d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li għandu jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Hekk kif tiġi ddepożitata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jiġi informat, dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar il-possibilità, waqt l-intervista li jipprovdi informazzjoni dwar il-preżenza ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħrajn fl-Istati Membri sabiex jiġi faċilitat il-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

(19) Sabiex tkun garantita il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-individwi kkonċernati,, għandhom ikun stabbiliti salvagwardji legali u d-dritt għal rimedju effettiv fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli, f'konformità, b'mod partikolari mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Sabiex jiġi żgurat li jiġi rispettat id-dritt internazzjonali, rimedju effettiv kontra tali deċiżjonijiet għandu jkopri kemm l-analiżi tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-eżami tas-sitwazzjoni legali u fattwali fl-Istat Membru li għalih jiġi ttrasferit l-applikant.

(20) Id-detenzjoni ta' applikanti għandha tiġi applikata skont il-prinċipju bażiku li persuni m'għandhomx jiġu detenuti fuq il-bażi unika li huma qiegħdin ifittxu l-protezzjoni internazzjonali. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu qasir kemm jista' jkun, u soġġetta għall-prinċipji tan-neċċessita u l-proporzjonalità. B'mod partikolari, id-detenzjoni ta' applikanti għandha tkun skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Il-proċeduri previsti minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' persuna detenuta għandhom jiġu applikati bħala kwistjoni ta' prijorita', fl-iqsar skadenzi possibbli. Fir-rigward tal-garanziji ġenerali li jirregolaw id-detenzjoni, kif ukoll il-kondizzjonijiet tad-detenzjoni, fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/33/UE ukoll għal persuni detenuti abbażi ta' dan ir-Regolament.

(21) Nuqqasijiet fi, jew fallimenti ta', sistemi tal-asil, spiss aggravati jew ikkontribbwiti għal pressjonijiet partikolari fuqhom, jistgħu ipoġġu f'perikolu it-tħaddim mingħajr problemi tas-sistema mpoġġija fis-seħħ taħt dan ir-Regolament, li jista' jwassal għal riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-applikanti kif stipulati fl-acquis tal-Unjoni dwar l-asil u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, drittijiet internazzjonali tal-bniedem oħra u drittijiet tar-rifuġjati.

(22) Għandu jiġi stabbilit proċess għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet tal-asil sabiex jiġu evitati deterjorazzjonijiet fi, jew il-falliment ta' sistemi ta' asil,, fejn l-EASO jaqdi rwol ewlieni bl-użu tas-setgħat tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010, sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni robusta fi ħdan il-qafas ta' dan ir-Regolament u biex tiġi żviluppata fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri fir-rigward tal-politika tal-asil. Tali proċess għandu jiżgura li l-Unjoni tiġi avżata malajr kemm jista' jkun fejn ikun hemm tħassib li t-tħaddim tajjeb tas-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament qed jiġi pperikolat b'riżultat ta' pressjoni partikolari fuq, u/jew nuqqasijiet fis-sistemi tal-asil ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Proċess bħal dan jagħmilha possibbli għall-Unjoni li tippromwovi miżuri preventivi fi stadju bikri u tagħti l-attenzjoni politika xierqa lil sitwazzjonijiet bħal dawn. Is-solidarjetà, li hija element fundamentali fis-SEKA, timxi id f'id mal-fiduċja reċiproka. Billi tissaħħaħ tali fiduċja, il-proċess għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet ta' asil jista' jtejjeb it-tmexxija ta' miżuri konkreti ta' solidarjetà ġenwina u prattika lejn l-Istati Membri,sabiex jiġu megħjuna l-Istati Membri milqutin b'mod ġenerali u l-applikanti b'mod partikolari. Skont l-Artikolu 80 TFUE, li jitlob li l-atti tal-Unjoni għandu jkun fihom, fejn meħtieġ, miżuri xierqa biex iħaddmu l-prinċipju tas-solidarjetà, il-proċess għandu jiġi akkumpanjat minn miżuri bħal dawn. Il-konklużjonijiet dwar Qafas Komuni għal solidarjetà ġenwina u prattika lejn Stati Membri li jħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet partikolari fuq is-sistemi tal-asil tagħhom, inkluż permezz ta' flussi ta' migrazzjoni mħalltin, adottati mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2012, jipprovdu għal "sett ta' għodda" ta' miżuri eżistenti u potenzjalment ġodda,li għandu jitqies fil-kuntest ta' mekkaniżmu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet.

(23) L-Istati Membri għandhom jikkollaboraw mal-EASO fil-ġbir ta' informazzjoni dwar l-abbiltà tagħhom li jieħdu ħsieb pressjoni partikolari fuq is-sistemi ta' asil u akkoljenza tagħhom, b'mod partikolari fil-qafas tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-EASO għandu jirrapporta regolarment dwar l-informazzjoni miġbura f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 439/2010.

(24) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 ([1]), it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jistgħu jitwettqu fuq bażi volontarja, bi tluq taħt superviżjoni jew taħt skorta. L-Istati Membri għandhom jippromwovu t-trasferimenti volontarji billi jagħtu informazzjoni adegwata lill-applikant u għandhom jiżguraw li t-trasferimenti taħt superviżjoni jew taħt skorta jsiru b'mod uman, f'konformita sħiħa mad-drittijiet fundamentali u r-rispett għad-dinjità umana, kif ukoll l-aħjar interessi tat-tfal u t-teħid

([1]) ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3.

f'konsiderazzjoni tal-iżviluppi fil-ġurisprudenza relevanti, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferimenti fuq bażijiet umanitarji.

(25) Il-ħolqien progressiv ta' żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta' persuni jkun iggarantit skont it-TFUE u l-istabbiliment ta' politika tal-Unjoni dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u qagħad ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi sforzi komuni lejn l-amministrazzjoni ta' konfini esterni, jagħmel meħtieġ li jinstab bilanċ bejn kriterji ta' responsabbiltà u spirtu ta' solidarjetà.

(26) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u fuq il-moviment ħieles ta' din id-data [1] tapplika għal proċessar ta' data personali mill-Istat Membru taħt dan ir-Regolament.

(27) L-iskambju tad-data personali rigward l-applikanti, inkluża data sensittiva dwar is-saħħa tiegħu jew tagħha, qabel trasferiment, jiżgura li l-awtoritajiet tal-asil kompetenti jkunu f'pożizzjoni biex jipprovdu l-applikanti b'assistenza adegwata u biex jiżguraw kontinwità fil-protezzjoni u d-drittijiet mogħtija lilhom. Għadhom isir provvedimenti speċjali biex tkun aċċertata il-protezzjoni tad-data relatata mal-applikanti involuti f'dik is-sitwazzjoni skont id-Direttiva 95/46/KE.

(28) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti, filwaqt li jitnaqqsu l-limiti ta' żmien għal proċeduri jew ikun issimplifikat l-ipproċessar ta' talbiet biex jittieħed inkarigu jew jittieħed lura, jew l-istabbiliment ta' proċeduri għall-għamil ta' trasferimenti.

(29) Kontinwita bejn is-sistema biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 343/2003 u s-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament għandha tkun żgurata. B'mod simili, konsistenza għandha tkun żgurata bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"EURODAC" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u għal talbiet għal tqabbil ma' data tal-EURODAC mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi [2].

(30) It-tħaddim tas-sistema tal-Eurodac, kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 603/2013, għandha tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(31) L-operazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar il-Viża għal żjarat qosra [3], u b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tiegħu, għandha tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(32) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, Stati Membri huma marbuta bl-obbligi tagħhom taħt strumenti tad-dritt internazzjonali, inkluża l-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(33) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu konferiti setgħat implimentattivi fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistipula r-regoli u l-prinċipji ġenerali fir-rigward tal-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal -eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi tal-Kummissjoni [4].

(34) Il-proċess ta' eżami għandu jintuża għall-adozzjoni ta' fuljett ta' informazzjoni dwar Dublin/Eurodac, kif ukoll bħala fuljett speċjali għal minorenni mhux akkumpanjati; bħala formola standard għall-iskambju ta' informazzjoni relevanti dwar il-minorenni mhux akkumpanjati; ta' kundizzjonjiiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar minorenni u persuni dipendenti; ta' kundizzjonjiet uniformi dwar it-tħejjija u t-trasmissjoni ta' talbiet biex jittieħed inkarigu u talbiet għal teħid lura; ta' żewġ listi ta' elementi relevanti ta' evidenza u evidenza ċirkostanzjali, u r-reviżjoni perjodika tagħhom; ta' laissez-passer; ta' kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' trasferimenti; ta' formula standard għall-iskambju ta' data qabel trasferiment; ta' ċerifikat tas-saħħa komuni; ta' kondizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-data dwar is-saħħa tal-persuna qabel trasferiment, u ta' mezzi siguri ta' trasmissjoni elettronika għat-trasmissjoni ta' talbiet.

(1) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(2) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(3) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.

(4) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

(35) Sabiex jiġu provduti regoli supplimentari, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' membri tal-familja, aħwa jew qraba ta' minorenni mhux akkumpanjat; il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari pprovati; il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' qarib li jieħu ħsieb il-minorenni mhux akkumpanjat, inkluż fil-każijiet fejn il-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat ikunu joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed; l-elementi biex tiġi vvalutata rabta ta' dipendenza; il-kriterji biex tiġi evalwata l-kapaċità ta' persuna sabiex tieħu ħsieb ta' persuna dipendenti u l-elementi li jridu jittieħdu f'konsiderazzjoni sabiex tiġi vvalutata l-inabilità li wieħed jivjaġġa għal perjodu sinifikanti ta' żmien. Waqt li teżerċita s-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni m'għandiex teċċedi l-ambitu tal-aħjar interess tat-tfal kif previst taħt l-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, waqt li tkun qed tipprepara u tfassal atti ta' delega, għandha tassigura tassigura trasmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(36) Fl-applikazzjoni tar-Regolament, inkluża t-tħejjija tal-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti minn, fost l-oħrajn, l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha.

(37) Ġew stabbiliti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 343/2003 ġew adottati permezz tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003 għandhom ikunu inkorporati f'dan ir-Regolament, jew għal raġunijiet ta' ċarezza jew minħabba li għandhom għan ġenerali. B'mod partikolari, huwa importanti, kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-applikanti konċernati, li għandu jkun hemm mekkaniżmu ġenerali biex tinstab soluzzjoni f'każi fejn Stati Membri ma jaqblux dwar l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament. Huwa għalhekk ġustifikat li jkun inkorporat il-mekkaniżmu stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1560/2003 għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar il-klawsola umanitarja f'dan ir-Regolament u li jkun estiż l-ambitu tiegħu għal dan ir-Regolament kollu.

(38) Il-monitoraġġ effettiv ta' dan ir-Regolament jitlob illi huwa jiġi evalwat f'intervalli regolari.

(39) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji li huma rrikonoxxuti, b'mod partikolari, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jfittex li jiżgura osservanza sħiħa tad-dritt tal-asil iggarantit bl-Artikolu 18 tal-Karta kif ukoll tad-drittijiet rikonoxxuti taħt l-Artikoli 1. 4. 7, 24 u 47 tiegħu. Dan ir-Regolament għandu għalhekk ikun implimentat kif meħtieġ.

(40) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment tal-kriterji u mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarita kif iddikjarat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Skont il-prinċipju ta' proporzjonalita, kif iddikjarat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan il-għan.

(41) F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, dawk l-Istati Membri innotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(42) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ("l-Istat Membru Responsabbli").

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 20(1) TFUE u li mhijiex ċittadin ta' Stat li jipparteċipa f'dan ir-Regolament permezz ta' ftehim mal-Unjoni Ewropea;

(b) "applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali" tfisser applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 2011/95/UE;

(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkun għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha deċiżjoni finali tkun għadha ma tteħditx;

(d) "eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali" tfisser kull eżami ta', jew deċiżjoni dwar, applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva 2011/95/UE u d-Direttiva 2013/32/UE ħlief għal proċeduri li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament;

(e) "irtirar ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali "tfisser azzjonijiet li bihom l-applikant itemm il-proċeduri mibdijin bis-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu, skont id-Direttiva 2013/32/UE jew b'mod espliċitu jew taċitu;

(f) "benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li ngħataw protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2011/95/UE;

(g) "memri tal-familja" tfisser, sakemm il-familja diġà kienet teżisti fil-pajjiż ta' oriġini, dawn il-membri tal-familja tal-applikant li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:

— il-konjuġi tal-applikant jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli, fejn il-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġin b'mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu marbuta ma' ċittadini ta' pajjiż terz;

— it-tfal minorenni ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant, bil- kondizzjoni li mhumiex miżżewġin u irrispettivament minn jekk twildux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali;

— meta l-applikant ikun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;

— meta l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn il-benefiċjarju jkun preżenti;

(h) "qarib" ifisser iz-zija jew iz-ziju jew in-nannu/a tal-applikant li huwa preżenti fit-territorju ta' Stati Membru, irrispettivament minn jekk l-applikant twilidx fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġiex adottat kif definit taħt id-dritt nazzjonali:

(i) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida taħt l-età ta' 18-il sena;

(j) "minorenni mhux akkumpanjat" tfisser minorenni li jasal fit- it-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjat minn adult responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi kif ukoll bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, u għażżmien li huwa jew hija ma tkunx fil-kura ta' tali adult; din tinkludi minorenni li j/titħalla mhux akkumpanjat/a wara li huwa jew hija jkunu daħlu fit-territorju tal-Istati Membri;

(k) "rappreżentant" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lill-minorenni mhux akkumpanjat fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu żgurati l-aħjar interessi tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ. Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala rappreżentant, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward tal-minorenni, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(l) "dokument ta' residenza" tfisser kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li jawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida biex joqgħod fit-territorju tiegħu, inklużi d-dokumenti li jissostanzjaw l-awtorizzazzjoni biex jibqgħu fit-territorju taħt arranġamenti ta' protezzjoni temporanja jew sakemm iċ-ċirkostanzi li jimpedixxu ordni ta' tneħħija milli tkun eżegwita ma japplikawx aktar, ħlief viżas u awtorizzazzjonijiet maħruġa matul il-perijodu rekwiżit biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif stabbilit f'dan ir-Regolament jew matul l-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew applikazzjoni għal permess ta' residenza;

(m) "viża" tfisser l-awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru rekwiżita għal transitu jew dħul għal soġġorn intenzjonat f'dak l-Istat Membru jew f'diversi Stati Membri. In-natura tal-viża għandha tkun iddeterminata skont id-definizzjonijiet li ġejjin:

— "viża għal soġġorn twil" tfisser awtorizzazzjoni jew deċiżjoni maħruġa minn wieħed mill-Istati Membri f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu jew il-liġi tal-Unjoni rekwiżita għal dħul għal soġġorn intenzjonat f'dak l-Istat Membru ta' aktar minn tliet xhur;

— "viża għal soġġorn qasir" tfisser awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru bil-ħsieb ta' transitu minn jew soġġorn intenzjonat fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar jew kollha ta' tul ta' mhux aktar minn tliet xhur fi kwalunkwe perijodu ta' sitt xhur li jibda fid-data tal-ewwel dħul fuq it-territorju tal-Istati Membri;

— "viża għal transitu f'ajruport" tfisser viża valida għal transitu miż-żoni ta' transitu internazzjonali f'ajruport wieħed jew aktar tal-Istati Membri.

(n) "riskju ta' ħarba" tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet f'każ individwali, li huma bbażati fuq kriterji objettivi ddefiniti mil-liġi, biex wieħed jaħseb li applikant jew ċittadin ta' pajjiż terż jew ta' persuna mingħajr Stat li huwa soġġett għal proċedura ta' trasferiment jista' jaħrab.

KAPITOLU II

## PRINĊIPJI ĠENERALI U SALWAGWARDJI

*Artikolu 3*

### L-aċċess għall-proċedura tal-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li japplika fit-territorju ta' xi wieħed minnhom, inkluż fil-konfini jew fiż-żoni ta' transitu. L-applikazzjoni għandha tkun eżaminata minn Stat Membru wieħed, li għandu jkun dak li l-kriterji ddikjarati fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament juru li huwa responsabbli.

2. Fejn ebda Stat Membru responsabbli ma jkun jista' jinħatar fuq il-bażi tal-kriterji elenkati f'dan ir-Regolament, l-ewwel Stat Membru li fih l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata għandu jkun responsabbli biex jeżaminaha.

Fejn huwa impossibbli li applikant jiġi trasferit għall-Istat Membru primarjament nominat bħala responsabbli għax ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li hemm difetti sistemiċi fil-proċedura tal-asil u fil-kondizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti f'dak l-Istat Membru, li jirriżultaw f'riskju ta' trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Istat Membru determinanti għandu jkompli jeżamina l-kriterji stipulati fil-Kapitolu III sabiex jistabbilixxi jekk Stat Membru ieħor jistax jiġi nominat bħala responsabbli.

Fejn it-trasferiment ma jistax isir skont dan il-paragrafu għal kwalunkwe Stat Membru nominat abbażi tal-kriterji stipulati fil-Kapitolu III jew għall-ewwel Stat Membru li miegħu tkun ġiet iddepożitata l-applikazzjoni, l-Istat Membru determinanti għandu jsir l-Istat Membru responsabbli.

3. Kull Stat Membru għandu jżomm id-dritt, li jibgħat applikant lejn pajjiż terz sikur, soġġett għar-regoli u s-salvagwardji stabbiliti mid-Direttiva 2013/32/UE.

*Artikolu 4*

### Id-dritt għall-informazzjoni

1. Malli applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun iddepożitata fis-sens tal-Artikolu 20(2) fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għandhom jinfurmaw lill-applikant dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u b' mod partikulari li:

(a) l-għanijiet ta' dan ir-Regolament u l-konsegwenzi jekk issir applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll il-konsegwenzi jekk ikun hemm ċaqliq minn Stat Membru għal ieħor matul il-fażijiet li fihom l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament ikun qed jiġi determinat u l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun qed tiġi eżaminata;

(b) il-kriterji sabiex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli,, il-ġerarkija ta' tali kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul tagħhom, inkluż il-fatt li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata fi Stat Membru wieħed tista' tirriżulta, li dak l-Istat Membru jsir responsabbli skont dan ir-Regolament anki jekk tali responsabbiltà ma tkunx abbażi ta' dawk il-kriterji;

(c) l-intervista personali skont l-Artikolu 5 u l-possibbiltà li tiġi ppreżentata informazzjoni dwar il-preżenza ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istati Membri, inklużi l-mezzi li bihom l-applikant jista' jippreżenta tali informazzjoni;

(d) il-possibbiltà li tiġi kontestata deċiżjoni ta' trasferiment u, fejn applikabbli, li ssir applikazzjoni għas-sospensjoni tat-trasferiment;

(e) il-fatt li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jagħmlu skambju ta' data dwaru jew dwarha għar-raġuni biss tal-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom li jiġu minn dan ir-Regolament;

(f) id-dritt għall-aċċess għad-data dwaru jew dwarha, u d-dritt li titlob li tali data tiġi korretta jekk ma tkunx eżatta jew tiġi mħassrajekk ma tkunx ipproċessata skont il-liġi, kif ukoll il-proċeduri għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet, inklużi d-dettalji tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 35 u tal-awtoritajiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data responsabbli sabiex jisimgħu pretensjonijiet rigward il-protezzjoni tad-data personali.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub f'lingwa li l-applikant jifhem jew jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhem, l-Istati Membri għandhom jużaw fuljett komuni mfassal skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni.

Fejn ikun neċessarju biex l-applikant ikun jista' jifhem sew, l-informazzjoni għandha tkun mogħtija oralment ukoll, pereżempju b'rabta mal-intervista personali kif imsemmija fl-Artikolu 5.

3. Il-Kumissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal fuljett komuni, kif ukoll fuljett speċifiku għall-minorenni mhux akkumpanjati, li jkun fih tal-inqas l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dan il-fuljett komuni għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 u, b'mod partikolari, għall-fini li għaliha d-data tal-applikant ikkonċernat tista' tiġi pproċessata fil-Eurodac. Il-fuljett komuni għandu jiġi stabbilit b'tali mod li jippermetti lill-Istati Membri jimlewh b'informazzjoni addizzjonali speċifika għall-Istat Membru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(2) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**L-Intervista personali**

1. Biex jiffaċilita l-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, l-Istat Membru determinanti għandu jagħmel intervista personali mal-applikant. L-intervista għandha tippermetti wkoll li tinftiehem tajjeb l-informazzjoni mogħtija lill-applikant skont l-Artikolu 4.

2. L-intervista personali tista' ma ssirx jekk:

(a) l-applikant ikun ħarab; jew

(b) wara li jkun irċieva l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 l-applikant ikun diġà pprovda l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli b'mezz ieħor. L-Istat Membru li ma jagħmilx l-intervista għandu jagħti l-opportunità lill-applikant li jippreżenta l-informazzjoni kollha li tkun rilevanti biex jiġi determinat l-Istat Membru responabbli qabel ma tittieħed deċiżjoni li l-applikant jiġi trasferit għall-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 26(1).

3. L-intervista personali għandha ssir fi żmien xieraq u, f'kull każ, qabel tittieħed xi deċiżjoni biex applikant ikun trasferit lejn l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 26(1).

4. L-intervista personali għandha ssir f'lingwa li l-applikant jifhem jew jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhem u li biha huwa jew hija jkun kapaċi jikkomunika. Fejn neċessarju, l-Istati Membru għandhom ikollhom interpretu li jkun jista' jiżgura l-komunikazzjoni xierqa bejn l-applikant u l-persuna li tagħmel l-intervista personali.

5. L-intervista personali għandha ssir f'kondizzjonijiet li jiżguraw il-kunfidenzjalità xierqa. Għandha ssir minn persuna kwalifikata skont id-dritt nazzjonali.

6. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel taqsira bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. Din it-taqsira tista' tkun f'għamla ta' rapport jew għamla standard. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant u/jew il-konsulent legali jew kunsillier ieħor li qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess f'waqtu għat-taqsira.

*Artikolu 6*

**Garanziji għall- minorenni**

1. L-aħjar interess tat-tifel jew tifla għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali għall-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li rappreżentant jirraprezenta u/jew jgħin lill-minorenni mhux akkompanjat fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti minn dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jkollu l-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li l-aħjar interessi tal-minuri jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-fuljett speċifiku għall-persuni minorenni mhux akkumpanjati.

Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2013/32/UE.

3. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa l-fatturi li ġejjin:

(a) il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja;

(b) il-benessri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, b'konsiderazzjoni partikolari għall-isfond tal-minorenni.

(c) konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorennijkun vittma tat-traffikar tal-bnedmin;

(d) il-fehmiet tal-minorenni, skont l-età u l-maturità tiegħu/tagħha.

4. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8, l-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat ikun iddepożitata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu, kemm jista' jkun malajr, jieħu azzjoni adatta biex jidentifika l-membri tal-familja, aħwa jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat fit- territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġu l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla.

Għal dak il-fini, l-Istat Membru jista' jitlob għall-għajnuna mill-organizzazzjonijiet internazzjonali jew dawk oħrajn rilevanti, u jista' jiffaċilita l-aċċess tal-minorenni għas-servizzi ta' rintraċċar ta' organizzazzjonijiet bħal dawn.

Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 35 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni.

5. Bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-azzjonijiet adatti biex jiġu identifikati l-membru tal-familja, ħu/oħt jew il-qraba ta' minorenni mhux akkumpanjat li jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jinkludu forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(2).

KAPITOLU III

## IL-KRITERJI BIEX IKUN IDDETERMINAT L-ISTAT MEMBRU RESPONSABBLI

*Artikolu 7*

### Ġerarkija ta' kriterji

1. Il-kriterji li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għandhom ikunu applikati fl-ordni li fiha huma ddikjarati f'dan il-Kapitolu.

2. L-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabiliti f'dan il-Kapitlu għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni eżistenti meta l-applikant iddepożita għall-ewwel darba l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu jew tagħha għand Stat Membru.

3. Fid-dawl tal-applikazzjoni tal-kriterji msemmijin fl-Artikolu 8, 10 u 16, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw kull evidenza disponibbli rigward il-preżenza, fit-territorju ta' Stat Membru, ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra tal-applikant, bil-kundizzjoni li tali evidenza tiġi ppreżentata qabel ma Stat Membru ieħor jaċċetta t-talba biex jassumi r-responsabbiltà għall-persuna kkonċernata jew biex jeħodha lura, skont l-Artikoli 22 u 25 rispettivament, u li l-applikazzjonijiet preċedenti għall-protezzjoni internazzjonali tal-applikant ikunu għadhom ma kienux is-suġġett ta' deċiżjoni tal-ewwel dwar is-sustanza.

*Artikolu 8*

### Minorenni

1. Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn membru tal-familja jew ħu jew oħt il-minorenni mhux akkumpanjat ikunu legalment preżenti, sakemm dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni. Fejn l-applikant ikun minorenni miżżewweġ li l-konjuġi tiegħu ma jkunx legalment preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istati Membru fejn il-missier, l-omm, jew adult ieħor responsabbli għall-minuri, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħu jew oħtu jkunu legalment preżenti

2. Fejn l-applikant huwa minorenni mhux akkumpanjat li għandu qarib li huwa legalment preżenti fi Stat Membru ieħor u fejn ikun stabbilit, abbażi ta' eżami individwali, li l-qarib jista' jieħu ħsiebu jew ħsiebha, dak l-Istat Membru għandu jgħaqqad il-minorenni mal-qarib tiegħu jew tagħha u għandu jkun l-Istat Membru responsabbli, sakemm dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni.

3. Fejn membri tal-familja, aħwa jew qraba kif imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru responsabbli għandu jiddeċiedi fuq il-bażi ta' x'inhu l-aħjar interess tal-persuna minorenni mhux akkumpanjata.

4. Fl-assenza ta' membru tal-familja, ħu jew oħt jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-minorenni mhux akkumpanjat jkun iddepożita l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm dan ikun fl-aħjar interess tal-persuna minorenni.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 45 rigward l-identifikazzjoni ta' membri tal-familja, aħwa jew qraba ta' minorenni mhux akkumpanjat, il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari ppruvati, il-kriterji biex tiġi vvalutata l-kapaċità tal-qarib li jieħu ħsieb il-minorenni mhux akkumpanjat, inkluż fejn il-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat ikunu joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed. Fit-twettiq tas-setgħat tagħha li tadotta atti ddelegati, il-Kummissjoni ma għandhiex teċċedi l-ambitu tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla kif previst taħt l-Artikolu 6(3).

6. Il-Kummissjoni għandha, permez ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(2).

*Artikolu 9*

### Membri tal-familja li huma benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali

Fejn l-applikant għandu membru tal-familja, bla ma jitqies jekk il-familja kenitx ifformata qabel fil-pajjiż ta' oriġini jew le, li kien tħalla jirrisjedi bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm il-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

*Artikolu 10*

### Membri tal-familja li huma applikanti għall-protezzjoni internazzjonali

Jekk l-applikant għandu membru tal-familja fi Stat Membru li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu f'dak l-Istat Membru tkun għadha ma kenitx suġġetta għall-ewwel deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm il-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

*Artikolu 11*

**Il-proċedura tal-familja**

Fejn diversi membri ta' familja u/jew aħwa minorenni mhux miżżewġin jissottomettu applikazzjonijiet għall- protezzjoni internazzjonali fl-istess Stat Membru fl-istess ħin, jew f'dati fil-qrib biżżejjed biex il-proċeduri biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli jitmexxew flimkien, u fejn l-applikazzjoni tal-kriterji ddikjarati f'dan ir-Regolament tista' twassal biex huma jkunu sseparati, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-responsibbiltà biex ikunu eżaminati applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għall-membri tal-familja kollha u/jew aħwa minorenni mhux miżżewġin għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li hu responsabbli biex jieħu inkarigu tal-akbar numru tagħhom;

(b) fin-nuqqas ta' dan, ir-responsabbiltà għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tal-ixjeħ fosthom.

*Artikolu 12*

**Ħruġ ta' dokumenti ta' residenza jew viża**

1. Fejn applikant ikun fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu, l-Istat Membru li jkun ħareġ id-dokument għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

2. Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' viża valida, l-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm il-viża ma tkunx inħarġet f'isem Stat Membru ieħor taħt arranġament ta' rappreżentanza kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi ([1]). F'każ bħal dan, l-Istat Membru rappreżentat għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

3. Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' aktar minn dokument wieħed ta' residenza validu jew viża maħruġin minn Stati Membri differenti, ir-responsabbiltà biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jassumuha l-Istati Membri fl-ordni li ġejja:

(a) l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li jagħti d-dritt għall-itwal perijodu ta' residenza jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li għandu l-aktar tard id-data ta' skadenza;

(b) l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar tard id-data ta' skadenza fejn il-viżas varji huma tal-istess tip;

(c) fejn viżas huma ta' xorta differenti, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-itwal perijodu ta' validità, jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar tard id-data ta' skadenza.

4. Fejn l-applikant ikun fil-pussess biss ta' dokument ta' residenza wieħed jew aktar li jkunu skadew inqas minn sentejn qabel jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew inqas minn sitt xhur qabel u li ppermettwelu jew ippermettwelha biex attwalment jidħol/tidħol fit-territorju ta' Stat Membru, il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw għal tali żmien li l-applikant ma jkunx ħareġ mit-territorji tal-Istati Membri.

Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' dokument ta' residenza wieħed jew aktar li jkunu skadew aktar minn sentejn qabel jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew aktar minn sitt xhur qabel u li ppermettwelu jew ippermettwelha biex attwalment jidħol/tidħol fit-territorju ta' Stat Membru u fejn huwa/hija ma ħarġitx mit-territorji tal-Istati Membri, l-Istat Membru li fih l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali hija ddepożitata għandu jkun responsabbli.

5. Il-fatt li dokument ta' residenza jew viża jkun inħareġ fuq bażi ta' identita falza jew assunta jew fuq sottomissjoni ta' dokumenti ffalsifikati, simulati jew invalidi m'għandux jimpedixxi li r-responsabbilità tkun allokata lill-Istat Membru li jkun ħarġu/ħariġha. Madankollu, l-Istat Membru li joħroġ id-dokument ta' residenza jew viża m'għandux ikun responsabbli jekk jista' jkun stabbilit li l-frodi kienet kommessa wara li d-dokument jew viża kien inħareġ/kienet inħarġet.

*Artikolu 13*

**Dħul u/jew permanenza**

1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 22(3) ta' dan ir-Regolament, inklużi d-data li jirreferi għalihom il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-Istat Membru hekk ippenetrat għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf 12-il xahar wara d-data li fiha l-qsim irregolari tal-konfini jkun seħħ.

2. Meta Stat Membru ma jistax jew ma jkunx jista' jibqa' jinżamm responsabbli skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 22(3), li l-applikant - li jkun daħal fit-territorji tal-Istati Membri b'mod irregolari jew li ċ-ċirkostanzi tad-dħul tagħha ma jistgħux ikunu stabbiliti - ikun qed joqgħod għal perijodu kontinwu ta' mill-inqas ħames xhur fi Stat Membru qabel ma ddepożita l-applikazzjoni, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali

Jekk l-applikant kien joqgħod għal perjodi ta' żmien ta' mill-inqas ħames xhur fi Stati Membri diversi, l-Istat Membru fejn huwa jew hija kienu jgħixu l-aktar reċentement għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

([1]) ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

*Artikolu 14*

**Dħul b'rinuzja għall-viża**

1. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jidħol fit-territorju ta' Stat Membru li fih il-ħtieġa li jkollu viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu.

2. Il-prinċipju stipulat fil-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jiddepożita l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu fi Stat Membru ieħor, li fih il-ħtieġa li jkollu viża għad-dħul fit-territorju tkun ukoll irrinunzjata. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

*Artikolu 15*

**Applikazzjoni għal żona ta' transitu internazzjonali f'ajruport**

Fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali issir fiż-żona internazzjonali ta' transitu ta' ajruport ta' Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni.

KAPITOLU IV

**PERSUNI DIPENDENTI U KLAWSOLI DISKREZZJONALI**

*Artikolu 16*

**Persuni dipendenti**

1. Fejn, minħabba tqala, tarbija tat-twelid, mard serju, diżabilità severa jew xjuħija, applikant ikun jiddependi fuq l-assistenza ta' uliedu jew uliedha, ħuh/oħtu jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, jew fejn il-wild tiegħu/tagħha, ħuh/oħtu jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri ikunu jiddependu mill-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom normalment iħallu jew iġibu flimkien l-applikant ma' dak il-wild, ħu/oħt jew ġenitur, sakemm ir-rabtiet tal-familja kienu jeżistu fil-pajjiż tal-oriġni jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

2. Fejn il-wild, ħu/oħt jew ġenitur, imsemmi fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn l-applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-wild, ħu/oħt jew ġenitur ikun legalment residenti sakemm is-saħħa tal-applikant ma tkunx iżżommu jew iżżommha milli tivjaġġa lejn dak l-Istat Membru għal perijodu ta' żmien sinfikanti. F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn l-applikant ikun preżenti. Dak l-Istat Membru m'għandux ikun soġġett għall-obbligu li jġib il-wild, ħu/oħt jew ġenitur tal-applikant fit-territorju tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 45 rigward l-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati biex tiġi vvalutata r-rabta ta' dipendenza, il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari pprovati, il-kriterji biex tiġi vvalutata l-kapaċità tal-persuna kkonċernata li tieħu ħsieb il-persuna dipendenti u l-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati biex tiġi vvalutata l-inkapaċità li wieħed jivvjaġġa għal perijodu ta' żmien sinifikanti.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 44 (2).

*Artikolu 17*

**Klawsoli diskrezzjonali**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 3(1), kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu minn ċittadin ta' pajjiż terz, ukoll jekk it-tali eżami ma jaqax taħt ir-responsabbilta tiegħu taħt il-kriterji preskritti f'dan ir-Regolament.

L- Istat Membru li jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont dan il-paragrafu għandu jsir l-Istat Membru responsabbli u għandu jassumi l-obbligi assoċjati ma' dik ir-responsabbiltà. Fejn jixraq, huwa għandu jgħarraf, billi juża in-netwerk ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilita skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003, lill-Istat Membru li qabel kien responsabbli, l-Istat Membru li jmexxi proċedura biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru li kien intalab biex jinkariga ruħu minn, jew biex jieħu lura l-applikant.

L-Istat Membru li jsir responsabbli skont dan il-paragrafu għandu minnufih jindika dak il-fatt fil-Eurodac skont l-Artikolu 17(6) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 billi jżid id-data ta' meta ttieħdet id-deċiżjoni sabiex tiġi eżaminata l-applikazzjoni.

2. L-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u li jkun għaddej mill-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, jew l-Istat Membru responsabbli jista', fi kwalunkwe ħin qabel ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni rigward is-sustanza, jitlob Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh l-applikazzjoni sabiex jġib flimkien kwalunkwe relazzjonijiet familjari, għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq konsiderazzjonijiet familjari u kulturali, ukoll fejn dan l-Istat Membru l-ieħor mhux responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 11 u 16. Il-persuni kkonċernati għandhom juru li jaqblu bil-miktub.

It-talba biex jittieħed l-inkarigu għandha jkollha fiha l-materjal kollu fil-pussess tal-Istat Membru li qed jagħmel it-talba sabiex jippermetti lill-Istat Membru mitlub biex jistma s-sitwazzjoni.

L-Istat Membru mitlub għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet umanitarja msemmija, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru li jagħmel it-talba fi żmien xahrejn mid-data minn meta jirċievi t-talba permezz tan-netwerk ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Tweġiba li tirrifjuta t-talba għandha tagħti r-raġunijet fuq liema ġie bbażat ir-rifjut.

Fejn l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba jaċċetta t-talba, ir-responsabbilta biex jeżamina l-applikazzjoni għandha tkun ittrasferita lilu.

KAPITOLU V

**OBBLIGI TAL-ISTAT MEMBRU RESPONSABBLI**

*Artikolu 18*

**Obbligi tal-Istat Membru responsabbli**

1. L-Istat Membru responsabbli taħt dan ir-Regolament għandu jkun obbligat:

(a) jieħu inkarigu, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli 21, 22 u 29, ta' applikant li jkun iddepożita applikazzjoni fi Stat Membru differenti;

(b) jieħu lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 23, 24, 25 u 29, applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun taħt eżami u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr document ta' residenza;

(c) jieħu lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 23, 24, 25 u 29, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkun irtira l-applikazzjoni taħt eżami u jkun għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza;

(d) jieħu lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 23, 24, 25 u 29, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li l-applikazzjoni tiegħu kienet rifjutata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza.

2. Fil-każijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-paragrafu 1(a) u (b), l-Istat Membru responsabbli għandu jeżamina jew jikkompleta l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali magħmula mill-applikant.

F'każijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-paragrafu 1(c), meta l-Istat Membru responsabbli ma kienx kompla bl-eżami ta' applikazzjoni minħabba l-irtirar tagħha mill-applikant qabel ma ttieħdet deċiżjoni fl-ewwel istanza dwar is-sustanza, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant huwa intitolat jagħmel talba li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jew tagħha jitkompla jew li tiġi ddepożitata applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali, li ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala applikazzjoni sussegwenti kif previst fid-Direttiva 2013/32/UE. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitlesta l-eżami tal-applikazzjoni.

Fil-każijiet li jaqgħu taħt l-ambitu tal-paragrafu 1(d), fejn l-applikazzjoni ġiet irrifjutata biss fl-ewwel istanza, l-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li l-persuna kkonċernata għandha jew kellha l-opportunità li tfittex rimedju effettiv, skont l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/UE.

*Artikolu 19*

**Tmiem tar-responsabbilitajiet**

1. Fejn Stat Membru joħroġ dokument ta' residenza lill-applikant, l-obbligi speċifikati fl-Artikolu 18(1), għandhom ikunu ttrasferiti lil dak l-Istat Membru.

2. L-obbligi speċifikati fl-Artikolu 18(1) għandhom jieqfu fejn l-Istat Membru responsabbli jista' jistabbilixxi, fejn mitlub li jieħu ħsieb jew jieħu applikant jew persuna oħra lura kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(c) jew (d), li l-persuna kkonċernata tkun ħalliet it-territorju tal-Istati Membri għall-inqas għal tliet xhur, sakemm il-persuna kkonċernata ma tkunx fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu maħruġ mill-Istat Membru responsabbli.

Applikazzjoni ddepożitata wara l-perijodu ta' assenza msemmi fl-ewwel subparagrafu għandha titqies bħala applikazzjoni ġdida li twassal għal proċedura ġdida biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli.

3. L-obbligi speċifikati fl-Artikolu 18 (1)(c) u (d), għandhom jieqfu fejn l-Istat Membru responsabbli jista' jistabbilixxi, meta mitlub li jieħu lura applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18 (1)(c) jew (d), li l-persuna kkonċernata ħalliet it-territorju tal-Istati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tkeċċija li kien ħareġ wara l-irtirar jew ir-rifjut tal-applikazzjoni

Applikazzjoni ddepożitata wara li sseħħ tkeċċija effettiva għandha titqies bħala applikazzjoni ġdida u twassal għal proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-Istat Membur responsabbli.

KAPITOLU VI

**IL-PROĊEDURA TA' TEĦID TA' INKARIGU U TA' TEĦID LURA**

*DTAQSIMA I*

***Il-bidu tal-proċedura***

*Artikolu 20*

**Il-bidu tal-proċedura**

1. Il-proċess biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli għandu jibda hekk kif applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun iddepożitata għall-ewwel darba għand Stat Membru.

2. Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha titqies li kienet iddepożitata meta formola sottomessa mill-applikant jew rapport ippreparat mill-awtoritajiet ikun wasal għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn applikazzjoni ma ssirx bil-miktub, iż-żmien li jgħaddi bejn id-dikjarazzjoni ta' intenzjoni u l-preparazzjoni ta' rapport għandu jkun kemm jista' jkun qasir.

3. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, is-sitwazzjoni ta' minorenni li jkun jakkumpanja lill-applikant u li jissodisfa d-definizzjoni ta' membru tal-familja għandha tkun indissoċjabbli minn dik tal-membru tal-familja tiegħu/tagħha u għandha tkun materja tal-Istat Membru responsabbli li jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ta' dak il- membru tal-familja, ukoll jekk il-minorenni mhuwiex/mhijiex individwalment applikant(a), sakemm huwa fl-aħjar interess tal-minorenni. L-istess trattament għandu jkun applikat lil tfal imwielda wara li l-applikant jasal fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr il-ħtieġa li titnieda proċedura ġdida biex wieħed jinkariga ruħu minnhom.

4. Fejn applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun iddepożitata għand l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru minn applikant li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għandha tintgħamel mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-applikant ikun preżenti. L-Istat Membru tal-aħħar għandu jkun infurmat mingħajr dewmien mill-Istat Membru li jkun irċieva l-applikazzjoni u mbagħad għandu, għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, ikun ikkunsidrat bħala l-Istat Membru fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata.

L-applikant għandu jkun infurmat bil-miktub b'dan it-tibdil fl-Istat Membru determinanti u bid-data li fiha sar.

5. Applikant li jkun preżenti fi Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jew li hemm iddepożita applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali wara li jirtira l-ewwel applikazzjoni tiegħu magħmula fi Stat Membru ieħor matul il-proċess li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli għandu jittieħed lura, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 23, 24, 25 u 29, mill-Istat Membru li għandu l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet l-ewwel iddepożitata, bil-ħsieb li jtemm il-proċess li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli

Dak l-obbligu għandu jieqaf meta l-Istat Membru mitlub biex jikkompleta l-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli jista' jistabbilixxi li l-applikant sadattant ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri għal perijodu ta' mill-inqas tliet xhur jew ikun kiseb dokument ta' residenza minn Stat Membru ieħor.

Applikazzjoni ddepożitata wara l-perijodu ta' assenza msemmi fit-tieni subparagrafu għandha tkun meqjusa bħala applikazzjoni ġdida li twassal għal proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

*TAQSIMA II*

***Il-proċeduri għat-talbiet biex jittieħed inkarigu***

*Artikolu 21*

**Preżentazzjoni ta' talba biex jittieħed inkarigu**

1. Fejn Stat Membru li għandu kienet iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni, jista', kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-applikazzjoni kienet iddepożitata fit-tifsira tal-Artikolu 20(2), jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu inkarigu tal-applikant.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, f'każ ta' "hit" mill-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, it-talba għandha tintbagħat fi żmien xagħrejn minn meta tiġi riċevuta l-"hit" skont l-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament.

Fejn it-talba biex jittieħed inkarigu ta' applikant ma ssirx fi żmien il-perijodi stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, ir-responsibilità biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun tal-Istat Membru li għandu l-applikazzjoni kienet iddepożitata.

2. L-Istat Membru li jagħmel it-talba jista' jitlob tweġiba urġenti f'każijiet fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata wara li permess biex jidħol jew jibqa' kien irrifjutat, wara arrest minħabba soġġorn illegali jew wara preżentazzjoni jew eżekuzzjoni ta' ordni ta' tneħħija.

It-talba għandha tiddikjara r-raġunijiet li jiġġustifikaw tweġiba urġenti u l-perijodu li fih tweġiba tkun mistennija. Dak il-perijodu għandu jkun għall-inqas ta' ġimgħa.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, it-talba li jittieħed inkarigu minn Stat Membru ieħor għandha ssir billi tintuża formola standard u tinkludi prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 22(3) u/jew elementi relevanti mid-dikjarazzjoni tal-applikant, li jagħmlu possibbli għall-awtoritajiet tal-Istat Membru li tkun saritlu t-talba li jikkontrollaw jekk hux responsabbli fuq il-bażi tal-kriterji preskritti f'dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kondizzjonijiet uniformi dwar il-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' talbiet għal inkarigu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu 44(2)

*Artikolu 22*

**Tweġiba għal talba biex jittieħed inkarigu**

1. L-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa, u għandu jagħti deċiżjoni fuq it-talba biex jittieħed inkarigu ta' applikant fi żmien xahrejn mill-irċevuta tat-talba.

2. Fil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali għandhom ikunu użati.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi, u tirrevedi perjodikament, żewġ listi, li juru l-elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali relevanti skont il-kriterji stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(2).

(a) Prova:

(i) Dan jirreferi għal prova formali li tiddetermina r-responsabbilta skont dan ir-Regolament, sakemm ma tkunx irrifjutata bi prova għal kuntrarju;

(ii) L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kumitat previst fl-Artikolu 44 mudelli ta' tipi differenti ta' dokumenti amministrattivi, skont it-tipoloġija stabbilita fil-lista ta' provi formali;

(b) Evidenza ċirkostanzjali:

(i) Dan jirreferi għal elementi indikattivi li filwaqt li jistgħu jkunu konfutati jistgħu jkunu suffiċjenti, f'ċerti każijiet, skont il-valur evidenzjarju li jingħatalhom;

(ii) Il-valur evidenzjarju tagħhom, f'relazzjoni mar-responsabbiltà biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu jkun evalwat fuq bażi ta' każ każ.

4. Ir-rekwiżit ta' prova m'għandux jeċċedi dak li hu meħtieġ għall-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament.

5. Jekk m'hemmx prova formali, l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu jekk ix-xhieda ċirkostanzjali tkun koerenti, verifikabbli u ddettaljata suffiċjentement biex tistabbilixxi responsabbiltà.

6. Fejn l-Istat Membru li jagħmel it-talba jkun ġab l-urġenza bħala raġuni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(2), l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jagħmel kull sforz biex jikkonforma mal-limitu ta' żmien mitlub. F'każijiet eċċezzjonali, fejn jista' jkun muri li l-eżami ta' talba biex jittieħed inkarigu ta' applikant ikun partikolarment kompless, l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba jista' jagħti t-tweġiba tiegħu wara l-limitu ta' żmien mitlub, imma f'kull każ fi żmien xahar. F'sitwazzjonijiet bħal dawn l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jipposponi tweġiba lill-Istat Membru li jagħmel it-talba fil-limitu ta' żmien oriġinarjament mitlub.

7. Nuqqas ta' azzjoni fi żmien il-perijodu ta' xahrejn imsemmi fil-paragrafu 1 u l-perijodu ta' xahar imsemmi fil-paragrafu 6 għandu jkollu effett ugwali ta' aċċettazzjoni tat-talba, u jinvolvi l-obbligu li tittieħed inkarigu tal-persuna, inklużi l-obbligu biex jipprovdi għal arranġamenti xierqa għal wasla.

*TAQSIMA III*

## *Il-proċeduri għat-talbiet biex jittieħed lura*

*Artikolu 23*

### Preżentazzjoni ta' talba biex jittieħed lura meta tiġi ddepożitata applikazzjoni ġdida fl-Istat Membru rikjedenti

1. Meta Stat Membru fejn persuna kif imsemmi ja fl-Artikolu 18(1)(b), (c) jew (d) iddepożitat applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli skont l-Artikolu 20(5) u l-Artikolu 18(1)(b), (c) jew (d), dan jista' jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu lura dik il-persuna.

2. Talba biex persuna tittieħed lura għandha ssir kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahrejn minn meta rċieva l-"hit" mill-Eurodac kif iddefinit mill-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

Jekk it-talba biex tittieħed lura persuna tkun ibbażata fuq evidenza li mhix data meħuda mis-sistema tal-Eurodac, din għandha tkun mibgħuta lill-Istat Membru li saritlu t-talba fi żmien tliet xhur mid-data li fiha kienet iddepożitata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fit-tifsira tal-Artikolu 20(2).

3. Meta t-talba biex tittieħed lura persuna ma ssirx fil-perijodi stipulati fil-paragrafu 2, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali suċċessiva għandha tkun tal-Istat Membru li fih tkun ġiet iddepożitata l-applikazzjoni l-ġdida.

4. Talba biex persuna tittieħed lura għandha ssir permezz ta' formola standard u għandha tinkludi provi jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 22(3) u/jew elementi rilevanti mid-dikjarazzjonijiet tal-persuna konċernata, li jippermettu lill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest jivverifikaw jekk huwiex responsabbli abbażi tal-kriterji stabbiliti minn dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kondizzjonijiet uniformi għall-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' talbiet biex tittieħed lura persuna. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(2).

*Artikolu 24*

### Preżentazzjoni ta' talba għat-teħid lura meta ma tkunx ġiet iddepożitata ebda applikazzjoni ġdida fl-Istat Membru rikjedenti

1. Meta Stat Membru li fuq it-territorju tiegħu persuna msemmija fl-Artikolu 18(1)(b), (c) jew (d), tkun preżenti mingħajr dokument ta' residenza u li quddiemu ma tkunx ġiet iddepożitata applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali, iqis li Stat Membru ieħor huwa responsabbli skont l-Artikolu 20(5) u l-Artikolu 18(1)(b), (c) jew (d), huwa jista' jitlob lil dak l-Istat Membru l-ieħor biex jieħu lura dik il-persuna.

2. B'deroga mill-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż

illegalment [1], fejn Stat Membru li fuq it-territorju tiegħu persuna tkun preżenti mingħajr dokument ta' residenza jiddeċiedi li jfittex fis-sistema tal-Eurodac skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, it-talba biex tittieħed lura persuna kif imsemmija fl-Artikolu 18(1)(b) jew (c) ta' dan ir-Regolament, jew persuna kif imsemmija fl-Artikolu 18(1)(d) tiegħu li l-applikazzjoni tagħha għal protezzjoni internazzjonali ma tkunx ġiet rifjutata permezz ta' deċiżjoni finali, għandha ssir kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ fi żmien xahrejn minn meta rċieva il-"hit" mill-Eurodac, skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

Jekk it-talba biex tittieħed lura persuna tkun ibbażata fuq evidenza differenti minn dik meħuda mis-sistema tal-Eurodac, din għandha tintbagħat lill-Istat Membru rikjest fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-Istat Membru rikjedenti sar jaf li Stat Membru ieħor jista' jkun responsabbli minn dik il-persuna kkonċernata.

3. Meta t-talba biex tittieħed lura persuna ma ssirx fil-perijodi stipulati fil-paragrafu 2, l-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu il-persuna kkonċernata tkun preżenti mingħajr dokumenti ta' residenza għandu jagħti lil dik il-persuna l-opportunità li tiddepożita applikazzjoni ġdida

4. Fejn persuna kif imsemmija fl-Artikolu 18(1)(d) ta' dan ir-Regolament li l-applikazzjoni tagħha għal protezzjoni internazzjonali tkun ġiet rifjutata permezz ta' deċiżjoni finali fi Stat Membru wieħed tkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza, l-Istat Membru tal-aħħar jista' jew jitlob lill-ewwel Stat Membru biex jieħu lura l-persuna kkonċernata jew inkella jwettaq proċedura skont id-Direttiva 2008/115/KE.

Meta l-Istat Membru tal-aħħar jiddeċiedi li jitlob lill-ewwel Stat Membru biex jieħu lura l-persuna kkonċernata, ir-regoli stipulati fid-Direttiva 2008/115/KE ma għandhomx japplikaw.

5. It-talba biex il-persuna msemmija fl-Artikolu 18(1)(b), (c) jew (d) tittieħed lura, għandha ssir permezz ta' formola standard u għandha tinkuldi provi jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 22(3) u/jew elementi rilevanti mid-dikjarazzjonijiet tal-persuna, li jippermettu lill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest li jivverifikaw jekk huwiex responsabbli abbażi tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi u tirrevedi perjodikament żewġ listi li jindikaw elementi relevanti ta' provi jew evidenza ċirkostanzjali skont il-kriterji msemmija fl-Artikolu 22(3)(a) u (b) u,għandha tadotta kondizzjonijiet uniformi għall-preparazzjoni u s-sossotmissjoni ta' talbiet biex tittieħed lura persuna. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(2).

*Artikolu 25*

**Tweġiba għal talba biex jittieħed lura**

1. L-Istat Membru rikjest għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa u jagħti deċiżjoni dwar it-talba biex jieħu lura l-persuna kkonċernata kemm jista' jkun malajr u f'kull każ mhux aktar tard minn xahar mid-data meta kienet rċevuta t-talba. Meta t-talba tkun ibbażata fuq data miksuba mis-sistema Eurodac, dak il-limitu ta' żmien għandu jitnaqqas għal ġimagħtejn.

2. Nuqqas ta' azzjoni fil-perijodu ta' xahar jew fil-perijodu ta' ġimgħatejn imsemmija fil-paragrafu 1, għandha tfisser aċċettazzjoni tat-talba, u għandha tinvolvi l-obbligu li jieħu lura l-persuna kkonċernata, inkluż l-obbligu li jipprovdi arranġamenti xierqa għall-wasla.

*TAQSIMA IV*

***Salvagwardji proċedurali***

*Artikolu 26*

**Notifika tad-deċiżjoni tat-trasferiment**

1. Meta l-Istat Membru mitlub jaċċetta li jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(c) jew (d), l-Istat Membru rikjedenti għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni li hija tiġi trasferita lejn l-Istat Membru responsabbli u, fejn xieraq, bid-deċiżjoni li ma jeżaminax l-applikazjoni tagħha għal protezzjoni internazzjonali. Jekk konsulent legali jew kunsillier ieħor ikun qed jirrappreżenta lill-persuna kkonċernata, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jinnotifikaw id-deċiżjoni li tali konsulent legali jew kunsillier minflok lill-persuna kkonċernata u, fejn applikabbli, jikkomunikaw id-deċiżjoni lill-persuna kkonċernata.

2. Id-deċiżjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1 għandha tinkludi informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli, inkluż id-dritt ta' applikazzjoni għal effett sospensiv, fejn applikabbli, u dwar il-limiti ta' żmien applikabbli biex jintalbu dawn ir-rimedji u biex ikun eżegwit it-trasferiment u, għandha, jekk meħtieġ, tinkludi informazzjoni dwar il-post fejn, u d-data li fiha l-persuna kkonċernata għandha tidher, jekk dik il-persuna tkun ser tivvjaġġa lejn l-Istat Membru responsabbli bil-mezzi tiegħha stess.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar persuni jew entitajiet li jistgħu jipprovdu assistenza legali lill-persuna kkonċernata tiġi kkomunikata lill-persuna kkonċernata flimkien mad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, meta dik l-informazzjoni ma tkunx diġà ġiet ikkomunikata.

3. Meta l-persuna kkonċernata ma tkunx assistita jew rappreżentata minn konsulent legali jew kunsillier ieħor, l-Istat Membri għandhom jinfurmawha bl-elementi prinċipali tad-deċiżjoni, li għandhom dejjem jinkludu informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u ż-żmien limitu applikabbli biex jintalbu dawn ir-rimedji, f'lingwa li l-persuna kkonċernata tifhem jew li tkun raġonevolment mistennija li tifhem.

*Artikolu 27*

**Rimedji**

1. L-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1) (c) jew (d) għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv, fil-forma ta' appell jew reviżjoni, fil-fatt u fil-liġi, mid-deċiżjoni tat-trasferiment, quddiem qorti jew tribunal.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal perijodu ta' żmien raġonevoli li fih l-applikant jew il-persuna kkonċernata jista' jeżerċita d-dritt għal rimedju effettiv skont il-paragrafu 1.

[1] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.

3. Għall-iskopijiet ta' appelli kontra, jew reviżjonijiet ta', -deċiżjonijiet ta' trasferiment, l-Istati Membri għandhom jipprevedu fil-liġi nazzjonali tagħhom li:

(a) l-appell jew ir-reviżjoni tagħti lill-applikant id-dritt li jibqa' fl-Istat Membru kkonċernat sakemm jintlaħaq l-eżitu tal-appell jew ir-reviżjoni; jew

(b) it-trasferiment huwa sospiż awtomatikament u tali sospensjoni tiskadi wara ċertu perijodu ta' żmien raġonevoli, f'liema żmien qorti jew tribunal, wara skrutinju mill-qrib u rigoruż, tkun ħadet deċiżjoni dwar jekk għandux jingħata effett sospensiv lil appell jew reviżjoni; jew

(c) il-persuna kkonċernata jkollha l-opportunità li titlob f'perijodu ta' żmien raġonevoli lil qorti jew tribunal biex jissospendi l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment sakemm jintlaħaq l-eżitu tal-appell jew reviżjoni tiegħu/tagħha L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm rimedju effettiv billi jissospendu t-trasferiment sakemm tittieħed deċiżjoni rigward l-ewwel talba għal sospensjoni. Kwalunkwe deċiżjoni dwar jekk l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment għandhiex tiġi sospiża għandha tittieħed f'perijodu ta' żmien raġonevoli, filwaqt li tippermetti skrutinju mill-qrib u rigoruż tat-talba għal sospensjoni. Deċiżjoni li l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment ma tiġix sospiża għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jaġixxu ex officio fis-sospensjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tat-trasferiment sakemm iseħħ l-eżitu tal-appell jew reviżjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna kkonċernata għandha aċċess għall-assistenza legali u, fejn neċessarju, assistenza lingwistika.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza legali tingħata fuq talba mingħajr ħlas fejn il-persuna kkonċernata ma tistax tħallas l-ispejjeż involuti. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, fir-rigward ta' tariffi u spejjeż oħrajn, it-trattament tal-applikanti ma jkunx aktar favorevoli mit-trattament ġeneralment mogħti liċ-ċittadini tagħhom fi kwistjonijiet relatati mal-assistenza legali.

Mingħajr ma jillimitaw b'mod arbitrarju l-aċċess għall-assistenza legali, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li ma tingħatax assistenza legali u rappreżentanza mingħajr ħlas fejn l-appell jew ir-reviżjoni jkun ikkunsidrat mill-awtorità kompetenti jew minn qorti jew tribunal li ma għandu ebda prospett tanġibbli li jirnexxi

Fejn tittieħed deċiżjoni li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas skont dan il-paragrafu minn awtorità li mhijiex qorti jew tribunal, l-Istati Membri għandhom jipprevedu dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra dik id-deċiżjoni.

Fil-konformità tagħhom mar-rekwiżiti stipulati f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza u r-rappreżentanza legali ma tkunx limitata b'mod arbitrarju u li l-aċċess effettiv tal-applikant għall-ġustizzja ma jsibx xkiel.

L-assistenza legali għandha tinkludi tal-inqas it-tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa u rappreżentanza quddiem lqorti jew tribunal u tista' tiġi limitata għal konsulenti legali jew kunsilliera nominati b'mod speċifiku mid-dritt nazzjonali biex jipprovdu assistenza u rappreżentanza.

Il-proċeduri għall-aċċess għal assistenza legali għandhom ikunu stipulati fid-dritt nazzjonali.

*TAQSIMA V*

## *Id-detenzjoni għar-raġunijiet ta' trasferiment*

*Artikolu 28*

### Detenzjoni

1. L-Istati Membri ma' għandhomx iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li huwa jew hija soġġetta għall-proċedura stabbilita b'dan ir-Regolament.

2. Meta jkun hemm riskju sinifikanti li l-persuna taħrab, l-Istati Membri jistgħu jżommu lill-persuna kkonċernata taħt detenzjoni sabiex jiżguraw proċeduri ta' trasferiment skont dan ir-Regolament, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali u biss sa fejn id-detenzjoni tkun proporzjonali, jekk ma jkunux jistgħu jiġu applikati effettivament miżuri alternattivi oħra inqas koerżivi.

3. Id-detenzjoni għandha tkun għal żmien qasir kemm jista' jkun u m'għandiex tkun għal iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament

Fejn persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perijodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex jittieħed inkarigu jew jittieħed lura ma għandux ikun itwal minn xahar minn meta t-talba tiġi ppreżentata. L-Istat Membru li jwettaq l-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitolob tweġiba urġenti f'dawn il-każijiet. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ġimgħatejn minn meta jirċievi t-talba. Nuqqas ta' tweġiba fil-perijodu ta' ġimgħatejn għandu l-istess effett ta' aċċettazzjoni tat-talba, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.

Meta persuna tinżamm taħt detezjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli għandu jkun eżegwit mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mill-aċċettazzjoni impliċita jew espliċita tat-talba minn Stat Membru ieħor biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata jew mill-mument meta l-appell jew reviżjoni ma jkollux jew ma jkollhiex aktar effett sospensiv skont l-Artikolu 27(3)

Meta l-Istat Membru rikjedenti jonqas milli jikkonforma mat-termini ta' żmien biex jippreżenta talba biex jittieħed inkarigu jew jittieħed lura jew fejn it-trasferiment ma jseħħx fl-iskadenza ta' sitt ġimgħat imsemmija fit-tielet subparagrafu, il-persuna ma għandhiex tinżamm aktar taħt detenzjoni. L-Artikoli 21, 23, 24 u 29 għandhom jinqgħu japplikaw kif adatt.

4. Fir-rigward tal-kondizzjonijiet għad-detenzjoni, u l-garanziji applikabbli għal persuni taħt detenzjoni, sabiex jiġu żgurati l-proċeduri ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli, għandhom japplikaw l-Artikolu 9, 10 u 11 tad-Direttiva 2013/33/UE.

*TAQSIMA VI*

***Trasferimenti***

*Artikolu 29*

**Modalitajiet u żmien limitu**

1. It-trasferiment tal-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fil-punti (c) jew (d) tal-Artikolu 18(1) mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u l-aktar tard fi żmien sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba minn Stat Membru ieħor biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata jew tad-deċiżjoni finali wara appell jew reviżjoni fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 27(3).

Jekk trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli jsiru permezz ta' tluq sorveljat jew taħt skorta, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn isiru b'mod uman u b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u d-dinjità umana.

Fejn hu meħtieġ, l-applikant għandu jingħata mill-Istat Membru rikjedenti laissez passer. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi d-disinn tal-laissez passer. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu 44(2)

L-Istat Membru responsabbli għandu jgħarraf lill-Istat Membru li jagħmel it-talba, kif xieraq, bil-wasla salva tal-persuna kkonċernata jew bil-fatt li huwa jew hija ma dehritx fil-limitu tal-ħin stabbilit.

2. Fejn it-trasferiment ma jsirx fiż-żmien limitu ta' sitt xhur, l-Istat Membru responsabbli għandu jitneħħewlu l-obbligi biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata u r-responsabbiltà għandha tkun trasferita lill-Istat Membru rikjedenti. Dan il-limitu ta' żmien jista' jkun estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax ikun eżegwit minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata jew sa massimu ta' tmintax-il xahar jekk il-persuna kkonċernata tkun ħarbet.

3. Jekk persuna ġiet ittrasferita bi żball jew deċiżjoni ta' trasferiment ġiet mibdula fl-appell jew fir-reviżjoni wara li twettaq it-trasferiment, l-Istat Membru li wettaq it-trasferiment għandu jaċċetta dik il-persuna lura minnufih.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fil-każ ta' trasferimenti li ġew posposti jew damu, trasferimenti b'segwitu għal aċċettazzjoni awtomatika, trasferimenti ta' minorenni jew persuni dipendenti, u ta' trasferimenti sorveljati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(2).

*Artikolu 30*

**Spejjeż tat-trasferimenti**

1. L-ispejjeż neċessarji għat-trasferiment tal-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(c) jew (d) lejn l-Istat Membru responsabbli għandhom jitħallsu mill-Istat Membru li qed jagħmel it-trasferiment.

2. Meta l-persuna kkonċernata jkollha tintbagħat lura lejn Stat Membru minħabba trasferiment żbaljat jew deċiżjoni ta' trasferiment li ġiet mibdula fl-appell jew fir-reviżżjoni wara li jkun twettaq it-trasferiment, l-Istat Membru li oriġinarjament għamel it-trasferiment għandu jkun responsabbli tal-ispejjeż tat-trasferiment tal-persuna kkonċernata lura fit-territorju tiegħu.

3. Persuni li se jkunu ttrasferiti skont dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu mitluba jħallsu għall-ispejjeż ta' dawn it-trasferimenti.

*Artikolu 31*

**L-iskambju ta' informazzjoni relevanti qabel isiru t-trasferimenti**

1. L-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi tal-Artikolu 18(1)(c) jew (d) għandu jikkomunika lill-Istat Membru responsabbli dik id-data personali dwar il-persuna li għandha tiġi trasferita li tkun xierqa, rilevanti u mhux eċċessiva għall-unika raġuni li tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti, skont id-dritt nazzjonali fl-Istat Membru responsabbli, jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu assistenza adegwata lil dik il-persuna, inkluż il-kura immedjata tas-saħħa meħtieġa sabiex ikunu protetti l-interessi vitali tiegħu jew tagħha, u li tiżgura kontinwità fil-protezzjoni u d-drittijiet mogħtija minn dan ir-Regolament u minn strumenti legali rilevanti oħrajn rigward l-asil. Dik id-data għandha tiġi kkomunikata lill-Istat Membru responsabbli f'perijodu ta' żmien raġonevoli qabel isir trasferiment, sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu skont id-dritt nazzjonali ikollhom żmien suffiċjenti biex jieħu l-miżuri meħtieġa.

2. L-Istat Membru ta' trasferiment għandu, sa fejn tali informazzjoni tkun disponibbli lill-awtorità kompetenti skont id-dritt nazzjonali, jittrasmetti lill-Istat Membru responsabbli kwalunkwe informazzjoni li tkun essenzjali sabiex għas-salvgwardja tad-drittijiet u l-ħtiġijiet speċjali immedjati tal-persuna li ser tiġi trasferita, u b'mod partikolari:

(a) kwalunkwe miżura immedjata li l-Istat Membru responsabbli huwa obbligat li jieħu biex jiżgura li l-ħtiġijiet speċjali tal-persuna li ser tiġi trasferita jkunu indirizzati adegwatament, inkluż kwalunkwe kura tas-saħħa immedjata li tista' tkun meħtieġa;

(b) Id-dettalji ta' kuntatt tal-membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istat Membru li qed jirċievi, fejn applikabbli;

(c) fil-każ ta' persuni minorenni, informazzjoni dwar l-edukazzjoni tagħhom;

(d) evalwazzjoni tal-età tal-applikant;

3. L-iskambju ta' informazzjoni taħt dan l-Artikolu għandu jseħħ biss bejn l-awtoritajiet notifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament permezz tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika "DubliNet" stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss għall-finijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u ma għandhiex tiġi proċessata aktar.

4. Bil-ħsieb li jkun iffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal formola standard għat-trasferiment tad-data li hemm bżonn skont dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 44(2).

5. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 34(8) sa (12) għandhom japplikaw għall-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 32*

**Skambju ta' data dwar is-saħħa qabel isir trasferiment**

1. Għall-unika raġuni li tingħata l-kura jew trattament mediku, b'mod partikolari rigward persuni b'diżabbiltà, anzjani, nisa tqal, minorenni u persuni li kienu ttorturati, stuprati jew sofrew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, l-Istat Membru li qed jittrasferixxi għandu sa fejn tkun disponibbli lill-awtorità kompetenti skont id-dritt nazzjonali, jibgħat lill-Istat Membru responsabbli l-informazzjoni dwar kwalunkwe bżonnijiet speċjali tal-persuna li ser tiġi ttrasferita, li f'każijiet speċifiċi tista' tinkludi informazzjoni dwar l-istat tas-saħħa fiżika u mentali ta' dik il-persuna. Dik l-informazzjoni għandha tkun ittrasferita f'ċertifikat tas-saħħa komuni bid-dokumenti meħtieġa mehmuża. L-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li dawk il-bżonnijiet speċjali jkunu indirizzati b'mod xieraq, inkluż b'mod partikolari kull kura medika essenzjali li jkun hemm bżonn.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal iċ-ċertifikat tas-saħħa komuni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 44(2).

2. L-Istat Membru li qed jittrasferixxi għandu jitrażmetti biss l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Istat Membru responsabbli wara li jkun kiseb il-kunsens espliċitu tal-applikant u/jew tar-rappreżentant tiegħu jew tagħha, jew, meta l-applikant ikun fiżikament jew legalment inkapaċi li jagħti l-kunsens tiegħu jew tagħha, meta tali trażmissjoni tkun meħtieġa biex tipproteġi l-interessi vitali tal-applikant jew ta' kwalunkwe persuna oħra. In-nuqqas ta' kunsens, inkluż rifjut ta' kunsensma għandux jikkostitwixxi ostakolu għat-trasferiment.

3. L-ipproċessar tad-data personali msemmija fil-paragrafu 1 għandu jsir biss minn professjonist tas-saħħa li huwa soġġett, taħt il-liġi jew regoli nazzjonali stabbiliti mill-korpi kompetenti nazzjonali, għall-obbligu tal-kunfidenzjalita' medika jew minn persuna oħra soġġetta għal obbligu ekwivalenti ta' sigriet professjonali.

4. L-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu għandu jsir biss bejn il-professjonisti tas-saħħa jew persuni oħrajn imsemmijin fil-paragrafu 3. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss għall-għanijiet iddikjarati fil-paragrafu 1 u ma għandhiex tiġi pproċessata aktar.

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kondizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 44(2).

6. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 34(8) sa (12) għandhom japplikaw għall-iskambju tal-informazzjoni skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 33*

**Mekkaniżmu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet**

1. Fejn, fuq il-bażi ta', b'mod partikolari, l-informazzjoni miġbura mill-EASO skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010, il-Kummissjoni tistabbilixxi li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' titqiegħed fil-perikolu minħabba jew l-identifikazzjoni ta' riskju ssostanzjat ta' pressjoni partikolari li titpoġġa fuq is-sistema ta' asil ta' Stat Membru u/jew minħabba problemi fil-funzjonament tas-sistema ta' asil ta' Stat Membru, hija għandha, b'kooperazzjoni mal-EASO, tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru u tistiednu jfassal pjan ta' azzjoni preventiva.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jekk huwiex bi ħsiebu jippreżenta pjan ta' azzjoni preventiva sabiex jelimina l-pressjoni u/jew problemi fil-funzjonament tas-sistema ta' asil tiegħu filwaqt li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali.

Stat Membru jista', fid-diskrezzjoni u fuq inizjattiva tiegħu, ifassal pjan ta' azzjoni preventiva u reviżjonijiet sussegwenti għalih. Fit-tfassil tal-pjan ta' azzjoni preventiva, l-Istati Membru jista' jitlob l-assistenza tal-Kummissjoni, Stati Membri oħrajn, l-EASO u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni.

2. Fejn jitfassal pjan ta' azzjoni preventiva, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżentah u għandu regolarment jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha sussegwentement tgħarraf lill-Parlament Ewropew dwar l-elementi prinċipali tal-pjan ta' azzjoni preventiva. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapporti dwar l-implimentazzjoni tiegħu lill-Kunsill u tibgħat rapporti dwar l-implimentazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha adatti biex jittratta s-sitwazzjoni ta' pressjoni partikolari fuq is-sistema tal-asil tiegħu jew biex jiżgura li n-nuqqasijiet identifikati jiġu indirizzati qabel ma s-sitwazzjoni tmur għall-agħar. Fejn il-pjan ta' azzjoni preventiva jkun jinkludi miżuri mmirati biex jindirizzaw pressjoni partikolari fuq is-sistema ta' asil ta' Stat Membru li jista' jpoġġi fil-periklu l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tfittex il-pariri tal-EASO qabel ma tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Fejn il-Kummissjoni tistabilixxi, abbażi tal-analiżi tal-EASO, li l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni preventiva ma kinitx ta' rimedju għan-nuqqasijiet identifikati jew fejn hemm riskju serju li s-sitwazzjoni tal-asil fl-Istat Membru kkonċernat tista' tiżviluppa fi kriżi, li l-pjan ta' azzjoni preventiva x'aktarx ma jkunx jista' jirrimedjaha, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-EASO kif applikabbli, tista' titlob li l-Istat Membru kkonċernat ifassal pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet u, fejn meħtieġ, reviżjonijiet għalih. Il-pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet għandu jiżgura, tul il-proċess kollu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet stabbilit f'dan l-Artikolu, il-konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar l-asil, b'mod partikolari mad-drittijiet fundamentali tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

B'segwitu għat- talba li jfassal pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet, l-Istat Membru kkonċernat għandu, bil-kooperazzjoni tal-Kummissjoni u mal-EASO, jagħmel dan minnufih, u sa mhux aktar tard minn tliet xhur mit-talba

L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta l-pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet tiegħu u għandu jirrapporta, mill-inqas kull tliet xhur, dwar l-implimentazzjoni tiegħu lill- Kummissjoni u lil partijiet interessati rilevanti oħrajn, bħall-ESAO, kif adatt.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet, reviżjonijiet possibbli u l- implimentazzjoni tiegħu. F'dawn ir-rapporti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirrapporta dwar data għall-monitoraġġ tal-konformità mal-pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet, bħat-tul tal-proċedura, il-kondizzjonijiet tad-detenzjoni u l-kapaċità ta' akkoljenza rigward flussi ta' applikanti.

4. Matul il-proċess kollu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet stabbilit f'dan l-Artikolu, il- Kunsill għandu jissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni u jista' jitlob aktar informazzjoni u jagħti tmexxija politika, b'mod partikolari rigward l-urġenza u l-gravità tas-sitwazzjoni u għalhekk, il-ħtieġa li Stat Membru jfassal jew pjan ta' azzjoni preventiva jew, jekk neċessarju, pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu, tul il-proċess kollu, jiddiskutu u jipprovdu gwida dwar kwalunkwe miżura ta' solidarjetà skont kif jidrilhom xieraq.

KAPITOLU VII

## KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

*Artikolu 34*

### Skambju ta' informazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lil kull Stat Membru li jitlob hekk tali data personali dwar l-applikant li tkun xierqa, relevanti u mhux eċċessiva għal:

(a) id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali;

(b) l-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

(c) l-implimentazzjoni ta' kull obbligu li joħroġ minn dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1 tista' biss tkopri:

(a) id-dettalji personali tal-applikant, u, fejn xieraq, il-membri tal-familja tiegħu jew tagħha, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra (isem sħiħ u fejn xieraq, isem preċedenti; laqmijiet jew psewdonimi; nazzjonalita, preżenti u preċedenti; data u post tat-twelid);

(b) karti ta' identita u vjaġġar (referenzi, validita, data ta' ħruġ, awtorita li ħarġithom, post ta' ħruġ, eċċ.);

(c) informazzjoni oħra meħtieġa biex tkun stabbilita l-identita tal-applikant, inklużi marki tas-swaba' pproċessati skont ir-Regolament (UE) Nru 603/2013;

(d) post ta' residenza u rotot li tulhom sar il-vjaġġ;

(e) dokumenti ta' residenza jew viżas maħruġa minn Stat Membru;

(f) post fejn l-applikazzjoni kienet iddepożitata;

(g) id-data li fiha kull applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali preċedenti kienet iddepożitata, id-data li fiha l-applikazzjoni preżenti kienet iddepożitata, l-istadju milħuq fil-proċeduri u d-deċiżjoni meħuda, jekk jeżistu.

3. Barra minn hekk, sakemm huwa meħtieġ għall-eżami tal-applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru responsabbli jista' jitlob Stat Membru ieħor biex jgħarrfu fuq liema raġunijiet l-applikant qiegħed jibbaża l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni meħuda dwar l-applikant. L-Istat Membru l-ieħor jista' jirrifjuta li jwieġeb għat-talba ssottomessa lilu, jekk il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bħal din aktarx tkun ta' ħsara għall-interessi essenzjali tiegħu jew għall-protezzjoni tal-libertajiet u drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata jew ta' oħrajn. F'kull każ, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni mitluba għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni bil-miktub tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali, meħuda mill-Istat Membru rikjedenti. F'dak il-każ l-applikant għandu jkun jaf għal liema informazzjoni speċifika qiegħed/qegħda j/tagħti l-approvazzjoni tiegħu jew tagħha.

4. Kull talba għal informazzjoni għandha tkun mibgħuta biss fil-kuntest ta' applikazzjoni individwali għall-protezzjoni internazzjonali. Hija għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u, fejn l-għan tagħha huwa li tikkontrolla jekk hemmx kriterju li aktarx jinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat Membru li tkun saritlu t-talba, inkluża informazzjoni relevanti minn sorsi ta' min jorbot fuqhom dwar il-metodi u l-mezzi li bihom l-applikanti jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri, jew dwar fuq liema parti speċifika u verifikabbli tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant tkun ibbażata. Huwa mifhum li informazzjoni relevanti bħal din minn sorsi ta' min jorbot fuqhom mhix fiha nnifisha suffiċjenti biex tiddetermina r-responsabbiltà u l-kompetenza ta' Stat Membru taħt dan ir-Regolament, imma tista' tikkontribwixxi għall-valutazzjoni ta' indikazzjonijiet oħra konnessi mal-applikant individwali.

5. L-Istat Membru rikjest għandu jkun obbligat iwieġeb fi żmien ħames ġimgħat. Kull dewmien għat-tweġiba għandu jkun ġustifikat b'mod xieraq. Nuqqas ta' konformità mal-limitu taż-żmien ta' ħames gimgħat m'għandux jeħles lill-Istat Membru rikjest mill-obbligu li jagħti tweġiba. Jekk ir-riċerka mwettqa mill-Istat Membru rikjest li ma rrispettax iż-żmien limitu massimu iżżomm informazzjoni li turi li dan huwa responsabbli, dak l-Istat Membru ma jistax jagħmel użu mill-iskadenza taż-żmien limitu stabbilit fl-Artikolu 21, 23 u 24 bħala raġuni biex jirrifjuta li jkun konformi mat-talba biex jieħu ħsieb jew jieħu lura. F'dak il-każ, il-limiti taż-żmien previsti fl-Artikoli 21, 23 u 24 għall-preżentazzjoni ta' talba biex jieħu inkarigu jew jieħu lura għandha tiġi estiża b'perijodu ta' żmien li għandu jkun ekwivalenti għad-dewmien fir-tweġiba mill-Istat Membru rikjest.

6. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jitwettaq wara talba ta' Stat Membru u jista' jsir biss bejn awtoritajiet li l-ħatra tagħhom minn kull Stat Membru tkun ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35(1)

7. L-informazzjoni skambjata tista' tintuża biss għall-għanijiet iddikjarati fil-paragrafu 1. F'kull Stat Membru informazzjoni tali, filwaqt li tkun tiddependi fuq it-tip tagħha u l-poteri tal-awtorita li tirċeviha, tista' tkun ikkomunikata biss lill-awtoritajiet u l-qrati u tribunali fdati bi:

(a) d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli;

(b) l-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

(c) l-implimentazzjoni ta' kull obbligu li joħroġ minn dan ir-Regolament.

8. L-Istat Membru li jibgħat l-informazzjoni għandu jiżgura li tkun preċiża u aġġornata. Jekk isir magħruf li huwa kien bagħat informazzjoni li ma tkunx preċiża jew li ma kellhiex tintbagħat, l-Istati Membri li jirċievu għandhom immedjatament ikunu infurmati b'dan. Huma għandhom ikunu obbligati jikkoreġu it-tali informazzjoni jew iħassruha.

9. L-applikant għandu jkollu d-dritt li jiġi infurmat, fuq talba, b'kull data li tkun ipproċessata dwaru.

Jekk l-applikant isib li d-data kienet ipproċessata bi ksur ta' dan ir-Regolament jew tad-Direttiva 95/46/KE b'mod partikolari għax tkun inkompluta jew mhux preċiża, huwa jew hija jkun/tkun intitolat(a) li din id-data tkun korretta jew imħassra.

L-awtorita li tikkoreġi jew tħassar d-data għandha tinforma, kif xieraq, l-Istat Membru li jittrasmetti jew jirċievi l-informazzjoni.

L-applikant għandu jkollha d-dritt li jressaq azzjoni jew ilment quddiem l-awtoritajiet kompetenti jew il-qrati jew it-tribunali tal-Istat Membru li rrifjuta d-dritt għall-aċċess għal, jew id-dritt għall-korrezzjoni jew tħassir tad-data dwaru jew dwarha.

10. F'kull Stat Membru kkonċernat, għandu jinżamm rekord, fil-fajl individwali għall-persuna kkonċernata u/jew f'reġistru, tat-trasmissjoni u riċeviment ta' informazzjoni skambjata.

11. Id-data skambjata għandha tinżamm għal perijodu li ma jeċċedix dak li hu meħtieġ għall-għanijiet li għalihom tkun skambjata.

12. Fejn id-data mhix ipproċessata awtomatikament jew mhux kontenuta, jew intenzjonata li tkun imdaħħla, ġo fajl, kull Stat Membru għandu jieħu miżuri xierqa biex jiżgura konformità ma' dan l-Artikolu permezz ta' kontrolli effittivi.

*Artikolu 35*

**Awtoritajiet kompetenti u riżorsi**

1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien bl-awtoritajiet responsabbli speċifiċi biex jissodisfaw obbligi li joħorġu minn dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jeżegwixxu x-xogħlijiet tagħhom u b'mod partikolari għat-tweġibiet fil-limiti ta' żmien preskritt għal talbiet għal informazzjoni, talbiet biex jittieħed inkarigu ta' jew talbiet biex jittieħdu lura applikanti.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista kkonsolidata tal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Meta jkun hemm emendi fiha, il-Kummissjoni għandha tippubblika lista kkonsolidata aġġornata darba f'sena.

3. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragarfu 1 għandhom jirċievu t-taħriġ neċessarju fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi stazzjonijiet ta' trasmissjoni elettronika b'sigurtà bejn l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 biex ikunu trasmessi talbiet, tweġibiet u l-korripondenza kollha miktuba u biex jkun żgurat li min jibgħat jirċievi awtomatikament prova elettronika ta' kunsinna. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu 44(2).

*Artikolu 36*

**Arranġamenti amministrattivi**

1. L-Istati Membri jistgħu, fuq bażi bilaterali, jistabbilixxu arranġamenti amministrattivi bejniethom dwar id-dettalji prattiċi tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, biex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni tiegħu u tikber l-effikaċja tiegħu. Arranġamenti tali jistgħu jirrigwardaw:

(a) skambji ta' uffiċjali ta' liaison;

(b) simplifikazzjoni tal-proċeduri u taqsir tal-limiti ta' żmien fir-rigward ta' trasmissjoni u eżami ta' talbiet biex jittieħed inkarigu ta' jew jittieħdu lura applikanti;

2. L-Istati Membri għandhom ukoll iżommu l-arranġamenti amministrattivi konklużi taħt ir-Regolament (KE) Nru 343/2003. Sa fejn dawn l-arranġamenti mhumiex kompatibbli ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jemendaw l-arranġamenti b'tali mod li jeliminaw kwalunkwe inkompatibbiltà li tirriżulta.

3. Qabel il-konklużjoni jew l-emenda ta' kwalunkwe arranġament imsemmi fil-paragrafu 1(b), l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw mal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-arranġament ma' dan ir-Regolament.

4. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-arranġamenti msemmijin fil-paragrafu 1(b) huma inkompatibbli ma' dan ir-Regolament, hija għandha, f'perijodu raġonevoli, tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi adatti kollha biex jemendaw l-arranġament ikkonċernat fi żmien raġonevli b'tali mod li jeliminaw kwalunkwe inkompatibbiltà li tirriżulta.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni rigward l-arranġamenti kollha msemmijin fil-paragrafu 1, u rigward kwalunkwe denunzja tagħhom, jew emeda lilhom

KAPITOLU VIII

**KONĊILJAZZJONI**

*Artikolu 37*

**Konċiljazzjoni**

1. Fejn l-Istati Membri ma jistgħux isolvu tilwima, dwar kwalunke kwestjoni relatata mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jistgħu jirrikorru għall-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista mill-paragrafu 2.

2. Il-proċedura ta' konċiljazzjoni għandha tinbeda b'talba minn wieħed mill-Istati Membri fit-tilwima lill-President tal-Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu 44 Meta jaqblu li jużaw il-proċedura ta' konċiljazzjoni, l-Istati Membri kkonċernati jintrabtu li jagħtu l-ogħla konsiderazzjoni lis-soluzzjoni proposta.

Il-President tal-Kumitat għandu jaħtar tliet membri tal-Kumitat li jirrappreżentaw tliet Stati Membri mhux konnessi mal-affari. Huma għandhom jirċievu l-argumenti tal-partijiet jew bil-miktub jew verbalment u, wara deliberazzjoni, għandhom jipproponu soluzzjoni fi żmien xahar, fejn meħtieġ wara vot.

Il-President tal-Kumitat, jew id-Deputat tiegħu, għandu jippresjedi d-diskussjoni. Jista' jressaq l-opinjoni tiegħu imma ma jistax jivvota.

Tkunx adottata jew miċħuda mill-partijiet, is-soluzzjoni proposata għandha tkun finali u irrevokabbli.

KAPITOLU IX

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 38*

**Sigurtà tad-data u protezzjoni tad-data**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kolla adatti biex jiżguraw is-sigurtà tad-data personali trasmessa u b'mod partikolari biex jiġu evitati l-aċċess jew id-divulgazzjoni illegali jew mhux awtorizzati, l-alterazzjoni jew it-telf ta' data personali ipproċessata.

Kull Stat Membru għandu jipprevedi li l-awtorità jew awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni nominati skont l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46/KE għandhom jissorveljaw b'mod indipendenti, f'konformità mad-dritt nazzjonali rispettiv tagħhom, il-legalità tal-ipproċessar, skont dan ir-Regolament, tad-data personali mill-Istat Membru inkwistjoni.

*Artikolu 39*

**Kunfidenzjalità**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmijin fl-Artikolu 35 ikunu marbutin bir-regoli ta' kunfidenzjalità previsti fid-dritt nazzjonali, fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-ħidma tagħhom.

*Artikolu 40*

**Penali**

L-Istati Membru għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li kull użu ħażin tad-data pproċessata skont dan ir-Regolament tkun punibbli minn penali, inklużi penali amministrattivi u/jew kriminali skont id-dritt nazzjonali, li huma effettivi, proporzjonali u dissważivi.

*Artikolu 41*

**Miżuri tranżitorji**

Fejn applikazzjoni kienet iddepożitata wara d-data msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 49, l-avvenimenti li aktarx jinvolvu r-responsabbilta ta' Stat Membru taħt dan ir-Regolament għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni, ukoll jekk jippreċedu dik id-data, ħlief l-avvenimenti msemmija fl-Artikolu 13(2)

*Artikolu 42*

**Il-kalkolu taż-żmien limitu**

Kull perijodu ta' żmien preskritt f'dan ir-Regolament għandu jkun ikkalkolat kif ġej:

(a) fejn perijodu huwa espress f'jiem, ġimgħat jew xhur għandu jkun ikkalkolat mill-mument li fih avveniment jiġri jew azzjoni ssir, il-jum li matulu dak l-avveniment jiġri jew dik l-azzjoni ssir m'għandux jingħadd bħala li jaqa' fil-perijodu inkwestjoni;

(b) perijodu espress f'ġimgħat jew xhur għandu jintemm bl-iskadenza tal-jum ikun liema jkun fl-aħħar ġimgħa jew xahar li jkun l-istess jum tal-ġimgħa jew jaqa' fl-istess data bħal jum li matulu l-avveniment jew l-azzjoni li minnu l-perijodu għandu jkun ikkolkolat ġara jew saret. Jekk f'perijodu espress f'xhur, il-jum li fih għandu jiskadi ma jkunx jidher fl-aħħar xahar, il-perijodu għandu jintemm bl-iskadenza tal-aħħar jum ta' dak ix-xahar;

(c) il-limiti ta' żmien għandhom jinkludu s-Sibtijiet, il-Ħdud u btajjel uffiċjali f'kull Stat Membru kkonċernat.

*Artikolu 43*

**Ambitu territorjali**

Sakemm jikkonċerna r-Repubblika Franċiża, dan ir-Regolament għandu japplika biss għat-territorju Ewropew tagħha.

*Artikolu 44*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika.

*Artikolu 45*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati hija kkonferita lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikoli 8(5) u 16(3) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perijodu ta' 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġislattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mil-leġislatur. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delegazzjoni tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded taċitament għal perijodu ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix għal tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 8(5) u 16(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni għal revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tieħu effett l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fi il-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli fl-Artikoli 8(5) u 16(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressal-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' erba' xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma informaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 46*

**Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni**

Sal-21 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, fejn hu xieraq, għandha tipproponi l-emendi meħtieġa. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha xierqa għall-preparazzjoni ta' dak ir-rapport, sal-aktar tard sitt xhur qabel jiskadi l-limitu ta' żmien.

Warali li tkun issottomettiet dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-istess żmien li hija tissottometti rapporti dwar l-implimentazzjoni tas-sistema Eurodac li jipprovdi għalihom l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

*Artikolu 47*

**Statistika**

F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali [1], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni (Eurostat), l-istatistika dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

*Artikolu 48*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 343/2003 hu mħassar.

L-Artikoli 11(1), 13, 14 and 17 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003 huma mħassra.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 49*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fi il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Hu għandu japplika għal applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitati sa mill-ewwel jum tas-sitt xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu u, minn dik id-data, ikun japplika għal kull talba biex jittieħed inkarigu ta' jew jittieħdu lura applikanti, irrespettivament mid-data li fiha l-applikazzjoni kienet saret. L-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali issottomessa qabel dik id-data għandu jkun iddeterminat skont il-kriterji ddikjarati fir-Regolament (KE) Nru 343/2003.

Referenzi f'dan ir-Regolament għar-Regolament (UE) Nru 603/2013, id-Direttiva 2013/32/UE u d-Direttiva 2013/33/UE għandhom jinftehmu, sad-dati tal-applikazzjoni tagħhom, bħala referenzi għar-Regolament (KE) Nru 2725/2000 [2], id-Direttiva 2003/9/KE [3] u d-Direttiva 2005/85/KE [4] rispettivament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A. SHATTER |

(1) ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23.

(2) Id-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1).

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil (ĠU L 31, 6.2.2003, p. 18).

(4) Council Directive 2005/85/KE of 1 December 2005 on minimum standards on procedures in Member States for granting and withdrawing refugee status (ĠU L 326, 13.12.2005, p. 13).

*ANNESS I*

**Regolamenti mħassra (imsemmija fl-Artikolu 48)**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003

(ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1)

L-Artikoli 11(1), 13, 14 u 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003

(ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3)

*ANNESS II*

**Tabella ta' Korrelazzjoni**

| Ir-Regolament (KE) Nru 343/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2(a) | Artikolu 2(a) |
| Artikolu 2(b) | — |
| Artikolu 2(c) | Artikolu 2(b) |
| Artikolu 2(d) | Artikolu 2(c) |
| Artikolu 2(e) | Artikolu 2(d) |
| Artikolu 2(f) | Artikolu 2(e) |
| Artikolu 2(g) | Artikolu 2(f) |
| — | Artikolu 2(h) |
| — | Artikolu 2(i) |
| Artikolu 2(h) | Artikolu 2(j) |
| Artikolu 2(i) | Artikolu 2(g) |
| — | Artikolu 2(k) |
| Artikolu 2(j) u (k) | Artikolu 2(l) u (m) |
| — | Artikolu 2(n) |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 3(1) |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 17(1) |
| Artikolu 3(3) | Artikolu 3(3) |
| Artikolu 3(4) | Artikolu 4(1), parti introduttorja |
| — | Artikolu 4(1)(a) sa (f) |
| — | Artikolu 4(2) u (3) |
| Artikolu 4 (1) sa (5) | Artikolu 20 (1) sa (5) |
| — | Artikolu 20 (5), it-tielet sottoparagrafu |
| — | Artikolu 5 |
| — | Artikolu 6 |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 7(1) |
| Artikolu 5(2) | Artikolu 7(2) |
| — | Artikolu 7(3) |
| Artikolu 6, l-ewwel paragrafu | Artikolu 8(1) |
| — | Artikolu 8(3) |
| Artikolu 6, it-tieni paragrafu | Artikolu 8(4) |
| Artikolu 7 | Artikolu 9 |

| Ir-Regolament (KE) Nru 343/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 8 | Artikolu 10 |
| Artikolu 9 | Artikolu 12 |
| Artikolu 10 | Artikolu 13 |
| Artikolu 11 | Artikolu 14 |
| Artikolu 12 | Artikolu 15 |
| — | Artikolu 16 |
| Artikolu 13 | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 14 | Artikolu 11 |
| Artikolu 15(1) | Artikolu 17 (2), l-ewwel sottoparagrafu |
| Artikolu 15(2) | Artikolu 16(1) |
| Artikolu 15(3) | Artikolu 8(2) |
| Artikolu 15(4) | Artikolu 17 (2), ir-raba' sottoparagrafu |
| Artikolu 15(5) | Artikoli 8(5) u (6) u Artikolu 16(2) |
| Artikolu 16(1)(a) | Artikolu 18(1)(a) |
| Artikolu 16(1)(b) | Artikolu 18(2) |
| Artikolu 16(1)(c) | Artikolu 18(1)(b) |
| Artikolu 16(1)(d) | Artikolu 18(1)(c) |
| Artikolu 16(1)(e) | Artikolu 18(1)(d) |
| Artikolu 16(2) | Artikolu 19(1) |
| Artikolu 16(3) | Artikolu 19 (2), l-ewwel sottoparagrafu |
| — | Artikolu 19 (2), it-tieni sottoparagrafu |
| Artikolu 16(4) | Artikolu 19(3) |
| — | Artikolu 19 (3), it-tieni sottoparagrafu |
| Artikolu 17 | Artikolu 21 |
| Artikolu 18 | Artikolu 22 |
| Artikolu 19(1) | Artikolu 26(1) |
| Artikolu 19(2) | Artikolu 26(2) u Artikolu 27(1) |
| — | Artikolu 27 (2) sa (6) |
| Artikolu 19(3) | Artikolu 29(1) |
| Artikolu 19(4) | Artikolu 29(2) |
| — | Artikolu 29(3) |
| Artikolu 19(5) | Artikolu 29(4) |
| Artikolu 20(1), parti introduttorja | Artikolu 23(1) |
| — | Artikolu 23(2) |
| — | Artikolu 23(3) |

| Ir-Regolament (KE) Nru 343/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| — | Artikolu 23(4) |
| Artikolu 20(1)(a) | Artikolu 23 (5), l-ewwel sottoparagrafu |
| — | Artikolu 24 |
| Artikolu 20(1)(b) | Artikolu 25(1) |
| Artikolu 20(1)(c) | Artikolu 25(2) |
| Artikolu 20(1)(d) | Artikolu 29 (1), l-ewwel sottoparagrafu |
| Artikolu 20(1)(e) | Artikolu 26(1), (2), Artikolu 27(1), Artikolu 29(1), it-tieni u t-tielet sottoparagrafi |
| Artikolu 20(2) | Artikolu 29(2) |
| Artikolu 20(3) | Artikolu 23 (5), it-tieni sottoparagrafu |
| Artikolu 20(4) | Artikolu 29(4) |
| — | Artikolu 28 |
| — | Artikolu 30 |
| — | Artikolu 31 |
| — | Artikolu 32 |
| — | Artikolu 33 |
| Artikolu 21 (1) sa (9) | Artikolu 34(1) sa (9), l-ewwel sat-tielet sottoparagrafi |
| — | Artikolu 34(9), ir-raba' sottoparagrafu |
| Artikolu 21 (10) sa (12) | Artikolu 34(10) sa (12) |
| Artikolu 22(1) | Artikolu 35(1) |
| — | Artikolu 35(2) |
| — | Artikolu 35(3) |
| Artikolu 22(2) | Artikolu 35(4) |
| Artikolu 23 | Artikolu 36 |
| — | Artikolu 37 |
| — | Artikolu 40 |
| Artikolu 24(1) | — |
| Artikolu 24(2) | Artikolu 41 |
| Artikolu 24(3) | — |
| Artikolu 25(1) | Artikolu 42 |
| Artikolu 25(2) | — |
| Artikolu 26 | Artikolu 43 |

| Ir-Regolament (KE) Nru 343/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 27(1), (2) | Artikolu 44(1), (2) |
| Artikolu 27(3) | — |
| — | Artikolu 45 |
| Artikolu 28 | Artikolu 46 |
| — | Artikolu 47 |
| — | Artikolu 48 |
| Artikolu 29 | Artikolu 49 |

| Ir-Regolament (KE) Nru 1560/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 11(1) | — |
| Artikolu 13(1) | Artikolu 17 (2), l-ewwel sottoparagrafu |
| Artikolu 13(2) | Artikolu 17 (2), it-tieni sottoparagrafu |
| Artikolu 13(3) | Artikolu 17 (2), it-tielet sottoparagrafu |
| Artikolu 13(4) | Artikolu 17 (2), l-ewwel sottoparagrafu |
| Artikolu 14 | Artikolu 37 |
| Artikolu 17(1) | Artikolu 9, 10, 17 (2), l-ewwel sottoparagrafu |
| Artikolu 17(2) | Artikolu 34(3) |

**DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL, IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUMMISSJONI**

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistiednu lill-Kummissjoni tikkunsidra, mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha ta' inizjattiva, reviżjoni tal-Artikolu 8(4) tar-Riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin, ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti sentenza rigward il-kawża C-648/11 MA and Others vs Secretary of State for the Home Department u sa mhux aktar tard mil-limiti taż-żmien stipulati fl-Artikolu 46 tar-Regolament ta' Dublin. Imbagħad, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi leġislattivi tagħhom, b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tifel jew tifla.

Il-Kummissjoni, fi spirtu ta' kompromess u biex tiżgura l-adozzjoni immedjata tal-proposta, taċċetta li tikkunsidra din l-istedina, li hija tqis bħala li hija limitata għal dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi u ma toħloqx preċedent.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2013/32/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### tas-26 ta' Ġunju 2013

### dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(d) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsulta l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Għandhom isiru numru ta' bidliet sostantivi lid-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat ([3]). Fl-interess taċ-ċarezza, din id-Direttiva għandha titfassal mill-ġdid.

(2) Politika komuni dwar l-asil, li tinkludi Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, hija parti kostitwenti mill-għan tal-Unjoni Ewropea li tiġi stabbilita progressivament żona ta' libertà, ta' sigurtà, u ta' ġustizzja miftuħa għal dawk li, imġiegħla miċ-ċirkostanzi, ifittxu leġittimament protezzjoni fl-Unjoni. Tali politika għandha tkun regolata mill-prinċipju ta' solidarjetà u kondiviżjoni ġusta ta' responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha, bejn l-Istati Membri.

(3) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, qabel li jaħdem sabiex tiġi stabbilita Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra Dwar l-Istatus ta' Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 ("Konvenzjoni ta' Ġinevra"), u b'hekk ikun affermat il-prinċipju ta' non-refoulement u jkun żgurat li ħadd ma jintbagħat lura għall-persekuzzjoni.

(4) Il-Konklużjonijiet ta' Tampere jipprovdu li Sistema Ewropea Komuni tal-Asil għandha tinkludi, fi żmien qasir, standards komuni għal proċeduri ġusti u effiċjenti tal-asil fl-Istati Membri u, fi żmien twil, regoli tal-Unjoni li jwasslu għal proċedura komuni tal-asil fl-Unjoni.

(5) L-ewwel fażi ta' Sistema Komuni Ewropea tal-Asil saret permezz tal-adozzjoni ta' strumenti legali rilevanti previsti fit-Trattati, inkluża d-Direttiva 2005/85/KE li kienet l-ewwel miżura dwar il-proċeduri tal-asil.

(6) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Novembru 2004, adotta l-Programm tal-Aja, li jistabbilixxi l-għanijiet li għandhom jiġu implimentati fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja matul il-perjodu 2005-2010. F'dan ir-rigward, il-Programm tal-Aja stieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkonkludi l-evalwazzjoni tal-istrumenti legali tal-ewwel fażi u tissottometti l-istrumenti u l-miżuri tat-tieni fażi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. F'konformità mal-Programm tal-Aja, l-għan li għandu jintlaħaq għall-ħolqien ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil huwa l-istabbiliment ta' proċedura komuni tal-asil u status uniformi validu fl-Unjoni.

(7) Fil-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil, adottat fis-16 ta' Ottubru 2008, il-Kunsill Ewropew innota li għad hemm diverġenzi konsiderevoli bejn Stat Membru u ieħor dwar l-għoti tal-protezzjoni u talab biex isiru inizjattivi ġodda, inkluża proposta għall-istabbiliment ta' proċedura unika tal-asil li tinkludi garanziji komuni, sabiex jitlesta l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, previst fil-Programm tal-Aja.

([1]) ĠU C 24, 28.1.2012, p. 79.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2011 (ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 184) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (għadha mhijiex ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha mhijiex ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*), u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' …
([3]) ĠU L 326, 13.12.2005, p. 13.

(8) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu tal-10-11 ta' Diċembru 2009, adotta l-Programm ta' Stokkolma li tenna l-impenn lejn l-għan li tiġi stabbilita sal-2012 żona komuni ta' protezzjoni u solidarjetà bbażata fuq proċedura komuni tal-asil u status uniformi għal dawk li ngħataw protezzjoni internazzjonali bbażat fuq standards ta' protezzjoni għolja u proċeduri ġusti u effettivi. Il-Programm ta' Stokkolma afferma li n-nies li jkollhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jridu jkunu żgurati aċċess għall-proċeduri tal-asil li huma legalment siguri u effiċjenti. Taħt il-Programm ta' Stokkolma, l-individwi għandhom jiġu offruti l-istess livell ta' trattament fir-rigward tal-arranġamenti proċedurali u d-determinazzjoni tal-istatus, irrispettivament mill-Istat Membru li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni tagħhom għall-asil.L-għan huwa li każijiet simili għandhom ikunu trattati bl-istess mod u jkollhom l-istess riżultat.

(9) Ir-riżorsi tal-Fond Ewropew tar-Rifuġjati u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), għandhom ikunu mobilizzati sabiex jipprovdu appoġġ adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-istandards msemmija fit-tieni fażi tas-Sistema Komuni Ewropea tal-Asil, b'mod partikolari għal dawk l-Istati Membri li jaffaċċjaw pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati mas-sistemi tal-asil tagħhom, b'mod partikolari minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew demografika tagħhom.

(10) Meta jimplimentaw din id-Direttiva l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-linji gwida rilevanti żviluppati mill-EASO.

(11) Sabiex tiġi żgurata evalwazzjoni komprensiva u effiċjenti tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni internazzjoni tal-applikanti fis-sens tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija ([1]), il-qafas tal-Unjoni dwar il-proċeduri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali għandu jkun ibbażat fuq il-kunċett ta' proċedura unika.

(12) L-għan ewlieni ta' din id-Direttiva hu li jiġu żviluppati aktar l-istandards għall-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali bl-għan li tiġi stabbilita proċedura komuni tal-asil fl-Unjoni.

(13) L-approssimazzjoni tar-regoli dwar il-proċeduri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali għandha tgħin biex tillimita l-movimenti sekondarji tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri, fejn dawn il-movimenti jkunu kkawżati mid-differenzi fl-oqsfa legali, u biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/95/UE fl-Istati Membri.

(14) L-Istati Membri għandhom ikollhom is-setgħa li jintroduċu jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet aktar favorevoli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li jitolbu protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru, fejn tali talba tkun ikkunsidrata bħala bbażata fuq il-fatt li l-persuna kkonċernata jkollha bżonn ta' protezzjoni internazzjonali fis-sens tad-Direttiva 2011/95/UE.

(15) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligi taħt strumenti tal-liġi internazzjonali li minnhom jagħmlu parti.

(16) Huwa essenzjali li d-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali jittieħdu abbażi tal-fatti u, fl-istadju ta' prima istanza, minn awtoritajiet li l-persunal tagħhom ikollu l-informazzjoni adegwata jew ikun irċieva t-taħriġ meħtieġ fil-qasam ta' kwistjonijiet ta' protezzjoni internazzjonali.

(17) Sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jiġu eżaminati u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod objettiv u imparzjali, huwa neċessarju li l-professjonisti li jaġixxu fil-qafas tal-proċeduri previsti f'din id-Direttiva jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'rispett dovut lill-prinċipji deontoloġiċi applikabbli.

(18) Huwa fl-interessi ta' kemm l-Istati Membri kif ukoll tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li deċiżjoni tittieħed malajr kemm jista' jkun dwar l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' eżami xieraq u komplut.

(19) Sabiex jitqassar it-tul globali tal-proċedura f'ċerti każijiet, l-Istati Membri għandu jkollhom il-flessibbiltà, f'konformità mal-ħtiġijiet nazzjonali tagħhom, li jagħtu prijorità lill-eżami ta' kwalunkwe applikazzjoni billi tiġi eżaminata qabel applikazzjonijiet oħrajn li saru qabel, mingħajr deroga mil-limiti ta' żmien, prinċipji u garanziji proċedurali li normalment japplikaw.

(20) F'ċirkostanzi definiti b'mod ċar fejn applikazzjoni x'aktarx li hi bla bażi jew fejn hemm tħassib serju dwar is-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jgħaġġlu l-proċedura ta' eżami, b'mod partikolari billi jiġu introdotti limiti ta' żmien iqsar, iżda raġonevoli, għal ċerti passi proċedurali, mingħajr preġudizzju għal eżami adegwat u sħiħ u l-aċċess effettiv tal-applikant għal prinċipji bażiċi u garanziji previsti f'din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9.

(21) Sakemm applikant jista' jagħti raġuni tajba, in-nuqqas ta' dokumenti mad-dħul jew l-użu ta' dokumenti ffalsifikati m'għandux iwassal *per se* għal rikors awtomatiku għal proċeduri tal-fruntiera jew mgħaġġla.

(22) Huwa wkoll fl-interess ta' kemm l-Istati Membri kif ukoll tal-applikanti biex jiżguraw fl-ewwel istanza rikonoxximent korrett tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni internazzjonali. Għal dak l-għan, l-applikanti għandhom jiġu pprovduti, fl-ewwel istanza u mingħajr ħlas, b'informazzjoni legali u proċedurali, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom. Id-dispożizzjoni ta' tali informazzjoni għandha inter alia tippermetti l-applikanti biex jifhmu aħjar il-proċedura, u b'hekk tgħinhom jikkonformaw mal-obbligi rilevanti. Ma jkunx proporzjonat li kieku l-Istati Membri jkunu meħtieġa jipprovdu tali informazzjoni permezz tas-servizzi ta' avukati kkwalifikati biss. Għalhekk l-Istati Membri għandhom ikollhom il-possibbiltà li jużaw l-iktar mezzi xierqa biex jipprovdu tali informazzjoni, bħal pereżempju permezz ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew professjonisti mill- awtoritajiet tal-gvern jew servizzi speċjalizzati tal-Istat.

(23) Fi proċeduri ta' appelli, suġġetti għal ċerti kundizzjonijiet, l-applikanti għandhom jingħataw assistenza legali mingħajr ħlas u rappreżentanza minn persuni kompetenti li jipprovduhom taħt il-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, fl-istadji kollha tal-proċedura, l-applikanti għandhom ikollhom id-dritt li jikkonsultaw, bi spiża tagħhom, konsulenti legali jew kunsillieri ammessi jew permessi għal tali skop taħt il-liġi nazzjonali.

(24) Il-kunċett ta' ordni pubbliku jista' inter alia jkopri sentenza ta' kundanna għat-twettiq ta' delitt gravi.

(25) Fl-interess ta' rikonoxximent korrett dawk il-persuni filbżonn ta' protezzjoni bħala rifuġjati fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra jew bħala persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, kull applikant għandu jkollu aċċess effettiv għall-proċeduri, l-opportunità li jikkopera u jikkomunika sewwa mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jippreżenta l-fatti relevanti tal-każ tiegħu u l-garanziji proċedurali suffiċjenti sabiex isegwi l-każ tiegħu matul l-istadji kollha tal-proċedura. Barra minn hekk, il-proċedura li fiha tiġi eżaminata applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali għandha normalment tagħti lil applikant għall-inqas id-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru sa meta tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti, aċċess għas-servizzi ta' interpretu sabiex ikun jista' jippreżenta l-każ tiegħu jekk jiġi intervistat mill-awtoritajiet, l-opportunità li jikkomunika ma' rappreżentant tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u ma' organizzazzjonijiet li jipprovdu pariri jew konsulenza lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, id-dritt ta' notifika adegwata ta' deċiżjoni u tar-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni fil-fatt jew fid-dritt; l-opportunità li jikkonsulta ma' konsulent legali jew konsulent ieħor; id-dritt li jiġi nfurmat dwar il-pożizzjoni legali tiegħu f'mumenti deċiżivi matul il-proċedura, f'ilsien li jifhem jew raġonevolment ikun mistenni jifhem u, fil-każ ta' deċiżjoni negattiva, id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal.

(26) Bl-għan li jiżguraw aċċesss effettiv għall-proċedura ta' eżami, l-uffiċjali li jkollhom l-ewwel kuntatt ma' persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-uffiċjali li jwettqu sorveljanza tal-fruntieri tal-art jew tal-baħar jew li jwettqu kontrolli fil-fruntieri, għandhom jirċievu informazzjoni rilevanti u t-taħriġ meħtieġa dwar kif jirrikonoxxu u jitrattaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fost l-oħrajn filwaqt li jittieħed kont dovut tal-linji gwida rilevanti żviluppati mill-EASO. Dawn għandhom ikunu kapaċi jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li huma preżenti fit-territorju, inkluż fil-fruntieri, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, bl-informazzjoni relevanti dwar fejn u kif l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jistgħu jkunu ppreżentati. Meta dawk il-persuni jkunu preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru, dawn għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont din id-Direttiva.

(27) Ladarba ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali huma applikanti għal protezzjoni internazzjonali, huma għandhom ikunu konformi mal-obbligi u jibbenefikaw mid-drittijiet taħt din id-Direttiva u d-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ([1]). Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw il-fatt li dawk il-persuni huma applikanti għall-protezzjoni internazzjonali kemm jista' jkun malajr

(28) Sabiex ikun faċilitat l-aċċess għall-proċedura ta' eżami fil-punti tal-qsim tal-fruntiera u fil-faċilitajiet ta' detenzjoni, l-informazzjoni għandha tkun disponibbli dwar il-possibbiltà li ssir applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Komunikazzjoni bażika neċessarja biex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jifhmu jekk il-persuni li jiddikjaraw ix-xewqa tagħhom li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali għandhomx jiġu żgurati permezz ta' arranġamenti għall-interpretazzjoni.

(29) Xi applikanti jistgħu jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali minħabba, inter alia, l-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tas-sess, diżabbiltà, mard serju, mard mentali jew konsegwenzi ta' tortura, stupru jew forom oħra

([1]) Ara paġna 96 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom biex jidentifikaw applikanti li jkollhom bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali qabel tittieħed deċiżjoni fl-ewwel każ. Dawk l-applikanti, għandhom ikunu pprovduti b'appoġġ xieraq inkluż ħin biżżejjed sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet neċessarji kollha għall-aċċess effettiv tagħhom għall-proċeduri u għall-preżentazzjoni tal-elementi meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali.

(30) Fejn ma jistax jingħata appoġġ adegwat lil applikant li jkollu bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali fil-qafas ta' proċeduri mgħaġġla jew tal-fruntieri, dan l-applikant għandu jiġi eżentat minn dawk il-proċeduri. Il-bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali ta' tip li jkun jista' jimpedixxi l-applikazzjoni ta' proċeduri mgħaġġla jew tal-fruntieri għandu jfisser ukoll li l-applikant jingħata garanziji addizzjonali f'każijiet fejn l-appell tiegħu jew tagħha m'għandux effett sospensiv awtomatiku, bil-ħsieb li r-rimedju jkun effettiv fiċ-ċirkostanzi partikolri tiegħu/tagħha.

(31) Il-miżuri nazzjonali li jittrattaw l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tas-sintomi u s-sinjali ta' tortura jew atti serji oħra ta' vjolenza fiżika jew psikoloġika, inklużi atti ta' vjolenza sesswali, fil-proċeduri koperti minn din id-direttiva jistgħu inter alia jkunu bbażati fuq il-Manwal dwar Investigazzjoni Effettiva u Dokumentazzjoni ta' Tortura u ta' Trattament jew Kastig Kiefer, Inuman jew Degradanti Ieħor (Protokoll ta' Istanbul).

(32) Bl-għan li tiġi żgurata l-ugwaljanza sostantiva bejn l-applikanti nisa u rġiel, il-proċeduri ta' eżami għandhom ikunu relatati mas-sessi. B'mod partikolari, l-intervisti personali għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jagħmluha possibbli kemm għall-applikanti nisa kif ukoll għall-irġiel biex jitkellmu dwar l-esperjenzi tal-passat tagħhom f'każijiet li jinvolvu persekuzzjoni bbażata fuq is-sess. Il-kumplessità tat-talbiet relatati mas-sess għandhom ikunu kkunsidrati sew fi proċeduri bbażati fuq il-kunċett tal-pajjiż terz bla periklu, il-kunċett tal-pajjiż ta' oriġini bla periklu jew il-kunċett tal-applikazzjonijiet sussegwenti.

(33) L-aħjar interessi tat-tfal, għandu jkun kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw din id-Direttiva, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Fl-ivvalutar tal-aħjar interess tat-tfal, l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jieħdu kont dovut tal-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, inkluż l-ambjent fejn jgħixu/jitrabbew.

(34) Il-proċeduri għall- eżami tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu tali li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu eżami bir-reqqa tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

(35) Meta, fil-qafas tal-ipproċessar tal-applikazzjoni, issir tfittxija fuq l-applikant, dik it-tfittxija għandha ssir minn persuna tal-istess sess. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal tfittxija li ssir, għal raġunijiet ta' sigurtà, abbażi tal-liġi nazzjonali.

(36) Fejn sussegwentement applikant jagħmel applikazzjoni mingħajr ma jippreżenta provi jew argumenti ġodda, ikun sproporzjonat li l-Istati Membri jkunu obbligati jwettqu proċedura sħiħa ġdida ta' eżami. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jirrifjutaw applikazzjoni bħala inamissibbli taħt il-prinċipju ta' *res judicata*.

(37) Fir-rigward tal-involviment tal-persunal ta' awtorità li ma tkunx l-awtorità determinanti fit-twettiq ta' intervisti fil-ħin dwar is-sustanza ta' applikazzjoni, il-kunċett ta' "fil-ħin" għandu jiġi vvalutat skont il-limiti ta' żmien previsti fl-Artikolu 31.

(38) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu għall-ammissibbiltà u/jew proċeduri ta' eżami sostantivi li jippermttu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkustanzi definiti sew.

(39) Meta jiddeterminaw jekk sitwazzjoni ta' inċertezza hijiex prevalenti fil-pajjiż ta' oriġini ta' applikant, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiksbu informazzjoni preċiża u aġġornata minn sorsi rilevanti bħall-EASO, l-UNHCR, il-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe posponiment tal-konklużjoni tal-proċedura jikkonforma b'mod sħiħ mal-obbligi tagħhom taħt id-Direttiva 2011/95/UE u l-Artikolu 41 tal-Karta, mingħajr preġudizzju għall-effiċjenza u l-ġustizzja tal-proċeduri taħt din id-Direttiva.

(40) Konsiderazzjoni ċentrali ta' bażi tajba għall-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali hija s-sigurtà tal-applikant fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu. Meta pajjiż terz ikun jista' jiġi meqjus bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jikklassifikawh bħala bla periklu u jassumu s-sigurtà tiegħu għal applikant partikolari, sakemm huwa ma jippreżentax kontraindikazzjonijiet.

(41) Fid-dawl tal-livell ta' armonizzazzjoni milħuq dwar il-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għandhom jiġu stabbiliti kriterji komuni sabiex pajjiżi terzi jiġu indikati bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

(42) L-indikazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu għall-finijiet ta' din id-Direttiva ma tistax tistabbilixxi garanzija ta' sigurtà assoluta għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż. Fin-natura stess tagħha, il-valutazzjoni li tkun il-bażi tal-indikazzjoni tista' tieħu kont biss taċ-ċirkostanzi ċivili, legali u politiċi ġenerali f'dak il-pajjiż u tikkunsidra jekk l-awturi tal-persekuzzjoni, tat-tortura jew ta' trattament jew kastig inuman jew degradanti humiex suġġetti għal sanzjonijiet fil-prattika meta jinstabu responsabbli f'dak il-pajjiż. Għal din ir-raġuni, huwa importanti li, fejn applikant juri li jkun hemm raġunijiet validi sabiex il-pajjiż ma jiġix kunsidrat bħala wieħed bla periklu fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, l-indikazzjoni tal-pajjiż bħala wieħed bla periklu ma tistax aktar tiġi meqjusa bħala relevanti għalih.

(43) L-Istati Membri għandhom jeżaminaw l-applikazzjonijiet kollha fuq bażi sostanzjali, jiġifieri jivvalutaw jekk l-applikant ikkonċernat jikkwalifikax għall-protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE, ħlief fejn din id-Direttiva tkun tipprovdi mod ieħor, partikolarment fejn wieħed ikun jista' raġonevolment jassumi li pajjiż ieħor ikun sejjer jagħmel l- eżami jew jipprovdi protezzjoni suffiċjenti. B'mod partikolari, l-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati jivvalutaw is-sustanza ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fejn pajjiż ta' asil preċedenti jkun ta lill-applikant l-istatus ta' rifuġjat jew inkella protezzjoni suffiċjenti u l-applikant jiġi ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż.

(44) L-Istati Membri m'għandhomx ikunu obbligati li jivvalutaw is-sustanza ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fejn l-applikant, minħabba konnessjoni suffiċjenti ma' pajjiż terz kif definit mil-liġi nazzjonali, jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli li jfittex protezzjoni f'dak il-pajjiż terz, u jkun hemm bażijiet għall-kunsiderazzjoni li applikant se jkun ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż. L-Istati Membri għandhom jipproċedu biss fuq din il-bażi meta dan l-applikant partikolari jkun protett fil-pajjiż terz konċernat. Sabiex jiġu evitati movimenti sekondarji ta' applikanti, għandhom jiġu stabbiliti prinċipji komuni għall-konsiderazzjoni jew indikazzjoni mill-Istati Membri ta' pajjiżi terzi bħala bla periklu.

(45) Barra minn hekk, fir-rigward ta' ċerti pajjiżi terzi Ewropej, li josservaw standards partikolarment għoljin fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u tal-protezzjoni ta' rifuġjati, l-Istati Membri għandhom jiġu eżentati milli jeżaminaw jew milli jeżaminaw bis-sħiħ l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fir-rigward ta' applikanti li jidħlu fit-territorju tagħhom minn dawn il-pajjiżi terzi Ewropej.

(46) Fejn l-Istati Membri japplikaw kunċetti ta' pajjiż bla periklu abbażi tal-każ speċifiku jew jinnominaw pajjiżi bħala bla periklu billi jadottaw listi f'dak ir-rigward, għandhom jieħdu kont, inter alia, tal-linji gwida u l-manwali ta' operazzjoni u l-informazzjoni dwar pajjiżi ta' oriġini u attivitajiet, inkluża l-metodoloġija tar-rapport tal-EASO ta' Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini, imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil ([1]), kif ukoll ta' linji gwida rilevanti tal-UNHCR.

(47) Sabiex jiġi faċilitat l-iskambju regolari tal-informazzjoni dwar l-applikazzjoni nazzjonali tal-kunċetti tal-pajjiż ta' oriġini bla periklu, ta' pajjiż terz bla periklu u ta' pajjiż terz Ewropew bla periklu kif ukoll rieżami regolari mill-Kummissjoni tal-użu ta' dawk il-kunċetti mill-Istati Membri, u biex issir preparazzjoni għal aktar armonizzazzjoni potenzjalment fil-futur, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw jew perjodikament jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar pajjiżi terzi li għalihom huma applikati dawn il-kunċetti. Il-Kummissjoni għandha regolarment tinforma lill-Parlament Ewropew bir-riżultat tar-rieżamijiet tagħha.

(48) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-kunċetti ta' pajjiż bla periklu abbażi ta' informazzjoni aġġornata, l-Istati Membri għandhom iwettqu rieżamijiet regolari tas-sitwazzjoni f'dawk il-pajjiżi abbażi ta' firxa ta' sorsi ta' informazzjoni, inkluż b'mod partikolari informazzjoni minn Stati Membri oħra, l-EASO, l-UNHCR, il-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra. Meta l-Istati Membri jsiru konxji minn bidla sinifikanti fil-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiż nominat minnhom bħala bla periklu, għandhom jiżguraw li jsir rieżami ta' dik is-sitwazzjoni kemm jista' jkun malajr u, fejn meħtieġ, rieżami tan-nomina tal-pajjiż bħala bla periklu.

(49) Fir-rigward tal-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jibbenefikaw mill-protezzjoni internazzjonali jkunu debitament informati dwar il-possibbiltà ta' rikonsiderazzjoni tal-istatus tagħhom u jkollhom l-opportunità sabiex jagħtu l-fehma tagħhom qabel mal-awtoritajiet ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni motivata dwar l-irtirar tal-istatus tagħhom.

(50) Ikun jirrifletti prinċipju bażiku tal-liġi tal-Unjoni li d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, id-deċiżjonijiet dwar ir-rifjut biex jerġa' jinfetaħ l-eżami ta' applikazzjoni wara l-waqfien tagħha u d-deċiżjonijiet fir-rigward tal-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja jkunu suġġetti għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal.

([1]) ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.

(51) F'konformità mal-Artikolu 72 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), din id-Direttiva ma tolqotx l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq l-Istati Membri fir-rigward taż-żamma tal-liġi u l-ordni u tas-salvagwardja tas-sigurtà interna.

(52) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1] tirregola l-ipproċessar tad-data personali mwettaq fl-Istati Membri f'konformità ma' din id-Direttiva.

(53) Din id-Direttiva ma tittrattax dwar dawk il-proċeduri bejn l-Istati Membri li huma regolati mir-Regolament (KE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida [2].

(54) Din id-Direttiva għandha tapplika għal applikanti li għalihom japplika r-Regolament (UE) Nru 604/2013, flimkien u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

(55) L-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiġi valutata f'intervalli regolari.

(56) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal- protezzjoni internazzjonali, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal–prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn min dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(57) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar dokumenti ta' spjegazzjoni [3], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn it-taqsimiet ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' dokumenti bħal dawn hi ġġustifikata.

(58) F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jiħdux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbuta biha jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(59) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(60) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta. B'mod partikolari, din id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 1, 4, 18, 19, 21, 23, 24 u 47 tal-Karta u għandha tiġi implimentata għal dan il-għan.

(61) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva 2005/85/KE. L-obbligu tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdulin huwa stabbilit taħt dik id-Direttiva.

(62) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva 2005/85/KE stabbilit fil-Parti B tal-Anness II,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 1*

### Għan

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġu stabbiliti proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal- protezzjoni internazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2011/95/UE.

### *Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "Konvenzjoni ta' Ġinevra" tfisser il-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951 Dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, kif emendata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967;

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[2] Ara paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[3] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(b) “applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali” jew “applikazzjoni” tfisser talba magħmula minn ċittadin nazzjonali ta’ pajjiż terz jew persuna apolida għal protezzjoni minn Stat Membru, li tista’ tinftiehem li qed tfittex stat ta’ rifuġjat jew stat ta’ protezzjoni sussidjarja, u li ma titlobx espliċitament tip ieħor ta’ protezzjoni barra mill-ambitu tad-Direttiva 2011/95/UE, li tista’ ssir applikazzjoni separata għaliha;

(c) “applikant” tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha deċizjoni finali tkun għadha ma ttieħditx;

(d) “applikant li jkollu bżonn ta’ garanziji proċedurali speċjali” tfisser applikant li l-kapaċità tiegħu li jibbenefika mid-drittijiet u li jikkonforma mal-obbligi previsti f’din id-Direttiva tkun limitata minħabba ċirkostanzi individwali;

(e) “deċiżjoni finali” tfisser deċiżjoni dwar jekk iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida jingħatawx status ta’ rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja taħt id-Direttiva 2011/95/UE u li ma tkunx suġġetta aktar għal rimedju fil-qafas tal-Kapitolu V ta’ din id-Direttiva irrispettivament jekk tali rimedju għandux l-effett li jippermetti applikanti jibqgħu fl-Istati Membri konċernati sal-eżitu tagħha;

(f) “awtorità determinanti” tfisser kwalunkwe korp semi-ġudizzjarju jew amministrattiv fi Stat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjonijiet għall- protezzjoni internazzjonali, u kompetenti sabiex jieħu fl-ewwel istanza deċiżjonjiet f’tali każijiet;

(g) “rifuġjat” tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2011/95/UE;

(h) “persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja” tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(f) tad-Direttiva 2011/95/UE;

(i) “protezzjoni internazzjonali” tfisser status ta’ rifuġjat u status ta’ protezzjoni sussidjarja kif definiti fil-punti (j) u (k);

(j) “status ta’ rifuġjat” tfisser ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta’ ċittadin nazzjonali ta’ pajjiż terz jew persuna apolida bħala rifuġjat;

(k) “status ta’ protezzjoni sussidjarja” tfisser ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta’ ċittadin nazzjonali ta’ pajjiż terz jew persuna apolida bħala persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;

(l) “minorenni” tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida taħt l-età ta’ 18-il sena;

(m) “minorenni mhux akkumpanjat” tfisser minorenni kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/95/UE;

(n) “rappreżentant” tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-awtoritajiet kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta minorenni mhux akkumpanjat fi proċeduri mhux provduti f’din id-Direttiva bil-għan li tiżgura l-aħjar interessi tat-tfal u teżerċita kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ. Fejn organizzazzjoni tiġi maħtura bħala rappreżentant, hi għandha tinnomina persuna responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta’ rappreżentant fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjat, f’konformità ma’ din id-Direttiva;

(o) “irtirar tal-protezzjoni internazzjonali” tfisser id-deċiżjoni minn awtorità kompetenti li tirrevoka, twaqqaf jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta’ rifuġjat jew ta’ protezzjoni sussidjarja ta’ persuna taħt id-Direttiva 2011/95/UE;

(p) “tibqa’ fl-Istat Membru” tfisser li tibqa’ fit-territorju, inklużi l-fruntiera jew iż-żoni ta’ tranżitu tal-Istat Membru li fih tkun saret l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew li fih tkun saret jew qiegħda tiġi eżaminata tali applikazzjoni;

(q) “applikazzjoni sussegwenti” tfisser applikazzjoni oħra għall-protezzjoni internazzjonali li ssir wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali dwar applikazzjoni preċedenti, inklużi każijiet fejn l-applikant ikun irtira b’mod espliċitu l-applikazzjoni tiegħu u każijiet fejn l-awtorità determinanti tkun irrifjutat applikazzjoni wara l-irtirar impliċita tagħha taħt l-Artikolu 28(1).

*Artikolu 3*

**Ambitu**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fit-territorju, inklużi dawk magħmula fil-fruntiera fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta’ tranżitu, tal-Istati Membri, u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal talbiet għall-asil diplomatiku jew territorjali preżentati lir-rappreżentanzi ta’ Stati Membri.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva fi proċeduri sabiex jiġu deċiżi applikazzjonijiet għal kwalunkwe tip ta’ protezzjoni li jaqa’ barra l-ambitu tad-Direttiva 2011/95/UE.

*Artikolu 4*

**Awtoritajiet responsabbli**

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw, għall-proċeduri kollha, awtorità determinanti li tkun responsabbli li tagħmel eżami adegwat ta' applikazzjonijiet skont din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali awtorità tkun ipprovduta b'mezzi xierqa, inkluż biżżejjed persunal kompetenti, biex iwettaq il-kompiti tiegħu skont din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li awtorità differenti minn dik imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun responsabbli għall-għanijiet ta':

(a) l-ipproċessar ta' każijiet taħt ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, u

(b) l-għotja jew ir-rifjut tal-permess tad-dħul fil-qafas fil-proċedura pprovduta fl-Artikolu 43, suġġett għall-kundizzjonijiet u kif stipulat f'dak l-Artikolu u fuq il-bażi tal-opinjoni raġunata tal-awtorità determinanti.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtorità determinanti jkun mistħarreġ b'mod xieraq. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal taħriġ xieraq li għandu jinkludi l-elementi msemmija fl-Artikolu 6(4)(a) sa (e) tar-Regolament (UE) Nru 439/2010. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw it-taħriġ rilevanti stabbilit u żviluppat mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO). Il-persuni li jintervistaw lill-applikanti skont din id-Direttiva għandu jkollhom ukoll tagħrif ġenerali miksub ta' problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikant li jiġi intervistat, bħal indikazzjonijiet li l-applikant seta' ġie ttorturat fil-passat.

4. Meta awtorità tiġi nominata skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal ta' dik l-awtorità ikollu l-għarfien adegwat jew jirċievi t-taħriġ meħtieġ sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu meta jimplementa din id-Direttiva.

5. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fi Stat Membru lill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor li jwettqu kontrolli tal-fruntiera jew tal-immigrazzjoni għandhom ikunu trattati mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun saret l-applikazzjoni

*Artikolu 5*

**Dispożizzjonijiet aktar favorevoli**

L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu fis-seħħ standards aktar favorevoli għal proċeduri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, sa fejn dawk l-istandards ikunu kompatibbli ma' din id-Direttiva.

KAPITOLU II

**PRINĊIPJI U GARANZIJI BAŻIĊI**

*Artikolu 6*

**Aċċess għall-proċedura**

1. Meta persuna tagħmel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali lil awtorità kompetenti taħt il-liġi nazzjonali għar-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet bħal dawn, ir-reġistrazzjoni għandha sseħħ mhux iktar tard minn tlett ijiem ta' xogħol wara li ssir l-applikazzjoni.

Jekk l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali issir lil awtoritajiet oħra li x'aktarx jirċievu applikazzjonijiet bħal dawn, iżda mhumiex kompetenti għar-reġistrazzjoni taħt il-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ir-reġistrazzjoni għandha ssir mhux iktar tard minn sitt ijiem ta' xogħol wara li ssir l-applikazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet l-oħra li x'aktarx jirċievu applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali bħal pulizija, gwardji tal-fruntiera, awtoritajiet tal-immigrazzjoni u persunal tal-faċilitajiet ta' detenzjoni għandhom l-informazzjoni rilevanti u li l-persunal tagħhom jirċievi il-livell meħtieġ ta' taħriġ li jkun xieraq għall-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom u istruzzjonijiet biex jinformaw lill-applikanti fejn u kif l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jistgħu jiġu ppreżentati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna li għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha opportunità effettiva biex tippreżentaha malajr kemm jista' jkun. Fejn l-applikant ma jagħmilx l-applikazzjoni tiegħu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-Artikolu 28 kif meħtieġ.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jiġu ppreżentati fiżikament u/jew f'post magħżul.

4. Minkejja l-paragrafu 3, applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha titqies bħala li ġiet riċevuta ladarba formola ppreżentata mill-applikant jew, fejn dan ikun previst fil-liġi nazzjonali, rapport uffiċjali, ikunu waslu għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

5. Fejn applikazzjonijiet simultanji għall-protezzjoni internazzjonali minn numru kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi jagħmluha diffiċli ħafna fil-prattika li jiġi rispettat il-limitu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li dak il-limitu ta' żmien jiġi estiż sa 10 ijiem ta' xogħol.

*Artikolu 7*

**Applikazzjonijiet magħmula f'isem persuni dipendenti jew minorenni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull adult li jkollu kapaċità legali jkollu d-dritt li jagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'ismu stess.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li applikazzjoni tkun tista' ssir minn applikant f'isem id-dipendenti tiegħu. F'dawn il-każijiet l-Istati Membri għandhom jiżguraw li adulti dipendenti jagħtu l-kunsens tagħhom għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni f'isimhom, u fin-nuqqas ta' dan għandhom ikollhom l-opportunità li jagħmlu applikazzjoni f'isimhom stess.

Il-kunsens għandu jkun mitlub fiż-żmien li tiġi ppreżentata l-applikazzjoni jew, mhux aktar tard minn meta ssir intervista personali mal-persuna adulta dipendenti. Qabel ma jkun mitlub kunsens, kull adult dipendenti għandu jkun informat fil-privat dwar il-konsegwenzi proċedurali rilevanti tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni f'ismu u dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni separata għall-protezzjoni internazzjonali

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minorenni jkollu d-dritt li jagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew f'ismu, jekk ikollu l-kapaċità legali li jaġixxi fi proċeduri taħt il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat, jew permezz tal-ġenituri tiegħu jew membri adulti oħra tal-familja tiegħu, jew adult responsabbli għalih, kemm bil-liġi jew bil-prattika nazzjonali tal-Istat Membri ikkonċernat, jew inkella permezz ta' rappreżentant.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi xierqa msemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment [1] għandhom id-dritt li jippreżentaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'isem il-minorenni mhux akkumpanjat jekk, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, dawn l-korpi huma tal-opinjoni li l-minorenni jista' jkollu ħtiġijiet ta' protezzjoni taħt id-Direttiva 2011/95/UE.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw fil-liġi nazzjonali:

(a) il-każijiet li fihom minorenni jista' jagħmel applikazzjoni f'ismu stess;

(b) il-każijiet li fihom l-applikazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjat ikollha tiġi preżentata minn rappreżentant kif previst fl-Artikolu 25(1)(a);

(c) il-każijiet li fihom il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun ikkunsidrata wkoll bħala preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għal kwalunkwe minorenni mhux miżżewweġ.

[1] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.

*Artikolu 8*

**Informazzjoni u konsulenza f'faċilitajiet ta' detenzjoni f'punti ta' qsim bejn fruntieri**

1. Fejn hemm indikazzjonijiet li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, jistgħu jkunu jridu jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri għandhom jagħtuhom informazzjoni dwar il-possibbiltà li jagħmlu dan. F'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni u ż-żoni fil-fruntieri, l-Istati Membri għandhom jagħmlu arranġamenti għal interpretazzjoni sa fejn ikun neċessarju għall-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-proċedura ta' asil.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet u l-persuni li jipprovdu pariri u konsulenza lill-applikanti jkollhom aċċess effettiv għall-applikanti li jinsabu fil-punti ta' qsim bejn il-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu, fil-fruntieri esterni. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal regoli li jkopru l-presenza ta' dawn l-ogranizzazzjonijiet u persuni f'dawk iż-żoni u b'mod partikolari li l-aċċess ikun suġġett għal ftehim mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Il-limiti fuq tali aċċess jistgħu jiġu imposti biss, fejn, minħabba l-liġi nazzjonali, huma oġġettivament neċessarji għas- sigurtà, l-ordni pubbliku jew il-ġestjoni amministrattiva tal-punti ta' qsim ikkonċernati sakemm l-aċċess ma jkunx limitat severament b'dawn jew ma jsirx impossibbli minħabba fihom.

*Artikolu 9*

**Id-dritt li wieħed jibqa' fl-Istat Membru matul l-eżami tal-applikazzjoni**

1. L-applikanti għandhom jitħallew jibqgħu fl-Istat Membru, għall-fini tal-proċedura biss, sa meta l-awtorità determinanti tkun ħadet deċiżjoni fl-ewwel istanza skont il-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu III. Dak id-dritt li jitħallew jibqgħu fl-Istat Membru m'għandux jikkostitwixxi intitolament għall-permess ta' residenza.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu eċċezzjoni biss fejn persuna tagħmel applikazzjoni sussegwenti kif imsemmi fl-Artikolu 41 jew fejn dawn iċedu jew jestradixxu, skont il-każ, persuna lejn Stat Membru ieħor skont obbligi f'konformità ma' mandat ta' arrest Ewropew [2] jew diversament, jew lejn pajjiż terz jew lejn qrati jew tribunali kriminali internazzjonali.

3. Stat Membru jista' jestradixxi applikant f'pajjiż terz ta]t il-paragrafu 2 biss fejn l-awtoritajiet kompetenti huma sodisfatti li deċiżjoni ta' estradizzjoni mhux se tirriżulta f'*refoulement* diretta jew indiretta fi vjolazzjoni tal-obbligi ta' dak l-Istat Membru taħt il-liġi internazzjonali u l-liġi tal-Unjoni.

[2] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

*Artikolu 10*

**Rekwiżiti għall-eżami ta' applikazzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali la jiġu miċħuda u lanqas esklużi milli jiġu eżaminati għar-raġuni biss li ma kinux saru malajr kemm jista' jkun.

2. Meta teżamina l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, l-awtorità determinanti għandha l-ewwel tiddeċiedi jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala rifuġjati u, jekk le, jiddeċiedu jekk l-applikanti humiex eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti dwar applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jiġu meħuda wara eżami adegwat. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-applikazzjonijiet jiġu eżaminati u d-deċiżjonijiet jiġu meħuda individwalment, oġġettivament u imparzjalment;

(b) tinkiseb informazzjoni preċiża u aġġornata minn sorsi varji, bħall-EASO u l-UNHCR u organizzazzjonijiet rilevanti taddrittijiet tal-bniedem internazzjonali, rigward is-sitwazzjoni ġenerali li teżisti fil-pajjiżi ta' origini tal-applikanti u, fejn meħtieġ, f'pajjiżi li għaddew minnhom, u li tali informazzjoni issir disponibbli għall-persunal responsabbli mill-eżami tal-applikazzjonijiet u mit-teħid ta' deċiżjonijiet;

(c) il-persunal li jeżamina l-applikazzjonijiet u li jieħu d-deċiżjonijiet ikun jaf l-istandards relevanti applikabbli fil-qasam tal-liġi dwar l-asil u dwar ir-rifuġjati;

(d) il-persunal li jeżamina l-applikazzjonijiet u li jieħu d-deċiżjonijiet għandu l-possibbiltà li jitlob parir, meta jkun meħtieġ, minn esperti dwar kwistjonijiet partikolari, bħal pereżempju kwistjonijiet mediċi, kulturali, dwar it-tfal jew is-sess.

4. L-awtoritajiet imsemmija fil-Kapitolu V għandhom, permezz tal-awtorità determinanti jew tal-applikant jew diversament, ikollhom aċċess għall-informazzjoni ġenerali msemmija fil-paragrafu 3(b), li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompitu tagħhom.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli li jikkonċernaw it-traduzzjoni ta' dokumenti relevanti għall-eżami ta' applikazzjonijiet.

*Artikolu 11*

**Rekwiżiti għal deċiżjoni mill-awtorità determinanti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jingħataw bil-miktub.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li, fejn applikazzjoni tiġi miċħuda fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat u/jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, ir-raġunijiet ta' fatt u ta' dritt jiġu ddikjarati fid-deċiżjoni u tiġi mogħtija bil-miktub informazzjoni dwar kif tiġi kontestata deċiżjoni negattiva.

L-Istati Membri mhumiex meħtieġa jipprovdu bil-miktub informazzjoni dwar kif tiġi kontestata deċiżjoni negattiva flimkien ma' deċiżjoni fejn l-applikant ikun ingħata tali informazzjoni fi stadju aktar kmieni bil-miktub jew b'mezz elettroniku aċċessibbli għall-applikant.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 7(2), u kull meta l-applikazzjoni tkun ibbażata fuq l-istess raġunijiet, l-Istati Membri jistgħu jieħdu deċiżjoni waħda, li tkopri l-persuni dipendenti kollha, ħlief jekk din tkun twassal għall-iżvelar ta' ċirkostanzi partikolari ta' applikant li jistgħu jfixklu l-interessi tiegħu, partikolarment f'każijiet li jinvolvu s-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u/jew il-persekuzzjoni bbażata fuq l-età. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ deċiżjoni separata lill-persuna kkonċernata.

*Artikolu 12*

**Garanziji għall-applikanti**

1. Fir-rigward tal-proċeduri provduti fil-Kapitolu III, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti kollha jgawdu l-garanziji li ġejjin:

(a) għandhom jiġu informati f'ilsien li huma jifhmu jew raġonevolment huma mistennija jifhmu tal-proċedura li jkollha tiġi segwita u tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura u l-konsegwenzi eventwali f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tagħhom u ta' nuqqas ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet. Għandhom jiġu informati dwar il-perjodu ta' żmien, il-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom, sabiex jissodisfaw l-obbligu tal-preżentazzjoni tal-elementi imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/95/UE, kif ukoll il-konsegwenzi ta' irtirar espliċitu jew impliċitu tal-applikazzjoni Dik l-informazzjoni għandha tingħatalhom fil-ħin sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet garantiti f'din id-Direttiva u jikkonformaw mal-obbligi deskritti fl-Artikolu 13;

(b) għandhom jirċievu s-servizzi ta' interpretu sabiex jippreżentaw il-każ tagħhom quddiem l-awtoritajiet kompetenti meta dan ikun meħtieġ. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw bħala meħtieġ l-għoti ta' dawn is-servizzi għall-inqas meta l-applikant huwa intervistat kif imsemmi fl-Artikoli 14 sa 17 u 34 u meta ma tkunx tista' tiġi żgurata komunikazzjoni adegwata mingħajr dawn is-servizzi. F'dan il-każ u f'każijiet oħra fejn l-awtoritajiet kompetenti jsejħu lill-applikant, dawn is-servizzi għandhom jiġu mħallsa minn fondi pubbliċi;

(c) ma għandhiex tiġi miċħuda lilhom l-opportunità li jikkomunikaw mal-UNHCR jew ma' kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tipprovdi pariri legali jew konsulenza lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali taħt il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru;

(d) huma u jekk applikabbli, il-konsulenti legali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 23(1) m'għandhomx jiġu miċħuda aċċess għall-informazzjoni imsemmija fl-Artikolu 10(3)(b) u għall-informazzjoni mogħtija mill-esperti msemmija fl-Artikolu 10(3)(d), fejn l-awtorità determinanti tkun ikkunsidrat dik l-informazzjoni bl-iskop li tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom;

(e) għandhom jingħataw notifika fi żmien raġonevoli tad-deċiżjoni mill-awtorità determinanti fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom. Jekk l-applikant ikun qiegħed jiġi rappreżentat legalment minn konsulent legali jew konsulent ieħor, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jinnotifikaw lil dan bid-deċiżjoni minflok lill-applikant;

(f) għandhom jiġu informati dwar ir-riżultat tad-deċiżjoni mill-awtorità determinanti f'ilsien li huma jifhmu jew raġonevolment huma mistennija jifhmu meta ma jkunux assistiti jew rappreżentati minn konsulent legali jew konsulent ieħor. L-informazzjoni provduta għandha tinkludi informazzjoni dwar kif tiġi kontestata deċiżjoni negattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(2).

2. Fir-rigward tal-proċeduri previsti fil-Kapitolu V, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti kollha igawdu garanziji ekwivalenti għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1(b) sa (e).

*Artikolu 13*

**Obbligi tal-applikanti**

1. L-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti bl-għan li jistabbilixxu l-identità tagħhom u elementi oħra li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 4 (2) tad-Direttiva 2011/95/UE. L-Istati Membri jistgħu jimponu lill-applikant obbligi oħra biex jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti sa fejn tali obbligi huma meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni.

2. B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li

(a) l-applikanti ikunu meħtieġa jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jew jidhru personalment quddiemhom mill-iktar fis possibbli jew fi żmien partikolari;

(b) l-applikanti ikollhom jagħtu dokumenti fil-pussess tagħhom li jkunu relevanti għall-eżami tal-applikazzjoni, bħall-passaporti tagħhom;

(c) l-applikanti jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-post tar-residenza jew bl-indirizz attwali tagħhom u b'kull tibdil ta' dan mill-aktar fis possibbli. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-applikant għandu jaċċetta kull komunikazzjoni fil-post ta' residenza jew fl-indirizz l-aktar reċenti li huwa kien indika għal dan il-għan;

(d) l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jfittxu l-applikant u l-affarijiet li jġorr miegħu. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe tfittxija li saret għal raġunijiet ta' sigurtà, tfittxija fuq il-persuna tal-applikant taħt din id-Direttiva għandha ssir minn persuna tal-istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika;

(e) l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu ritratt tal-applikant; kif ukoll

(f) l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirreġistraw l-istqarrijiet orali tal-applikant, sakemm dan ikun preċedentement ġie informat b'dan.

*Artikolu 14*

**Intervista personali**

1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti, l-applikant għandu jingħata l-opportunità ta' intervista personali dwar l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali ma' persuna li tkun, taħt il-liġi nazzjonali, kompetenti sabiex tmexxi tali intervista. L-intervisti personali dwar is-sustanza tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom isiru mill-persunal tal-awtorità determinanti. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 42(2)(b).

Fejn l-applikazzjonijiet simultanji għall-protezzjoni internazzjonali minn numru kbir ta' ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi jagħmluha impossibbli li fil-prattika l-awtorità determinanti tkun tista' tagħmel intervisti fil-ħin dwar is-sustanza ta' kull applikazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-persunal ta' awtorità oħra tkun involuta b'mod temporanju fit-twettiq ta' dawn l-intervisti. F'każijiet bħal dawn, il-persunal ta' dik l-awtorità l-oħra għandu jirċievi minn qabel it-taħriġ rilevanti li għandu jinkludi l-elementi elenkati fl-Artikolu 6(4)(a) sa (e) tar-Regolament (UE) Nru 439/2010. Il-persuni li jagħmlu intervisti personali lill-applikanti taħt din id-Direttiva għandhom ikunu kisbu wkoll għarfien ġenerali ta' problemi li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kapaċità tal-applikant li jiġi intervistat, bħal indikazzjonijiet li l-applikant seta' ġie ttorturat fil-passat.

Fejn persuna tkun ippreżentat applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'isem id-dipendenti tagħha, kull adult dipendenti għandu jingħata l-opportunità ta' intervista personali.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu fil-liġi nazzjonali dawk il-każijiet li fihom minorenni għandu jingħata l-opportunità ta' intervista personali.

2. L-intervista personali dwar is-sustanza tal-applikazzjoni tista' titneħħa meta:

(a) l-awtorità determinanti tkun kapaċi li tieħu deċiżjoni pożittiva fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat abbażi tal-evidenza disponibbli; jew

(b) l-awtorità determinanti tkun tal-fehma li l-applikant mhuwiex f'siktu jew kapaċi sabiex jiġi intervistat minnħabba ċirkostanzi persistenti li fuqhom huwa ma jkollux kontroll. F'dubju, l-awtorità determinanti għandha tikkonsulta professjonist mediku biex tistabbilixxi jekk il-kundizzjoni li minħabba fiha l-applikant li mhuwiex f'siktu jew kapaċi li jiġi intervistat hijiex temporanja jew fit-tul.

Fejn ma ssirx intervista personali taħt il-punt (b) jew, fejn applikabbli, mal- persuna dipendenti, għandu jsir dak li jkun raġonevolment possibbli sabiex l-applikant jew il-persuna dipendenti jkunu jistgħu jippreżentaw aktar informazzjoni.

3. In-nuqqas ta' intervista personali taħt dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

4. In-nuqqas ta' intervista personali skont il-paragrafu 2(b) ma għandhiex tinċidi negattivament fuq id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti.

5. Irrispettivament mill-Artikolu 28(1), l-Istati Membri, meta jiddeċiedu dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, jistgħu jieħdu kont tal-fatt li l-applikant naqas milli jidher għall-intervista personali sakemm huwa ma kellux raġunijiet tajbin għan-nuqqas li jidher.

*Artikolu 15*

**Rekwiżiti għal intervista personali**

1. Intervista personali għandha normalment issir mingħajr il-preżenza ta' membri tal-familja sakemm l-awtorità determinanti ma tikkunsidrax bħala meħtieġ, sabiex isir eżami adegwat, li jkun hemm membri oħra tal-familja preżenti.

2. Intervista personali għandha ssir taħt kundizzjonijiet li jiżguraw kunfidenzjalità adegwata.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-intervisti personali jitmexxew taħt kundizzjonijiet li jippermettu li l-applikanti jippreżentaw ir-raġunijiet għall-applikazzjonijiet tagħhom b'mod komprensiv. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li l-persuna li tagħmel l-intervista tkun kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni, inkluż l-oriġini kulturali, sess, orjentazzjoni sesswali, identità sesswali jew il-vulnerabbiltà tal-applikant;

(b) kull meta jkun possibbli, jipprovdu li l-intervista mal-applikant tkun imwettqa minn persuna tal-istess sess jekk l-applikant ikkonċernat jitlob dan, sakemm l-awtorità determinanti ma jkollhiex raġuni biex temmen li tali talba hi bbażata fuq raġunijiet li mhumiex relatati ma diffikultajiet min-naħa tal-applikant biex jippreżenta r-raġunijiet tal-applikazzjoni tiegħu/tagħha b'mod komprensiv;

(c) jagħżlu interpretu li jkun kapaċi jiżgura komunikazzjoni adegwata bejn l-applikant u l-persuna li tmexxi l-intervista. Il-komunikazzjoni għandha ssir fl-ilsien li jippreferi l-applikant ħlief jekk ikun hemm ilsien ieħor li huwa jifhem u li bih huwa jkun kapaċi jikkomunika b'mod ċar. Kull meta jkun possibbli, l-Istati membri għandhom jipprovdu interpretu tal-istess sess jekk l-applikant jitlob dan, sakemm l-awtorità determinanti jkollha raġunijiet biex temmen li tali talba hi bbażata fuq raġunijiet li mhumiex relatati ma' diffikultajiet min-naħa tal-applikant biex jippreżenta r-raġunijiet tal-applikazzjoni tiegħu/tagħha b'mod komprensiv;

(d) jiżguraw li l-persuna li tagħmel l-intervista dwar is-sustanza ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ma tilbisx uniformi;

(e) jiżguraw li l-intervisti mal-minorenni jsiru b'mod li jifmuhom it-tfal.

4. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jikkonċernaw il-preżenza, waqt intervista personali, ta' terzi persuni.

*Artikolu 16*

**Il-kontenut ta' intervista personali**

Meta ssir intervista personali dwar is-sustanza ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-applikant ikollu opportunità adegwata biex jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissustanzja l-applikazzjoni tiegħu taħt l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/95/UE kemm jista' jkun malajr. Dan jinkludi l-opportunità li jagħti spjegazzjoni dwar l-elementi meħtieġa li jistgħu jkunu nieqsa u/jew kull inkonsistenza jew kuntradizzjoni fl-istqarrijiet tal-applikant.

*Artikolu 17*

**Ir-rappurtar u l-irrekordjar ta' intervisti personali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir rapport dettaljat u fattwali bl-elementi sostantivi kollha jew traskrizzjoni ta' kull intervista personali.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għall-irrekordjar awdjo jew awdjoviżiv tal-intervista personali. Fejn isir irrekordjar awdjo jew awdjoviżiv tal-intervista, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-irrekordjar jew traskrizzjoni tal-intervista personali tkun disponibbli b'rabta mal-fajl tal-applikant.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikant ikollu l-opportunità li jagħmel kummenti u/jew jipprovdi kjarifiki oralment u/jew bil-miktub dwar kwalunkwe traduzzjoni ħażina jew kull idea żbaljata li jidhru fir-rapport jew it-traskrizzjoni, meta tintemm l-intervista personali jew f'perjodu ta' żmien speċifiku qabel id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikant ikun informat bis-sħiħ dwar il-kontenut tar-rapport, jew l-elementi sostantivi tat-traskrizzjoni jekk meħtieġ bl-assistenza ta' interpretu. Wara l-Istati Membri għandhom jitolbu l-applikant jikkonferma li l-kontenut tar-rapport jew it-traskrizzjoni jirriflettu b'mod tajjeb l-intervista.

Meta l-intervista personali tiġi rrekordjata skont il-paragrafu 2 u r-reġistrazzjoni tkun ammissibbli bħala evidenza fi proċeduri ta' appelli msemmija fil-Kapitolu V, l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jitolbu konferma mill-applikant li l-kontenut tar-rapport jew li t-traskrizzjoni tirrifletti b'mod tajjeb l-intervista. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16, fejn l-Istati Membri jipprovdu kemm għal traskrizzjoni kif ukoll għal reġistrazzjoni tal-intervista personali, l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jippermettu lill-applikant jagħmel kummenti dwar u/jew jagħti kjarifiki tat-traskrizzjoni.

4. Fejn applikant jirrifjuta li jikkonferma li l-kontenut tar-rapport jew it-traskrizzjoni jirrifletti b'mod tajjeb l-intervista personali, ir-raġunijiet ta' dan ir-rifjut tiegħu għandhom jitniżżlu fil-fajl tal-applikant.

Rifjut bħal dan ma għandux jimpedixxi lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

5. L-applikanti u l-konsulenti legali tagħhom jew konsulenti oħra kif definit fl-Artikolu 23 għandu jkollu aċċess għal dan ir-rapport jew it-traskrizzjoni u, fejn applikabbli, ir-rekording, qabel ma l-awtorità determinanti tieħu d-deċiżjoni tagħha.

Fejn l-Istati Membri jipprovdu kemm għat-traskrizzjoni kif ukoll għar-reġistrazzjoni tal-intervista personali, l-Istati Membri m'għandhomx għalfejn jagħtu aċċess għar-reġistrazzjoni fil-proċeduri fil-prima istanza msemmija fil-Kapitolu III. F'każijiet bħal dawn, għandhom madankollu jagħtu aċċess għar-recording fil-proċeduri tal-appelli msemmija fil-Kapitolu V.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, fejn l-applikazzjoni tiġi eżaminata b'konformità mal-Artikolu 31(8), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu biex dak l-aċċess għar-rapport jew traskrizzjoni, u fejn applikabbli, għar-reġistrazzjoni, jingħata fl-istess waqt li tittieħed id-deċiżjoni.

*Artikolu 18*

**Eżamijiet mediċi**

1. Fejn l-awtorità determinanti tqis li huwa rilevanti għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/95/UE, l-Istati Membri għandhom, suġġett għall-kunsens tal-applikant, jippreparaw għal eżami mediku tal-applikant li jirrigwarda sinjali li jistgħu jindikaw persekuzzjoni jew ħsara serja fil-passat. Minflok, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu biex l-applikant jirranġa huwa stess għal tali eżami mediku.

L-eżamijiet mediċi msemmija fis-subparagrafu 1 għandhom jitwettqu minn professjonisti mediċi kkwalifikati u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità determinanti kemm jista' jkun malajr. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw il-professjonisti mediċi li jistgħu jwettqu tali eżamijiet mediċi. Ir-rifjut ta' applikant li jsirlu eżami mediku ma għandux iżomm lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

L-eżamijiet mediċi magħmulin f'konformità ma' dan il-paragrafu għandhom jitħallsu mill-fondi pubbliċi.

2. Meta ma jsir ebda eżami mediku f'konformità mal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-applikanti li jistgħu fuq inizjattiva individwali u bi spiża għalihom jirranġaw għal eżami mediku li jirrigwarda sinjali li jistgħu jindikaw persekuzzjoni jew ħsara serja fil-passat.

3. Ir-riżultati tal-eżamijiet mediċi msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu vvalutati mill-awtorità determinanti flimkien mal-elementi oħra tal-applikazzjoni.

*Artikolu 19*

**L-għoti ta' informazzjoni legali u proċedurali mingħajr ħlas fi proċeduri ta' prima istanza**

1. Fil-proċeduri fil-prima istanza previsti fil-Kapitolu III, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fuq talba, l-applikanti għandhom jingħataw informazzjoni legali u proċedurali mingħajr ħlas, li tinkludi, minn tal-anqas, informazzjoni dwar il-proċedura fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-applikant. Fil-każ ta' deċiżjoni negattiva fuq applikazzjoni fi prima istanza, l-Istati Membri għandhom ukoll, fuq talba, jipprovdu informazzjoni lill-applikanti - flimkien ma' dik mogħtija f'konformità mal-Artikolu 11(2) u Artikolu 12(1)(f) - sabiex jiġu ċċarati r-raġunijiet għal tali deċiżjoni u jiġi spjegat kif din tista' tiġi kontestata.

2. L-għoti ta' informazzjoni legali u proċedurali mingħajr ħlas għandu jkun suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21.

*Artikolu 20*

**Assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċeduri tal-appelli**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jingħataw assistenza legali u rappreżentanza mingħajr ħlas meta dawn jiġu mitluba fil-proċeduri tal-appelli previsti fil-Kapitolu V. Din għandha tinkludi, minn tal-anqas, it-tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa u l-parteċipazzjoni fis-smigħ quddiem qorti jew tribunal ta' prima istanza f'isem l-applikant.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll l-assistenza u/jew ir-rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċeduri ta' prima istanza previsti fil-Kapitolu III. F'dawn il-każijiet, ma għandhux japplika l-Artikolu 19.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ma jingħatawx fejn il-qorti jew it-tribunal jew awtorità kompetenti oħra jqisu li l-appell tal-applikant ma jkollu l-ebda prospett tanġibbli li jirnexxi.

Fejn deċiżjoni li ma jingħatawx assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas f'konformità ma' dan il-paragrafu tittieħed minn awtorità li mhijiex qorti jew tribunal, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikant jkollu d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra dik id-deċiżjoni.

Fl-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza u r-rappreżentanza legali ma jiġux ristretti b'mod arbitrarju u li l-aċċess effettiv tal-applikant għall-ġustizzja ma jiġix ostakolat.

4. L-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandhom ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 21.

*Artikolu 21*

**Il-kundizzjonijiet tal-għoti ta' informazzjoni legali u proċedurali mingħajr ħlas u assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas**

1. L-Istati Membri jipprovdu li l-informazzjoni legali u proċedurali mingħajr ħlas msemmija fl-Artikolu 19 huma mogħtija minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, jew professjonisti mill- awtoritajiet tal-gvern, jew servizzi speċjalizzati tal-Istat.

L-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas imsemmija fl-Artikolu 20 għandha tingħata minn dawn il-persuni kif ammess jew permess taħt il-liġi nazzjonali.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-informazzjoni legali u proċedurali mingħajr ħlas msemmija fl-Artikolu 19 u l-assistenza legali u r-rappreżentanza mingħajr ħlas msemmija fl-Artikolu 20 ikunu mogħtija:

(a) biss lil dawk li ma jkollhomx riżorsi suffiċjenti; u/jew

(b) biss permezz tas-servizzi mogħtija minn konsulenti legali jew konsulenti oħra speċifikament innominati mil-liġi nazzjonali sabiex jassistu u jirrappreżentaw applikanti.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas imsemmija fl-Artikolu 20 jingħataw biss għal proċeduri tal-appelli f'konformità mal-Kapitolu V quddiem qorti jew tribunal ta' prima istanza u mhux għal kwalunkwe appell jew rieżami ulterjuri previsti taħt il-liġi nazzjonali inklużi smigħ mill-ġdid jew rieżami ta' appelli.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll biex l-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas imsemmija fl-Artikolu 20 ma jingħatawx lil applikanti li m'għadhomx preżenti fit-territorju tagħhom fl-applikazzjoni tal-Artikolu 41(2)(c).

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli dwar il-modalitajiet għall-preżentazzjoni u għall-proċessar tat-talbiet għal informazzjoni legali u proċedurali mingħajr ħlas taħt l-Artikolu 19 u assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas taħt l-Artikolu 20.

4. L-Istati Membri jistgħu wkoll:

(a) jimponu limiti ta' flus u/jew ta' żmien fuq l-għoti ta' informazzjoni legali u proċedurali mingħajr ħlas msemmija fl-Artikolu 19 u l-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas msemmija fl-Artikolu 20, sakemm dawn il-limiti ma jirrestrinġux arbitrarjament l-aċċess għal informazzjoni legali u proċedurali u għal assistenza u rappreżentanza legali;

(b) jiddisponu li, fir-rigward ta' ħlasijiet u spejjeż oħra, it-trattament tal-applikanti ma jkunx aktar favorevoli mit-trattament li jkun ġeneralment mogħti liċ-ċittadini tagħhom f'materji ta' assistenza legali.

5. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li jiġu rimborsati b'mod sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spejjeż mogħtija jekk u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant tkun konsiderevolment tjiebet jew jekk id-deċiżjoni tal-għoti ta' dawn l-ispejjeż kienet meħuda abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.

*Artikolu 22*

**Id-dritt għal assistenza u rappreżentanza legali fl-istadji kollha tal-proċedura**

1. L-applikanti għandhom jingħataw l-opportunità li jikkonsultaw, bi spejjeż tagħhom stess, b'mod effettiv konsulent legali jew konsulent ieħor, li jkun ammess jew permess bħala tali taħt il-liġi nazzjonali, dwar materji relatati mal-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali, fl-istadji kollha, inkluż wara deċiżjoni negattiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu organizzazzjonijiet mhux governattivi biex jipprovdu assistenza u/jew rappreżentanza legali mingħajr ħlas għall-applikanti fil-proċeduri previsti fil-Kapitolu III u fil-Kapitolu V f'konformità mal-liġi nazzjonali.

*Artikolu 23*

**L-ambitu tal-għajnuna u r-rappreżentanza legali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsulent legali jew konsulent ieħor, li jkun ammess jew permess bħala tali taħt il-liġi nazzjonali, li jgħin jew jirrappreżenta applikant taħt il-liġi nazzjonali, għandu jgawdi aċċess għall- informazzjoni li tinsab fil-fajl tal-applikant li fuq il-bażi tiegħu jkun hemm jew tkun ser tittieħed deċiżjoni.

L-Istati Membri jistgħu jagħmlu eċċezzjoni fejn l-iżvelar ta' informazzjoni jew ta' sorsi jkun ta' ħsara għas-sigurtà nazzjonali, għas-sigurtà tal-organizzazzjonijiet jew tal-persuna jew persuni li jipprovdu l-informazzjoni jew għas-sigurtà tal-persuna jew persuni li għalihom tirriferi l-informazzjoni jew fejn l-interessi investigattivi dwar l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew ir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati Membri jkunu kompromessi. F'tali każijiet, l-Istati Membri għandhom:

(a) jagħmlu l-aċċess għal tali informazzjoni jew għas-sorsi disponibbli għall-awtoritajiet imsemmija fil-Kapitolu V; u;

(b) jistabbilixxu fil-liġi nazzjonali proċeduri li jagħtu garanzija li d-drittijiet ta' difiża tal-applikant jiġu rispettati.

Fir-rigward tal-punt(b), l-Istati Membri jistgħu b'mod partikolari jagħtu aċċess għal tali informazzjoni jew is-sorsi għal konsulent legali jew konsulent li saritlu verifika tas-sigurtà, dment li l-informazzjoni hi rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni jew it-teħid ta' deċiżjoni li tiġi rtirata l-protezzjoni internazzjonali

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsulent legali jew konsulent ieħor li jassisti jew jirrappreżenta applikant ikollu aċċess għal postijiet magħluqa, bħal faċilitajiet ta' detenzjoni u żoni ta' tranżitu, sabiex jikkonsulta ma' dak l-applikant f'konformità mal-Artikolu 10(4) u mal-Artikolu 18(2)(b) u (c) tad-Direttiva 2013/33/UE.

3. L-Istati Membri għandhom jippermettu li applikant jġib miegħu għall-intervista personali konsulent legali jew konsulent ieħor, ammess jew permess bħala tali taħt il-liġi nazzjonali.

L-Istati Membri jistgħu jistipulaw ukoll li l-konsulent legali jew konsulent ieħor jistgħu jintervjenu biss fi tmiem l-intervista.

4. Mingħajr preġudizzju għal dan l-Artikolu jew għall-Artikolu 25(1)(b), l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jkopru l-preżenza ta' konsulenti legali jew ta' konsulenti oħra waqt l-intervisti kollha fil-proċedura.

L-Istati Membri jistgħu jesiġu l-preżenza tal-applikant fl-intervista personali anke jekk huwa jkun rappreżentat taħt il-liġi nazzjonali minn tali konsulent legali jew konsulent ieħor u jistgħu jesiġu li l-applikant jirrispondi personalment għall-mistoqsijiet li jsiru.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(1)(b), l-assenza ta' konsulent legali jew konsulent ieħor ma għandhiex timpedixxi lill-awtorità kompetenti milli tintervista personalment lill-applikant.

*Artikolu 24*

**Applikanti li jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali**

1. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw f'perijodu ta' żmien raġonevoli wara li ssir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jekk l-applikant huwiex applikant li jkun jeħtieġ garanziji proċedurali speċjali.

2. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi integrata f'proċeduri nazzjonali eżistenti u/jew fil-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/33/UE u m'għandhiex tieħu s-sura ta' proċedura amministrattiva.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-applikanti jkunu ġew identifikati bħala applikanti li jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali, dawn jingħataw appoġġ adegwat sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet u jkunu konformi mal-obbligi ta' din id-Direttiva matul il-proċedura ta' asil kollha.

Fejn tali appoġġ adegwat ma jkunx jista' jingħata fil-qafas tal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 31(8) u fl-Artikolu 43, b'mod partikolari fejn l-Istati Membri jqisu li l-applikant jeħtieġ garanziji proċedurali speċjali bħala riżultat ta' tortura, stupru jew suriet serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew vjolenza sesswali, l-Istati Membri m'għandhomx japplikaw, jew għandhom jieqfu japplikaw, l-Artikolu 31(8) u l-Artikolu 43. Fejn l-Istati Membri japplikaw l-Artikolu 46(6) għal applikanti li għalihom l-Artikoli 31(8) u l-Artikolu 43 ma jistgħux jiġu applikati f'konformità ma' dan is-subparagrafu, l-Istati Membri għandhom tal-inqas jagħtu l-garanziji previsti fl-Artikolu 46(7).

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali jiġi indirizzat ukoll, f'konformità ma' din id-Direttiva, fejn tali bżonn jidher evidenti fi stadju iktar 'il quddiem tal-proċedura, mingħajr ma neċessarjament terġa' tinbeda l-proċedura.

*Artikolu 25*

**Garanziji għal minorenni mhux akkumpanjati**

1. Fir-rigward tal-proċeduri kollha previsti f'din id-Direttiva u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 sa 17, l-Istati Membri għandhom:

(a) jieħdu mizuri mill-aktar fis possibbli sabiex jiżguraw li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun irrappreżentat u assistit minn rappreżentant sabiex huwa jkun jista' jibbenefika mid-drittijiet tiegħu u jirrispetta l-obbligi previsti f'din id-Direttiva. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jiġi infurmat immedjatament bil-ħatra ta' rappreżentant. Ir-rappreżentant għandu jwettaq dmirijietu f'konformità mal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal u għandu ikollu l-għarfien espert neċessarju għal dan. Il-persuna li taġixxi bħala rappreżentant għandha tinbidel biss jekk ikun meħtieġ. L-organizzazzjonijiet jew individwi li l-interessi tagħhom ma jaqblux jew jistgħu potenzjalment ma jaqblux ma' dawk tal-minorenni mhux akkumpanjat m'għandhomx ikunu eliġibbli li jsiru rappreżentanti. Ir- rappreżentant jista' jkun ukoll ir-rappreżentant imsemmi fid-Direttiva 2013/33/UE;

(b) jiżguraw li r-rappreżentant jingħata l-opportunità li jinforma lill-minorenni mhux akkumpanjat dwar is-sinifikat u l-konsegwenzi eventwalment possibbli tal-intervista personali u, fejn ikun kunsiljabbli, kif jipprepara ruħu għall-intervista personali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li rappreżentant u/jew konsulent legali jew konsulent ieħor ammess jew permess bħala tali taħt il-liġi nazzjonali jkunu ikunu preżenti f'dik l-intervista u jkollhom opportunità li jsaqsu mistoqsijiet jew jagħmlu kummenti, fi ħdan il-qafas stabbilit mill-persuna li tagħmel l-intervista.

L-Istati Membri jistgħu jeżiġu l-preżenza tal-minorenni mhux akkumpanjat fl-intervista personali, anke jekk ir-rappreżentant ikun preżenti.

2. L-Istati Membri jistgħu ma jaħtrux rappreżentant meta l-minorenni mhux akkumpanjatprobabbilment jilħaq l-età ta' 18-il sena qabel ma tittieħed deċiżjoni fl-istadju ta' prima istanza.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) jekk minorenni mhux akkumpanjat ikollu intervista personali rigward l-applikazzjoni tiegħu/tagħha għall- protezzjoni internazzjonali kif imsemmi fl-Artikoli 14 sa 17 u 34, dik l-intervista personali titmexxa minn persuna li jkollha l-għarfien meħtieġ tal-bżonnijiet speċjali ta' persuni minorenni;

(b) għandu jkun uffiċjal li jkollu l-għarfien meħtieġ tal-bżonnijiet speċjali ta' persuni minorenni li jipprepara d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti dwar l-applikazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjat.

4. Il-minorenni mhux akkumpanjati u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jingħataw informazzjoni legali u proċedurali mingħajr ħlas kif imsemmi fl-Artikolu 19 anke fi proċeduri għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali previst fil-Kapitolu IV.

5. L-Istati Membri jistgħu jużaw eżamijiet mediċi biex jiddeterminaw l-età ta' minorenni mhux akkumpanjati fi ħdan il-qafas tal-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fejn, wara stqarrijiet ġenerali jew indikazzjonijiet relevanti oħrajn, l-Istati Membri jkollhom dubji dwar l-età tal-applikant. Jekk, wara dan, l-Istati Membri jibqgħalhom id-dubju dwar l-eta' tal-applikant, għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.

Kwalunkwe eżami mediku għandu jsir b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-individwu, għandu jkun l- eżami l-inqas invażiv u għandu jsir minn professjonisti mediċi kwalifikati li jwasslu, kemm jista' jkun, għal riżultat li wieħed jista' joqgħod fuqu.

Fejn jiġu użati eżamijiet mediċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-minorenni mhux akkumpanjati jiġu informati qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall- protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu jew hu mistenni b'mod raġonevoli li jifhmu, bil-possibbiltà li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwalment possibbli tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali, kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkumpanjat milli joqgħod għal eżami mediku;

(b) il-minorenni mhux akkumpanjati u/jew ir-rappreżentanti tagħhom jagħtu l-kunsens tagħhom sabiex isir eżami mediku li jiddetermina l-età tal-minorenni konċernati; kif ukoll

(c) id-deċiżjoni għar-rifjut ta' applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali minn minorenni mhux akkumpanjat li jkun irrifjuta li joqgħod għal eżami mediku ma għandhiex tkun ibbażata biss fuq dak ir-rifjut.

Il-fatt li minorenni mhux akkumpanjat ikun irrifjuta li joqgħod għal tali eżami mediku ma għandhux iżomm lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

6. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu ta' importanza primarja għall-Istati Membri meta jimplimentaw din id-Direttiva.

Fejn l-Istati Membri, matul il-proċedura ta' asil, jidentifikaw persuna bħala minorenni mhux akkumpanjat, huma jistgħu:

(a) japplikaw jew ikomplu japplikaw l-Artikolu 31(8) fil-każ biss jekk:

(i) l-applikant ikun minn pajjiż li jissodisfa l-kriterji sabiex jitqies pajjiż ta' oriġini mingħajr periklu fit-tifsira ta' din id-Direttiva; jew

(ii) l-applikant ikun introduċa applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali li mhix ammissibbli f'konformità mal-Artikolu 40(5); jew

(iii) l-applikant ikun jista' għal raġunijiet serji jitqies ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru, jew l-applikant ikun tkeċċa bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku taħt il-liġi nazzjonali; jew

(b) japplikaw jew ikomplu japplikaw l-Artikolu 43, f'konformità mal-Artikoli 8 sa 11 tad-Direttiva 2013/33/UE, fil-każ biss jekk:

(i) l-applikant ikun ġej minn pajjiż li jissodisfa l-kriterji sabiex jitqies pajjiż ta' oriġini sikur fis-sens ta' din id-Direttiva; jew

(ii) l-applikant introduċa applikazzjoni sussegwenti; jew

(iii) l-applikant jista' għal raġunijiet serji jitqies ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membri, jew l-applikant ikun tkeċċa bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku taħt il-liġi nazzjonali.

(iv) hemm raġunijiet raġonevoli biex pajjiż li mhuwiex Stat Membru jitqies bħala pajjiż terz sikur għall-applikant, f'konformità mal-Artikolu 38; jew

(v) l-applikant qarraq l-awtoritajiet billi ppreżenta dokumenti foloz; jew

(vi) b'intenzjonijiet ħżiena, l-applikant qered jew rema dokument ta' identità jew ta' vvjaġġar li jkun seta' għen biex tiġi ddeterminata l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu/tagħha.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-punti (v) u (vi) f'każijiet individwali biss fejn ikun hemm raġunijiet serji biex jitqies li l-applikant qed jipprova jaħbi elementi rilevanti li x'aktarx iwasslu għal deċiżjoni negattiva u dejjem jekk l-applikant ikun ingħata l-opportunità sħiħa, filwaqt li jittieħed kont tal-bżonnijiet proċedurali speċjali ta' minorenni mhux akkumpanjati, biex juri raġuni valida għall-azzjonijiet imsemmija fil-punti (v) u (vi), inkluż permezz ta' konsultazzjoni mar-rappreżentant tiegħu/tagħha.

(c) iqisu l-applikazzjoni bħala inammissibbli f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 33(2) jekk pajjiż li mhuwiex Stat Membri jitqies bħala pajjiż terz sikur għall-applikant f'konformità mal-Artikolu 38 dejjem jekk dan hu fl-aħjar interessi tal-minorenni;

(d) japplikaw il-proċedura msemmija fl-Artikolu 20(3) fejn ir-rappreżentant tal-minorenni jkollu/jkollha kwalifiki legali f'konformità mal-liġi nazzjonali.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 41, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 46(6) għall-minorenni mhux akkumpanjati, l-Istati Membri għandhom tal-inqas jagħtu l-garanziji previsti fl-Artikolu 46(7) fil-każijiet kollha.

*Artikolu 26*

**Detenzjoni**

1. L-Istati Membri ma għandhomx iżommu persuna f'detenzjoni għar-raġuni biss li huwa/hija jkun/tkun applikant. Ir-raġunijiet għal u l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u l-garanziji disponibbli għall-applikanti detenuti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu konformi mad-Direttiva 2013/33/UE.

2. Fejn applikant jinżamm f'detenzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm il-possibbiltà ta' reviżjoni ġudizzjarja rapida taħt id-Direttiva 2013/33/UE.

*Artikolu 27*

**Proċedura fil-każ ta' rtirar tal-applikazzjoni**

1. Safejn l-Istati Membri jipprovdu għall-possibbiltà tal-irtirar espliċitu tal-applikazzjoni taħt il-liġi nazzjonali, meta applikant b'mod espliċitu jirtira l-applikazzjoni tiegħu/tagħha għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità determinanti tieħu deċiżjoni li jew twaqqaf l-eżami jew tirrifjuta l-applikazzjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiddeċiedu li l-awtorità determinanti tista' tiddeċiedi li twaqqaf l-eżami mingħajr ma tadotta deċiżjoni. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità determinanti għandha tinserixxi nota fil-fajl tal-applikant.

*Artikolu 28*

**Proċedura f'każ ta' rtirar impliċitu jew ta' abbandun tal-applikazzjoni**

1. Fejn ikun hemm kawża raġonevoli sabiex jitqies li applikant ikun irtira jew abbanduna l-applikazzjoni tiegħu/tagħha b'mod impliċitu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità determinanti tieħu deċiżjoni jew li twaqqaf l-eżami jew, sakemm l-awtorità determinanti tqis li l-applikazzjoni ma tkunx isserraħ fuq il-bażi ta' eżami xieraq tas-sustanza tagħha f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/95/UE, li tirrifjuta l-applikazzjoni.

L-Istati Membri jistgħu jassumu li l-applikant ikun impliċitament irtira jew abbanduna l-applikazzjoni tiegħu/tagħha għall-protezzjoni internazzjonali partikolarment meta jiġi aċċertat li:

(a) huwa/hija naqas/naqset milli jirrispondi/tirrispondi għal talbiet għal informazzjoni essenzjali għall-applikazzjoni tiegħu taħt l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/95/UE jew ma deherx għal intervista personali kif previst fl-Artikoli 14 sa 17 ta' din id-Direttiva, sakemm l-applikant ma jġibx prova fi żmien raġonevoli li n-nuqqas tiegħu/tagħha kien dovut għal ċirkostanzi li fuqhom huwa/hija ma kellux/kellhiex kontroll;

(b) huwa/hija jkun/tkun ħarab/ħarbet jew telaq/telqet mingħajr awtorizzazzjoni mill-post fejn huwa/hija kien/kienet jgħix/tgħix jew fejn kien/kienet miżmum/miżmuma, mingħajr ma kkuntattja/kkuntattjat l-awtorità kompetenti fi żmien raġonevoli, jew huwa/hija ma kkonformax/kkonformatx fi żmien raġonevoli mal-obbligi ta' rappurtar jew obbligi oħrajn ta' komunikazzjoni sakemm l-applikant ma jurix li dan kien minħabba ċirkustanzi li ma kinux fil-kontroll tiegħu/tagħha.

Għall-finijiet tal-implementazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti ta' żmien jew linji ta' gwida.

2. Istati Membri għandhom jiżguraw li applikant li jerġa' jirrapporta lill-awtorità kompetenti wara li tittieħed deċiżjoni ta' twaqqif kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ikollu d-dritt li jitlob li jerġa' jinfetaħ il-każ tiegħu jew li jippreżenta applikazzjoni ġdida li ma għandhiex tkun suġġetta għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 40 u 41.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu limitu ta' żmien ta' mill-anqas disa' xhur li wara li tagħlaq, il-każ tal-applikant ma jkunx jista' jerġa' jinfetaħ jew l-applikazzjoni l-ġdida tista' titqies bħala applikazzjoni sussegwenti u suġġetta għall-proċedura msemmija fl-Artikoli 40 u 41. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu biex il-każ tal-applikant jkun jista' jinfetaħ mill-ġdid darba biss.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali persuna ma tiġix espulsa kuntrarjament għall-prinċipju ta' *non-refoulement*.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-awtorità determinanti terġa' taqbad l-eżami mill-istadju fejn kien twaqqaf.

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

*Artikolu 29*

**Ir-rwol tal-UNHCR**

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-UNHCR:

(a) jkollha aċċess għall-applikanti, inklużi dawk miżmuma f'detenzjoni, fil-fruntiera u fiż-żoni ta' tranżitu;

(b) jkollha aċċess għal informazzjoni dwar applikazzjonijiet individwali għall- protezzjoni internazzjonali, dwar kif tkun għaddejja l-proċedura u dwar id-deċiżjonijiet meħuda, sakemm l-applikant jaqbel ma' dan;

(c) tippreżenta l-fehmiet tagħha, fl-eżerċitar tar-responsabbiltajiet superviżorji tagħha taħt l-Artikolu 35 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, lil kull awtorità kompetenti dwar applikazzjonijiet individwali għall- protezzjoni internazzjonali f'kull stadju tal-proċedura.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll fir-rigward ta' organizzazzjoni li tkun taħdem fit-territorju tal-Istat Membru konċernat f'isem l-UNHCR skont ftehim ma' dak l-Istat Membru.

*Artikolu 30*

**Ġbir ta' informazzjoni dwar każijiet individwali**

Għall-finijiet tal-eżami ta' każijiet individwali, l-Istati Membri ma għandhomx:

(a) jiżvelaw informazzjoni dwar applikazzjonijiet individwali għall-protezzjoni internazzjonali, jew il-fatt li tkun saret applikazzjoni, lill-persuna jew persuni allegatament l-awtur jew awturi tal-persekuzzjoni jew ħsara serja;

(b) jiksbu kwalunkwe informazzjoni mill-persuna jew persuni allegatament l-awtur jew awturi tal-persekuzzjoni jew ħsara serja b'mod li jirriżulta li tali awtur jew awturi jiġu informati direttament bil-fatt li saret applikazzjoni mill-applikant ikkonċernat, u li jhedded l-integrità fiżika tal-applikant jew tad-dipendenti tiegħu, jew il-libertà u s-sigurtà tal-membri tal-familja tiegħu li jkunu għadhom jgħixu fil-pajjiż ta' oriġini.

KAPITOLU III

**PROĊEDURI TA' PRIMA ISTANZA**

*TAQSIMA I*

*Artikolu 31*

**Proċedura ta' eżami**

1. L-Istati Membri għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijet għall-protezzjoni internazzjonali fi proċedura ta' eżami b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedura ta' eżami tkun konkluża mill-aktar fis possibbli, mingħajr preġudizzju għal eżami adegwat u komplet.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedura ta' eżami tkun konkluża fi żmien sitt xhur mill-preżentata tal-applikazzjoni.

Fejn applikazzjoni tkun suġġetta għall-proċedura stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 604/2013, il-limitu ta' żmien ta' sitt xhur għandu jibda japplika mill-mument li l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tagħha jiġi determinat f'konformità ma' dak ir-Regolament, l-applikant ikun fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u l-awtorità responsabbli tkun ħadet responsabbiltà tiegħu.

L-Istati Membri jistgħu jestendu l-limitu ta' żmien ta' sitt xhur stabbilit f'dan il-paragrafu għal perjodu li ma jaqbiżx disa' xhur oħra, meta:

(a) jkun hemm kwistjonijiet kumplessi ta' fatt u/jew liġi;

(b) għadd kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi japplikaw simultanjament għall-protezzjoni internazzjonali, bir-riżultat li jsir diffiċli ħafna fil-prattika li l-proċedura tiġi ffinalizzata fil-limitu ta' żmien ta' sitt xhur;

(c) fejn id-dewmien ikun ċarament attribwit għan-nuqqas li l-applikant jikkonforma mal-obbligi tiegħu/tagħha taħt l-Artikolu 13.

Permezz ta' eċċezzjoni, l-Istati Membri jistgħu, f'ċirkostanzi ġustifikati kif xieraq, jaqbżu l-limiti taż-żmien stabbiliti li jinsabu f'dan il-paragrafu b'massimu ta' tliet xhur meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat eżami adegwat u sħiħ tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 13 u 18 tad-Direttiva 2011/95/UE, l-Istati Membri jistgħu jippostponu l-konklużjoni tal-proċedura ta' eżami meta l-awtorità determinanti ma tkunx tista' tiġi mistennija li tiddeċiedi fil-limit ta' żmien stipulati fil-paragrafu 3 minħabba sitwazzjoni inċerta fil-pajjiż ta' oriġini li tkun mistennija li tkun waħda temporanja. F'każ bħal dan, l-Istati Membri għandhom:

(a) iwettqu rieżamijiet tas-sitwazzjoni f'dak il-pajjiż ta' oriġini tal-inqas kull sitt xhur

(b) jinformaw lill-applikanti kkonċernati fi żmien raġonevoli bir-raġunijiet għall-posponiment;

(c) jinformaw lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli bil-posponimenti ta' proċeduri għal dak il-pajjiż ta' oriġini.

5. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri għandhom jikkonkludu l-proċedura ta' eżami f'limitu ta' żmien massimu ta' 21 xahar minn meta ssir l-applikazzjoni.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ma tistax tittieħed deċiżjoni fi żmien sitt xhur, l-applikant konċernat għandu:

(a) jiġi informat bid-dewmien; u

(b) jirċievi, fuq talba tiegħu/tagħha, informazzjoni dwar ir-raġunijiet għad-dewmien u l- medda ta' żmien li fih tkun mistennija li tingħata d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu.

7. L-Istati Membri jistgħu jipprijoritizzaw eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II b'mod partikolari:

(a) fejn l-applikazzjoni aktarx tkun iġġustifikata;

(b) fejn l-applikant ikun vulnerabbli fis-sens tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/33/UE, jew ikollu bżonn garanziji proċedurali speċjali, partikolarment minorenni mhux akkumpanjati

8. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li proċedura ta' eżami konformi mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II tiġi mgħaġġla u/jew titmexxa fil-fruntiera jew fiż-żoni ta' transitu taħt l-Artikolu 43 jekk:

(a) l-applikant, fil-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu/tagħha u fil-preżentazzjoni tal-fatti, qajjem biss kwistjonijiet li mhumiex relevanti għall-eżami dwar jekk huwa/hija jikkwalifikax/tikkwalifikax jew le bħala benefiċjarju/benefiċjarja ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE; jew

(b) l-applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu skont it-tifsira ta' din id-Direttiva jew

(c) l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti relevanti fir-rigward tal-identità u/jew tan-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni; jew

(d) probabbilment, b'malafede, l-applikant iddistruġġa jew iddispona minn dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar li seta' għen sabiex tiġi stabbilita l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu; jew

(e) l-applikant ikun għamel rappreżentazzjonijiet li b'mod ċar kienu inkonsistenti u kontradittorji li jkunu foloz jew manifestament improbabbli jew insuffiċjenti li jikkontradixxu informazzjoni vverfikata kif xieraq dwar il-pajjiż ta' oriġini, li konsegwentement jwasslu biex it-talba tiegħu/tagħha ma tkunx tidher konvinċenti fir-rigward tad- jekk huwa/hija jikkwalifikaw/tikkwalifikax bħala benefiċjarju/benefiċjarja ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE; jew

(f) l-applikant ikun ippreżenta applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali li mhix ammissibbli f'konformità mal-Artikolu 40(5); jew

(g) l-applikant ikun qiegħed jippreżenta applikazzjoni biss sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni preċedenti jew imminenti li tirriżulta fl-espulsjoni tiegħu/tagħha;jew

(h) l-applikant daħal fit-territorju tal-Istat Membru illegalment jew tawwal is-soġġorn tiegħu illegalment u, mingħajr raġuni valida, ma ppreżentax ruħu lill-awtoritajiet jew ma ppreżentax applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali malajr kemm jista' jkun, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-dħul tiegħu; jew

(i) l-applikant jirrifjuta li jikkonforma mal-obbligu li jittieħdulu l-marki tas-swaba' f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u għal talbiet għal tqabbil mad-dejta tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi ([1]), jew

(j) l-applikant jista', għal raġunijiet serji, jiġi kkunsidrat bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru, jew l-applikant ġie espuls bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku taħt il-liġi nazzjonali.

9. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-limiti ta' żmien għall-adozzjoni ta' deċiżjoni fil-proċedura ta' prima istanza skont il-paragrafu 6. Dawk il-limiti ta' żmien għandhom ikunu raġonevoli.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 3 sa 5, l-Istati Membri jistgħu jaqbżu dawk il-limiti ta' żmien fejn ikun hemm bżonn sabiex jiżguraw eżami adegwat u komplut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

*Artikolu 32*

**Applikazzjonijiet bla bażi**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw applikazzjoni bħala bla bażi biss jekk l-awtorità determinanti tkun stabbilixxiet li l-applikant ma jikkwalifikax għall-protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE.

2. F'każijiet ta' applikazzjonijiet bla bażi li fihom tapplika kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 31(6) l-Istati Membri jistgħu wkoll jikkunsidraw applikazzjoni bħala manifestament bla bażi jekk tkun definita hekk fil-liġi nazzjonali.

TAQSIMA II

*Artikolu 33*

**Applikazzjonijet inammissibbli**

1. Addizzjonalment għal każijiet fejn l-applikazzjoni ma' tiġix eżaminata skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, l-Istati Membri mhumiex obbligati jeżaminaw jekk l-applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE fejn applikazzjoni tkun kunsidrata inammissibbli taħt dan l-Artikolu.

2. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali bħala inammissibbli biss jekk:

(a) il-protezzjoni internazzjonali tkun ġiet mogħtija minn Stat Membru ieħor;

(b) pajjiż li ma jkunx Stat Membru jiġi kunsidrat bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għall-applikant, taħt l-Artikolu 35;

(c) pajjiż li ma jkunx Stat Membru jiġi kkunsidrat bħala pajjiż terz bla periklu għall-applikant, taħt l-Artikolu 38;

(d) l-applikazzjoni tkun applikazzjoni sussegwenti, fejn ebda elementi jew sejbiet ġodda relatati mal-eżami dwar jekk l-applikant jikkwalifikax bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE ma' jkunu rriżultaw jew ġew ippreżentati mill-applikant;

(e) persuna dipendenti fuq l-applikant jippreżenta applikazzjoni, wara li huwa kien ta il-kunsens tiegħu taħt l-Artikolu 7(2) sabiex il-każ tiegħu jkun parti minn applikazzjoni ppreżentata f'ismu, u ma jkunx hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-persuna dipendenti li jiġġustifikaw applikazzjoni separata.

*Artikolu 34*

**Regoli speċjali dwar l-intervista tal-ammissibbiltà**

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-applikanti biex jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar l-applikazzjoni tar-raġunijiet li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 33 fiċ-ċirkustanzi partikolari tagħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar l-ammissibbiltà ta' applikazzjoni. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom iwettqu intervista personali dwar l-inammissibbiltà tal-applikazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu eċċezzjoni biss taħt l-Artikolu 42 fil-każ ta' applikazzjoni sussegwenti.

Dan il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2)(a) ta' din id-Direttiva u għall-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu biex il-persunal ta' awtoritajiet oħra barra l-awtorità determinanti jagħmel l-intervista personali dwar l-ammissibbiltà tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali persunal jirċievu minn qabel it-taħriġ bażiku meħtieġ b'mod partikolari fir-rigward tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-*acquis* tal-Unjoni dwar l-asil u t-tekniki biex issir intervista.

TAQSIMA III

*Artikolu 35*

**Il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil**

Pajjiż jista' jkun kunsidrat bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għal applikant partikolari jekk:

([1]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(a) huwa kien ġie rikonoxxut f'dak il-pajjiż bħala rifuġjat u huwa għadu jista' jirrikorri għal dik il-protezzjoni, jew

(b) huwa jgawdi, diversament, protezzjoni suffiċjenti f'dak il-pajjiż, inkluż il-benefiċċju mill-prinċipju ta' *non-refoulement*,

sakemm huwa jerġa' jitħalla jidħol f'dak il-pajjiż.

Fl-applikazzjoni tal-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' applikazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jieħdu kont tal-Artikolu 38(1). L-applikant għandu jitħalla jikkontesta l-applikazzjoni tal-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil għaċ-ċirkostanzi partiklari tiegħu.

*Artikolu 36*

**Il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini bla periklu**

1. Pajjiż terz indikat bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu konformement ma' din id-Direttiva jista', wara eżami individwali tal-applikazzjoni, ikun ikkunsidrat bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu għal applikant partikolari biss jekk:

(a) l-applikant ikollu/ikollha ċ-ċittadinanza ta' dak il-pajjiż; jew

(b) l-applikant ikun/tkun persuna apolida u kien/kienet, preċedentement, abitwalment residenti f'dak il-pajjiż;

u ma ppreżenta/ppreżentat l-ebda raġuni serja sabiex il-pajjiż ma jiġix ikkunsidrat bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu/tagħha fis-sens tal-kwalifika tiegħu/tagħha bħala benefiċjarju/benefiċjarja ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-liġi nazzjonali regoli u modalitajiet ulterjuri għall-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini bla periklu.

*Artikolu 37*

**Indikazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi kkunsidrati bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu**

1. L-Istati Membri jistgħu jżommu fis-seħħ jew jintroduċu leġislazzjoni li tippermetti, konformement mal-Anness I, l-indikazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għall-finijiet tal-eżami ta' applikazzjonijiet għall- protezzjoni internazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jirrivedu regolarment is-sitwazzjoni fil-pajjiżi terzi indikati bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu taħt dan l-Artikolu.

3. Il-valutazzjoni ta' pajjiż sabiex jiġi determinat jekk huwiex pajjiż ta' oriġini bla periklu konformement ma' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni, inkluż b'mod partikolari informazzjoni mill-Istati Membri, mill-EASO, mill-UNHCR, mill-Kunsill tal-Ewropa u minn organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti oħra.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-pajjiżi li jiġu indikati bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu konformement ma' dan l-Artikolu.

*Artikolu 38*

**Il-kunċett tal-pajjiż terz bla periklu**

1. L-Istati Membi jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu biss fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti li persuna li tkun qiegħda tfittex protezzjoni internazzjonali tiġi trattata skont il-prinċipji li ġejjin fil-pajjiż terz kkonċernat:

(a) il-ħajja u l-libertà ma jkunux mhedda minħabba r-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, is-sħubija f'xi grupp soċjali jew l-opinjoni politika;

(b) ma hemmx riskju ta' ħsara serja kif definit fid-Direttiva 2011/95/UE;

(c) jiġi rispettat il-prinċipju ta' *non-refoulement* skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra;

(d) tkun rispettata l-projbizzjoni tal-espulsjoni ta' persuna, bi ksur tad-dritt tal-libertà mit-tortura u minn trattament krudili, inuman jew degradanti kif stabbilit fid-dritt internazzjonali; kif ukoll

(e) tkun teżisti l-possibbiltà li ssir talba għall-istatus ta' rifuġjat u, jekk jinstab li l-persuna konċernata tkun rifuġjat, li din tirċievi protezzjoni skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

2. L-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu għandha tkun suġġetta għal regoli stabbiliti fil-liġi nazzjonali, inklużi:

(a) regoli li jirrikjedu konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat li abbażi tagħha jkun raġonevoli li dik il-persuna tmur f'dak il-pajjiż;

(b) regoli dwar il-metodoloġija li biha l-awtoritajiet kompetenti jissodisfaw ruħhom li l-kunċett tal-pajjiz terz bla periklu jista' jiġi applikat għal xi pajjiż partikolari jew għal xi applikant partikolari. Tali metodoloġija għandha tinkludi l-konsiderazzjoni, każ b'każ, tas-sigurtà tal-pajjiż għal applikant partikolari u/jew l-indikazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi kkunsidrati bħala ġeneralment bla periklu;

(c) regoli konformi mad-dritt internazzjonali, li jippermettu eżami individwali li jiddetermina jekk pajjiż terz konċernat huwiex bla periklu għal applikant partikolari u li, bħala minimu, għandu jippermetti lill-applikant jikkontesta l-applikazzjoni tal-kunċett tal-pajjiż terz bla periklu fuq il-bażi li l-pajjiż terz huwa ta' periklu fiċ-ċirkustanzi partikolari tiegħu. L-applikant għandu jkun permess li jikkontesta l-eżistenza ta' konnessjoni bejnu u l-pajjiż terz skont il-punt (a).

3. Meta jimplementaw deċiżjoni bbażata biss fuq dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom:

(a) jinformaw lill-applikant dwar dan; kif ukoll

(b) jipprovdulu/jipprovdulha dokument li jinforma lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz, fl-ilsien ta' dak il-pajjiż, li l-applikazzjoni ma kinetx eżaminata fis-sustanza tagħha.

4. Fejn il-pajjiż terz ma jippermettix l-applikant biex jidħol fit-territorju tiegħu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jingħata aċċess għal proċedura skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi deskritti fil-Kapitolu II.

5. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni perjodikament dwar il-pajjiżi li għalihom jiġi applikat dan il-kunċett konformement mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 39*

**Il-kunċett ta' pajjiż terz Ewropew bla periklu**

1. Kull Stat Membru jista' jipprovdi li ma jsirx eżami jew li ma jsirx eżami sħiħ tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u tas-sigurtà tal-applikant fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu kif deskritt fil-Kapitolu II f'każijiet fejn l-awtorità kompetenti tkun stabbilixxiet, abbażi tal-fatti, li l-applikant ikun qiegħed ifittex li jidħol jew daħal illegalment fit-territorju tiegħu minn pajjiż terz bla periklu skont il-paragrafu 2.

2. Pajjiż terz jista' jkun ikkunsidrat bħala pajjiż terz bla periklu biss għall-finijiet tal-paragrafu 1 fejn:

(a) ikun irratifika u josserva d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra mingħajr limitazzjonijiet ġeografiċi;

(b) daħħal fis-seħħ proċedura ta' asil preskritta mil-liġi; kif ukoll

(c) ikun irratifika l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u josserva d-dispożizzjonijiet tagħha, inklużi l-istandards relatati ma' rimedji effettivi

3. L-applikant għandu jitħalla jikkontesta l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz Ewropew bla periklu fuq il-bażi li l-pajjiż terz ikkonċernat mhuwiex sikur fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

4. L-Istati Membri konċernati għandhom jistabbilixxu fil-liġi nazzjonali l-modalitajiet għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 u l-konsegwenzi ta' deċiżjonijiet skont dawk id-dispożizzjonijiet konformement mal-prinċipju ta' *non-refoulement*, inklużi dispożizzjonijiet għal eċċezzjonijiet mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għal raġunijiet umanitarji jew politiċi jew għal raġunijiet tad-dritt internazzjonali pubbliku.

5. Meta jimplementaw deċiżjoni bbażata biss fuq dan l-Artikolu, l-Istati Membri kkonċernati għandhom:

(a) jinformaw lill-applikant dwar dan; kif ukoll

(b) jipprovdulu dokument li jinforma lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz, fl-ilsien ta' dak il-pajjiż, li l-applikazzjoni ma kinetx eżaminata fis-sustanza tagħha.

6. Fejn il-pajjiż terz bla periklu ma jippermettix ir-riammissjoni tal-applikant, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jingħata aċċess għal proċedura konformement mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi deskritti fil-Kapitolu II.

7. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni perjodikament dwar il-pajjiżi li għalihom jiġi applikat dan il-kunċett konformement ma' dan l-Artikolu.

*TAQSIMA IV*

*Artikolu 40*

**Applikazzjoni sussegwenti**

1. Fejn persuna li applikat għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri jew applikazzjoni sussegwenti fl-istess Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jeżamina dawn is-sottomissjonijiet ulterjuri jew l-elementi tal-applikazzjoni sussegwenti fil-kuntest tal-eżami tal-applikazzjoni preċedenti jew fil-kuntest tal-eżami tad-deċiżjoni li tkun qiegħda tiġi riveduta jew appellata safejn l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu kont ta' u jikkunsidraw l-elementi kollha li fuqhom ikunu bażati s-sottomissjonijiet ulterjuri jew l-applikazzjoni sussegwenti f'dan il-qafas.

2. Għall-finijiet tat-teħid ta' deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali taħt l-Artikolu 33(2)(d), applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali għandha tkun suġġetta l-ewwel għal eżami preliminari dwar jekk, ikunux instabu, jew ġew ippreżentati mill-l-applikant elementi jew sejbiet ġodda dwar l-eżami jekk dan jikkwalifikax bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE.

3. Jekk l-eżami preliminari msemmi fil-paragrafu 2, jikkonkludi li jitfaċċaw jew jiġu preżentati mill-applikant elementi jew konklużjonijiet ġodda li jżidu sostanzjalment il-probabbiltà li l-applikant jikkwalifika bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE, l-applikazzjoni għandha tiġi eżaminata ulterjorment skont il-Kapitolu II. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal raġunijiet oħrajn għal eżami ulterjuri ta' applikazzjoni sussegwenti.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-applikazzjoni tiġi eżaminata ulterjorament biss jekk l-applikant konċernat kien, mingħajr ħtija tiegħu, inkapaċi li jiddikjara s-sitwazzjonijiet previsti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu fil-proċedura preċedenti, partikolarment billi jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv taħt l-Artikolu 46.

5. Fejn applikazzjoni sussegwenti ma tiġix eżaminata ulterjorment taħt dan l-Artikolu, għandha titqies bħala inammissibbli, taħt l-Artikolu 33(2)(d).

6. Il-proċedura msemmija f'dan l-Artikolu tista' tkun applikabbli wkoll fil-każ ta':

(a) persuna dipendenti li tippreżenta applikazzjoni wara li hija, taħt l-Artikolu 7(2), tkun tat il-kunsens tagħha sabiex il-każ tagħha jkun parti minn applikazzjoni ppreżentata f'isimha, u/jew

(b) persuna minorenni mhux miżżewġa li tippreżenta applikazzjoni wara tkun ippreżentata applikazzjoni oħra f'isimha taħt l-Artikolu 7(5)(c).

F' dawk il-każi l-eżami preliminari msemmi fil-paragrafu 2 jikkonsisti fl-eżami jekk hemmx xi fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-persuna dipendenti jew tal-persuna minorenni mhux miżżewġa li jiġġustifikaw applikazzjoni separata.

7. Fejn persuna li fir-rigward tagħha trid tiġi infurzata deċiżjoni ta' trasferiment skont ir-Regolament (UE) 604/2013 tagħmel rappreżentazzjonijiet addizjonali jew applikazzjoni sussegwenti fl-Istat Membru li jitrasferixxi, dawk ir-rappreżentazzjonijiet jew applikazzjonijiet sussegwenti għandhom ikunu eżaminati mill-Istat Membru responsabbli, kif definit f'dak ir-Regolament, konformement ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 41*

**Eċċezzjonijiet mid-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju fil-każ ta' applikazzjonijiet sussegwenti**

1. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu eċċezzjoni mid-dritt li jibqa' fit-territorju fejn persuna:

(a) tkun ippreżentat l-ewwel applikazzjoni sussegwenti, li ma tiġix eżaminata iktar f'konformità mal-Artikolu 40(5), sempliċiment sabiex jiddewwem jew jixxekkel l-infurzar ta' deċiżjoni li twassal għat-tneħħija immedjata tiegħu/tagħha minn dak l-Istat Membru, jew

(b) tippreżenta applikazzjoni oħra, sussegwenti, fl-istess Stat Membru, wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali li kkunsidrat l-ewwel applikazzjonisussegwenti bħala inammissibbli taħt l-Artikolu 40(5) jew wara li li tkun ittieħdet deċiżjoni finali li rrifjutat dik l-applikazzjoni bħala bla bażi.

L-Istati Membri jistgħu jagħmlu eċċezzjoni bħal din, biss meta l-awtorità determinanti tqis li deċiżjoni ta' ritorn mhijiex se twassal għar-refoulement diretta jew indiretta fi ksur tal-obbligi ta' dak l-Istat Membru taħt il-liġi internazzjonali u l-liġi tal-Unjoni.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu wkoll:

(a) jidderogaw mil-limiti ta' żmien li jkunu applikabbli normalment fi proċeduri aċċelerati, skont il-liġi nazzjonali, meta l-proċedura ta' eżami tiġi aċċelerata konformement mal-Artikolu 31(8)(g);

(b) jidderogaw mil-limit ta' żmien li jkunu applikabbli normalment fuq il-proċeduri ta' ammissibbiltà kif inhuwa previst fl-Artikoli 33 u 34, skont il-liġi nazzjonali; u/jew

(c) jidderogaw mill-Artikolu 46(8).

*Artikolu 42*

**Regoli proċedurali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appikanti li l-applikazzjoni tagħhom tkun suġġetta għal eżami preliminari taħt l-Artikolu 40 igawdu l-garanziji previsti fl-Artikolu 12(1).

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli fil-liġi nazzjonali dwar l-eżami preliminari taħt l-Artikolu 40. Dawk ir-regoli jistgħu, inter alia:

(a) jobbligaw lill-applikant ikkonċernat sabiex jindika l-fatti u jissostanzja l-prova li jiġġustifikaw proċedura ġdida;

(b) jippermettu li jsir eżami preliminari fuq il-bażi unika ta' sottomissjonijiet miktuba mingħajr intervista personali, bl-eċċezzjoni tal-każijiet li ssir referenza għalihom fl-Artikoli 40(6).

Dawk ir-regoli ma għandhomx jagħmlu impossibbli l-aċċess, fir-rigward tal-applikanti, għal proċedura ġdida u ma għandhomx jirriżultaw fit-tneħħija effettiva jew f'limitazzjoni serja ta' dan l-aċċess.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikant jiġi infurmat b'mod adegwat bl-eżitu tal-eżami preliminari u, jekk l-applikazzjoni ma tkunx sejra tiġi eżaminata ulterjorment, bir-raġunijiet għalfejn u bil-possibbiltajiet ta' rikors għal appell jew għal reviżjoni tad-deċiżjoni.

*TAQSIMA V*

*Artikolu 43*

**Proċeduri fuq il-fruntiera**

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal proċeduri, konformement mal-prinċipji u mal-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II, ta' teħid ta' deċiżjonijiet, fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu tal-Istat Membru dwar:

(a) l-ammissibbiltà ta' applikazzjoni, taħt l-Artikolu 33, li ssir f'dawn il-postijiet; u/jew

(b) is-sustanza ta' applikazzjoni fi proċedura taħt l-Artikolu 31(8).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċeduri previsti fil-paragrafu 1 tittieħed fi żmien raġonevoli. Meta deċiżjoni ma tkunx ittieħdet fi żmien erba' ġimgħat, l-applikant għandu jitħalla jidħol fit-territorju tal-Istat Membru sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi proċessata konformement mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva.

3. Fil-każijiet ta' wasliet li jinvolvu numru kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni apolidi li jippreżentaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fuq il-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu, li jagħmluha impossibbli fil-prattika li jiġu applikati hemmhekk dawk id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, dawk il-proċeduri jistgħu jiġu wkoll applikati fejn u sa meta dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi jkunu normalment akkommodati f'postijiet qrib il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu.

KAPITOLU IV

## PROĊEDURI GĦALL-IRTIRAR TA' PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI

*Artikolu 44*

### Irtirar tal-protezzjoni internazzjonali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun jista' jinbeda eżami sabiex tiġi rtirata l-protezzjoni internazzjonali ta' persuna partikolari meta jitfaċċaw elementi jew konklużjonijiet ġodda li jindikaw li hemm raġunijiet għar-rikonsiderazzjoni tal-validità tal-protezzjoni internazzjonali tagħha.

*Artikolu 45*

### Regoli proċedurali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-awtorità kompetenti tkun qiegħda tikkunsidra li tirtira l-protezzjoni internazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida taħt l-Artikolu 14 jew l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2011/95/UE, il-persuna konċernata għandha tgawdi mill-garanziji li ġejjin:

(a) li tkun informata bil-miktub li l-awtorità kompetenti tkun qiegħda tikkunsidra mill-ġdid il-kwalifikazzjoni tagħha bħala benefiċjarja tal-protezzjoni internazzjonali u r-raġunijiet għal tali rikonsiderazzjoni; kif ukoll

(b) li tingħata l-opportunità sabiex tippreżenta, f'intervista personali taħt l-Artikolu 12(1)(b) u Artikoli 14 sa 17 jew f'dikjarazzjoni bil-miktub, raġunijiet għaliex ma għandhiex tiġi rtirata l-protezzjoni internazzjonali tagħha.

2. Addizzjonalment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1:

(a) l-awtorità kompetenti tkun tista' tikseb informazzjoni preċiża u aġġornata minn sorsi varji, bħal, skont il-każ, mill-EASO u mill-UNHCR, rigward is-sitwazzjoni ġenerali li tkun attwalment teżisti fil-pajjiżi tal-oriġini tal-persuni kkonċernati; u

(b) fejn tiġi miġbura informazzjoni dwar każ individwali għall-finijiet tar-rikonsiderazzjoni tal-protezzjoni internazzjonali, din ma tinkisibx mill-awtur jew awturi ta' persekuzzjoni jew ħsara serja b'mod li jirriżulta li tali awtur jew awturi jiġu informati direttament bil-fatt li l-persuna konċernata tkun benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali li jkollu l-istatus tiegħu qiegħed jiġi kkunsidrat mill-ġdid, jew li jipperikola l-integrità fiżika tal-persuna jew tad-dipendenti tagħha, jew il-libertà u sigurtà tal-membri tal-familja tagħha li jkunu għadhom jgħixu fil-pajjiż tal-oriġini.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirtira l-protezzjoni internazzjonali tingħata bil-miktub. Ir-raġunijiet ta' fatt u ta' dritt għandhom jiġu dikjarati fid-deċiżjoni u l-informazzjoni dwar kif tiġi kontestata d-deċiżjoni għandha tingħata bil-miktub.

4. Ladarba l-awtorità kompetenti tkun ħadet id-deċiżjoni sabiex tirtira l-protezzjoni internazzjonali, l-Artikolu 20, l-Artikolu 22, l-Artikolu 23(1) u l-Artikolu 29 għandhom ikunu ugwalment applikabbli.

5. B'deroga mill-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l- protezzjoni internazzjonali tintemm bil-liġi fejn il-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali irrinunzja b'mod inekwivoku r-rikonoxximent tiegħu bħala tali benefiċjarju. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll li l-protezzjoni internazzjonali tista' tintemm bil-liġi jekk il-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun sar ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

KAPITOLU V

## PROĊEDURI TAL-APPELLI

*Artikolu 46*

### Id-dritt għal rimedju effettiv

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal, kontra dawn li ġejjin:

(a) deċiżjoni meħuda dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, inkluża deċiżjoni:

(i) li tikkunsidra applikazzjoni bħala bla bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat u/jew status ta' protezzjoni sussidjarja,

(ii) li tikkunsidra applikazzjoni bħala inammissibbli taħt l-Artikolu 33(2),

(iii) meħuda fuq il-fruntiera jew fiż-żoni ta' tranżitu ta' Stat Membru kif deskritt fl-Artikolu 43(1);

(iv) li ma jsirx eżami f'konformità mal-Artikolu 39.

(b) rifjut li l-eżami ta' applikazzjoni jinfetaħ mill-ġdid wara li tkun twaqqfet skont l-Artikoli 27 u 28;

(c) deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali taħt l-Artikolu 45.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni rikonoxxuti mill-awtorità determinanti bħala eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja jkollhom id-dritt għall-soluzzjoni effettiva taħt il-paragrafu 1 kontra deċiżjoni li tiġi kkunsidrata applikazzjoni bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1(c), fejn l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja mogħtija minn Stat Membru joffri l-istess drittijiet u benefiċċji bħal dawk offruti mill-istatus ta' rifuġjat taħt il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, dak l-Istat Membru jista' jqis appell kontra deċiżjoni li tikkunsidra applikazzjoni bla bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat bħala inammissibbli għar-raġuni li m'hemmx biżżejjed interess min-naħa tal-applikant biex jibqgħu għaddejjin il-proċedimenti.

3. Sabiex ikunu konformi mal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li rimedju effettiv jipprovdi għal eżami sħiħ u *ex nunc* ta' kemm il-fatti kif ukoll il-punti tal-liġi, inkluż fejn applikabbli eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE, ta' mill-inqas fi proċeduri ta' appell quddiem qorti jew tribunal ta' prima istanza.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu limiti ta' żmien raġonevoli u regoli meħtieġa oħra għall-applikant sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv skont il-paragrafu 1. Il-limiti ta' żmien ma għandhomx jagħmlu tali eżerċizzju impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jipprovdu reviżjoni *ex officio* tad-deċiżjonijiet meħuda taħt l-Artikolu 43.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-applikanti li jibqgħu fit-territorju tagħhom sakemm jiskadi ż-żmien li fih ikollhom id-dritt għal rimedju effettiv jew, meta tali dritt ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sa meta joħroġ ir-riżultat tar-rimedju.

6. Fil-każ li tittieħed deċiżjoni

(a) li tikkunsidra applikazzjoni bħala manifestament bla bażi taħt l-Artikolu 32(2) jew bla bażi wara eżami f'konformità mal- Artikolu 31(8), ħlief każijiet fejn dawn id-deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq iċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 31(8)(h);

(b) li tikkunsidra applikazzjoni bħala inammissibbli taħt l-Artikolu 33(2)(a), (b) jew (d);

(c) li tirrifjuta l-ftuħ mill-ġdid tal-każ tal-applikant wara li ma tkompliex taħt l-Artikolu 28; jew

(d) li ma tiġix eżaminata jew ma tiġix eżaminata kompletament l-applikazzjoni taħt l-Artikolu 39,

qorti jew tribunal għandu jkollu s-setgħa li jiddeċiedi jekk l-applikant jistax jibqa' jew le fit-territorju tal-Istat Membru, jew fuq talba tal-applikant jew billi jiddeċiedi *ex officio*, jekk tali deċiżjoni tirriżulta fit-terminazzjoni tad-dritt tal-applikant li jibqa' fl-Istat Membru u fejn, f'każijiet bħal dawn, id-dritt ta' rimanenza fl-Istat Membru sa meta joħroġ ir-riżultat tar-rimedju ma tkunx prevista fil-liġi nazzjonali.

7. Il-paragrafu 6 għandu japplika biss għal proċeduri msemmija fl-Artikolu 43 dejjem jekk:

(a) l-applikant għandu l-interpretazzjoni neċessarja, għajnuna legali u tal-inqas ġimgħa biex iħejji t-talba u jippreżenta lill-qorti jew tribunal l-argumenti favur li jingħatalu/jingħatalha d-dritt li jibqa'/tibqa' fit-territorju sa meta joħroġ l-eżitu tar-rimedju; u

(b) fil-qafas tal-eżami tat-talba msemmi fil-Paragrafu 6, il-qorti jew it-tribunal jeżamina d-deċiżjoni negattiva tal-awtorità determinanti f'termini ta' fatti u l-liġi..

Jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) ma jkunux sodisfatti, għandu japplika l-paragrafu 5

8. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-applikant jibqa' fit-territorju sa meta joħroġ ir-riżultat tal-proċedura kemm jekk l-applikant jista' jibqa' fit-territorju u kemm jekk le, kif stipulat fil-paragrafi 6 u 7.

9. Il-paragrafi 5, 6 u 7 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

10. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti ta' żmien għall-qorti jew tribunal skont il-paragrafu 1 sabiex tiġi eżaminata d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti.

11. L-Istati Membri jistgħu wkoll jistabbilixxu fil-liġi nazzjonali l-kundizzjonijiet li taħthom jista' jiġi assunt li l-applikant impliċitament irrinunzja jew abbanduna r-rimedju tiegħu skont il-paragrafu 1, flimkien mar-regoli dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 47*

**Kontestazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi**

Din id-Direttiva ma tolqotx il-possibbiltà, għall-awtoritajiet pubbliċi, li jikkontestaw id-deċiżjonijiet amministrattivi u/jew ġudizzjarji kif previst fil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 48*

**Kunfidenzjalità**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet li jimplementaw din id-Direttiva jkunu marbuta bil-prinċipju tal-kunfidenzjalità, kif definit fil-liġi nazzjonali, fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni li jottjenu fil-kors tax-xogħol tagħhom.

*Artikolu 49*

**Kooperazzjoni**

L-Istati Membri għandhom, kull wieħed minnhom, jaħtru punt ta' kuntatt nazzjonali u jikkomunikaw l-indirizz tiegħu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra kollha.

L-Istati Membri għandhom, f'kuntatt mal-Kummissjoni, jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex tiġi stabbilita kooperazzjoni diretta u bdil ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Meta jirrikorru għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 6(5), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(1) u fl-Artikolu 31(3)(b), l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni hekk kif ma jkunux għadhom jeżistu r-raġunijiet biex jiġu applikati dawk il-miżuri eċċezzjonali u tal-inqas fuq bażi annwali. Dik l-informazzjoni għandha, fejn possibbli, tinkludi data dwar il-perċentwal tal-applikazzjonijiet li għalihom ġew applikati derogi għan-numru totali ta' applikazzjonijiet ipproċessati matul dak il-perijodu.

*Artikolu 50*

**Rapport**

Mhux aktar tard mill-20 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri u għandha tipproponi kull emenda li tkun meħtieġa. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tfassal ir-rapport tagħha. Wara li tippreżenta r-rapport, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri mill-anqas kull ħames snin.

Bħala parti mill-ewwel rapport, il-Kummissjoni għandha wkoll b'mod partikolari tagħti rapport dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 17 u d-diversi għodod użati f'relazzjoni mar-rappurtar tal-intervista personali.

*Artikolu 51*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 1 sa 30, mal-Artikolu 31(1), (2) u (6) sa (9), mal-Artikoli 32 sa 46, mal-Artikoli 49 u 50 u mal-Anness I l-iktar tard mill-20 ta' Lulju 2015. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

2. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi mal-Artikolu 31(3), (4) u (5) sal-20 ta' Lulju 2018. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, dawn id-dispożizzjonijiet għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew issir referenza għal din id-Direttiva meta jkunu ppubblikati uffiċjalment. Huma għandhom ukoll jinkludu stqarrija li r-referenzi fil-liġijiet eżistenti, ir-regolamenti eżistenti, u dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-direttiva mħassra b'din id-Direttiva għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza u kif għandha tiġi formulata dik id-dikjarazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 52*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

L-Istati Membi għandhom japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija fl- Artikolu 51(1) fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentati u fir-rigward ta' proċeduri għall-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali li jkunu mibdija wara l-20 ta' Lulju 2015 jew f'data aktar kmieni. L-applikazzjonijiet ippreżentati qabel l-20 ta' Lulju 2015 u l-proċeduri għall-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat mibdija qabel dik id-data għandhom ikunu rregolati mil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi taħt id-Direttiva 2005/85/KE.

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija fl-Artikolu 51(2) tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentati wara l-20 ta' Lulju 2018 jew f'data aktar kmieni. L-applikazzjonijiet ippreżentati qabel dik id-data għandhom ikunu regolati mil-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi konformement mad-Direttiva 2005/85/KE.

*Artikolu 53*

**Tħassir**

Id-Direttiva 2005/85/KE tiġi mħassra għal dawk l-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva bis-seħħ mill-21 ta' Lulju 2015, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward għal-limiti ta' żmien imposti għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness II, Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 54*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 47 and 48 għandhom japplikaw mill-21 ta' Lulju 2015.

*Artikolu 55*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. SHATTER

*ANNESS I*

**Indikazzjoni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għall-finijiet tal-Artikolu 37(1)**

Pajjiż ikun kunsidrat bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu fejn, abbażi tas-sitwazzjoni legali, l-applikazzjoni tal-liġi fi ħdan sistema demokratika u ċ-ċirkostanzi politiċi ġenerali, ikun jista' jiġi muri li ġeneralment u konsistentement ma hemmx persekuzzjoni kif definita fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/95/UE, ebda tortura jew trattament jew punizzjoni inumani jew degradanti, u ebda theddida minn vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.

Meta ssir din il-valutazzjoni, għandu jittieħed kont inter alia tal-entità tal-protezzjoni pprovduta kontra l-persekuzzjoni jew it-trattament ħażin permezz ta' dawn li ġejjin:

(a) il-liġijiet u r-regolamenti relevanti tal-pajjiż u l-mod li bih huma applikati;

(b) l-osservanza tad-drittijiet u l-libertajiet stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u/jew il-Ftehim Internazzjonali għad-Drittijiet Ċivili u Politiċi u/jew il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura, b'mod partikolari d-drittijiet li minnhom ma tistax issir deroga taħt l-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni Ewropea msemmija;

(c) ir-rispett għall-prinċipju ta' *non-refoulement* b'konformita' mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra;

(d) id-dispożizzjonijiet li jipprovdu għal sistema ta' rimedji effettivi kontra l-ksur ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet.

*ANNESS II*

PARTI A

**Direttiva Mħassra**

(imsemmija fl-Artikolu 53)

Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE (ĠU L 326, 13.12.2005, p. 13)

PARTI B

**Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali**

(imsemmija fl-Artikolu 51)

| Id-Direttiva | Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 2005/85/KE | L-ewwel skadenza l-1 ta' Diċembru 2007<br>It-tieni skadenza: l-1 ta' Diċembru 2008 |

*ANNESS III*

**Tabella ta' Korrelazzjoni**

| Direttiva 2005/85/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| *Artikolu 1* | *Artikolu 1* |
| Artikolu 2 (a) sa (c) | Artikolu 2 (a) sa (c) |
| — | Artikolu 2 (d) |
| Artikolu 2 (d) sa (f) | Artikolu 2 (e) sa (g) |
| — | Artikolu 2 (h) u (i) |
| Artikolu 2 (g) | Artikolu 2 (j) |
| — | Artikolu 2 (k) u (l) |
| Artikolu 2 (h) sa (k) | Artikolu 2 (m) sa (p) |
| — | Artikolu 2 (q) |
| Artikolu 3 (1) u (2) | Artikolu 3 (1) u (2) |
| Artikolu 3 (3) | — |
| Artikolu 3 (4) | Artikolu 3 (3) |
| Artikolu 4 (1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 4 (1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 4 (1), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 4 (2) (a) | Artikolu 4 (2) (a) |
| Artikolu 4 (2) (b) sa (d) | — |
| Artikolu 4 (2) (e) | Artikolu 4 (2) (b) |
| Artikolu 4 (2) (f) | — |
| — | Artikolu 4 (3) |
| Artikolu 4 (3) | Artikolu 4 (4) |
| — | Artikolu 4 (5) |
| *Artikolu 5* | *Artikolu 5* |
| Artikolu 6 (1) | Artikolu 6 (1) |
| — | Artikolu 6 (2) sa (4) |
| Artikolu 6 (2) u (3) | Artikolu 7 (1) u (2) |
| — | Artikolu 7 (3) |
| — | Artikolu 7 (4) |
| Artikolu 6 (4) | Artikolu 7 (5) |
| Artikolu 6 (5) | — |
| — | *Artikolu 8* |
| Artikolu 7 (1) u (2) | Artikolu 9 (1) u (2) |

| Direttiva 2005/85/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| — | Artikolu 9 (3) |
| Artikolu 8 (1) | Artikolu 10 (1) |
| — | Artikolu 10 (2) |
| Artikolu 8 (2) (a) sa (c) | Artikolu 10 (3) (a) sa (c) |
| — | Artikolu 10 (3) (d) |
| Artikolu 8 (3) u (4) | Artikolu 10 (4) u (5) |
| Artikolu 9 (1) | Artikolu 11 (1) |
| Artikolu 9 (2), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 11 (2), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 9 (2), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 9(2), it-tielet paragrafu | Artikolu 11 (2), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 9 (3) | Artikolu 11 (3) |
| Artikolu 10 (1) (a) sa (c) | Artikolu 12 (1) (a) sa (c) |
| — | Artikolu 12 (1) (d) |
| Artikolu 10 (1) (d) u (e) | Artikolu 12 (1) (e) u (f) |
| Artikolu 10 (2) | Artikolu 12 (2) |
| *Artikolu 11* | *Artikolu 13* |
| Artikolu 12 (1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 14 (1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 12 (2), it-tieni subparagrafu | — |
| — | Artikolu 14 (1) it-tieni u t-tielet subparagrafi |
| Artikolu 12 (2), it-tielet subparagrafu | Artikolu 14 (1) ir-raba’ subparagrafu |
| Artikolu 12 (2) (a) | Artikolu 14 (2) (a) |
| Artikolu 12 (2) (b) | — |
| Artikolu 12 (2) (c) | — |
| Artikolu 12 (3), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 14 (2) (b) |
| Artikolu 12 (3), it-tieni subparagrafu | Artikolu 14 (2), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 12 (4) sa (6) | Artikolu 14 (3) sa (5) |
| Artikolu 13 (1) u (2) | Artikolu 15 (1) u (2) |
| Artikolu 13 (3) (a) | Artikolu 15 (3) (a) |
| — | Artikolu 15 (3) (b) |
| Artikolu 13 (3) (b) | Artikolu 15 (3) (c) |
| — | Artikolu 15 (3) (d) |
| — | Artikolu 15 (3) (e) |
| Artikolu 13 (4) | Artikolu 15 (4) |

| Direttiva 2005/85/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 13 (5) | — |
| — | *Artikolu 16* |
| *Artikolu 14* | — |
| — | *Artikolu 17* |
| — | *Artikolu 18* |
| — | *Artikolu 19* |
| Artikolu 15 (1) | Artikolu 22 (1) |
| Artikolu 15 (2) | Artikolu 20 (1) |
| — | Artikolu 20 (2) sa (4) |
| — | Artikolu 21 (1) |
| Artikolu 15 (3) (a) | — |
| Artikolu 15 (3) (b) u (c) | Artikolu 21 (2) (a) u (b) |
| Artikolu 15 (3) (d) | — |
| Artikolu 15 (3), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 15 (4) sa (6) | Artikolu 21 (3) sa (5) |
| — | Artikolu 22 (2) |
| Artikolu 16 (1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 23 (1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 16 (1), it-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza | Artikolu 23 (1), it-tieni subparagrafu, il-kliem introduttorju |
| — | Artikolu 23 (1) (a) |
| Artikolu 16 (1), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza | Artikolu 23 (1) (b) |
| Artikolu 16 (2), l-ewwel sentenza | Artikolu 23 (2) |
| Artikolu 16 (2), it-tieni sentenza | — |
| — | Artikolu 23 (3) |
| Artikolu 16 (3) | Artikolu 23 (4), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 16 (4), l-ewwel subparagrafu | — |
| Artikolu 16 (4), it-tieni u t-tielet subparagrafi | Artikolu 23 (4), it-tieni u t-tielet subparagrafi |
| — | *Artikolu 24* |
| Artikolu 17 (1) | Artikolu 25 (1) |
| Artikolu 17 (2) (a) | Artikolu 25 (2) |
| Artikolu 17 (2) (b) u (c) | — |
| Artikolu 17 (3) | — |
| Artikolu 17 (4) | Artikolu 25 (3) |
| — | Artikolu 25 (4) |
| Artikolu 17 (5) | Artikolu 25 (5) |

| Direttiva 2005/85/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| — | Artikolu 25 (6) |
| Artikolu 17 (6) | Artikolu 25 (7) |
| *Artikolu 18* | *Artikolu 26* |
| *Artikolu 19* | *Artikolu 27* |
| Artikolu 20 (1) u (2) | Artikolu 28 (1) u (2) |
| — | Artikolu 28 (3) |
| *Artikolu 21* | *Artikolu 29* |
| *Artikolu 22* | *Artikolu 30* |
| Artikolu 23 (1) | Artikolu 31 (1) |
| Artikolu 23 (2), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 31 (2) |
| — | Artikolu 31 (3) |
| — | Artikolu 31 (4) u (5) |
| Artikolu 23 (2), it-tieni subparagrafu | Artikolu 31 (6) |
| Artikolu 23 (3) | — |
| — | Artikolu 31 (7) |
| Artikolu 23 (4) (a) | Artikolu 31 (8) (a) |
| Artikolu 23 (4) (b) | — |
| Artikolu 23 (4) (c) (i) | Artikolu 31 (8) (b) |
| Artikolu 23 (4) (c) (ii) | — |
| Artikolu 23 (4) (d) | Artikolu 31 (8) (c) |
| Artikolu 23 (4) (e) | — |
| Artikolu 23 (4) (f) | Artikolu 31 (8) (d) |
| Artikolu 23 (4) (g) | Artikolu 31 (8) (e) |
| Artikolu 23 (4) (h) u (i) | — |
| Artikolu 23 (4) (j) | Artikolu 31 (8) (f) |
| — | Artikolu 31 (8) (h) u (i) |
| Artikolu 23 (4) (k) u (l) | — |
| Artikolu 23 (4) (m) | Artikolu 31 (8) (g) |
| Artikolu 23 (4) (n) u (o) | — |
| — | Artikolu 31 (9) |
| *Artikolu 24* | — |
| *Artikolu 25* | *Artikolu 33* |
| Artikolu 25 (1) | Artikolu 33 (1) |

| Direttiva 2005/85/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 25 (2) (a) sa (c) | Artikolu 33 (2) (a) sa (c) |
| Artikolu 25 (2) (d) u (e) | — |
| Artikolu 25 (2) (f) u (g) | Artikolu 33 (2) (d) u (e) |
| — | *Artikolu 34* |
| *Artikolu 26* | *Artikolu 35* |
| Artikolu 27 (1) (a) | Artikolu 38 (1) (a) |
| — | Artikolu 38 (1) (b) |
| Artikolu 27 (1) (b) sa (d) | Artikolu 38 (1) (c) sa (e) |
| Artikolu 27 (2) sa (5) | Artikolu 38 (2) sa (5) |
| *Artikolu 28* | *Artikolu 32* |
| *Artikolu 29* | — |
| Artikolu 30 (1) | Artikolu 37 (1) |
| Artikolu 30 (2) sa (4) | — |
| — | Artikolu 37 (2) |
| Artikolu 30 (5) u (6) | Artikolu 37 (3) u (4) |
| Artikolu 31 (1) | Artikolu 36 (1) |
| Artikolu 31 (2) | — |
| Artikolu 31 (3) | Artikolu 36 (2) |
| Artikolu 32 (1) | Artikolu 40 (1) |
| Artikolu 32 (2) | — |
| Artikolu 32 (3) | Artikolu 40 (2) |
| Artikolu 32 (4) | Artikolu 40 (3), l-ewwel sentenza |
| Artikolu 32 (5) | Artikolu 40 (3), it-tieni sentenza |
| Artikolu 32 (6) | Artikolu 40 (4) |
| — | Artikolu 40 (5) |
| Artikolu 32 (7), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 40 (6) (a) |
| — | Artikolu 40 (6) (b) |
| Artikolu 32 (7), it-tieni subparagrafu | Artikolu 40 (6), it-tieni subparagrafu |
| — | Artikolu 40 (7) |
| — | *Artikolu 41* |
| *Artikolu 33* | — |
| Artikolu 34 (1) u (2) (a) | Artikolu 42 (1) u (2) (a) |
| Artikolu 34 (2) (b) | — |
| Artikolu 34 (2) (c) | Artikolu 42 (2) (b) |

| Direttiva 2005/85/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 34 (3) (a) | Artikolu 42 (3) |
| Artikolu 34 (3) (b) | — |
| Artikolu 35 (1) | Artikolu 43 (1) (a) |
| — | Artikolu 43 (1) (b) |
| Artikolu 35 (2) u (3) (a) sa (f) | — |
| Artikolu 35 (4) | Artikolu 43 (2) |
| Artikolu 35 (5) | Artikolu 43 (3) |
| Artikolu 36 (1) sa (2) (c) | Artikolu 39 (1) sa (2) (c) |
| Artikolu 36 (2) (d) | — |
| Artikolu 36 (3) | — |
| — | Artikolu 39 (3) |
| Artikolu 36 (4) sa (6) | Artikolu 39 (4) sa (6) |
| — | Artikolu 39 (7) |
| Artikolu 36 (7) | — |
| *Artikolu 37* | *Artikolu 44* |
| *Artikolu 38* | *Artikolu 45* |
| — | Artikolu 46 (1) (a) (i) |
| Artikolu 39 (1) (a) (i) u (ii) | Artikolu 46 (1) (a) (ii) u (iii) |
| Artikolu 39 (1) (a) (iii) | — |
| Artikolu 39 (1) (b) | Artikolu 46 (1) (b) |
| Artikolu 39 (1) (c) u (d) | — |
| Artikolu 39 (1) (e) | Artikolu 46 (1) (c) |
| — | Artikolu 46 (2) u (3) |
| Artikolu 39 (2) | Artikolu 46 (4), l-ewwel subparagrafu |
| — | Artikolu 46 (4), it-tieni u t-tielet subparagrafi |
| Artikolu 39 (3) | — |
| — | Artikolu 46 (5) sa (9) |
| Artikolu 39 (4) | Artikolu 46 (10) |
| Artikolu 39 (5) | — |
| Artikolu 39 (6) | Artikolu 41 (11) |
| *Artikolu 40* | *Artikolu 47* |
| *Artikolu 41* | *Artikolu 48* |
| — | *Artikolu 49* |
| *Artikolu 42* | *Artikolu 50* |

| Direttiva 2005/85/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 43, l-ewwel subparagrafu | Artikolu 51 (1) |
| — | Artikolu 51 (2) |
| Artikolu 43, it-tieni u t-tielet subparagrafi | Artikolu 51 (3) u (4) |
| *Artikolu 44* | Artikolu 52, l-ewwel subparagrafu |
| — | Artikolu 52, it-tieni subparagrafu |
| — | *Artikolu 53* |
| *Artikolu 45* | *Artikolu 54* |
| *Artikolu 46* | *Artikolu 55* |
| Anness I | — |
| Anness II | Anness I |
| Anness III | — |
| — | Anness II |
| — | Anness III |

# DIRETTIVA 2013/33/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-26 ta' Ġunju 2013

## li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (tfassil mill-ġdid)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(f) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Huma u jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Għandhom isiru numru ta' bidliet sostantivi lid-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi l-istandards minimi dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil ([4]). Fl-interess taċ-ċarezza dik id-Direttiva għandha titfassal mill-ġdid.

(2) Politika komuni dwar l-asil, inkluża Sistema Komuni Ewropea tal-Asil, hija parti kostitwenti tal-għan tal-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi progressivament żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħa għal dawk li, imġiegħla minn ċirkostanzi, ifittxu b'mod leġittimu protezzjoni fl-Unjoni. Tali politika għandha tkun regolata mill-prinċipju tas-solidarjetà u l-qsim ġust tar-responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha, bejn l-Istati Membri.

(3) F'laqgħa speċjali f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill Ewropew qabel li jaħdem biex jistabbilixi Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 "il-Konvenzjoni ta' Ġinevra"), u b'hekk tafferma l-prinċipju ta' *non-refoulement*. L-ewwel fażi ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil twettqet permezz tal-adozzjoni tal-istrumenti legali relevanti, inkluża d-Direttiva 2003/9/KE, previsti fit-Trattati.

(4) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Novembru 2004, adotta l-Programm tal-Aja, li stabbilixxa l-għanijiet li għandhom jiġu implimentati fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-perjodu 2005-2010. F'dan ir-rigward, il-Programm tal-Aja stieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkonkludi l-evalwazzjoni tal-istrumenti tal-ewwel fażi u tissottometti l-istrumenti u l-miżuri tat-tieni fażi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u.

(5) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tal-10-11 ta' Diċembru 2009, adotta l-Programm ta' Stokkolma, li tenna l-impenn għall-għan li jistabbilixxi sal-2012 żona komuni ta' protezzjoni u solidarjetà bbażata fuq proċedura komuni tal-asil u status uniformi għal dawk li jingħataw protezzjoni internazzjonali bbażata fuq standards għolja ta' protezzjoni u proċeduri ġusti u effettivi. Il-Programm ta' Stokkolma ulterjorment jipprovdi li huwa kruċjali li l-individwi, irrispettivament mill-Istat Membru fejn issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, jingħataw livell indaqs ta' trattament f'dawk li huma kondizzjonijiet tal-akkoljenza.

(6) Ir-riżorsi tal-Fond Ewropew tar-Refuġjati u tal-Uffiċċju Ewropew tal-Appoġġ dwar l-Asil għandhom ikunu mobilizzati sabiex jipprovdu appoġġ adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-istandards stipulati fit-tieni fażi tas-Sistema Komuni Ewropea għall-Asil, b'mod partikolari għal dawk l-Istati Membri li jaffaċċjaw pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati fuq is-sistemi tal-asil tagħhom, b'mod partikolari minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew demografika tagħhom.

(7) Fid-dawl tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet imwettqa, dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-ewwel fażi, huwa xieraq, f'dan l-istadju, li jkunu kkonfermati l-prinċipji sottostanti tad-Direttiva 2003/9/KE bil-ħsieb li jiġi żgurat titjib fl-akkoljenza għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali ("applikanti").

---

([1]) ĠU C 317, 23.12.2009, p. 110 u ĠU C 24, 28.1.2012, p. 80.

([2]) ĠU C 79, 27.3.2012, p. 58.

([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2009 (ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 348) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-6 ta' Ġunju 2013 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2013 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) ĠU L 31, 6.2.2003, p. 18.

(8) Sabiex ikun żgurat it-trattament ugwali tal-applikanti madwar l-Unjoni, din id-Direttiva għandha tapplika matul l-istadji u t-tipi kollha ta' proċeduri li jirrigwardaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fil-postijiet u fil-faċilitajiet kollha li jilqgħu lill-applikanti u sakemmjitħallew jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri bħala applikanti.

(9) Fl-applikazzjoani ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom ifittxu li jiżguraw konformità sħiħa mal-prinċipji tal-aħjar interessi tat-tfal u tal-għaqda tal-familja, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali rispettivament.

(10) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva, Stati Membri huma marbuta b'obbligi skont l-istrumenti tal-liġi internazzjonali li għalihom huma parti.

(11) Għandhom ikunu stipulati standards għall-akkoljenza tal-applikanti li għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw standard ta' ħajja dinjituż u kondizzjonijiet ta' ħajja komparabbli fl-Istati Membri kollha.

(12) L-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-akkoljenza tal-applikanti għandha tgħin biex tillimita ċ-ċaqliq sekondarju ta' applikanti influwenzati mill-varjetà ta' kondizzjonijiet għall-akkoljenza tagħhom.

(13) Bil-għan li jiġi żgurat trattament ugwali fost l-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali kif ukoll sabiex tkun garantita konsistenza mal-acquis attwali tal-UE dwar l-asil, b'mod partikolari mad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija ([1]), huwa xieraq li l-ambitu ta' din id-Direttiva jiġi estiż biex jinkludi applikanti għal protezzjoni sussidjarja.

(14) L-akkoljenza ta' persuni bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali għandha tkun ta' interess primarju għall-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiżguraw li tali akkoljenza tkun imfassla b'mod speċifiku biex tissodisfa l-ħtiġijiet speċjali tagħhom ta' akkoljenza.

(15) Id-detenzjoni tal-applikanti għandha tkun applikata skont il-prinċipju sottostanti li persuna m'għandiex tinżamm f'detenzjoni għall-unika raġuni li huwa jew hija qed tfittex protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari skont l-obbligi legali internazzjonali tal-Istati Membri, u skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. L-applikanti jistgħu jiġu detenuti biss taħt ċirkostanzi eċċezzjonali definiti b'mod ċar stipulati fid-Direttiva u soġġetti għall-prinċipju ta' neċessità u proporzjonalità fir-rigward kemm tal-manjiera kif ukoll tal-iskop ta' tali detenzjoni. Meta applikant jinżamm detenut huwa jew hija għandhom ikollhom aċċess effettiv għall-garanziji proċedurali neċessarji bħar-rimedju ġudizzjarju quddiem awtorità ġudizzjarja nazzjonali.

(16) Fir-rigward ta' proċeduri amministrattivi relatati mar-raġunijiet għad-detenzjoni, il-kunċett ta' "diliġenza meħtieġa" tal-anqas jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu passi konkreti u siewja biex jiżguraw li ż-żmien sabiex jiġu vverifikati r-raġunijiet għad-detenzjoni jkun l-iqsar possibbli, u li jkun hemm prospettiva reali li tali verifika tkun tista' ssir b'suċċess fl-iqsar żmien possibbli. Id-detenzjoni m'għandhiex taqbeż iż-żmien raġonevolment meħtieġ biex jitlestew il-proċeduri rilevanti.

(17) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti f'din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għar- raġunijiet l-oħra ta' detenzjoni, inklużi r-raġunijiet ta' detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li jkunu applikabbli taħt il-liġi nazzjonali, mhux relatati mal-applikazzjoni għal protezzjoni nazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terzi jew persuna apolida.

(18) Applikanti li huma f'detenzjoni għandhom ikunu ttrattati b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u l-akkoljenza tagħhom għandha tkun imfassla b'mod speċifiku biex tissodisfa l-bżonnijiet tagħhom f'dik is-sitwazzjoni. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal ikun applikat.

(19) Jista' jkun hemm każijiet fejn ma jkunx possibbli li fil-prattika jkunu żgurati ċerti garanziji ta' akkoljenza fid-detenzjoni, pereżempju minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew l-istruttura speċifika tal-faċilità tad-detenzjoni. Madanakollu, kwalunkwe deroga minn dawk il-garanziji għandha tkun temporanja u għandha tkun applikata biss fiċ-ċirkostanzi stipulati f'din id-Direttiva. Id-derogi għandhom ikunu applikati biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għandhom jiġu debitament iġġustifikati, u jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi ta' kull każ, inkluż il-livell ta' severità tad-deroga applikata, il-perjodu u l-impatt tagħha fuq l-applikant kkonċernat.

([1]) ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9.

(20) Sabiex tiġi żgurata aħjar l-integrità fiżika u psikoloġika tal-applikanti, id-detenzjoni għandha tkun miżura tal-aħħar rikors u għandha tiġi applikata biss wara li jkunu ġew eżaminati kif adatt il-miżuri alternattivi kollha mhux ta' kustodja għad-detenzjoni. Kwalunkwe miżura alternattiva għad-detenzjoni għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-applikanti.

(21) Biex tkun żgurata osservanza tal-garanziji proċedurali li jikkonsistu fl-opportunità li jkunu kkuntattjati organizzazjonijiet jew gruppi ta' persuni li jipprovdu assistenza legali, għandha tingħata informazzjoni dwar tali organizzazzjonijiet u gruppi ta' persuni.

(22) Meta jiddeċidu dwar l-arranġamenti ta' akkomodazzjoni, l-Istati Membri għandhom iqisu l-aħjar interessi tat-tfal, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tal-applikant fil-każ ta' kwalunkwe applikant li jkun dipendenti fuq membri tal-familja jew qraba stretti oħra bħal aħwa minorenni mhux miżżewġa li jkunu diġà fl-Istat Membru.

(23) Sabiex tkun promossal-awtosuffiċjenza tal-applikanti u biex ikunu limitati d-diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri, huwa essenzjali li jingħataw regoli ċari dwar l-aċċess tal-applikanti għas-suq tax-xogħol.

(24) Sabiex ikun żgurat li s-sostenn materjali li jingħata lill-applikanti huwa f' konformita' mal-prinċipji stipulati f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jiddeterminaw il-livell ta' tali appoġġ fuq il-bażi ta' referenzi relevanti. Dak ma jfissirx li l-ammont mogħti għandu jkun l-istess bħal dak taċ-ċittadini. L-Istati Membri jistgħu jagħtu trattament anqas favorevoli lill-applikanti minn dak li jagħtu liċ-ċittadini kif speċifikat f'din id-Direttiva.

(25) Il-possibilità ta' abbuż tas-sistemi ta' akkoljenza għandha tkun ristretta billi jkunu speċifikati ċ-ċirkustanzi fejn kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għall-applikanti jistgħu jkunu ridotti jew tali akkoljenza rtirata filwaqt li fl-istess ħin għandu jkun żgurat standard ta' ħajja dinjituż għall-applikanti kollha.

(26) Għandhom ikunu żgurati l-effiċjenzi ta' sistemi nazzjonali ta' akkoljenza u l-kooperazzjoni fost Stati Membri fil-qasam tal-akkoljenza tal-applikanti.

(27) Għandha tkun imħajra koordinazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-akkoljenza tal-applikanti, u għalhekk għandhom ikunu promossi relazzjonijiet armonjużi bejn komunitajiet lokali u ċentri ta' akkomodazzjoni.

(28) L-Istati Membri għandhom ikollhom il-poter li jintroduċu jew iżommu provvedimenti iktar favorevoli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li jitolbu għal protezzjoni internazzjonali mingħand Stat Membru.

(29) F'dan l-ispirtu, l-Istati Membri huma wkoll mistiedna japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva b'konnessjoni ma' proċeduri biex ikunu deċiżi applikazzjonijiet għal forom ta' protezzjoni barra dik prevista fid- Direttiva 2011/95/UE.

(30) L-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiġi vvalutata f'intervalli regolari.

(31) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tistabbilixxi standards dwar l-akkoljenza tal-applikanti fl-Istati Membri, ma jistgħax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjaretà kif iddikjarati fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif iddikjarat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(32) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011 ([1]), l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikabbli, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti għandha tkun ġustifikata.

(33) Skont l-Artikoli 1, 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda rigward iż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness għat-TUE, u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u mingħajr ħsara għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(34) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-TUE u għat-TFUE, id-Danimarka mhix qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u għalhekk la hija marbuta biha lanqas suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

([1]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(35) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett shiħ għad-dinjità tal-bniedem u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 1 4, 6, 7, 18, 21, 24 u 47 tal-Karta u trid tiġi implimentata b'dan il-mod

(36) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva 2003/9/KE. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux jiġu trasposti ġej minn dik id-Direttiva.

(37) Din id-Direttiva għandha tkun bla preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva 2003/9/KE stabbiliti fl-Anness II, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**GĦAN, DEFINIZZJONIJIET U AMBITU**

*Artikolu 1*

**Għan**

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tippreskrivi standards għall-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ("applikanti") fl-Istati Membri.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tfisser applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kif definita fl-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 2011/95/UE;

(b) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha tkun għadha ma ttieħditx deċizjoni finali;

(c) "membri tal-familja", tfisser, sakemm il-familja kienet diġà teżisti fil-pajjiż ta' oriġini, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fl-istess Stat Membru inrelazzjoni mal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali:

— ir-raġel/il-mara tal-applikant jew is-sieħeb/sieħba mhux miżżewweġ/miżżewġa iżda f'relazzjoni stabbli, fejn il-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat titratta koppji mhux miżżewġin b'manjiera komparabbli għal koppji miżżewġa taħt il-liġi tiegħu fir-rigward ċittadini ta' pajjiżi terzi;

— it-tfal minorenni ta' koppji li jirreferi għalihom l-ewwel inċiż jew tal-applikant, fuq kondizzjoni li mhumiex miżżewġa u indipendentament minn jekk twildux ġewwa jew barra ż-żwieġ jew humiex adottati kif iddefinit fil-liġi nazzjonali;

— il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant kemm jekk bil-liġi jew bi prattika tal-Istat Membru kkonċernat, meta dak l-applikant ikun minorenni jew mhux miżżewweġ;

(d) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna bla Stat taħt l-età ta' 18-il sena;

(e) "minorenni mhux akkompanjati" tfisser minorenni li jasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkompanjat minn adult responsabbli għalih/għaliha kemm jekk bil-liġi jew bi prattika tal-Istat Membru kkonċernat u għaż-żmien sakemm ma jittieħdux effettivament fir-responsabbiltà ta' persuna tali; din tinkludi persuna minorenni li titħalla mhux akkompanjata wara li tkun daħlet fit-territorju tal-Istati Membri;

(f) "kondizzjonijiet ta' akkoljenza" tfisser is-sett shiħ ta' miżuri li Stati Membri jagħtu lill-tal-applikanti skont din id-Direttiva;

(g) "kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali" tfisser kondizzjonijiet ta' akkoljenza li jinkludu akkomodazzjoni, ikel u ħwejjeġ, ipprovduti in natura, jew bħala konċessjonijiet finanzjarji jew f'vawċers, jew kombinazzjoni tat-tlieta, u konċessjoni għal spejjeż ta' kuljum;

(h) "detenzjoni" tfisser restrizzjoni ta' applikant minn Stat Membru f'post partikulari, fejn l-applikant ikun imċaħħad mil-libertà ta' moviment tiegħu jew tagħha;

(i) "ċentru ta' akkomodazzjoni" tfisser kull post użat għall-akkomodazzjoni kollettiva tal-applikanti;

(j) "rappreżentant" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta persuna minorenni mhux akkumpanjata fi proċeduri stipulati f'din id-Direttiva bil-għan li tiżgura l-aħjar interessi tat-tfal u teżerċita kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ. Fejn organizzazzjoni tintgħażel bħala rappreżentant, hija għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-doveri ta' rappreżentant fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjat, skont din id-Direttiva;

(k) "applikant bi ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali" tfisser persuna vulnerabbli, skont l-Artikolu 21, li jeħtieġ garanziji speċjali sabiex jibbenefika mid-drittijiet u biex josserva l-obbligi stipulati f'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Ambitu**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għaċ-ċittadini kollha minn pajjiżi terzi u dawk apolidi li jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fit-territorju, inkluż fil-fruntiera fl-ibħra territorjali jew fiż-żoni ta' transitu, ta' Stat Membru, sakemm jitħallew joqogħdu fit-territorju bħala applikanti, kif ukoll għal membri tal-familja, jekk huma koperti minn applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali skont il-liġi nazzjonali.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika f'każijiet ta' rikjesti għall-asil diplomatiku jew territorjali ppreżentati quddiem ir-rappreżentanti ta' Stati Membri.

3. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika meta jkunu applikati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn ([1]).

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva f'konnessjoni ma' proċeduri biex ikunu deċiżi applikazzjonijiet għal għamliet ta' protezzjoni barra dawk li jemanu mid-Direttiva 2011/95/UE.

*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet aktar favorevoli**

L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli fil-qasam ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti u qraba stretti oħra tal-applikant li huma preżenti fl-istess Stat Membru meta huma dipendenti fuqu jew fuqha, jew għal raġunijiet umanitarji sakemm dawn id-dispożizzjonijiet huma kompatibbli ma' din id-Direttiva.

KAPITOLU II

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR KONDIZZJONIJIET TA' AKKOLJENZA**

*Artikolu 5*

**Informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-applikanti, fi żmien raġonevoli li ma jeċċedix ħmistax-il jum wara li jkunu ddepożitaw l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, għall-inqas b'xi benefiċċji stabbiliti u bl-obbligi li magħhom għandhom jikkonformaw ruħhom konnessi mal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti tingħatalhom informazzjoni dwar organizzazzjonijiet jew gruppi ta' persuni li jipprovdu assistenza legali speċifika u organizzazzjonijiet li jistgħu jgħinuhom jew jinformawhom dwar il-kondizzjonijiet ta' lqigħ disponibbli, inkluża l-kura tas-saħħa.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1 tkun bil-miktub u, f'lingwa li l-applikant jifhem jew huwa raġonevolment maħsub li jifhem. Fejn xieraq, din l-informazzjoni tista' wkoll tkun mogħtija bil-fomm.

*Artikolu 6*

**Id-dokumentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi żmien tlett ijiem minn meta l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun iddepożitata, l-applikant jingħata dokument maħruġ f'ismu jew isimha stess li jiċċertifika l-istatus tiegħu jew tagħha bħala applikant jew li jiddikjara li huwa jew hiia jista'/tista' toqgħod fit-territorju tal-Istat Membru waqt li l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha tkun pendenti jew tkun qiegħda tiġi eżaminata.

Jekk id-detentur mhux liberu li jiċċaqlaq ġewwa t-territorju kollu tal-Istat Membru jew parti minnu, id-dokument għandu wkoll jiċċertifika dak il-fatt.

2. L-Istati Membri jistgħu jeskludu l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu meta l-applikant ikun f'detenzjoni u matul l-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali magħmula fil-konfini jew fil-kuntest ta' proċedura biex ikun deċiż id-dritt tal-applikant biex jidħol fit-territorju ta' Stat Membru. F'każijiet speċifiċi, matul l-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali l-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-applikanti evidenza oħra ekwivalenti għad-dokument li jirreferi għalih il-paragrafu 1.

3. Id-dokument li jirreferi għalih il-paragrafu 1 mhux meħtieġ li jiċċertifika l-identità tal-applikant.

4. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jipprovdu lill-applikanti d-dokument li jirreferi għalih il-paragrafu 1, li għandu jkun validu sakemm ikunu awtorizzati jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat

5. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-applikanti dokument tal-ivvjaġġar meta raġunijiet umanitarji serji jirrekjedu l-preżenza tagħhom fi Stat ieħor.

([1]) ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12.

6. L-Istati Membri m'għandhomx jimponu dokumentazzjoni mhux meħtieġa jew sproporzjonata jew obbligi amministrattivi oħra fuq l-applikantiqabel ma jikkonċedulhom id-drittijiet li dawn huma intitolati għalihom skont din id-Direttiva għar-raġuni unika li huma applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

*Artikolu 7*

**Residenza u libertà ta' moviment**

1. L-applikanti jistgħu jiċċaqilqu b'mod liberu fit-territorju tal-Istat Membru li jilqagħhom jew f'żona assenjata lilhom minn dak l-Istat Membru. Iż-żona assenjata m'għandhiex taffettwa l-isfera inaljenabbli tal-ħajja privata u għandha tippermetti ambitu suffiċjenti biex tiggarantixxi aċċess għall-benefiċċji kollha skont din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar ir-residenza lill-applikantminħabba raġunijiet ta' interess pubbliku, l-ordni pubblika jew, meta meħtieġ, għall-ipproċessar rapidu u l-monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għall-protezzjoni internazzjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza suġġetti għal residenza reali mill-applikanti f'post speċifiku, li għandu jkun determinat mill-Istati Membri. Tali deċiżjoni, li tista' tkun ta' natura ġenerali, għandha tittieħed fuq livell individwali u stabbilita mil-liġi nazzjonali.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-possibbiltà li jagħtu lill-applikanti permess temporanju li jħallu l-post ta' residenza msemmi fil-paragrafi 2 u 3 u/jew iż-żona assenjata msemmija fil-paragrafu 1. Deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fuq livell individwali, oġġettivament u imparzjalment u jingħataw raġunijiet jekk dawn ikunu negattivi.

L-applikant m'għandux ikun jeħtieġ permess biex iżomm appuntamenti ma' awtoritajiet u qrati jekk il-preżenza tiegħu jew tagħha tkun meħtieġa.

5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li applikanti jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-indirizz attwali tagħhom u jinnotifikaw kull tibdil fl-indirizz lil tali awtoritajiet mill-aktar fis possibbli.

*Artikolu 8*

**Detenzjoni**

1. L-Istati Membri m'għandhomx iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li huwa jew hija applikant(a) skont id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' protezzjoni internazzjonali ([1]).

2. Meta jkun meħtieġ u fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ, l-Istati Membri jistgħu jżommu applikant f'detenzjoni, sakemm miżuri inqas dixxiplinari oħra ma jistgħux ikunu applikati b'mod effettiv.

3. Applikant jista' jinżamm f'detenzjoni biss:

(a) sabiex tiġi determinata, aċċertata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu jew tagħha;

(b) sabiex jiġu determinati dawk l-elementi li fuqhom hija bbażata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u li ma jkunux ottenibbli fin-nuqqas ta' detenzjoni b'mod partikolari fejn ikun hemm riskju li l-applikant jaħrab;

(c) sabiex tittieħed deċiżjoni, fil-kuntest ta' proċedura, fuq id-dritt tal-applikant sabiex jidħol fit-territorju;

(d) meta huwa jew hija jinżammu f'detenzjoni soġġetti għal proċedura ta' ritorn skont id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ([2]) sabiex iħejju r-ritorn u/jew iwettqu l-proċess ta' tneħħija, u l-Istat Membru konċernat jkun jista' jiddeċiedi abbażi ta' kriterji oġġettivi, inkluż li huwa jew hija diġà kellhom l-opportunità li jaċċessaw il-proċedura tal-asil, li hemm raġunijiet raġonevoli biex jemmen li huwa jew hija qed japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali sempliċiment sabiex itawwlu jew jipprevjenu l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn;

(e) meta l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubblika jeħtieġu hekk;

(f) skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ([3]).

Ir-raġunijiet għad-detenzjoni għandhom jiġu stipulati fil-liġi nazzjonali.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli rigward l-alternattivi għad-detenzjoni, bħal rappurtaġġ regolari lill-awtoritajiet, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja, jew l-obbligu li joqgħod f'żona ġeografika indikata, huma stipulati fil-liġi nazzjonali.

([1]) Ara paġna 60 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([2]) ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.

([3]) Ara paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 9*

**Garanziji għal applikanti detenuti**

1. Applikant għandu jiġi detenut biss għal żmien qasir kemm jista' jkun u għandu jinżamm detenut biss sakemm ikunu applikabbli r-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 8(3).

Il-proċeduri amministrattivi relevanti għar-raġunijiet għad-detenzjoni stipulati fl-Artikolu 8(3) għandhom jiġi eżegwiti bid-diliġenza dovuta. Dewmien fl-ipproċessar tal-proċeduri amministrattivi li ma jistgħux ikunu attribwiti lill-applikant m'għandux jiġġustifika l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni.

2. Id-detenzjoni tal-applikanti għandha tiġi ordnata bil-miktub minn awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata.

3. Fejn id-detenzjoni tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu rieżami ġudizzjarju minnufih tal-legalità tad-detenzjoni li jiġi mwettaq ex officio u/jew fuq talba tal-applikant. Meta jitwettaq *ex officio* tali rieżami għandu jiġi deċiż mill-aktar fis possibbli mill-bidu tad-detenzjoni. Meta jitwettaq fuq talba tal-applikant, huwa għandu jiġi deċiż mill-aktar fis possibbli wara t-tnedhija tal-proċedimenti rilevanti. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu fil-liġi nazzjonali l-perjodu li fih għandhom jitwettqu r-rieżami ex officio u/jew ir-rieżami fuq talba tal-applikant.

Meta, b'riżultat tar-rieżami ġudizzjarju, id-detenzjoni tinstab li kienet illegali, l-applikant ikkonċernat għandu jinħeles minnufih.

4. L-applikanti detenuti għandhom jiġu infurmati minnufih bil-miktub, f'lingwa li jifhmu jew li huma raġonevolment mistennija li jifhmu, dwar ir-raġunijiet għad-detenzjoni u l-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali għall-kontestazzjoni tal-ordni tad-detenzjoni, kif ukoll dwar il-possibbiltà li jitolbu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas,

5. Id-detenzjoni għandha tiġi riveduta minn awtorità ġudizzjarja f'intervalli raġonevoli ta' żmien, ex officio u/jew fuq talba tal-applikant ikkonċernat, b'mod partikolari kull meta din tkun għal perjodu estiż, iqumu ċirkostanzi relevanti jew issir disponibbli informazzjoni ġdida li jista' jkollhom effett fuq il-legalità tad-detenzjoni.

6. Fil-każijiet ta' rieżami ġudizzjarju tal-ordni tad-detenzjoni previst fil-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-applikanti għandhom aċċess għal assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas. Din għandha tinkludi, mill-inqas, it-tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa u parteċipazzjoni fis-smigħ quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji f'isem l-applikant.

L-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandha tingħata minn persuni kwalifikati kif kif ammess jew permess skont il-liġi nazzjonali li l-interessi tagħhom ma jkunux f'kunflitt jew li ma jistgħux ikunu f'kunflitt potenzjali mal-interessi ta' dawk tal-applikanti.

7. L-Istati Membri jistgħu jipprevdu wkoll li l-assistenza u r-rappreżentanza legali jingħataw biss:

(a) lil dawk li ma jkollhomx riżorsi biżżejjed; u/jew

(b) permezz tas-servizzi mogħtija mill-konsulenti legali jew counsellors speċifikament maħsuba mil-liġi nazzjonali biex jassistu u jirrappreżentaw lill-applikanti.

8. L-Istati Membri jistgħu wkoll:

(a) jimponu limiti taż-żmien u/jew monetarji fuq l-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas, sakemm limiti bħal dawn ma jillimitawx b'mod arbitrarju l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali;

(b) jipprovdu li, fir-rigward ta' tariffi u spejjeż oħra, it-trattament tal-applikanti m'għandux ikun aktar favorevoli mit-trattament ġenerali mogħti liċ-ċittadini tagħhom f'materji li jikkonċernaw l-assistenza legali.

9. L-Istati Membri jistgħu jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spiża mħallsa jekk u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant tkun tjiebet konsiderevolment jew jekk tkun ittieħdet deċiżjoni li jingħataw spejjeż bħal dawn abbażi tal-informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.

10. Il-proċeduri għal aċċess għal assistenza legali u rappreżentanza f'każijiet bħal dawn imsemija għandhom ikunu stipulati fil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 10*

**Kondizzjonijiet ta' detenzjoni**

1. Id-detenzjoni tal-applikanti għandha sseħħ, bħala regola, f'faċilitajiet ta' detenzjoni speċjalizzati. Fejn Stat Membru ma jkunx jista' jipprovdi akkomodazzjoni f'faċilità ta' detenzjoni speċjalizzata u jkun obbligat li jirrikorri għall-akkomodazzjoni f'ħabs, l-applikantgħandu jinżamm separatament mill-ħabsin ordinarji u għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni previsti f'din id-Direttiva.

Sakemm ikun possibbli, l-applikanti f'detenzjoni għandhom jinżammu separatament minn ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi li ma ddepożitawx applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

Meta l-applikantima jkunux jistgħu jinżammu separatament minn ċittadini ta' pajjiż terz, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li japplikaw il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni previsti f'din id-Direttiva.

2. Applikanti f'detenzjoni għandu jkollhom aċċess għal spazju fil-beraħ.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni li jirrappreżentaw lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) jkollhom il-possibbiltà li jikkomunikaw u jżuru applikanti f'kondizzjonijiet li jirrispettaw il-privatezza.Dik il-possibilita' għandha tapplika wkoll għal organizzazzjoni li taħdem fit-territorju tal-Istat Membru konċernat f'isem il-UNHCR skont ftehim ma' dak l-Istat Membru.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li membri tal-familja, konsulenti legali jew counsellors u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi relevanti rikonoxxuti mill-Istat Membru konċernat ikollhom il-possibbiltà li jikkomunikaw ma' u jżuru l-applikanti f'kondizzjonijiet li jirrispettaw il-privatezza. Limiti għall-aċċess għall-faċilità ta' detenzjoni jistgħu jiġu imposti biss fejn, minħabba l-liġi nazzjonali, dawn ikunu oġġettivament meħtieġa għas-sigurtà, l-ordni pubblika jew il-ġestjoni amministrattiva tal-faċilità tad-detenzjoni, bil-kundizzjoni li l-aċċess ma jkunx ristrett severament jew magħmul impossibbli.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li b'mod sistematiku jipprovdu lill-applikanti f'detenzjoni informazzjoni li tispjega r-regoli li japplikaw fil-faċilità u jistabbilixxu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom f'lingwa li jifhmu jew li b'mod raġonevoli huma mistennija li jifhmu. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn dan l-obbligu f'każijiet ġġustifikati kif xieraq u għal perjodu raġonevoli li għandu jkun qasir kemm jista' jkun, fil-każ li l-applikant jinżamm f'post tal-fruntiera jew f'żona ta' transitu. Din id-deroga m'għandhiex tapplika f'każijiet msemmija fl-Artikolu 43 tad-Direttiva 2013/32/UE.

*Artikolu 11*

**Detenzjoni ta' persuni vulnerabbli u applikanti bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali**

1. Is-saħħa, inkluża s-saħħa mentali, tal-applikanti f'detenzjoni li jkunu persuni vulnerabbli għandha tkun it-tħassib ewlieni tal-awtoritajiet nazzjonali.

Fejn persuni vulnerabbli jinżammu f'detenzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir monitoraġġ regolari u jingħata appoġġ adegwat li jikkunsidra l-qagħda partikolari tagħhom, inkluża saħħithom.

2. Il-minorenni għandhom jinżammu biss f'detenzjoni bħala miżura aħħarija u wara li jkun ġie stabbilit li ma jistgħux jiġu applikati miżuri alternattivi inqas koerżivi b'mod effettiv. Tali detenzjoni għandha tkun għall-iqsar perjodu ta' żmien u għandu jsir kull sforz biex id-detenuti minorenni jinħelsu u jitqiegħdu f'akkomodazzjoni adatta għal tali minorenni.

L-aħjar interessi tal-minorenni, kif jippreskrivi l-Artikolu 23(2), għandhom ikunu l-kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri.

Fejn il-minorenni jkunu detenuti, huma għandhom ikollhom il-possibbiltà li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' rikreazzjoni, inkluż logħob u attivitajiet ta' rikreazzjoni li huma xierqa għall-età tagħhom.

3. Il-minorenni mhux akkumpanjati għandhom jinżammu f'detenzjoni biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Ghandu jsir kull sforz biex il-minorenni mhux akkumpanjati u li jkunu detenuti jinħelsu malajr kemm jista' jkun.

Il-minorenni mhux akkumpanjati m'għandhom qatt jinżammu f'akkomodazzjoni f'ħabs.

Sakemm ikun possibbli, minuri mhux akkumpanjati għandhom jingħataw akkomodazzjoni f'istituzzjonijiet li jkollhom persunal u faċilitajiet li jieħdu kont tal-ħtiġijiet tal-persuni tal-età tagħhom.

4. Familji detenuti għandhom ikunu provduti b'akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza xierqa.

5. Fejn applikanti nisa jiġu detenuti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li huma jiġu akkomodati separatament mill-applikanti irġiel, ħlief jekk dawn tal-aħħar ikunu membri ta' familja u li l-individwi kollha kkonċernati jagħtu l-kunsens tagħhom.

Jistgħu japplikaw ukoll eċċezzjonijiet għall-ewwel subparagrafu għall-użu tal-ispazji komuni mfassla għal attivitajiet rekreattivi jew soċjali, inkluż il-forniment tal-ikliet.

6. F'każijiet ġustifikati kif xieraq u għal perjodu raġonevoli li għandu jkun qasir kemm jista' jkun l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2, paragrafu 4 u l-ewwel subparagrafu ta' paragrafu 5, meta l-applikant ikun f'detenzjoni fil-fruntiera jew fiż-żona ta' transitu, bl-eċċezzjoni tal-każijiet msemmija fl-Artikolu 43 tad-Direttiva 2013/32/UE.

*Artikolu 12*

**Familji**

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iżommu kemm jista' jkun possibbli l-unità tal-familja kif hija preżenti fit-territorju tagħhom, jekk applikanti jkunu pprovduti b'akkomodazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat. Tali miżuri għandhom ikunu implimentati bi qbil mal-applikant.

*Artikolu 13*

**Kontroll mediku**

L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu kontroll mediku għal applikanti għal raġunijiet ta' saħħa pubblika.

*Artikolu 14*

**Tagħlim u edukazzjoni tal-minorenni**

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-ulied minorenni tal-applikanti u lil applikanti minorenni aċċess għas-sistema ta' edukazzjoni taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini tiegħu sakemm ma tkunx tabilhaqq infurzata miżura ta' tkeċċija kontra tagħhom jew il-ġenituri tagħhom. Edukazzjoni bħal din tista' tkun ipprovduta f'ċentri ta' akkomodazzjoni.

L-Istati Membri kkonċernati jistgħu jistipulaw li tali aċċess għandu jkun ristrett għas-sistema edukattiva Statali.

L-Istati Membri m'għandhomx jirtiraw edukazzjoni sekondarja għall-unika raġuni li l-minorenni laħaq l-età maġġoritarja.

2. L-aċċess għas-sistema edukattiva m'għandux ikun pospost għal iktar minn tliet xhur mid-data li fiha l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata mill-minorenni jew f'ismu/isimha.

Klassijiet preparatorji, inklużi lezzjonijiet tal-lingwa, għandhom jiġu pprovduti lill-minorenni fejn dan hu meħtieġ sabiex jiġu ffaċilitati l-aċċess u l-parteċipazzjoni tagħhom għas-sistema ta' edukazzjoni kif stabbilit fil-paragrafu 1.

3. Fejn aċċess għas-sistema ta' edukazzjoni kif iddikjarat fil-paragrafu 1 mhux possibbli minħabba s-sitwazzjoni speċifika tal-minorenni, l-Istat Membru kkonfeċernat għandu joffri arranġamenti edukattivi oħra skont il-liġi u l-prattika nazzjonali tiegħu.

*Artikolu 15*

**L-impjiegi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol mhux iktar tard minn 9 xhur mid-data meta l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjoni kienet iddepożitata jekk deċiżjoni fl-ewwel istanza ma tittieħidx mill-awtorità kompetenti u d-dewmien ma jistax ikun attribwit lill-applikant.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu l-kondizzjonijiet għall-għotja ta' aċċess għas-suq tax-xogħol għall-applikant, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċes effettiv għas-suq tax-xogħol.

Għal raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità liċ-ċittadini tal-Unjoni u liċ-ċittadini tal-Istati partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti.

3. Aċċess għas-suq tax-xogħol m'għandux ikun irtirat matul proċeduri ta' appell, meta appell kontra deċiżjoni negattiva fi proċedura regolari għandu effett ta' sospensjoni, sa meta deċiżjoni negattiva wara l-appell tkun innotifikata.

*Artikolu 16*

**Taħriġ vokazzjonali**

Stati Membri jistgħu jippermettu lill-applikanti aċċess għal taħriġ vokazzjonali irrispettivament minn jekk huma jkollhomx aċċess għas-suq tax-xogħol.

Aċċess għal taħriġ vokazzjonali konness ma' kuntratt ta' xogħol għandu jiddependi minn kemm l-applikant għandu aċċess għas-suq tax-xogħol skont l-Artikolu 15.

*Artikolu 17*

**Regoli ġenerali dwar kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u kura tas-saħħa**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza jkunu disponibbli lill-applikanti meta jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għall- protezzjoni internazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali jipprovdu standard xieraq ta' ħajja għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali, li jiggarantixxi s-sussistenza tagħhom kif ukoll jipproteġilhom is-saħħa fiżika u mentali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dak l-istandard ta' ħajja jkun issodisfat fis-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli, skont l-Artikolu 21, kif ukoll fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' persuni li huma f'detenzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali kollha jew xi wħud minnhom u kura tas-saħħa suġġetti għall-kondizzjoni li l-applikanti m'għandhomx mezzi suffiċjenti biex ikollhom standard ta' ħajja adegwat għal saħħithom u biex jagħmlu possibbli s-sussistenza tagħhom.

4. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu lill-applikanti biex ikopru jew jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u għall-kura tas-saħħa li tipprovdi għalihom din id-Direttiva, skont id-dispożizzjoni tal-paragrafu 3, jekk l-applikanti għandhom riżorsi suffiċjenti, pereżempju jekk kienu qegħdin jaħdmu għal perjodu ta' żmien raġonevoli.

Jekk jinstab li applikant kellu mezzi suffiċjenti biex ikopri kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali u kura tas-saħħa fiż-żmien li dawk il-ħtiġiet bażiċi kienu qegħdin ikunu koperti, l-Istati Membri jistgħu jitolbu rimborż mingħand l-applikant.

5. Fejn l-Istati Membri jipprovdu kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza fil-forma ta' konċessjonijiet finanzjarji jew vawċers, l-ammont tagħhom għandu jkun determinat fuq il-bażi tal-livell(i) stabbilit(i) mill-Istat Membru kkonċernat sew bil-liġi jew bil-prattika sabiex ikunu żgurati standards ta' ħajja adegwati għaċ-ċittadini. L-Istati Membri jistgħu jagħtu trattament inqas favorevoli lill-applikanti meta mqabbla maċ-ċittadini f'dan ir-rigward, b'mod partikolari fejn il-materjal ta' appoġġ jingħata parzjalment f'oġġetti jew fejn il-livell(i) msemmija hawn fuq, applikati għaċ-ċittadini, ikollhom l-għan li jiżguraw standard ta' ħajja ogħla minn dak preskritt għall-applikanti skont din id-Direttiva.

*Artikolu 18*

**Modalitajiet għal kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza**

1. Fejn akkomodazzjoni tkun ipprovduta fi djar, din għandha tieħu waħda jew għaqda tal-forom li ġejjin:

(a) binjiet użati għall-għan biex tingħata dar lill-applikanti matul l-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li ssir fil-konfini jew fiż-żoni ta' transitu;

(b) ċentri ta' akkomodazzjoni li jiggarantixxu standard ta' ħajja adegwat;

(c) djar privati, appartamenti, lukandi jew binjiet oħra li jiġu addattati għall-applikanti għal akkomodazzjoni.

2. Bla ħsara għal kwlaunkwe kundizzjonijiet speċifiċi previsti fl-Artikoli 10 u 11, rigward l-akkomodazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (a), (b) u (c) ta' dan l-Artikolu, L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-applikanti jkunu ggarnatiti protezzjoni għall-ħajja familjari tagħhom;

(b) l-applikanti jkollhom il-possibbiltà li jikkomunikaw mal-qraba, konsultenti legali, jew counsellors, persuni li jirrappreżentaw lill-UNHCR u organizzazzjonijiet u korpi oħra nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi relevanti;

(c) Membri tal-familja, konsulenti legali jew counsellors, persuni li jirrappreżentaw lill-UNHCR u organizzazzjonijiet mhux governattivi relevanti rikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat jingħataw aċċess biex jgħinu lill-applikanti. Limiti dwar tali aċċess jistgħu jkunu imposti biss għal raġunijiet konnessi mas-sigurtà tal-binjiet u tal-applikanti.

3. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw interessi speċifiċi tas-sess u l-età u s-sitwazzjoni tal-persuni vulnerabbli fir-rigward ta' applikanti fil-binijiet u ċ-ċentri ta' akkomodazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (a) u (b).

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jipprevjenu attakki u vjolenza bbażata fuq is-sess inkluż l-attakk u l-fastidju sesswali, fil-binjiet u ċ-ċentri ta' akkomodazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (a) u (b).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw bħala regola ġenerali li applikanti adulti dipendenti bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza jkunu akkomodati flimkien ma' qraba stretti adulti li jkunu diġà preżenti fl-Istat Membru u li jkunu responsabbli minnhom sew jekk bil-liġi jew bi prassi tal-Istat Membru kkonċernat.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li trasferimenti ta' applikanti minn faċilità ta' akkomodazzjoni għal oħra jsiru biss meta meħtieġa. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-possibbiltà li l-applikanti biex jinformaw lilll-konsulenti legali jew counsellors tagħhom bit-trasferiment u bl-indirizz il-ġdid tagħhom.

7. Persuni li jaħdmu f'ċentri ta' akkomodazzjoni għandhom ikunu mħarrġa b'mod adegwat u għandhom ikunu marbuta bir-regoli tal-kunfidenzjalità pprovduti fil-liġi nazzjonali inkonnessjoni ma' kull informazzjoni li jiksbu matul xogħolhom.

8. L-Istati Membri jistgħu jinvolvu applikanti fl-amministrazzjoni tar-riżorsi materjali u aspetti mhux materjali tal-ħajja fiċ-ċentru permezz ta' bord konsultattiv jew kunsill li jirrappreżenta lir-residenti.

9. F'każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu b'mod eċċezzjonali jistabbilixxu modalitajiet għal kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza differenti minn dawk li jipprovdi għalihom dan l-Artikolu, għal perjodu raġonevoli li għandu jkun qasir kemm jista' jkun, meta:

(a) stima tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-applikant hija rekwiżita, skont l-Artikolu 22;

(b) kapaċitajiet ta' akkomodazzjoni normalment disponibbli huma temporanjament eżawriti.

Tali kondizzjonijiet differenti għandhom fi kwalunkwe każ ikopru il-ħtiġiet bażiċi.

*Artikolu 19*

**Il-kura tas-saħħa**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jirċievu l-kura tas-saħħa meħtieġa li għandha tinkludi, għall-inqas, kura ta' emerġenza u trattament essenzjali ta' mard u ta' disturbi mentali serji.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza medika jew assistenza oħra meħtieġa lil applikanti li għandhom bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza, inkluż kura tas-saħħa mentali xierqa fejn ikun meħtieġ.

KAPITOLU III

**TNAQQIS JEW IRTIRAR TA' KONDIZZJONIJIET MATERJALI TA' AKKOLJENZA**

*Artikolu 20*

**Tnaqqis jew irtirar ta' kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza**

1. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu jew, f'każijiet eċċezzjonali u debitament iġġustifikati, jirtiraw kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza fejn applikant:

(a) jabbanduna l-post ta' residenza ddeterminat mill-awtorità kompetenti mingħajr ma jinformaha jew, jekk dan ikun mitlub, mingħajr permess; jew

(b) ma jikkonformax ruħu ma' doveri ta' rrapportar jew ma' talbiet biex jipprovdi informazzjoni jew jidher għal intervisti personali dwar il-proċedura tal-asil matul perjodu raġonevoli stipulat fil-liġi nazzjonali, jew

(c) ikun iddepożita applikazzjoni sussegwenti kif definit fl-Artikolu 2(q) tad-Direttiva 2012/32/UE.

Rigward il-każijiet (a) u (b), meta l-applikant jinstab jew jirrapporta volontarjament lill-awtorità kompetenti, għandha tittieħed deċiżjoni mmotivata kif xieraq, ibbażata fuq ir-raġunijiet tal-għajbien, dwar installazzjoni mill-ġdid tal-għotja ta' xi wħud minn jew tal-kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza irtirati jew imnaqqsa kollha.

2. L-Istati Membri jistgħu wkoll inaqqsu l-kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza meta jkunu jistgħu jistabbilixxu li l-applikant, għall-ebda raġuni ġustifikabbli, ma jkunx iddepożita applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattiku wara l-wasla f'dak l-Istat Membru.

3. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu jew jirtiraw il-kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza fejn applikant ikun ħeba riżorsi finanzjarji u għalhekk ikun ibbenefika minn kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza indebitament.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw sanzjonijiet applikabbli għal ksur serju tar-regoli taċ-ċentri ta' akkomodazzjoni kif ukoll għal imġiba serjament vjolenti.

5. Deċiżjonijiet għal tnaqqis jew irtirar ta' kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza jew sanzjonijiet li jirreferu għalihom il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jittieħdu b'mod individwali, oġġettiv u imparzjali u għandhom jingħataw raġunijiet. Deċiżjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq is-sitwazzjoni partikolari tal-persuna kkonċernata, b'mod speċjali firrigward ta' persuni koperti bl-Artikolu 21, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' proporzjonalità. L-Istati Membri għandhom fiċ-ċirkostanzi kollha jiżguraw aċċess għal kura tas-saħħa skont l-Artikolu 19 u għandhom jiżguraw standard tal-ħajja dinjituż għall-applikanti kollha.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza ma jkunux irtirati jew imnaqqsa qabel ma tittieħed deċiżjoni skont il-paragrafu 5.

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET GĦAL PERSUNI VULNERABBLI**

*Artikolu 21*

**Il-prinċipju ġenerali**

L-Istati Membri għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli bħalma huma minorenni, minorenni mhux akkompanjati, nies b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri single bi tfal minorenni, vittmi tat-traffikar tal-bnedmien, persuni b'mard serju, persuni b'disturbi mentali u persuni li kienu ssoġġettati għal tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, bħall-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili, fil-liġi nazzjonali li timplimenta din id-Direttiva.

*Artikolu 22*

**Evalwazzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza ta' persuni vulnerabbli**

1. Sabiex jimplimentaw l-Artikolu 21 b'mod effettiv, l-Istati Membri għandhom jevalwaw jekk l-applikant hux applikant bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza. L-Istati Membri għandhom jindikaw ukoll in-natura ta' tali bżonnijiet.

Dik l-evalwazzjoni għandha tibda f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li tkun saret applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u tista' tiġi integrata fil-proċeduri nazzjonali eżistenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza jkunu wkoll indirizzati skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, jekk dawn jirriżultaw fi stadju iktar tard tal-proċedura tal-asil.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ mogħti lill-applikanti bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza skont din id-Direttiva jieħu kont tal- bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza tagħhom matul il-proċedura tal-asil u għandhom jipprovdu għall-monitoraġġ xieraq tas-sitwazzjoni tagħhom.

2. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 m'għandiex tinħtieġ tieħu l-forma ta' proċedura amministrattiva.

3. Huma biss il-persuni vulnerabbli skont l-Artikolu 21 li jistgħu jitqiesu li għandhom bżonnijiet speċjali u b'hekk jibbenefikaw mill-appoġġ speċifiku mogħti skont din id-Direttiva.

4. L-evalwazzjoni prevista fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni tal-bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali skont id-Direttiva 2011/95/UE.

*Artikolu 23*

**Minorenni**

1. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu l-konsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri meta jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jinvolvu minorenni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw standard ta' ħajja xieraq għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tat-tfal.

2. Meta jivvalutaw l-aħjar interessi tat-tfal, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod partikolari dawn il-fatturi li ġejjin:

(a) il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja;

(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni;

(c) konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza, b'mod partikolari fejn hemm riskju li t-tfal ikunu vittmi ta' traffikar tal-bnedmin;

(d) l-opinjonijiet tal-minorenni skont l-età u l-maturità tiegħu jew tagħha.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-minorenni jkollhom aċċess għal attivitajiet ta' rekreazzjoni, inkluż logħob u attivitajiet ta' rekreazzjoni li jkunu xierqa għall-età tagħhom, fil-postijiet u ċ-ċentri ta' akkomodazzjoni msemmija fl- Artikolu 18(1) (a) u (b) u għal attivitajiet fil-beraħ.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess għal servizzi ta' riabilitazzjoni għal minorenni li kienu vittmi ta' xi forma ta' abbuż, negliġenza, esplojtazzjoni, tortura jew trattament kiefer, inuman u degradanti, jew li jkunu sofrew minn taqbid armat, u jiżguraw li kura ta' saħħa mentali xierqa tkun żviluppata u konsulenza kkwalifikata tkun ipprovduta meta meħtieġa.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, li tfal minorenni ta' applikanti jew applikanti li huma minorenni jkunu joqogħdu mal-ġenituri tagħhom, mal-aħwa minorenni mhux miżżewġa tagħhom jew mal-adult responsabbli għalihom kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, bil-kundizzjoni li jkun fl-aħjar interessi tal-minorenni kkonċernati.

*Artikolu 24*

**Minorenni mhux akkompanjati**

1. L-Istati Membri għandhom mill-aktar fis possibbli jieħdu miżuri biex jiżguraw li rappreżentant jirrappreżenta u jassisti lill-minorenni mhux akkumpanjat sabiex jgħinu jew jgħinha tibbenefika mid-drittijiet u tkun konformi mal-obbligi stipulati f'din id-Direttiva. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jiġi infurmat immedjatament bil-ħatra tar-rappreżentant. Ir-rappreżentant għandu jwettaq id-doveri tiegħu jew tagħha skont il-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal, kif preskritt fl-Artikolu 23(2) u għal dan il-għan għandu jkollu l-kompetenzi meħtieġa. Sabiex ikun assigurat il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minuri msemmija flArtikolu 23(2)(b), il-persuna li taġixxi bħala rappreżentant għandha tinbidel biss meta meħtieġ. Organizzazzjonijiet jew individwi li l-interessi tagħhom joħolqu kunflitt jew jistgħu possibbilment joħolqu kunflitt ma' dawk tal-minorenni mhux akkumpanjat m'għandhomx ikunu eliġibbli biex isiru rappreżentanti.

Evalwazzjonijiet regolari għandhom isiru mill-awtoritajiet addattati, inkluż fir-rigward tad-disponibbiltà tal-mezzi meħtieġa għar-rappreżentazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjat.

2. Minorenni mhux akkumpanjati li jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom, mill-mument li jkunu ammessi fit-territorju sal-mument li huma obbligati jħallu l-Istat Membru li fih tkun saret jew fejn tkun qiegħda tiġi eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, jitqiegħdu:

(a) ma' qraba adulti;

(b) ma' famija foster;

(c) f'ċentri ta' akkomodazzjoni bi provvedimenti speċjali għall-minorenni;

(d) f'akkomodazzjoni oħra addattata għall-minorenni.

L-Istati Membri jistgħu jqiegħdu minorenni mhux akkompanjati ta' 16-il sena jew iktar f'ċentri ta' akkomodazzjoni għal applikanti adulti, jekk dan ikun fl-aħjar interess tagħhom, kif stipulat mill-Artikolu 23(2).

Sakemm hu possibbli, aħwa għandhom jinżammu flimkien, filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni kkonċernat u, b'mod partikolari, l-età tiegħu jew tagħha u l-grad ta' maturità. Bdil ta' residenza ta' minorenni mhux akkompanjati għandu jinżamm limitat għall-minimu.

3. L-Istati Membri għandhom jibdew jittraċċaw il-membri tal-familja tal-minorenni mhux akkompanjat, fejn meħtieġ bl-assistenza internazzjonali jew ta' organizzazzjonijiet relevanti oħra, mill-aktar fis wara li tkun iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali filwaqt li jipproteġu l-aħjar interessi tiegħu jew tagħha. F'każijiet fejn jista' jkun hemm theddida għall-ħajja jew l-integrità tal-minorenni jew il-qraba stretti tiegħu jew tagħha, b'mod partikolari jekk huma baqgħu fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, trid issir attenzjoni biex ikun żgurat li l-ġbir, l-ipproċessar u ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni dwar dawk il-persuni ssir fuq bażi konfidenzjali, biex ikun evitat li s-sigurta tagħhom titqiegħed fil-periklu.

4. Dawk li jaħdmu ma' minorenni mhux akkompanjati għandhom ikunu ħadu u għandhom jibqgħu jirċievu taħriġ xieraq dwar il-ħtiġiet tagħhom, u għandhom jintrabtu bir-regoli ta' konfidenzjalità pprovduti fil-liġi nazzjonali, fir-rigward ta' kull informazzjoni li jiksbu matul xogħolhom.

*Artikolu 25*

**Il-vittmi tat-tortura u l-vjolenza**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni li kienu ssuġġettati għal tortura, stupru jew atti serji oħra ta' vjolenza oħra jirċievu t-trattament meħtieġ għad-danni kkawżati b' tali atti b'mod partikolari aċċess għal servizzi ta' trattament jew kura mediċi u psikoloġiċi adatti.

2. Dawk li jaħdmu mal-vittmi ta' tortura, stupru jew atti serji oħra ta' vjolenza għandhom ikunu ħadu u jibqgħu jirċievu taħriġ xieraq dwar il-ħtiġijiet tagħhom, u għandhom jintrabtu bir-regoli ta' konfidenzjalità pprovduti fil-liġi nazzjonali, rigward kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul xogħolhom.

KAPITOLU V

**APPELLI**

*Artikolu 26*

**Appelli**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjonijiet konnessi mal-għotja, l-irtirar jew it-tnaqqis ta' benefiċċji taħt din id-Direttiva jew deċiżjonijiet meħuda taħt l-Artikolu 7 li jolqtu lill-applikanti individwalment jistgħu jkunu suġġetti għal appell fi ħdan il-proċedura stipulata fil-liġi nazzjonali. Għall-inqas fl-aħħar istanza għandha tingħata l-possibilità ta' appell jew ri-eżami, fil-fatt u bi dritt, quddiem awtorità ġudizzjarja.

2. F'każijiet ta' appell jew eżami quddiem awtorità ġudizzjarja imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas ikunu disponibbli fuq talba sa fejn tali għajnuna tkun meħtieġa biex jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja. Dan għandu jinkludi, tal-anqas, it-tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa u l-parteċipazzjoni fis-smigħ quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji f'isem l-applikant.

L-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandha tingħata minn persuni kwalifikati kif adatt, kif ammessi jew permessi skont il-liġi nazzjonali, li l-interessi tagħhom ma jkunux f'kunflitt jew li ma jistgħux ikunu f'kunflitt potenzjali mal-interessi tal-applikant.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll li l-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas jingħataw biss:

(a) lil dawk li ma jkollhomx biżżejjed riżorsi; u/jew

(b) permezz tas-servizzi mogħtija minn konsulenti legali jew counsellors oħrajn nominati speċifikament mil-liġi nazzjonali biex jassistu u jirrappreżentaw lil applikanti.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas ma jkunux disponibbli jekk l-appell jew ir-rieżami jkunu meqjusa minn awtorità kompetenti li ma jkollhom ebda prospettiva tanġibbli ta' suċċess. F'każ bħal dan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas ma jkunux limitati b'mod arbitrarju u li l-aċċess effettiv tal-applikant għall-ġustizzja ma jkunx ostakolat.

4. L-Istati Membri jistgħu wkoll:

(a) jimponu limiti taż-żmien u/jew monetarji dwar l-għoti ta' assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas, sakemm limiti bħal dawn ma jillimitawx b'mod arbitrarju l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali;

(b) jipprovdu li, fir-rigward ta' tariffi u spejjeż oħra, it-trattament tal-applikanti m'għandux ikun aktar favorevoli mit-trattament ġenerali mogħti liċ-ċittadini tagħhom f'materji li jikkonċernaw l-assistenza legali.

5. L-Istati Membri jistgħu jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spejjeż imħallsa jekk u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant tkun tjiebet konsiderevolment jew jekk id-deċiżjoni li ttieħdet biex jingħataw tali spejjeż tkun ibbażata fuq informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.

6. Il-proċeduri għal aċċess għall-assistenza legali u r-rappreżentanza għandhom ikunu stipulati fil-liġi nazzjonali.

KAPITOLU VI

## AZZJONIJIET BIEX TITJIEB L-EFFIĊJENZA TAS-SISTEMA TA' AKKOLJENZA

*Artikolu 27*

### Awtoritajiet kompetenti

Kull Stat Membru għandu javża lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw taħt din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidliet fl-identità ta' dawn l-awtoritajiet.

*Artikolu 28*

### Sistema ta' gwida, monitoraġġ u kontroll

1. L-Istati Membri għandhom, b'rispett dovut għall-istruttura kostituzzjonali tagħhom, jistabbilixxu mekkaniżmi relevanti sabiex jiżguraw l-istabbiliment ta' gwida, monitoraġġ u kontroll xierqa tal-livell ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni informazzjoni relevanti kif inhu stabbilit fil-formola stabbilita fl-Anness I sa mhux aktar tard mill-20 ta' Lulju 2016.

*Artikolu 29*

### Persunal u riżorsi

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħra li jimplimentaw din id-Direttiva jkunu rċevew it-taħriġ bażiku meħtieġ fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-applikanti kemm irġiel u kemm nisa.

2. L-Istati Membri għandhom jallokaw ir-riżorsi meħtieġa b'konnessjoni mal-liġi nazzjonali li timplimenta din id-Direttiva.

KAPITOLU VII

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 30*

### Rapporti

Sa mhux aktar tard mill-20 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tipproponi kwalunkwe emendi li jkunu meħtieġa.

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjooni l-informazzjoni kollha li hija xierqa għall-kitba tar-rapport sal-20 ta' Lulju 2016.

Wara li tippreżenta l-ewwel r-rapport, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-inqas kull ħames snin.

*Artikolu 31*

### Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikoli 1 sa 12, 14 sa 28 u 30 u l-Anness I sa mhux aktar tard mill-20 ta' Lulju 2015. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjonit-test ta' dawk il-miżuri.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma għandhom ukoll jinkludu dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva mħassra b'din id-Direttiva għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza u kif għandha tiġi formulata dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 32*

### Tħassir

Id-Direttiva 2003/9/KE hi mħassra għall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva bis-seħħ mill-21 ta' Lulju 2015, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 33*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 13 u 29 għandhom japplikaw mill-21 ta' Lulju 2015.

*Artikolu 34*

**L-indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. SHATTER

*ANNESS I*

**Formola ta' rapportaġġ dwar l-informazzjoni li trid tiġi ppreżentata mill-Istati Membri fuq bażi annwali, kif inhu meħtieġ taħt l-Artikolu 28(2)**

Wara d-data msemmija fl-Artikolu 28(2) l-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mill-Istati Membri għandha tiġi ppreżentata mill-ġdid lill-Kummissjoni meta jkun hemm tibdil sostanzjali fil-liġi jew fil-prattika nazzjonali li tieħu post l-informazzjoni pprovduta.

1. Fid-dawl tal-Artikoli 2(k) u 22, jekk jogħġbok spjega l-passi differenti għall-identifikazzjoni ta' pesuni bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali, inkluż il-mument meta dan jibda u l-konsegwenzi tiegħu biex jiġu indirizzati tali bżonnijiet, b'mod partikolari għal minorenni mhux akkumpanjati, vittmi ta' tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza fiżika, psikoloġika jew sesswali u vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

2. Agħti l-informazzjoni kollha dwar it-tip, l-isem u l-format tad-dokumenti previsti fl-Artikolu 6.

3. B'referenza għall-Artikolu 15, jekk jogħġbok indika sa liema punt kwalunkwe kondizzjonijiet partikolari huma marbuta mal-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-applikanti, u ddeskrivi fid-dettall tali restrizzjonijiet.

4. B'refenza għall-Artikolu 2(g), jekk jogħġbok iddeskrivi kif il-kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza huma pprovduti (jiġifieri liema kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza huma pprovduti in natura, fi flus jew f'kumbinazzjoni ta' dawk l-elementi) u indika l-livell tal-konċessjoni tal-ispejjeż ta' kuljum ipprovduta lill-applikanti.

5. Fejn applikabbli, b'referenza għall-Artikolu 17(5), jekk jogħġbok spjega l-punt(i) ta' referenza applikati mil-liġi jew prattika nazzjonali bil-għan li tiġi determinata l-assistenza finanzjarja pprovduta lill-applikanti. Sal-punt li hemm trattament inqas favorevoli tal-applikanti meta mqabbla maċ-ċittadini, spjega r-raġunijiet għal dan.

*ANNESS II*

PARTI A

**Direttiva Mħassra**

(imsemmija fl-Artikolu 32)

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE (ĠU L 31, 6.2.2003, p. 18)

PARTI B

**Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali**

(imsemmija fl-Artikolu 32)

| Id-Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 2003/9/KE | fis-6 ta' Frar2005. |

*ANNESS III*

**Tabella ta' Korrelazzjoni**

| Id-Direttiva 2003/9/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2, kliem tal-bidu | Artikolu 2, kliem tal-bidu |
| Artikolu 2(a) | — |
| Artikolu 2 (b) | — |
| — | Artikolu 2(a) |
| Artikolu 2 (c) | Artikolu 2 (b) |
| Artikolu 2(d), kliem tal-bidu | Artikolu 2(c), kliem tal-bidu |
| Artikolu 2(d)(i) | Artikolu 2(c), l-ewwel inċiż |
| Artikolu 2(d), punt (ii) | Artikolu 2(c), it-tieni inċiż |
| — | Artikolu 2(c), it-tielet inċiż |
| Artikolu 2(e), (f) u (g) | — |
| — | Artikolu 2(d) |
| Artikolu 2(h) | Artikolu 2(e) |
| Artikolu 2(i) | Artikolu 2(f) |
| Artikolu 2(j) | Artikolu 2(g) |
| Artikolu 2 (k) | Artikolu 2(h) |
| Artikolu 2(l) | Artikolu 2(i) |
| — | Artikolu 2 (j) |
| — | Artikolu 2(k) |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6(1) sa (5) | Artikolu 6(1) sa (5) |
| — | Artikolu 6(6) |
| Artikolu 7(1) u (2) | Artikolu 7(1) u (2) |
| Artikolu 7(3) | — |
| Artikolu 7(4) sa (6) | Artikolu 7(3) sa (5) |

| Id-Direttiva 2003/9/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| — | Artikolu 8 |
| — | Artikolu 9 |
| — | Artikolu 10 |
| — | Artikolu 11 |
| Artikolu 8 | Artikolu 12 |
| Artikolu 9 | Artikolu 13 |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 14(1) |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 14(2), l-ewwel subparagrafu |
| — | Artikolu 14(2), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 10 (3) | Artikolu 14 (3) |
| Artikolu 11(1) | — |
| — | Artikolu 15(1) |
| Artikolu 11(2) | Artikolu 15(2) |
| Artikolu 11(3) | Artikolu 15(3) |
| Artikolu 11(4) | — |
| Artikolu 12 | Artikolu 16 |
| Artikolu 13(1) sa (4) | Artikolu 17(1) sa (4) |
| Artikolu 13(5) | — |
| — | Artikolu 17(5) |
| Artikolu 14(1) | Artikolu 18(1) |
| Artikolu 14(2), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu, il-punti (a) u (b) | Artikolu 18(2), kliem tal-bidu, il-punti (a) u (b) |
| Artikolu 14(7) | Artikolu 18(2) (c) |
| — | Artikolu 18(3) |
| Artikolu 14(2), it-tieni subparagrafu | Artikolu 18(4) |
| Artikolu 14(3) | — |
| — | Artikolu 18(5) |

| Id-Direttiva 2003/9/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 14(4) | Artikolu 18(6) |
| Artikolu 14(5) | Artikolu 18(7) |
| Artikolu 14(6) | Artikolu 18(8) |
| Artikolu 14 (8), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu, l-ewwel inċiż | Artikolu 18(9), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu, il-punt (a) |
| Artikolu 14(8), l-ewwel subparagrafu,it-tieni inċiż | — |
| Artikolu 14(8), l-ewwel subparagrafu,it-tielet inċiż | Artikolu 18(9)(b) |
| Artikolu 14(8), l-ewwel subparagrafu, ir-raba' inċiż | — |
| Artikolu 14(8), it-tieni subparagrafu | Artikolu 18 (9), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 15 | Artikolu 19 |
| Artikolu 16(1), kliem tal-bidu | Artikolu 20(1), kliem tal-bidu |
| Artikolu 16 (1) (a), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiżi | Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c) |
| Artikolu 16(1) (a), it-tieni subparagrafu | Artikolu 20(1), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 16(1)(b) | — |
| Artikolu 16(2) | — |
| — | Artikolu 20(2) u (3) |
| Artikolu 16(3) sa (5) | Artikolu 20(4) sa (6) |
| Artikolu 17(1) | Artikolu 21 |
| Artikolu 17(2) | — |
| — | Artikolu 22 |
| Artikolu 18(1) | Artikolu 23(1) |
| — | Artikolu 23(2) u (3) |
| Artikolu 18(2) | Artikolu 23(4) |
| — | Artikolu 23(5) |
| Artikolu 19 | Artikolu 24 |
| Artikolu 20 | Artikolu 25(1) |
| — | Artikolu 25(2) |
| Artikolu 21(1) | Artikolu 26(1) |

| Id-Direttiva 2003/9/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| — | Artikolu 26(2) sa (5) |
| Artikolu 21(2) | Artikolu 26(6) |
| Artikolu 22 | — |
| — | Artikolu 27 |
| Artikolu 23 | Artikolu 28(1) |
| — | Artikolu 28(2) |
| Artikolu 24 | Artikolu 29 |
| Artikolu 25 | Artikolu 30 |
| Artikolu 26 | Artikolu 31 |
| — | Artikolu 32 |
| Artikolu 27 | Artikolu 33, l-ewwel subparagrafu |
| — | Artikolu 33, it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 28 | Artikolu 34 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |
| — | Anness III |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT